# ŻWIEĠ
# DIVORZJU,
# ANNULLAMENT,
# U
# ŻWIEĠ MILL-ĠDID
# U
# L-BIBBJA MQADDSA




minn
**George Ebejer**

# DIVORZJU U ŻWIEĠ MILL-ĠDID

**Mistoqsija: "X'tgħid il-Bibbja dwar divorzju u żwieġ mill-ġdid?"**

**Tweġiba:**

1. L-ewwel fost kollox, tkun xi tkun il-veduta li wieħed jaċċetta fuq dan is-suġġett, huwa importanti li niftakru:

   a. **Malakija 2:16** – "[16]*Għax* ***jien nobgħod id-divorzju, igħid Jaħweh****, Alla ta' Iżrael, u lil min bil-ħażen jiksi lbiesu, igħid Jaħweh ta' l-eżerċti. Għalhekk ħudu ħsieb l-ispirtu tagħkom, u la timxux bil-qerq.*"

2. Skond il-Bibbja, iż-żwieġ huwa impenn (rabta) għal dejjem bejn tnejn miżżewwġin.

   a. **Mattew 19:5-6** – "[5]*U qalilhom: Minħabba f'hekk raġel iħalli lil missieru u lil ommu, u jingħaqad ma' martu: u t-tnejn isiru ġisem wieħed.* [6]*Għalhekk mhumiex iżjed tnejn, iżda ġisem wieħed. Dak mela li Alla għaqqad flimkien, ħa ma jifridx il-bniedem.*"

3. Fit-Testment il-Qadim Alla poġġa xi liġijiet sabiex jiddefendi d-drittijiet, speċjalment tal-mara ddivorzjata.

   a. **Dewteronomju 24:1-2** – "[1]*Meta raġel jieħu mara, u jiżżewwiġha, u jiġri, wara li jkun ħadha, li ma togħġbux, għax isib xi ħaġa kerha fiha,* ***ħa jiktbilha l-karta tad-divozju, u jagħtihiela f'idha****, u jibgħatha 'l barra minn daru.* [2]*U wara li tkun telqet mid-dar,* ***tista' tmur u tkun il-mara ta' raġel ieħor****.*"

   b. Li kien qiegħed jiġri hawn, raġel kien ikeċċi lil martu mingħajr l-ebda interess x'kien se jiġrilha fil-futur.

   c. Hija ma kinetx tkun ħielsa biex terġa' tiżżewweġ raġel ieħor u madankollu ma kinetx tista' tgħix ma żewġha.

Ħalli issa nidħlu aktar fid-dettall dwar dan is-suġġett.

## "MILL-BIDU"
## ID-DIVORZJU
### (Mattew 19:1-12)

## "Mill-Bidu" – Id-Divorzju (Mattew 19:1-12)

**Introduzzjoni**

Is-suġġett tad-divorzju ilu jiġi mqajjem għal ħafna snin kemm fil-knisja kif ukoll barra mill-knisja. F'dawn l-istudji li sejrin naraw jiena sejjer nippreżenta diversi interpretazzjonijiet dwar dan is-suġġett, speċjalment dwar dak li jintqal minn Ġesù Kristu f'**Mattew 19:1-12**. Hemm min isostni li taħt l-ebda ċirkustanza ma persuna miżżewwġa tista' terġa' tiżżewweġ. Min-naħa l-oħra, hemm min isostni, li skond Ġesù (**Mattew 19:9**), il-persuna innoċenti tista' terġa' tiżżewweġ jekk hija tkun trid. Wieħed għandu jistudja dan is-suġġett bil-kalma u mingħajr ebda preġudizzju. Dan huwa punt delikat ħafna, u aħna, bħala Kristjani, għandna nistudjaw bir-reqqa dak lil tassew irid il-Mulej tagħna, Sidna Ġesù Kristu.

**"Mill-Bidu" – Id-Divorzju (Mattew 19:1-12)**

Waqt li l-Evanġelju ta' Ġwanni juri li jidher li Ġesù għamel bosta vjaġġi għal Ġerusalemm matul il-ħajja Tiegħu, Mattew iniżżel wieħed biss, l-aħħar wieħed. Mattew 19:1-2 isemmi pass espressiv fl-aħħar vjaġġ ta' Ġesù, hekk kif hu ħalla l-Galilija għall-aħħar darba u qasam ix-Xmara Ġordan għal Perea, jew "Lhudija 'l fuq mill-Ġordan." Il-wasla Tiegħu f'Perea kienet sinjal għall-għedewwa Tiegħu biex ikabbru l-pjanijiet tagħhom ħalli jġibu l-mewt ta' Ġesù, għaliex issa, Ġesù kien qiegħed fil-ġurisdizzjoni (fid-distrett li jiġi taħt) ta' Erodi Antipas, li ftit taż-żmien qabel kien ordna biex Ġwanni l-Battista jiġi maqtul.

L-istrateġija kienet biex "jippruvaw" b'mistoqsija taħraq ħafna:

> "*Sewwa li raġel ikeċċi lil martu għal kull kawża?*" (**Mattew 19:3**).

Din il-mistoqsija li tnigges kienet xabla taqta' minn żewġ naħat. Kieku Ġesù wieġeb, "Iva," kien jista' jagħti lil wieħed x'jifhem li qiegħed inaqqas l-importanza tar-regolament dwar id-divorzju mogħti f'**Dewteronomju 24**, li kien jillimita l-prattika. Kieku Hu wieġeb, "Le," Ġesù kien ipoġġi l-ħajja Tiegħu fil-periklu minn Erodi, li kien arresta lil Ġwanni għall-kundanna iebsa tiegħu għaż-żwieġ mhux skond il-liġi lil mara ta' ħuh (**Mark 6:14-18**).

Imma Ġesù qata' fil-laħam il-ħaj u fakkarhom illi d-divorzju qatt ma kien il-pjan ta' Alla "mill-bidu." Iżda, l-Missier dejjem ried lin-nies jiżżewwġu u jibqgħu miżżewġin. Huma kienu qegħdin jagħmluha bi kbira f'ħaġa minura billi jenfasizzaw ħafna attenzjoni fuq it-tifsira ta' "*għal kull raġuni*" (jiġifieri, fuq liema "bażi" huwa "legali"?). Għalhekk, Ġesù, semma mill-ġdid l-ideali: "*…Dak mela li Alla għaqqad flimkien, ħa ma jifridx il-bniedem.*" Il-Fariżej imbagħad staqsew għaliex Mosè "*ta' dan il-kmand*" li wieħed jagħti ċertifikat tad-divorzju u jkeċċi lil martu. Ġesù wieġeb illi Mosè ma "*kkmandax*" id-divorzju, huwa biss ħallieh "*minħabba l-ebusija ta' qalbkom*" (jiġifieri, għaliex huma tant kienu bierda u ma weġbux għar-rieda ta' Alla). Il-punt tal-leġislazzjoni f'Dewteronomju ma kienx li l-irġiel *għandhom* ikeċċu lin-nisa tagħhom, imma, illi jekk huma jagħmlu dan, għandhom jagħtu ċertifikat tad-divorzju u mhux jerġgħu jiżżewwġu lill-mara li huma jkunu keċċew. Ukoll Ġesù jfakkarhom lid-divorzju ma kienx il-pjan ta' Alla "*mill-bidu*" (**Mattew 19:8**). Imbagħad Ġesù żied tagħlim li għalihom sata' deher iebes ħafna, meta wieħed iħares lejn l-attitudni legalista tagħhom dwar is-suġġett kollu:

> "[9]*U jien ngħidilkom: Kull min ikeċċi lil martu, **ħlief minħabba l-fornikazzjoni**, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u dak li jiżżewweġ lil dik li tkeċċiet jikkommetti adulterju*" (**Mattew 19:9**).

## IL-QIRDA TAD-DIVORZJU

Ngħiduha kif inhi, din mhix parti popolari tat-tagħlim ta' Ġesù. Aħna nippreferu li naqraw il-Beatitudni, l-Ikla tal-Mulej, jew dak li Ġesù qal dwar li Hu r-Ragħaj it-Tajjeb. Iżda meta t-tagħlim Tiegħu jkun injorat, kif ġeneralment huwa, dan iwassal għall-*qirda:*

### Tan-Nies

Id-divorzju, mingħajr dubju jeqred lin-nies emozzjonalment. F'**Malakija 2:16** Alla ppronunzja l-mibgħeda Tiegħu dwar id-divorzju u "l-vjolenza" li tmur miegħu:

"[16]*Għax* ***jien nobgħod id-divorzju****, igħid Jaħweh, Alla ta' Iżrael, u lil min bil-ħażen jiksi lbiesu, igħid Jaħweh ta' l-eżerċti. Għalhekk ħudu ħsieb l-ispirtu tagħkom, u la timxux bil-qerq.*"

Dan mhux neċessarjament jirreferi biss għall-vjolenza fiżika, imma wkoll għall-vjolenza nvoluta emozzjonali. In-nies m'għandhomx ikunu ttrattati bħala fliexken mormija. Huwa impossibbli li "*tissepara*" l-għaqda ta' tnejn min-nies li kienu ġew magħmula "*ġisem wieħed*" fiż-żwieġ mingħajr ma tferi liż-żewġ naħat. It-tabib David Reuben xebbbaħ id-divorzju mas-separazzjoni tat-tewmin Siamiżi: "Ma hemmx rebbieħ, ferimenti biss."

Id-divorzju jeqred ukoll lin-nies spiritwalment. Skond **vers 9**, li tiddivorzja u terġa' tiżżewweġ iwassal għal dak li xi drabi huwa msejjaħ *poligamija f'serje* u l-kummissjoni ta' l-adulterju. Ħafna li qatt ma ħasbu li jittradixxu lis-sieħeb/sieħba tagħhom bil-ħsieb ikkommettew adulterju bl-iskuża tad-divorzju u żwieġ mill-ġdid.

**Ta' Familji**

Id-divorzju huwa mfisser bħala xejn inqas minn "*il-mewt ta' familja.*" Ġesù wera illi dar (familja) hija l-ħolqien ta' Alla Nnifsu u mhuwiex tal-bniedem biex jeqred bil-ħsieb (**19:6**). Huwa ta' ġid li wieħed jinnota illi tlieta mill-Għaxar Kmandamenti fihom ħjiel bħala gwida biex *jippriservaw* il-familja.

"*Onora lill-ommok u 'l missierek…int m'għandekx tikkommetti adulterju…int m'għandekx tixtieq il-mara tal-ġarr tiegħek*" (**Eżodu 20:12, 14, 17**).

Il-periklu mhuwiex biss għad-djar individwali, imma għall-idea tal-familja inġenerali. Hekk kif id-divorzju jiżdied u jsir aktar aċċettat, ikun hemm aktar u aktar nuqqas ta' rispett għar-rwol tal-familja. Aħna naġixxu bħallikieku aħna nistgħu nieħduh jew inħalluh.

**Taż-Żwieġ Innifsu**

"Divorzju Każwali" (ta' bla ħsieb) iwassal biex jagħmel iż-żwieġ mingħajr skop. Wara kollox, iż-żwieġ huwa fil-qalba tiegħu istituzzjoni sagra. **Lhud 13:4** jwissina u jammonina:

"[4]*Ħa jkun imweġġaħ iż-żwieġ f'kollox, u s-sodda taż-żwieġ ħa tkun bla tebgħa; iżda Alla jagħmel ħaqq miż-żienja u mill-adulteri.*"

Meta bniedem jissepara "żwieġ, huwa jkun qiegħed jabbuża u jilgħab ma' ħaġa qaddisa f'għajnejn Alla. Id-divorzju huwa t-tkissir ta' siġill li kien skolpit minn id Alla." L-attitudni kurrenti hija differenti ħafna. Attriċi tat-televiżjoni, xi żmien ilu, waqt li ħabbret it-tmiem taż-żwieġ tagħha li kien ilu ħmistax-il sena, qalet, "*Aħna konna għaddejjin minn jiem iebsa wisq.*" Jista' żwieġ ma jispiċċax permezz ta' "*jiem iebsa wisq*"? Taħsbu intom li l-ġenituri u n-nanniet tagħna m'għaddewx minn "*jiem iebsa wisq*" u dan hu għaliex huma kienu kapaċi jibqgħu miżżewwġin għal għerbin, ħamsin u sittin sena? Divorzju faċli ħa l-idea ta' reżistenza paċenzjuża mill-ħsieb popolari dwar iż-żwieġ. Mara żagħżugħa gergret b'dan il-mod, "*Jiena ili nissapporti b'dan għal disa' xhur sħaħ!*"

Il-kliem ta' Michael Murphy "*What's Forever For?*" jidher floku bħala protesta kontra l-passjonijiet moderni tagħna għad-divorzju:

Kont qiegħed inħares lejn in-nies
U kif huma jinbidlu maż-żminijiet.

U dan l-aħħar, kull ma kont qiegħed nara humanies
Jarmu l-imħabba 'l hemm u jitilfu moħħhom

Forsi huwa jien li qiegħed niġġennen,
Imma ma nistax nifhem għaliex
Dawn il-maħbubin kollha jibqgħu jweġġħu lil xulxin,
Meta mħabba tajba hija tant iebsa biex tiġi.

U jiena nara nies bil-ġuħ għall-imħabba
Jippruvaw l-aħjar tagħhom biex iżommu,
Meta sewwasew f'idejhom hemm rumanz li qiegħed imut,
U huma lanqas biss qegħdin jippruvaw biex iżommuh ħaj.
Allura x'inhi l-glorja li tgħix?
Ħadd qatt aktar ma jibqa' flimkien?
U jekk l-imħabba qatt ma tibqa' għal dejjem, għidli,
Għal xhiex għal dejjem qiegħed?

## IL-PUNT PRINĊIPALI TA' ĠESÙ

Sfortunatament, il-knejjes ma tanx qegħdin igħidu s-sitwazzjoni bl-aħjar mod li huma jistgħu. Isiru ħafna diskussjonijiet dwar id-divorzju u ż-żwieġ mill-ġdid, iżda dawn ġeneralment jikkonċentraw fuq *il-punt il-ħażin*. Bħall-iskribi u l-Fariżej, aħna mħajrin l-aktar għall-mistoqsija ta', "*Huwa skond il-liġi?*" Ħafna mill-attenzjoni tagħna hija lejn "*il-klawsola ta' eċċezzjoni*" ta' **vers 9** ("*ħlief minħabba ż-żina*"). Dak li aħna normalment irridu biex inkunu nafu, huwa, minkejja l-kliem ta' Ġesù kontra d-divorzju, "*meta huwa sewwa? Hemm eċċezzjonijiet? Hemm minn fejn wieħed jista' joħroġ?*"

Il-punt ta' Ġesù f'**Mattew 19:4-6** huwa żommu ż-żwiġijiet flimkien. Qatt ma huwa "sewwa" li tħarbat żwieġ. Jista' jkun li wieħed ma jkunx jista' jevita, bħal fil-każ ta' mara li tirrifjuta biex tkun fidila sesswalment, imma qatt ma huwa "sewwa." Minkejja l-motiv, dan dejjem huwa distruttiv, kif saħansitra l-vittma innoċenti tad-divorzju malajr tgħidlek. Il-mistoqsija reali mhix, "Huwa skond il-liġi?" imma, "Huwa tajjeb? Huwa ta' għajnuna?" It-tweġiba hija deċissivament, "Le!" Il-knisja taħtieġ li titfa' l-attenzjoni tagħha fuq ir-regola mpoġġija minn Ġesù, fuq l-intenzjoni oriġinali għaż-żwieġ, u mhux fuq l-eċċezzjonijiet u kif wieħed jista' jiżgiċċa. Aħna għandna ngħallmu illi dawk li huma serji dwar li jkunu dixxipli ta' Ġesù Kristu ma jistgħux joqgħodu għal anqas mir-regola li kienet fl-effett "mill-bidu."

Mistoqsija teknika/legali tinsab hawn: Din hjija kwistjoni *dwar it-tjubija* tagħna. Taħt il-kliem ta' Ġesù hemm il-kunċett ta' *patt*, ta' li żżomm il-wegħda tiegħek. Nies illum jevitaw milli jagħmlu patti jew inkella huma jiksruhom malajr. Aħna nisimgħu dwar atleti li jiffirmaw kuntratti ta' miljuni ta' Ewro biex ftit wara jiksruhom hekk kif huma jsibu offerta aħjar. Ħadd mhu aktar mistenni biex "*jissapporti*" f'sitwazzjoni ħażina, lanqas jekk huwa jkun għamel wegħda. Inti tagħmel dak li jidher li hu l-aħjar għalik!

Iżda l-Alla tal-Bibbja huwa wieħed li jagħmel patt u li jżommu. Jagħmel u jżomm il-wegħdiet huwa l-mod Tiegħu ta' kif jistabbilixxi u jżomm relazzjoni mal-bniedem. Meta Alla ried biex joħloq poplu Għalih Hu għamel wegħdiet lil Abraham li Hu żamm ukoll meta d-dixxendenti ta' Abraham ma kinux fidli u ma kienx jistħoqqilhom. Il-liġi ta' Mosè hija essenzjalment patt, tagħmira ta' wegħdiet li

permezz tagħhom Iżrael kien marbut ma' Alla tiegħu. Aħna li nimxu wara Ġesù Kristu llum marbutin ma' Alla permezz "*tal-patt il-ġdid*" li Hu kien għamel permezz ta' Ibnu, li xerred demmu biex jissiġilla l-wegħda (**Lhud 9**). *Aħna nkunu l-aktar bħal Alla meta nitgħallmu li nagħmlu u żommu l-wegħdiet*, speċjalment fir-relazzjoni taż-żwieġ. Meta aħna nwiegħdu biex inkunu raġel u mara miżżewwġin "*sakemm tifridna l-mewt*" u "*għall-aħjar u għall-agħar,*" u "*għat-tajjeb u għall-ħażin,*" u ngħixu għal dawk il-wegħdi, dak ikun skond Alla. Aħna ma *nkunux bħal* Alla meta niksru l-wegħdi tagħna. Dak li Ġesù spjega f'**Mattew 19:9** mhux xi mezz kif wieħed jista' jiżgiċċa imma nuqqas li żżomm wegħda sagra.

Id-dixxipli kienu sorpriżi bil-kliem ta' Ġesù:

> "*Jekk inhu dan il-każ tar-raġel ma' martu, ma jaqbilx tiżżewweġ*" (**Mattew 19:10**).

Fil-**versi 1 u 12** Ġesù essenzjalment wieġeb, "*Iva!*" Ikun aħjar li tibqa' mhux miżewweġ għas-saltna milli tikser il-wegħda!

# DIVORZJU U ŻWIEĠ MILL-ĠDID X'TGĦALLEM IL-BIBBJA DWAR MIN JISTA' JIDDIVORZJA U JIŻŻEWWEĠ MILL-ĠDID?

Divorzju u żwieġ mill-ġdid sar komuni daqs kemm il-liġi ċivili tħalli divorzju ta' mingħajr ħtija. Raġel miżżewweġ jew mara miżżewwġa jistgħu jħollu żwieġ għal kważi kull bażi u jiżżewwġu mill-ġdid, tkun xi tkun ir-rieda tas-sieħeb jew sieħba tagħhom. Ir-riżultat huwa li ħafna nies jiżżewwġu mingħajr ma jikkonsidraw it-tagħlim tal-Bibbja. Hija ż-żina (jew adulterju) l-unika bażi (raġuni) Skritturali għad-divorzju, jew l-evanġelju jippermetti żwieġ li jkun maħlul għal raġunijiet oħra? Ħalli aħna nkomplu nikkonsidraw bil-għaqal dan l-istudju ta' tagħlim Bibliku.

## INTRODUZZJONI

***Ħafna qawwiet fis-soċjetà jiddefendu l-prattika ta' divorzju faċli.***

Liġijiet tad-divorzju fl-Amerika huma tant laxki li kważi kull wieħed u waħda jistgħu jħollu żwieġ u jerġgħu jiżżewwġu f'kull ħin għal kull raġuni. Bid-"divorzju ta' mingħajr ebda ħtija," raġel jew mara (miżżewwġin) jistgħu jistqarru "inkompatibilità" jew "differenzi irrikonċiljabbli" u jieħdu d-divorzju ma jimpurtax kemm is-sieħeb jew sieħbha tagħhom joġġezzjonaw.

***X'inhu tajjeb jew ħażin huwa ddeterminat mill-Ħallieq ta' l-Univers.***

In-nies ikunu ġġudikati skond jekk huma kinux ikkonformaw ħajjithom għar-rieda ta' Alla. Il-Mulej igħidilna li:

> "[48]*Min iwarrabni, u ma jilqax kliemi, għandu wieħed li jagħmel ħaqq minnu: il-kliem li jiena għidt, dan jagħmel ħaqq minnu fl-aħħar jum*" (**Ġwanni 12:48**).

Ir-rieda tal-bniedem spiss ma tkunx taqbel mar-rieda ta' Alla. Il-Bibbja tgħid hekk dwar dan:

**<u>Proverbji 14:12</u>,**

> "[12]*Hemm triq li tidher dritta lil xi ħadd, iżda hemm triqat il-mewt fl-aħħar tagħha.*"

**Isaija 55:8-9,**

"[8]*Għax il-ħsibijieti mhumiex ħsibijietkom, lanqas triqati ma huma triqatkom, igħid Jaħweh.* [9]*Għax bħalma s-smewwiet huma ogħla mill-art, hekk triqati huma ogħla minn triqatkom, u ħsibijieti minn ħsibijietkom.*"

**2 Korintin 10:12, 18,**

"[12]*Għax aħna m'għandniex il-ħila nqisu jew inqabblu lilna nfusna ma' x'uħud li jirrikmandaw lilhom infushom: iżda bil-li huma jkejlu lilhomn infushom bihom infushom, u jqabblu lilhom infushom magħhom infushom, mhumiex għorrief ....*[18]*Għax mhux min jirrikmanda lilu nnifsu jkun jistħoqqlu, imma min jirrikmanda l-Mulej.*"

**Luqa 16:15, 18,**

"[15]*U qalilhom: Intom dawk li tiġġustifikaw lilkom infuskom quddiem il-bnedmin, iżda Alla jaf qalbkom; għax dak li hu eżaltat ħafna fost il-bnedmin, hu mistkerrah quddiem Alla ....*[18]*Kull min ikeċċi lil martu, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u min jiżżewweġ l-imkeċċija minn żewġha jikkommetti adulterju.*"

Billi l-Bibbja tirrivela r-rieda ta' Alla, aħna għandna nitgħallmu x'tgħid hi dwar id-divorzju u ż-żwieġ mill-ġdid (**2 Timotju 3:16-17; 1 Korintin 14:37; Efesin 3:3-5; 2 Pietru 1:21**).

## Parti I
## Tgħid il-Bibbja li Divorzju u Żwieġ mill-Ġdid Huwa Morali jew Immorali?

### A. It-Tagħlim Ġenerali tat-Testment il-Ġdid Huwa li Divorzju huwa Kuntrarju għar-Rieda Ta' Alla, u li Żwieġ mill-Ġdid li Jiġi Wara d-Divorzju Jikkostitwixxi Adulterju.

Innota li hemm biss eċċezzjoni waħda għal din ir-regola ġenerali, u li jiena se nkompli niddiskutiha fid-dettall aktar wara f'dan l-istudju. Il-passaġġi li ġejjin jipprezentaw dan it-tagħlim:

**Mattew 19:3-9,**

"[3]*U l-Fariżej resqu lejh ukoll, iġarrbuh, u jgħidulu: Sewwa li raġel ikeċċi lil martu għal kull kawża?* [4]*U wieġeb u qalilhom: Ma qrajtux, li dak li mill-bidu ħalaqhom għamilhom raġel u mara?* [5]*U qalilhom: Minħabba f'hekk raġel iħalli lil missieru u lil ommu, u jingħaqad ma' martu: u t-tnejn isiru ġisem wieħed.* [6]*Għalhekk mhumiex iżjed tnejn, iżda ġisem wieħed. Dak mela li Alla għaqqad flimkien, ħa ma jifridx il-bniedem.* [7]*Qalulu: Għaliex mela Mosè ordna li tingħata l-kitba tad-divozju, u titkeċċa?* [8]*Qalilhom: Mosè minħabba l-ebusija ta' qalbkom ħalliekom tkeċċu n-nisa tagħkom: iżda mill-bidu ma kienx hekk.* [9]*U jien ngħidilkom: Kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba ż-żina, u*

*jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u dak li jiżżewweġ lil dik li tkeċċiet jikkommetti adulterju.*

**Mark 10:2-12,**

*"[2]U ġew għandu l-Fariżej, u staqsewh, biex iġarrbuh: Jixraq li raġel ikecci lil martu? [3]U wieġeb, u qalilhom: X'ordnalkom Mosè? [4]U qalu: Mosè ħalla li tinkiteb il-kitba tad-divorzju, u titkeċċa. [5]U wieġeb Ġesù, u qalilhom: Minħabba l-ebusija ta' qalbkom kitbilkom dal-preċett. [6]Iżda mill-bidu tal-ħolqien Alla għamilhom raġel u mara. [7]Minħabba f'hekk raġel jitlaq lil missieru u lil ommu, u jingħaqad ma' martu; [8]U t-tnejn isiru ġisem wieħed: għalhekk ma jibqgħux iżjed tnejn, iżda ġisem wieħed. [9]Għalhekk dak li Alla għaqqad flimkien, ħa ma jifirdux il-bniedem. [10]U fid-dar id-dixxipli reġgħu staqsewh fuq din l-istess ħaġa. [11]U qalilhom: Kull min ikeċċi lil martu, u jiżewweġ oħra, jikkommetti adulterju kontra tagħha. [12]U jekk mara tkeċċi lil żewġha, u tiżżewweġ ieħor, tikkommetti adulterju."*

**Luqa 16:18,**

*"[18]Kull min ikeċċi lil martu, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u min jiżżewweġ l-imkeċċija minn żewġha jikkommetti adulterju."*

Ġesù kien mistoqsi jekk id-divozju kien jista' jinkiseb sempliċiment għal kull raġuni li persuna jista' jkollha. Hu wieġeb billi appella għal-liġi oriġinali taż-żwieġ.

Ġesù għallem lid-divorzju nnifsu, inġenerali, huwa kuntrarju għar-rieda ta' Alla. Alla għamel raġel wieħed għall-mara waħda, jindika li Hu ma ntenzjonax għal xi ħadd minnhom li jiżżewweġ lil xi ħadd ieħor. Ġesù qal li huma għandhom jingħaqdu ma' xulxin u t-**tnejn** isiru **wieħed** – ma hekk ebda lok fil-pjan ta' Alla għat-**tielet** parti. Alla jgħaqqad lir-raġel u lil mara, ebda bniedem m'għandu d-dritt li jkisser dik l-għaqda.

Barradan, kull min jiddivorzja lil martu u jerġa' jiżżewweġ jikkommetti **adulterju** (sakemm hu (jew hi) jagħmel dan għaliex il-parti l-oħra kienet ħatja taż-żina jew fornikazzjoni), u kull min jiżżewweġ lil dik il-parti li kienet imkeċċija wkoll jikkommetti adulterju. (**Mark 10** jżid li din ir-regola tapplika wkoll għall-mara jekk hija ddivozjat lil żewġha.)

Biex igħin li tifhem dan il-passaġġ, aqraħ b'ismek u isem il-mara tiegħek, minflok "kullmin," eċċ.

**Mattew 19:9** – "Jekk ___________ (int) ikeċċi lil martu, ħlief minħabba ż-żina, u jiżżewweġ oħra, ______________ (int) jikkommetti adulterju; u dak li jiżżewweġ lil ______________ dik li tkeċċiet jikkommetti adulterju.

**Mattew 5:31-32,**

*"[31]Intqal: Kull min ikeċċi lil martu, ħa jagħtiha l-kitba tad-divorzju. [32]Iżda jien ngħidilkom: Li kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba ż-żina, iġagħalha tikkommetti adulterju: u kull min jiżżewweġ lil dik li hi mkeċċija jikkommetti adulterju."*

Wieħed li jkeċċi lil martu (għal xi kawża oħra barra minn dik taż-żina) jikkawżaha li tikkommetti adulterju. Dan jassumi li hija tiżżewweġ mill-ġdid kif imfisser fl-aħħar

parti ta' vers 31 (l-iskop tal-"kitba tad-divorzju" kif implikata skond il-liġi kien hekk li hija tkun tista' ssir mart raġel ieħor (**Dewteronomju 24:1-2**).

Billi jiddivorzja (ikeċċi) lil martu, ir-raġel ipoġġiha f'pożizzjoni fejn hija tkun ittantata bil-qawwa biex terġa' tiżżewweġ u jekk hija tiżżewweġ, Ġesù jgħid li hija ħatja ta' adulterju u hekk ukoll ikun ir-raġel li lilu hija tiżżewweġ (f'kuntrast għal-Liġi Możajka li ttollerat iż-żwieġ mill-ġdid). Għalhekk, id-divorzju fih innifsu huwa ħażin u għandu jkun evitat (**Mattew 18:6-7**).

**<u>Rumani 7:2-3</u>,**

> "[2]*Għax il-mara li għandha żewġha hi marbuta bil-liġi ma' żewġha kemm idum ħaj; iżda jekk imut ir-raġel, hi maħlula mil-liġi ta' żewġha.* [3]*Għalhekk mela, jekk waqt li għadu ħaj żewġha, tiżżewweġ raġel ieħor, tissejjaħ adultera: iżda jekk imut żewġha, hi meħlusa minn dik il-liġi; u ma tkunx adultera, jekk tiżżewweġ raġel ieħor.*"

Mara miżżewwġa hija marbuta bil-liġi għal żewġha sakemm huwa jdum ħaj. Dan ifisser li jekk hija tkun miżżewwġa lil raġel ieħor waqt li żewġha jkun għadu ħaj, hija tkun ħatja ta' adulterju. Hija ħielsa li terġa' tiżżewweġ mingħajr ħtija biss jekk żewġha jkun mejjet.

(Xi wħud jistaqsu liema "liġi" hija din li tgħaqqad ir-raġel u mara – il-liġi ta' Alla jew il-liġi tal-bniedem? Hija l-liġi li, meta tkun miksura, tagħmel lil mara **adultera**. Biċ-ċar din għandha tkun il-liġi ta' Alla, u din taqbel ma' dak li jintqal f'postijiet oħra.)

**<u>1 Korintin 7:10-11</u>,**

> "[10]*U lill-miżżewġin nordna, mhux jien, imma l-Mulej: Ħa ma titlaqx il-mara minn żewġha:* [11]*Iżda jekk titlaq, ħa tibqa' ma tiżżewwiġx, jew targa' tagħmel paċi ma' żewġha: u r-raġel ħa ma jkeċċix lil martu.*"

Mara miżżewwġa m'għandix titlaq lil żewġha u lanqas hu lilha. Mill-ġdid, id-divorzju fih innifsu mhuwiex ir-rieda ta' Alla.

Imma jekk hija titlaq (jekk id-divorzju jkun ġara), hija għandha tibqa' mhux miżżewwġa jew inkella tkun irrikonċiljata għal żewġha. Biċ-ċar żwieġ mill-ġdid mhuwiex alternattiva skritturali.

(Nota: "titlaq" hawn hija l-istess kelma f'postijiet oħra tradotta "jifred" – **Mattew 19:6; Mark 10:9**): Ir-riżultat ta' l-azzjoni huwa li l-mara hija "mhix miżzewwġa.")

It-tagħlim ta' l-Evanġelju fuq dan il-punt mhuwiex popolari ma xi nies. Ħafna nies ma jridux jismgħuh li jkun ippridkat. Id-dixxipli nfushom ta' Ġesù kkunsidrawh strett ħafna (**Mattew 19:10-12**), imma xorta Ġesù ma għamel l-ebda kompromess dwaru jew apoloġija għalih. Hu kompla biex igħallmu u ddefendih u hekk għandna nagħmlu aħna.

**B. Biex Napplikaw Dawn il-Passaġġi b'Mod Xieraq, Aħna Għandna Nifhmu Għaliex it-Tieni Żwieġ Huwa Pprojbit u Għaliex Huwa Msejjaħ "Adulterju."**

Alla biċ-ċar għandu d-dritt li jipprojbixxi kull att jekk Hu jagħżel li jagħmel dan, imma jkun ta' għajnuna għalina biex napplikaw it-tagħlim meta aħna nifhmu r-**raġunijiet** Tiegħu talli pprojbixxa att. X'**raġuni** jagħti Alla talli jiddikjara t-tieni żwieġ midneb, u għaliex Hu jsejjaħlu "**adulterju**"?

**<u>Malakija 2:14-16</u>,**

*"[14]U madankollu tgħidu: Għaliex? Għax Jaħweh hu xieħed bejnek u bejn mart żgħożitek, li magħha ma kontx fidil, għalkemm hi seħbitek, martek bir-rabta tiegħek. [15]Iżda, tgħidu intom, mhemmx wieħed li għamel hekk, u madankollu l-ispirtu baqa' fih? Iżda għaliex dak il-wieħed għamel dan? Għax kien ifittex in-nisel imwiegħed lilu minn Alla. Ħudu ħsieb l-ispirtu tagħkom, u ħalli ħadd ma jimxi bil-qerq ma' mart żgħożitu. [16]**Għax jien nobgħod id-divorzju, igħid Jaħweh, Alla ta' Iżrael**, u lil min bil-ħażen jiksi lbiesu, igħid Jaħweh ta' l-eżerċti. Għalhekk ħudu ħsieb l-ispirtu tagħkom, u la timxux bil-qerq."*

Alla jobgħod it-tkeċċija (divorzju; vers 16). Ukoll, id-divorzju huwa kuntrarju għar-rieda ta' Alla. Għaliex? ***Għaliex iż-żwieġ hu rabta bejn raġel u martu*** (**v. 14)**. Alla huwa xhud għal dik ir-rabta jew patt, u Hu jżomm lil l-irġiel għaliha (**v. 14**). Jekk raġel jikser il-patt, hu jkun qiegħed jittratta b'ingann ma' martu u Alla jżommu responsabbli. (**Proverbji 2:17; Eżekjel 16:8**).

Għalkemm dan huwa passaġġ tat-Testment il-Qadim, dan igħinna nitgħallmu id-**definizzjoni** taż-żwieġ, li ma nbidlitx. Iż-żwieġ huwa, bid-definizzjoni ta' Alla, ftehim solenni bejn tnejn bejn raġel u mara li jgħixu flimkien bħala raġel u martu. Alla jżommhom għal dik ir-rabta ta' patt u ma jeħlishomx minnha, ukoll jekk in-nies jiddikjarahom li huma ħielsa.

Ftakar dan! **Il-pedament kollu tat-tagħlim tat-Testment il-Ġdid dwar id-divorzju jistrieħ fuq l-attitudni ta' Alla lejn iż-żwieġ.** Meta nies idgħajfu l-barrieri kontra d-divorzju, huma jkunu qegħdin idgħajfu r-rispett għaż-żwieġ. Id-divorzju jimporta għaliex dan jeqred żwieġ, u ż-żwieġ huwa importanti ħafna għal Alla. Kull veduta tad-divorzju, li tonqos li tirrispetta ż-żwieġ kif Alla jirrispettah, għandha tkun waħda mhux Skritturali.

Dan hu għaliex Ġesù, f'li jwieġeb mistoqsija dwar id-divorzju u żwieġ mill-ġdid, appella għal intenzjoni oriġinali dwar iż-żwieġ (**Mattew 19:3-9**). Alla jirrispetta u jinforza l-liġi Tiegħu dwaru, ukoll meta n-nies iwarrbuha!

**<u>Lhud 13:4</u>,**

*"[4]Ħa jkun imweġġaħ iż-żwieġ f'kollox, u s-sodda taż-żwieġ ħa tkun bla tebgħa; iżda Alla jagħmel ħaqq miż-żienja u mill-adulteri."*

Il-patt (rabta) taż-żwieġ jinkludi d-dritt u l-obligazzjoni li jkun hemm l-għaqda sesswali **biss** mas-sieħeb jew sieħba li magħha (jew miegħu) li aħna għandna patt ta' żwieġ Skritturali. Li jkun hemm relazzjonijiet ma' xi ħadd ieħor huwa "fornikazzjoni" jew "adulterju."

Dan ukoll huwa parti mill-patt taż-żwieġ kif ifissru Alla. Iż-żwieġ jagħti lil raġel u lil martu d-dritt għal l-għaqda sesswali, imma biss mar-raġel jew mara tagħhom li jkunu miżżewwġin skond il-liġi. (**Eżekjel 23; Ġeremija 3; Proverbji 5:15-20; 6:29, 32; 7:18-20; Eżekjel 16:32; 1 Korintin 7:1-9**).

**<u>Rumani 7:2-3</u>,**

*"[2]Għax il-mara li għandha żewġha hi marbuta bil-liġi ma' żewġha kemm idum ħaj; iżda jekk imut ir-raġel, hi maħlula mil-liġi ta' żewġha. [3]Għalhekk mela, jekk waqt li għadu ħaj żewġha, tiżżewweġ*

*raġel ieħor, tissejjaħ adultera: iżda jekk imut żewġha, hi meħlusa minn dik il-liġi; u ma tkunx adultera, jekk tiżżewweġ raġel ieħor.*"

F'dan il-patt taż-żwieġ, il-mara hija **marbuta** għal żewġha sakemm hu jgħix (**1 Korintin 7:39**). Ir-"rabta" taż-żwieġ hija patt **ta' impenn ta' kemm iddum il-ħajja**, u Alla jżomm nies għall-impenn li huma jkunu għamlu, ukoll jekk wara huma jippruvaw biex jiksruh.

Innota li l-passaġġ jgħid li mara tista' tkun "marbuta" għal raġel wieħed, imma "miżżewwġa" għal raġel ieħor! Ir-"rabta" tirreferi għall-patt taż-żwieġ li Alla jżommok għalih. "Żwieġ" jirreferi għar-relazzjoni li fiha inti qiegħed tgħid bħala magħrufa mil-liġi ċivili u mis-soċjetà. It-tnejn jistgħu jkunu l-istess, imma mhux neċessarjament. F'dan il-każ, il-mara kienet "marbuta" għal raġel wieħed imma "miżżewwġa" għal raġel kompletament differenti.

Dak hu għaliex mara hija ħatja ta' **adulterju** jekk hija tkun miżżewwġa lil raġel ieħor. Adulterju, bid-definizzjoni, tirreferi għal relazzjoni sesswali bejn tnejn min-nies, li wieħed minnhom huwa marbut b'patt ta' żwieġ li xi ħadd ieħor (ara d-definizzjonijiet fin-noti fuq **Mattew 19:9**).

Din il-mara hija "adultera" għaliex hija kienet magħquda f'patt taż-żwieġ ma' raġel wieħed, u Alla jżommha għal dak il-patt għal ħajjitha kollha. Imma hija qiegħed ikollha relazzjoni sesswali ma' raġel ieħor, u dak, bid-definizzjoni, huwa adulterju. Dan il-passaġġ jiddefinixxi l-adulterju għalina!

Innota li kull darba li hija jkollha relazzjoni sesswali ma raġel ieħor barra mis-sieħeb Skritturali tagħha huwa adulterju – **sakemm l-ewwel sieħeb (raġel) tagħha għadu ħaj**, igħid il-passaġġ. Kemm jekk hija kellha biss att wieħed ta' relazzjoni sesswali, jew għandha "relazzjonijiet" li jinvolvu numru ta' atti adulteri fuq perjodu ta' żmien, jew jekk huwa t-tieni żwieġ lil raġel ieħor – f'kull każ li hija jkollha relazzjoni sesswali ma' raġel ieħor il-passaġġ igħid li hija tkun ħatja ta' adulterju.

Dan huwa "adulterju" għaliex il-mara hija impenjata Skritturalment li jkollha relazzjoni sesswali biss ma' raġel wieħed sakemm hija tgħix, imma minflok hija qed ikollha għaqda sesswali ma' raġel ieħor. Dan hu għaliex huwa xieraq li tirreferi għat-tieni żwieġ bħala "adulteru" jew "tgħid fl-adulterju," l-istess bħal li kieku jkun jekk hija kienet qed tgħix miegħu imma mhux miżżewwġa lilu (**Kolossin 3:5-7**).

__**Mattew 19:3-9,**__

"[3]*U l-Fariżej resqu lejh ukoll, iġarrbuh, u jgħidulu: Sewwa li raġel ikeċċi lil martu għal kull kawża?* [4]*U wieġeb u qalilhom: Ma qrajtux, li dak li mill-bidu ħalaqhom għamilhom raġel u mara?* [5]*U qalilhom: Minħabba f'hekk raġel iħalli lil missieru u lil ommu, u jingħaqad ma' martu: u t-tnejn isiru ġisem wieħed.* [6]*Għalhekk mhumiex iżjed tnejn, iżda ġisem wieħed. Dak mela li Alla għaqqad flimkien, ħa ma jifridx il-bniedem.* [7]*Qalulu: Għaliex mela Mosè ordna li tingħata l-kitba tad-divozju, u titkeċċa?* [8]*Qalilhom: Mosè minħabba l-ebusija ta' qalbkom ħalliekom tkeċċu n-nisa taghkom: iżda mill-bidu ma kienx hekk.* [9]*U jien ngħidilkom: Kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba ż-żina, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u dak li jiżżewweġ lil dik li tkeċċiet jikkommetti adulterju.*"

X'raġuni hija mogħtija għaliex żwieġ mill-ġdid huwa pprojbit u għaliex huwa msejjaħ "adulterju"? Għaliex Alla ddikjara li raġel u mara **jingħaqdu** flimkien. Hu

**jgħaqqadhom** (billi jkun xhud għall-patt taż-żwieġ tagħhom u jżommhom għalih). Hu jipprojbixxi li huma jibdlu l-ħsieb tagħhom u jgħid li ebda bniedem ma jista' jifred iż-żwieġ tagħhom.

Għalhekk, jekk raġel ikeċċi lil martu u jiżżewweġ oħra, it-tieni żwieġ huwa "**adulterju**" għaliex huwa qiegħed ikollu għaqda sesswali mat-tieni mara waqt li Alla xorta għadu qiegħed iżommu obligat għall-patt tiegħu li jkollu l-għaqda sess-wali biss ma' l-ewwel mara tiegħu.

Erġa' nnota: it-termini "jiżżewweġ" u "jiddivorzja" (jew "ikeċċi," u wkoll "raġel" u "martu") kif użati hawn u f'postijiet oħra, jirreferu għar-relazzjoni kif imħarsa mis-**soċjetà** u **l-liġi tal-pajjiż**. Fl-**ewwel** żwieġ, kemm Alla u s-soċjetà jgħarfu l-impenn taż-żwieġ li jeżisti bejn ir-raġel u l-mara. Huma t-tnejn "miżżewwġin" fl-għajnejn is-soċjetà u "magħqudin" ("marbuta") f'għajnejn Alla.

Liġi tas-soċjetà u ċivili tista' tagħtihom "divorzju" (mhux għaż-żina) u huma jistgħu "jiżżewwġu" mill-ġdid. **Liġi tas-soċjetà** u **ċivili** mbagħad tħares lejhom bħala ħielsa mill-ewwel żwieġ tagħhom u daħlu fit-tieni wieħed, u l-Bibbja ssejjaħ dan "iddivorzjata" ("imkeċċija") u "żżewwġet mill-ġdid." Imma għalkemm Alla juża dawn it-termini kif tużahom is-soċjetà, Hu ma jagħrafx id-divorzju bħala li jagħmel tmiem validu għal l-impenn tal-patt li Hu għaraf fl-ewwel żwieġ. Alla xorta għadu jikkonsidrahom "marbutin" jew "magħqudin" jew miżmuma responsabbli għal l-impenn ta' l-ewwel żwieġ (**vers 6**).

Hemm distinzjoni definittiva bejn **l-impenn tal-patt** (rabta) li Alla jagħraf u d-**divorzju** u ż-**żwieġ** li tagħraf il-liġi ċivili (**Mark 6:17-18**). Ukoll, it-tieni żwieġ huwa "adulterju" għaliex il-persuna għada xorta f'għaqda f'għajnejn Alla ma' l-ewwel raġel jew mara tagħha, imma huma qegħidn ikollhom relazzjoni sesswali mat-tieni persuna. Dak huwa adulterju, u dan ikompli li jkun adulterju kull darba li huma jkollhom relazzjoni sesswali, għaliex Alla xorta għadu "jgħaqqadhom" għal l-ewwel sieħeb jew sieħba tagħhom u Hu mhux se "jifred" dik l-għaqda jew rabta.

__**1 Korintin 7:10-11**__,

> "[10]*U lill-miżżewġin nordna, mhux jien, imma l-Mulej: Ħa ma titlaqx*
> *il-mara minn żewġha:* [11]*Iżda jekk titlaq, ħa tibqa' ma tiżżewwiġx, jew*
> *terġa' tagħmel paċi ma' żewġha: u r-raġel ħa ma jkeċċix lil martu.*"

Dan jispjega għaliex, jekk mara tiddivozja lil żewġha, hija xorta għad m'għandix id-dritt biex terġa' tiżżewweġ. Hija tista' tieħu d-divorzju f'għajnejn il-liġi ċivili, u Alla jsejjaħlu dan "divorzju" u jgħid li issa hija "mhux miżżewwġa." Imma dan ma jeħlisiex mir-rabta tagħha jew l-obligazzjoni tal-patt lejn l-ewwel raġel tagħha. Ladarba hija għadha marbuta għal l-ewwel patt taż-żwieġ tagħha, l-unika għażla tagħha mela hija li tkun irrikonċiljata għal żewġha (il-wieħed li Alla jagħraf) jew inkella tibqa' mhux miżżewwġa.

Relazzjoni sesswali barra minn għaqda Skritturali taż-żwieġ tikkostitwixxi żina, fornikazzjoni (**versi 2-5**). Għalhekk, jekk il-mara tiddivorzja u terġa' tiżżewweġ, dak it-tieni żwieġ, sakemm ma jispiċċax, sakemm ir-raġel tagħha kien għadu ħaj, jik-kostitwixxi adulterju.

Li tifhem dawn il-prinċipji jkun vitali biex tilħaq applikazzjonijiet xierqa u tweġibiet għall-mistoqsijiet oħra li aħna sejrin nittrattaw dwarhom. [Innota li adulterju jinvolvi **att** sesswali – **Ġwanni 8:4**; **Lhud 13:4**; **Proverbji 6:20-35**. Mhuwiex biss l-att li tiddivorzja u terġa' tiżżewweġ li huwa adulterju.]

**Ċ. Alla Jħalli Eċċezzjoni għar-Regola Ġenerali Meta Parti Waħda Kienet Ħatja ta' Żina (Fornikazzjoni).**

***Din l-eċċezzjoni tintqal ċar f'Mattew 19:9 (u 5:32).***

> "[9]*U jien ngħidilkom: Kull min ikeċċi lil martu,* ***ħlief minħabba ż-żina****, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u dak li jiżżewweġ lil dik li tkeċċiet jikkommetti adulterju.*"
>
> "[32]*Iżda jien ngħidilkom: Li kull min ikeċċi lil martu,* ***ħlief minħabba ż-żina****, iġagħalha tikkommetti adulterju: u kull min jiżżewweġ lil dik li hi mkeċċija jikkommetti adulterju.*"

Il-mistoqsija oriġinarjament staqsiet lil Ġesù dwar il-**bażi jew kawża** li raġel jista' jiddivorzja lil martu (**v. 3**). F'**vers 9** Ġesù b'mod ċar igħid li ma hemm ebda kawża aċċettabbli ħlief jekk is-sieħeb/a kien jew kienet ħati ta' żina, fornikazzjoni.

Mhux bħal-Liġi Możajka, li Ġesù jammetti li ttollerat id-divorzju u żwieġ mill-ġdid għal kawżi oħra, it-tagħlim ta' Ġesù jħalli kawża **waħda u waħda biss**.

Innota li l-uniku wieħed li huwa mogħti d-dritt biex jiddivorzja u jerġa' jiżżewweġ mingħajr ma jkun ħati ta' dnub huwa l-wieħed li kien sar id-dnub kontrih mis-sieħeb jew sieħba tiegħu li kkommetta żina.

**X'Inhi Żina jew Fornikazzjoni?**

Definizzjonijiet: "relazzjoni sesswali illeċità inġenerali" (Thayer); "kull xorta ta' relazzjoni sesswali li mhix skond il-liġi" (Arndt u Gingrich). Żina (jew Fornikazzjoni) tinkludi kull forma ta' relazzjoni sesswali ma' xi ħadd li mhuwiex is-sieħdeb/a Skritturali, kemm jekk il-persuna tkun tas-sess oppost jew ta' l-istess sess.

Innota l-passaġġi li jispjegaw it-tifsira:

__1 Korintin 7:2-5,__

> "[2]*Madankollu, biex naħarbu ż-żina, ħalli kull raġel ikollu 'l martu, u kull mara jkollha 'l żewġha.* [3]*Ħa jagħti r-raġel lil martu dak li jistħoqqilha: u l-istess ukoll il-mara lil żewġha.* [4]*Il-mara m'għandhiex awtorità fuq ġisimha, iżda r-raġel: u l-istess ukoll ir-raġel m'għandux awtorità fuq ġismu, iżda l-mara.* [5]*La tiċċaħdux minn xulxin, ħlief biss bi tfehim għal xi żmien, biex tagħtu ruħkom għas-sawm u t-talb; imbagħad terġgħu għal flimkien, biex Satana ma jittantakomx minħabba li ma tkunux tifilħu żżommu.*"

Biex jevità **ż-żina**, wieħed għandu jissodisfa x-xewqa sesswali ma' u biss ma' "martu" jew ma' "żewġha." Is-sieħeb/a tagħna stess taż-żwieġ huwa l-uniku (jew l-unika) wieħed li għandu s-setgħa fuq il-ġisem tagħna. Jekk aħna nissodisfaw din ix-xewqa ma xi ħadd ieħor, il-passaġġ igħid li dan ikun żina (fornikazzjoni), kemm jekk ikun ma' xi ħadd li aħna ma nkunux miżżewwġin lilu (fil-każ tal-mara) jew lilha (fil-każ tar-raġel), ir-raġel **ta' xi ħadd ieħor**, jew il-mara **ta' xi ħadd ieħor**, jew xi ħadd ieħor ta' l-istess sess (jiġifieri, omosesswalità). (Ara wkoll **Lhud 13:4**).

__Ġuda 7,__

> "[7]*U hekk ukoll ġralhom Sodoma u Gomorra u l-bliet ta' madwarhom li bħalhom* ***ingħataw għaż-żina u ntelqu wara l-pjaċiri kontra n-***

*natura; huma saru eżempju għal kulħadd billi ħadu l-kastig tan-nar ta' dejjem.*"

Sodoma u Gomorra taw lilhom infushom għaż-**żina**. Imma **Ġenesi 19** juri li dan jirreferi għall-omosesswalità (irġiel riedu jimteddu ma' rġiel, mhux ma' nisa). Għal-hekk, l-omosesswalità hija forma ta' żina, u tkun raġuni skritturali għal wieħed (jew waħda) biex jikseb divorzju u jerġa' (jew terġa') jiżżewweġ.

Xi wħud igħidu li ż-żina (fornikazzjoni) ma tinkludix adulterju (jiġifieri, il-każ li fih wieħed li mhuwiex miżżewweġ għandu relazzjonijiet ma' xi ħadd li mhuwiex jew mhijiex is-sieħeb jew sieħba fiż-żwieġ tiegħu jew tagħha). Imma l-passaġġi li ġejjin jużaw "żina" ("fornikazzjoni") biex tinkludi sess barra miż-żwieġ:

__1 Korintin 5:1__,

"[1]*Jingħad minn kulħadd li hemm* ***iż-żina*** *fostkom,* **u żina** *li bħalha lanqas tinstama' fost il-Ġentili, li wieħed jieħu l-mara ta' missieru.*"

__Għamos 7:17__,

"[17]*Għalhekk, hekk igħid Jaħweh: Martek issir mara* ***żienja*** *fil-belt, uliedek, subjien u bniet, jaqgħu bix-xabla, u r-raba' imniġġsa, u Iżrael żgur imur fil-jasar il-bogħod minn pajjiżu*"

__Eżekjel 16:8, 15, 26, 29__,

"[8]*Issa xħin għaddejt minn ħdejk, u rajtek, ara, żmienek kien żmien l-imħabba; u jien frixt dejl mantari fuqek, u għattejtlek l-egħra tiegħek: iva, ħliftlek, u dħalt f'patt miegħek, igħid Sidi Jaħweh, u sirt tiegħi ....*[15]*Iżda int imlejt rasek bi ġmielek, u lgħabtha ta' żienja minħabba l-fama tiegħek, u sawwabt l-għemil ħażin tiegħek fuq kull min kien igħaddi mit-triq, lil kull min kien ikun irid....*[26]*U żnejnt ma' l-Eġizzjani, ġirien tiegħek, ta' ġisimhom imlaħħam; u kattart l-għemejjel ħżiena tiegħek, biex tmasħanni....*[29]*Barra minn dan, int kattart iż-żina tiegħek f'art Kangħan sa art il-Kaldin; u lanqas b'dan ma xbajt.*"

__Ġeremija 3:6, 8__,

"[6]*Imbagħad Jaħweh qalli fi żmien is-sultan Ġosija: Rajt x'għamel Iżrael, poplu bla fidi? Telgħet fuq kull muntanja għolja, u taħt kull siġra ħadra, u hemm għamiltha ta' mara żienja....*[8]*U għalkemm jien keċċejt lil Iżrael, poplu bla fidi, ħtija ta' l-adulterji tagħha kollha, u tajtha l-karta tad-divorzju tagħha, rajt li oħtha, il-qarrieqa Ġuda, ma beżgħitx, u marret tiżni hi wkoll.*"

Ġesù uża "żina" sabiex jinkludi, mhux biss sess barra miż-żwieġ, imma wkoll sess qabel iż-żwieġ u omosesswalità – kull forma ta' relazzjoni sesswali illeċità.

Meta raġel u mara jiżżewwġu, huma jagħmlu patt li jkollhom relazzjoni sesswali biss ma' xulxin u ma' ħadd aktar (ta' l-istess sess jew tas-sess oppost) sakemm huma t-tnejn jibqgħu ħajjin. Jekk xi wieħed minnhom jikser dak il-patt billi jkollu relazzjonijiet sesswali ma' xi persuna oħra barra mis-sieħeb/a tiegħu, hu/hi jkun kiser il-patt taż-żwieġ f'tali mod li Alla jagħti lis-sieħeb/a (innoċenti) d-dritt biex jiddivorzja u jerġa' jiżżewweġ (jew tiżżewweġ).

It-tagħlim tat-Testment il-Ġdid dwar id-divorzju u żwieġ mill-ġdid jista' jkun miġbur f'sommarju hekk: Meta raġel u mara jiżżewwġu, huma jidħlu f'patt għal ħajjithom kollha li fih Alla jorbothom jew igħaqqadhom flimkien, iżommhom responsabbli biex iżommu dan il-patt. Jekk ikun hemm divorzju għal xi kawża li mhix żina (fornikazzjoni), ir-rieda ta' Alla tkun miksura; u jekk xi ħadd minnhom jew it-tnejn jerġgħu jiżżewwġu, it-tieni relazzjoni(jiet) taż-żwieġ hija (huma) adulterju għaliex Alla xorta għadu jżomm lin-nies marbuta għal l-ewwel impenn taż-żwieġ. Jekk matul l-ewwel żwieġ, iżda, wieħed mis-sħab jikkommetti ż-żina (fornikazz-joni), imbagħad is-sieħeb/a l-ieħor jista' jgħażel biex jikseb divorzju u jerġa' jiżżew-weġ mingħajr dnub.

## Parti II
## Japplika t-Tagħlim Ta' Ġesù Dwar id-Divorzju u Żwieġ mill-Ġdid għan-Nies Barrra mill-Knisja?

Xi nies jemmnu lit-tagħlim ta' Ġesù dwar id-divorzju u żwieġ mill-ġdid kien indirizzat biss għal dawk li huma f'relazzjoni ta' patt Miegħu (Kristjani, membri tal-knisja Tiegħu). Dan it-tagħlim ma japplikax għan-nies barra mill-knisja billi huma mhumiex ċittadini fis-saltan ta' Kristu, mhumiex membri tal-ġisem li tiegħu, eċċ.

Huwa argumentat li nies barra minn Kristu huma kkundannati għaliex huma ma ssuġġettawx lilhom infushom għal Kristu jew għaliex huma kienu kisru l-liġi universali morali ta' Alla; imma sakemm huma jsiru Kristjani, Alla ma jinnutax jew iżommhom responsabbli għal ksur ta' tagħlim speċifiku bħal liġijiet tad-divorzju.

Għalhekk huwa kkonkludut, li ma jimpurtax kemm-il darba nies bħal dawn jid-divorzjaw u jerġgħu jiżżewwġu qabel ma huma jsiru Kristjani, meta huma jkunu mgħammdin huma sempliċiment iżommu s-sieħeb/a li huma għandhom f'dak il-waqt. Imma ikkonsidra l-punti li ġejjin:

### A. Ġesù Hu Mulej Fuq il-Bnedmin Kollha, Mhux Biss Fuq Dawk fil-Knisja.

Ġesù mhux biss huwa r-Ras tal-knisja jew is-Sultan tas-saltna Tiegħu. Hemm pożizzjonijiet oħra li Hu jżomm li juru li l-bnedmin kollha huma obligati biex jobduh. Ġesù huwa:

**Ġesù huwa Alla (Divinità)**

**Ġwanni 1:1, 14,**

> "[1]*Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla, u l-Kelma kienet Alla….*[14]*U l-Kelma saret bniedem u għammar fostna, u aħna rajna l-glorja tiegħu, il-glorja li għandu mill-Missier bħala Ibnu l-waħdieni, mimli bil-grazzja u l-verità.*"

**Ġwanni 20:28, 29,**

> "[28]*U Tumas wieġeb u qallu: Mulejja, u Alla tiegħi.* [29]*Qallu Ġesù: għax rajtni, emmint: imberkin dawk li ma rawx, u madankollu emmnu.*"

**Filippin 2:6-8,**

> "[6]*Li, għalkemm kien f'sura ta' Alla, ma qishiex bħala ħaġa misruqa li jkun daqs Alla:* [7]*Iżda xejjen lilu nnifsu, u ħa fuqu s-sura ta' qaddej, u kien magħmul fix-xbieha tal-bnedmin:* [8]*U wara li minn barra nstab*

*bħala bniedem, umilja lilu nnifsu, u sar ubbidjenti sal-mewt, u sal-mewt tas-salib.*"

<u>Kolossin 2:9</u>,

"[9]*Fih hemm tgħammar il-milja sħiħa tad-divinità fil-ġisem.*"

Jekk hu jippossiedi Divinità, in-nies **kollha** għandhom jobdu r-regoli Tiegħu.

**Ġesù huwa s-Sultan tas-Slaten u Sid (Mulej) tas-Sidien**

<u>Rivelazzjoni 17:14</u>,

"[14]*Għad jagħmlu gwerra lill-Ħaruf, u l-Ħaruf joħroġ rebbieħ fuqhom, għax hu Sid is-sidien u Sultan is-slaten, flimkien ma' dawk li huma miegħu msejħin u magħżulin u fidili.*"

<u>Rivelazzjoni 1:5</u>,

"[5]*U mingħand Ġesù Kristu, li hu x-xhud fidil, u l-imwieled l-ewwel fost il-mejtin, u l-prinċep tas-slaten ta' l-art. Lilu li ħabbna, u li ħallna minn dnubietna f'demmu stess.*"

<u>Rivelazzjoni 19:16</u>,

"[16]*U kellu fuq il-mantar u fuq koxxtu isem miktub: SULTAN TAS-SLATEN, U SID TAS-SIDIEN.*"

Għalhekk, Hu jippossiedi awtorità fuq in-nies kollha fuq l-art, ukoll fuq l-għola awtoritajiet umani.

**Ġesù huwa l-Ħallieq tal-Ħwejjeġ Kollha**

<u>Ġwanni 1:1-3</u>,

"[1]*Fil-bidu kienet il-Kelma, u l-Kelma kienet ma' Alla, u l-Kelma kienet Alla.* [2]*Din kienet fil-bidu ma' Alla.* [3]***Il-ħwejjeġ kollha bih saru, u xejn ma sar mingħajru milli sar.***"

<u>Kolossin 1:16</u>,

"[16]*Għax **bih kienu maħluqin il-ħwejjeġ kollha**, li huma fis-sema, u li huma fuq l-art, li jidhru u li ma jidhrux, sew jekk huma tronijiet, kemm jekk huma dominji jew prinċipati, jew setgħat: **kull ħaġa maħluqa bih, u għalih**.*"

Jekk Hu ħalaq il-ħwejjeġ kollha, allura kulħadd għandu jobdih:

<u>Atti 17:24, 30, 31</u>,

"[24]*Alla li għamel id-dinja u kull ma fiha, u li hu sid is-sema u l-art, ma joqgħodx f'tempji maħduma bl-idejn;...*[30]*Alla għalaq għajnejh sakemm il-bnedmin kienu għadhom fl-injoranza; issa għarrafħom li kulħadd għandu jindem, hu fejn hu.* [31]*Għax hu għażel jum li fih għandu jagħmel ħaqq ġust mid-dinja permezz ta' bniedem li ħatru hu; u ta' dan kollu ta prova quddiem kulħadd billi lilu qajjmu mill-imwiet.*"

**Ġesù huwa Mulej u Mexxej ta' Kulħadd**

**Mattew 28:18**,

*"[18]Resaq Ġesù u kellimhom, billi qal: **Lili ngħatat l-awtorità kollha fis-sema u fl-art**."*

**Ġwanni 3:31**,

*"[31]Dak li ġej mill-għoli, **hu fuq kulħadd**: min hu mill-art hu ta' l-art, u fuq l-art jitkellem: **dak li ġej mis-sema hu fuq kulħadd**."*

**Atti 10:36**,

*"[36]Il-kelma li Alla bagħat lil ulied Iżrael, li xxandar is-sliem b'Ġesù Kristu: **hu l-Mulej ta' kulħadd**."*

**Rumani 9:5**,

*"[5]Li tagħhom huma l-patrijarki, li minnhom skond il-ġisem, ġie Kristu, **li hu fuq kollox**, Alla mbierek fiż-żminijiet. Amen."*

**Rumani 10:12**,

*"[12]Ma hemmx għażla bejn Lhudi u Grieg; **Alla hu s-sid ta' kulħadd** u għani ma' dawk kollha li jsejħulu."*

**Filippin 3:20-21**,

*"[20]Għax iċ-ċittadinanza tagħna hi fis-sema; minn hemm ukoll aħna nistennew is-Salvatur, lil Sidna Ġesù Kristu: [21]Li jbiddel il-ġisem ta' l-umiljazzjoni tagħna, biex ikun jixbaħ il-ġisem tal-glorja tiegħu, skond il-qawwa li biha jista' wkoll jissuġġetta kollox għalih innifsu."*

**Efesin 1:20-21**,

*"[20]Li għamel fi Kristu, meta qajmu mill-imwiet, u qiegħdu fin-naħa tal-lemin tiegħu stess fis-smewwiet. [21]Wisq 'il fuq minn kull prinċipat, u setgħa, u qawwa, u ħakma, u kull isem li jissemma, mhux biss f'did-dinja, imma f'dik ukoll li ġejja:"*

**Ġwanni 17:2**,

*"[2]Bħal ma tajtu s-setgħa fuq kull bniedem, biex jagħti l-ħajja ta' dejjem lil dawk kollha li tajtu."*

**Filippin 2:9-11**,

*"[9]Għalhekk Alla għollieh wisq, u tah isem li hu fuq kull isem: [10]Biex għall-isem ta' Ġesù tiltewa kull irobba, ta' ħlejjaq fis-sema, u ta' ħlejjaq fuq l-art, u ta' ħlejjaq taħt l-art; [11]U li kull ilsien jistqarr li Ġesù Kristu hu l-Mulej, għall-glorja ta' Alla l-Missier."*

Bħala Mulej, Hu s-Sid jew Mexxej. L-awtorità Tiegħu testendi għan-nies kollha, huma jew mhumiex dixxipli.

**Ġesù huwa l-Imħallef ta' Kulħadd**

**Atti 17:30-31**,

*"[30]Alla għalaq għajnejh sakemm il-bnedmin kienu għadhom fl-injoranza; issa għarrafhom li kulħadd għandu jindem, hu fejn hu. [31]Għax hu għażel jum li fih għandu jagħmel ħaqq ġust mid-dinja*

*permezz ta' bniedem li ħatru hu; u ta' dan kollu ta prova quddiem kulħadd billi lilu qajjmu mill-imwiet*"

Dan il-kliem intqal lill-Ġntili li ma kinux jemmnu.

**Ġwanni 5:22-29,**

"*22 Għax il-Missier ma jagħmel ħaqq minn ħadd, iżda ta kull ħaqq lil Ibnu: 23 Biex il-bnedmin kollha jagħtu ġieh lill-Iben, bħal ma jagħtu ġieh lill-Missier. Min ma jagħtix ġieh lill-Iben, ma jagħtix ġieh lill-Missier li bagħtu. 24 Tassew, tassew, ngħidilkom: Min jisma' kelmti, u jemmen f'dak li bagħatni, ikollu l-ħajja ta' dejjem, u ma jiġix għall-kundanna; iżda jgħaddi mill-mewt għall-ħajja. 25 Tassew, tassew, ngħidilkom: Tasal is-siegħa, u issa hi, mela l-mejtin jisimgħu leħen l-Iben ta' Alla: u dawk li jisimgħu jgħixu. 26 Għax bħalma l-Missier għandu l-ħajja fih innifsu, hekk ukoll ta lil Iben li jkollu l-ħajja fih innifsu, 27 U tah ukoll is-setgħa li jagħmel ħaqq, għax hu Bin il-bniedem. 28 La tistagħġbux b'dan: tiġi siegħa meta **dawk kollha** li jkunu fl-oqbra jisimgħu leħnu, 29 U joħorġu: dawk li jkunu għamlu t-tajjeb iqumu għall-ħajja, imma dawk **li jkunu għamlu l-ħażin iqumu għall-kundanna**.*"

**2 Korintin 5:10,**

"*10 Jinħtieġ li lkoll kemm aħna nidhru quddiem it-tribunal ta' Kristu, ħalli **kulħadd** jieħu skond it-tajjeb jew il-ħażin li jkun għamel meta kien għadu ħaj fil-ġisem.*"

**Mattew 25:31-46,**

"*31 Meta jiġi Bin il-bniedem fil-glorja tiegħu u bl-anġli kollha miegħu, imbagħad joqgħod fuq it-tron glorjuż tiegħu. 32 U quddiemu jinġabru **l-ġnus kollha**, u hu jifridhom minn xul-xin, bħalma r-ragħaj jifred in-ngħaġ mill-mogħoż; 33 In-ngħaġ iqegħedhom fuq il-lemin tiegħu u l-mogħoż fuq ix-xellug. 34 Imbagħad is-Sultan igħid lil dawk ta' fuq il-lemin tiegħu, 'Ejjew, imberkin minn Missieri, ħudu b'wirt tagħkom is-Saltna li tħejjiet għalikom sa mill-ħolqien tad-dinja. 35 Għax kelli l-ġuħ, u tajtuni niekol: kelli l-għatx, u tajtuni nixrob: barrani kont, u lqajtuni: 36 Għarwien, u libbistuni: marid kont, u żortuni: fil-ħabs kont, u ġejtu tarawni. 37 Imbagħad iwiġbuh in-nies sewwa, billi jgħidu: Mulej, meta rajniek bil-ġuħ, u tmajniek, jew bil-għatx, u sqejniek? 38 Meta rajniek barrani, u lqajniek? Jew għarwien, u libbisniek? 39 U meta rajniek marid, jew fil-ħabs, u gejna għandek? 40 U s-Sultan iweġibhom u jgħid, 'Tassew, ngħidilkom, kull ma għamiltu ma' wieħed mill-iżgħar fost dawn ħuti, għamiltuh miegħi.' 41 Imbagħad igħid ukoll lil dawk ta' fuq ix-xellug, 'Morru minn quddiemi, misħutin, fin-nar ta' dejjem li tħejja għax-xitan u għal l-anġli tiegħu. 42 Għax kelli l-ġuħ, u ma tajtunix niekol: kelli l-għatx, u ma tajtunix nixrob: 43 Barrani kont, u ma lqajtunix: għar-wien, u ma libbistunix; marid, u fil-ħabs, u ma żortunix. 44 Imbagħad iwiġbuh huma wkoll, billi igħidu: Mulej, meta rajniek bil-ġuħ, jew bil-għatx, jew barrani, jew għarwien, jew marid, jew fil-ħabs, u ma waqafniex miegħek?*

*[45]Iweġibhom imbagħad u jgħidilhom, 'Tassew, ngħidilkom, dak li ma għamiltux ma' wieħed minn dawn iż-żgħar, anqas miegħi ma għamiltuh. [46]U dawn imorru fit-tbatija ta' dejjem u l-ġusti fil-ħajja ta' dejjem."*

In-nies ikunu ġġudikati skond it-tagħlim ta' Ġesù, ukoll jekk huma jirriġettawh:

**Ġwanni 12:48,**

"*[48]**Min iwarrabni, u ma jilqax kliemi**, għandu wieħed li jagħmel ħaqq minnu: **il-kliem li jiena għidt, dan jagħmel ħaqq minnu** fl-aħħar jum."*

Jekk ma jobdux l-Evanġelju, huma jkunu meqruda:

**2 Tessalonikin 1:8-9,**

"*[8]F'nar iħeġġeġ, u jitħallas minn **dawk li ma jagħarfux lil Alla**, u 'l dawk **li ma jobdux l-Evanġelju ta' Sidna Ġesù**. [9]Li jitħallsu bit-telfien ta' dejjem, 'il bogħod minn wiċċ il-Mulej u mill-glorja tal-qawwa tiegħu."*

Barra dan, il-liġi ta' Ġesù u l-liġi ta' Alla huma l-istess. Dak li għallem Ġesù huwa dak li kien irrivelat Lilu mill-Missier (**Ġwanni 12:49; 17:8, 10, 20, 21; 16:15; Luqa 10:16**). Għalhekk, in-nies huma obligati li jobdu l-liġi ta' Ġesù għaliex hija l-liġi ta' Alla, u r-regola ta' Alla hija universali.

Mela, jiġi, li n-nies kollha huma obligati li jobdu l-liġijiet ta' Ġesù. Li tiċħad id-dmir tan-nies kollha li jobdu l-kmandamenti ta' Ġesù huwa li ċċekken l-awtorità u l-pożizzjoni eżaltata ta' Kristu, u wkoll li tiċħad ir-responsabbiltà tan-nies kollha biex jobdu l-Alla l-Missier!

## B. Il-Liġi Ta' Ġesù Hija Unità Sħiħa, Kompluta.

**Dawk li huma suġġetti għall-awtorità ta' Ġesù (li tinkludi lil kulħadd), għandhom ikunu suġġetti għal-liġi kollha.**

**Ġakbu 2:8-12,**

"*[8]Jekk tassew tħarsu l-liġi rjali skond l-iskrittura: Tħobb 'il għajrek bħalek innifsek, tagħmlu sewwa: [9]Imma jekk tħarsu lejn l-uċuħ, tagħmlu dnub, u tkunu ikkundannati mill-liġi bħala ħatjin. [10]Għaliex min iħares il-liġi kollha, u jonqos f'ħaġa waħda, ikun ħati ta' kollox. [11]Għax min qal: La tagħmilx adulterju, qal ukoll: La toqtolx. Issa jekk int ma tagħmilx adulterju, imma toqtol, inti ksirt il-liġi. [12]Hekk tkellmu, u hekk agħmlu, bħal dawk li sa jsir ħaqq minnhom **bil-liġi tal-libertà**."*

Bħat-Testment il-Qadim, il-liġi perfetta tal-libertà hi *sħiħa*. Aħna għandna nżommuha kollha jew nieqfu kkundannati bħala li niksruha (**Galatin 5:3**).

**Atti 3:22-23,**

"*[22]Għax Mosè tassew qal lill-missirijiet: Il-Mulej Alla tagħkom iqajmilkom profeta minn ħutkom, bħali; isimgħu f'kulma jgħidilkom. [23]U jiġri, li kull ruħ, li ma tismax lil dak il-profeta, tinqered minn fost il-poplu."*

Aħna għandna nagħtu widen għal Ġesù fil-ħwejjeġ **Kollha** li Hu jgħid jew aħna nkunu meqruda. Dan kien intqal lil nies li ma kinux id-dixxipli Tiegħu. (**Mattew 28: 18-20; 4:4**).

**Nies barra mill-knisja huma biċ-ċar suġġetti għal xi wħud mill-kmandi ta' Kristu. Billi l-Evanġelju huwa sistema sħiħa, huma għandhom kollha jkunu suġġetti għalih.**

Midinbin barranin huma obligati biex jobdu l-kmandi ta' l-Evanġelju biex jemmnu, jindmu, u jkunu mgħammdin (**Mark 16:15-16; Mattew 28: 18-20; Atti 17:30; 2:38; 22:16; 10:48; 2 Tessalonikin 1:8**). Jekk nies mhumiex suġġetti għal-liġi ta' Ġesù, imbagħad kif huma jistgħu jkunu miżmuma responsabbli talli jirrifjutaw biex jemmnu, jindmu, u jitgħammdu (**Rumani 4:15**)? Imma biċ-ċar in-nies kollha huma responsabbli biex jobdu l-kmandi ta' Ġesù biex ikunu maħfura. Imma dawn il-kmandi huma biss parti tal-liġi Tiegħu li għandha tkun meħuda bħala sħiħa. Għalhekk, dawk barra mill-knisja huma responsabbli għas-sistema kollha.

Jekk il-liġijiet ta' Kristu mhumiex li jorbtu fuq nies li huma barra mill-knisja, imbagħad kif dawn in-nies jistgħu jkunu ħatja tad-dnub? **1 Ġwanni 3:4** – Id-dnub huwa l-ksur tal-liġi ta' Alla (mhux il-liġi ċivili). Jekk nies barra mill-knisja mhumiex suġġetti għal-liġi ta' Ġesù, u l-liġi ta' Ġesù hija l-liġi ta' Alla, allura kif dawn in-nies saru midinbin (**Rumani 4:15**)?

Il-knisja tikkonsisti min-nies li kienu salvati mid-dnub (**Atti 2:47**; **Efesin 5:23, 25**). Meta persuna tisma' l-Evanġelju temmen, tindem mid-dnub, tistqarr, u tkun mgħammda għall-maħfra tad-dnub, imbagħad id-demm ta' Ġesù jaħfrilha d-dnubiet tagħha (**Efesin 1:7; Rivelazzjoni 1:5; Mattew 26:28; Rumani 5:6-9**) u l-Mulej iżidha fil-knisja (**Atti 2:47**). Imma għaliex persuna saħansitra teħtieġ li tagħmel dan jekk il-liġi ta' Ġesù ma tapplikax għaliha?

Jekk nies mhumiex suġġetti għal-liġi ta' Ġesù, xi dnub huma jistgħu jkunu ħatja tiegħu, kif huma jistgħu jkunu miżmuma responsabbli talli jsiru Kristjani, u għaliex huma saħansitra għandhom jidħlu fil-knisja? Il-fatt li huma obligati biex jobdu xi kmandi, huwa prova li huma responsabbli għal-liġi kollha kemm hi.

**Nota:** Huwa tassew li ċerti liġijiet speċifiċi jirregolaw biss nies f'ċerti ċirkustanzi, bħal liġijiet għan-nisa, irġiel, anzjani, ġuri, tfal, eċċ. (F'dan is-sens l-Ikla tal-Mulej hija biss għal dawk fiċ-ċirkustanza ta' li kienu mnaddfa bid-demm ta' Ġesù.) Jekk aħna m'aħniex fiċ-ċirkustanza mfissra, allura ma nistgħux nobdu dik il-liġi, imma dan hu għaliex aħna m'aħniex fiċ-ċirkustanza pjuttost milli li aħna m'aħniex suġġetti għal-liġi kollha kemm hi. Ġesù qal li hemm nies li huma ewnuki u għalhekk il-liġi tad-divorzju u żwieġ mill-ġdid ma taffettwahomx (**Mattew 19:1-12**). Imma dik hija l-unika eċċezzjoni li Hu ta. Nies li huma miżżewwġin qegħdin fiċ-ċirkustanza bħala li l-liġi tapplika għalihom.

## Ċ. It-Tagħlim Ta' Ġesù Dwar id-Divorzju u Żwieġ mill-Ġdid Kien Indirizzat lin-Nies Inġenerali, Mhux Biss lid-Dixxipli Tiegħu.

***Mattew 19:3-9 – Lil min Ġesù ndirizza dawn l-istruzzjonijiet?***

Innota lil min Hu ndirizza.

**Vers 2** – Hu kien qiegħed ikellem lill-**folla** kbira.

**Versi 3, 4** – It-tagħlim ta' Ġesù fuq id-divorzju kien tweġiba għall-mistoqsija magħmula mill-**Fariżej** li kienu qegħdin ifittxu biex "jippruvawh." Hu indirizza t-

tweġiba Tiegħu "lilhom" (vers 4). Biċ-ċar li huma ma kinux id-dixxipli Tiegħu imma l-għedewwa u dawk li jopponuh (id-dixxipli aktar wara kienu msejħa Kristjani – **Atti 11:26**). (**Mark 10:2; Luqa 16:14, 15, 18**).

__Vers 5__ – Ġesù kkwota **Ġenesi 2:24** jgħid li "**raġel**" għandu jħalli lil missieru u lil ommu u jingħaqad ma' martu (**Mark 10:7**). Aħna dlonk sejrin naraw li din kienet universali fl-applikazzjoni. Dan jinkludi n-nies kollha kullimkien.

__Vers 9__ – "**Kull min**" ikeċċi lil martu u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; (ara wkoll **Luqa 16:18 u Mark 10:11**).

__Versi 10-12__ – Ġesù ddiskuta l-kustjoni ta' **għal min** dan it-tagħlim applika. Hu qal li kien hemm eċċezzjonijiet għal min dan ma applikax – ewnuki! Għalhekk, l-unika eċċezzjonijiet għal liġi ta' Ġesù huma **nies mhux miżżewwġin**! Lil dawk li jgħidu li dan huwa passaġġ ta' "patt," jiena nistaqsi għal liema nies tal-"patt" huwa llimitat.

Il-"*kull min*" ma tistax tkun biss Lhud taħt il-patt tat-Testment il-Qadim billi Ġesù biċ-ċar jammetti lit-tagħlim Tiegħu huwa differenti minn dak ta' Mosè. Ma jistax ikun biss Kristjani taħt l-Evanġelju billi l-Fariżej, li lilhom Ġesù qal dan, ma kinux dixxipli. Għalhekk ma jistax ikun illimitat għal xi nies "tal-patt." Għandu jkun applikazzjoni universali għan-nies kollha.

[Jekk ikun jista' jiġi muri li **Mark 10:10-12** igħid li Ġesù qal it-tagħlim lid-dixxipli fid-dar, jiena nuri li dan hu ***wara*** li Hu qal it-tagħlim ġenerali Tiegħu fuq id-divorzju. Hu kien diġà għamel ċar lil l-għedewwa Tiegħu li l-Kelma ta' Alla kienet kontra d-divorzju. Għalhekk, dan dan ma jgħinx il-każ ta' dawk li jemmnu lit-tagħlim ta' Ġesù kontra d-divorzju ma japplikax għall-frustieri, barranin].

**__Mattew 5:31, 32__ – Għal min japplika dan it-tagħlim?**
"*Kull min*"; "*Kulħadd.*"

Biċ-ċar Ġesù intenzjona għat-tagħlim Tiegħu dwar id-divorzju u żwieġ mill-ġdid li jkun applikazzjoni universali. Ma hemm xejn biex jimplika li Hu fisser dan għad-dixxipli Tiegħu biss. Għal kuntrarju il-kuntest kollu juri li dan japplika għal l-għedewwa Tiegħu u dawk mhux dixxipli kif ukoll għad-dixxipli Tiegħu.

### D. Ġesù Bbaża t-Tagħlim Tiegħu Dwar id-Divorzju fuq il-Liġi Oriġinali ta' Alla taż-Żwieġ, li Applikat għan-Nies Kollha.

***__Mattew 19:4-8__ – Ġesù bbaża t-tagħlim Tiegħu dwar id-divorzju u żwieġ mill-ġdid fuq il-liġi t'Alla "mill-bidu," u kkwota Ġenesi 2:24.***

Għal min dik il-liġi applikat? Din hija l-liġi ta' Ġesù u hija l-liġi ta' Alla. Hija wiesa daqs l-awtorità ta' Ġesù u daqs ta' Alla l-Missier. Barra dan, din il-liġi ma kinetx liġi tal-knisja jew ordinanza tal-knisja, imma kienet oriġinarjament mogħtija xi 4000 sena qabel ma bdiet il-knisja. Kif mela tista' tkun ristretta biss għal nies fil-knisja?

Din il-liġi kienet mogħtija lil l-ewwel raġel u mara li minnhom in-nies kollha ġew. Din kienet intenzjonata għad-dixxendenti ta' Adam u Eva, billi hija tiddeskrivi "raġel" iħalli lil missieru u lil ommu (li Adam u Eva ma kellhomx). Għalhekk, l-istruzzjoni, kif mogħtija oriġinarjament, appli-kat universalment għan-nies kollha.

Imma Ġesù kkwota l-passaġġ u qal li l-istess tagħlim huwa fl-effett illum, u l-appostlu Pawlu wkoll ikkwotah f'**Efesin 5:31**. Dan il-prinċipju huwa l-bażi tat-

tagħlim ta' Ġesù dwar id-divorzju u ż-żwieġ mill-ġdid. Għal min japplika dan il-prinċipju?

Il-prinċipju oriġinali applika għall-"bniedem." Dik l-espressjoni għandha tkun l-istess wiesa fit-tifsira llum daqs kemm kienet meta oriġinarjament kienet mogħtija. Għal min din applikat dak iż-żmien? Min hu dak "il-bniedem"? Il-bnedmin kollha, dixxendenti ta' Adam u Eva. Billi t-tagħlim ta' Ġesù fuq id-divorzju u żwieġ mill-ġdid hu bbażat fuq dik il-liġi, it-tagħlim Tiegħu għandu japplika għal l-istess "bniedem"–il-bnedmin kollha!

Barra dan, il-liġi ta' Alla taż-żwieġ hija wiesa fl-applikazzjoni daqs kemm hija rriproduzzjoni sesswali umana. Il-liġi ta' Alla taż-żwieġ hija l-bażi biex tillimita l-għaqda sesswali għan-nies li huma miżżewwġin (ġisem wieħed). Din il-liġi hija wżata fl-**1 Korintin 6:16** biex tipprojbixxi s-sess barra miż-żwieġ (**Lhud 13:4; 1 Korintin 7:2-5**).

Imma, mill-bidu, il-kmand biex tirripproduċi kien indirizzat lin-nies li Alla għamilhom fuq ix-xbieha Tiegħu stess (**Ġenesi 1:26-28**), u dak jinkludi lin-nies kollha (**Ġenesi 5:1-4; 9:6**; eċċ.). Għalhekk, kull darba, kull fejn nies jipparteċipaw fl-att sesswali, huma marbuta bil-liġi ta' Alla taż-żwieġ. Mhijiex biss għal nies fir-relazzjoni tal-patt ma' Alla.

Imma din il-liġi universali taż-żwieġ hija l-bażi tal-liġi ta' Ġesù dwar id-divorzju u żwieġ mill-ġdid. Hija kkwotata aktar tard fit-Testment il-Ġdid (**Efesin 5:31; 1 Korintin 6:16**). **Jekk il-liġi oriġinali kienet universali fl-applikazzjoni għan-nies kollha, u jekk dik il-liġi hija l-bażi tal-liġi ta' Ġesù tad-divorzju u żwieġ mill-ġdid, din għandu jkollha l-istess applikazzjoni universali.**

***Jekk il-liġi ta' Alla taż-żwieġ tapplika biss għall-membri tal-knisja, ikkonsidra l-konsegwenzi.***

Ma jkunx jimporta xi jkunu għamlu dawk li mhumiex Kristjani dwar iż-żwieġ jew kondotta sesswali. Jekk il-liġijiet ta' Alla taż-żwieġ japplikaw għal dawk li mhumiex Kristjani jew dan ma japplikawx. Jekk il-liġijiet ma japplikawx allura mbagħad jiġi li:

* Alla ma jagħraf xejn iż-żwiġijiet ta' dawk li mhumiex Kristjani.

(Iżda nnota **Mattew 24:38-51; Ġwanni 4:16-18; Atti 24:24; Mattew 27:19**).
[Ikun ifisser dan lin-nies kollha, meta huma jsiru Kristjani, ma jkunux miżżewwġin f'għajnejn Alla u għalhekk għandhom jiżżewwġu wara l-magħmudija inkella r-relazzjoni tagħhom tkun issa ssir adultera? Ara noti fuq **1 Korintin 7:14**.]

* Ma jimpuratx x'kondotta sesswali nies barra minn Kristu jikkommettu.

Il-liġijiet kollha li jirregolaw il-kondotta sesswali huma bbażati fuq il-liġi taż-żwieġ (**Ġenesi 2:24; Lhud 13:4; 1 Korintin 6:16; 7:2-5**). (Aħna aktar wara sejrin naraw li nies barra minn Kristu huma miżmuma responsabbli għall-kondotta sesswali.)

Barra dan jiġi wkoll li, meta persuna barra minn Kristu jkollha relazzjoni sesswali, ma jimpurtax ma min hija kollha din ir-relazzjoni jew taħt liema ċirkustanzi, din mhijiex dnub għaliex ma hemm ebda dnub fejn ma hemmx liġi (**Rumani 4:15**). Jekk frustiera (dawn barra minn Kristu) mhumiex suġġetti għal-liġijiet ta' Ġesù tad-divorzju, dan għandu jkun għaliex huma mhumiex suġġetti għal-liġi ta' Alla taż-żwieġ, li min-naħa l-oħra jfisser li huma ħielsa mir-regolamenti kollha dwar l-adulterju, żina, omosesswalità, eċċ.!

***** Jekk il-liġi taż-żwieġ ma tapplikax barra minn Kristu, għaliex wieħed li ma jemminx ikun meħtieġ biex jipprovdi għal martu jew jieħu ħsieb uliedu (**1 Timotju** 5:8)?

***** Imbagħad jiġi li, jekk persuna qed tikkonsidra li ssir Kristjana, imma ma tħobbx lis-sieħeb (jew sieħba) tagħha, hu għandu jeħles minnha u jiżżewweġ persuna li huwa jrid qabel ma jitgħammed.

Min-naħa l-oħra, jekk il-liġi ta' Alla taż-żwieġ tapplika għal dawk barra minn Kristu, allura l-liġi ta' Alla kontra kondotta ħażina sesswali tapplika għalihom, u hekk ukoll it-tagħlim ta' Ġesù dwar id-divorzju u żwieġ mill-ġdid, għaliex hu bbażata fuq il-liġi t'Alla taż-żwieġ. Hu kollox jew xejn.

[Innota li dan l-argument huwa validu ma jimpurtax x'mezzi persuna tuża biex twassal suġġetti frustiera għal-liġi ta' Alla taż-żwieġ. Jekk huma jgħidu li huma suġġetti għal l-Evanġelju, għal-"liġi morali," għal-"liġi fuq il-qalb," il-"liġi ta' l-imħabba," jew tkun liema liġi tkun li huma jgħidu, jekk huma jammettu li nies barra minn Kristu huma suġġetti għal-liġi ta' Alla taż-żwieġ, allura t-tagħlim ta' Ġesù dwar id-divorzju u żwieġ mill-ġdid japplika wkoll.]

### E. Il-Bibbja Espressament Issemmi Nies Barra mill-Knisja Li Kienu Miżmuma Ħatja li Kisru l-Liġijiet Ta' Alla taż-Żwieġ.

Aħna rajna li l-liġijiet ta' Alla kontra immoralità sesswali huma bbażati fuq il-liġi Tiegħu taż-żwieġ. Imma dik l-istess liġi hija l-bażi tat-tagħlim ta' Ġesù kontra d-divorzju u żwieġ mill-ġdid. Għalhekk, il-liġi taż-żwieġ, il-liġijiet li jirregolaw kondotta sesswali, u l-ligi tad-divorzju kollha japplikaw għal eżattament l-istess nies. Partikularment, divorzju u żwieġ mill-ġdid (mingħajr bażi Skritturali) Ġesù qal kien adulterju, forma partikulari ta' kondotta ħażina sesswali.

Għalhekk, jekk aħna nistgħu nsibu passaġġi li jgħidu li frustiera barra minn Kristu huma suġġetti għal-liġijiet ta' Alla fuq kondotta sesswali, imbagħad dan għandu jkun għaliex huma suġġetti għal-liġijiet ta' Alla fuq iż-żwieġ. Imbagħad jiġi li huma suġġetti għal-liġijiet Tiegħu fuq id-divorzju u żwieġ mill-ġdid, billi lkoll jieqfu jew jaqgħu flimkien.

Innota dawn il-passaġġi:

**1 Korintin 5:9, 10,**

> "[8]*Għalhekk ħa nagħmlu l-festa, mhux bi ħmira qadima, lanqas bil-ħmira tal-ħażen u d-deni; iżda bil-ħobż bla ħmira tas-sinċerità u l-verità.* [9]*Ktibtilkom f'epistoli biex ma tagħmluhiex mal-**fornikaturi**.*"

Hemm żienja fid-dinja (f'kuntrast għall-knisja). Għalhekk, nies barra mill-knisja huma suġġetti għal-liġijiet ta' Alla fuq il-kondotta sesswali.

**1 Korintin 6:9-11,**

> "[9]*Ma tafux li l-inġusti ma jirtuhiex is-saltna ta' Alla? La titqarrqux! **La l-fornikaturi**, la idolatri, la adulteri, la effeminati, la omosesswali,* [10]*La ħallelin, la rgħiba, la skaren la qassiesa fuq in-nies, la ħattafa, ma jirtu s-saltna ta' Alla!* [11]***U minn dawn kienu xi wħud minnkom. Imma issa** tnaddaftu, tqaddistu u ġejtu ġġustifikati fl-isem ta' Sidna Ġesù Kristu u fl-Ispirtu ta' Alla tagħna.*"

Il-Korintin kienu żienja, adulteri, eċċ., qabel ma huma kienu maħsula, imnaddfa u ġġustifikati minn Kristu. Alla żamm lil dawn in-nies responsabbli talli obdew il-liġijiet sesswali Tiegħu ukoll meta huma kienu barra mill-knisja. Dan jinkludi l-adulterju, u divorzju u żwieġ mill-ġdid jikkostitwixxu adulterju.

<u>Kolossin 3:5-10</u>,

> "[5]*Mewtu mela l-membri tagħkom li huma fuq l-art:* ***il-fonikazzjoni****, ħmieġ, passjoni, xewqat ħżiena, u r-regħba li hija idolatrija:* [6]*Li minħabba fihom jiġi l-għadab ta' Alla* ***fuq ulied id-diżubbidjenza****:* [7]*Li* ***fihom intom ukoll imxejtu darba, meta kontu tgħixu fihom****.* [8]***Imma issa*** *wkoll neħħejtu dawn koll-ha: korla, rabja, il-ħażen, il-ħalf, u kliem mhux xieraq minn fommkom.* [9]*La tigdbux lil xulxin, wara li intom inżajtu l-bniedem il-qadim bl-għemejjel tiegħu;* [10]*U lbistu l-bniedem il-ġdid, li hu mġedded fil-għerf skond ix-xbieha ta' min ħalqu.*"

Dawk li jiġu fi Kristu għandhom ineħħu l-kondotta tar-"raġel il-qadim" – jiġifieri, il-mod li huma kienu jgħixu bih qabel ma saru Kristjani. Din il-ħajja qadima tinkludi ż-żina (fornikazzjoni) (**vers 5**), għalhekk, il-liġijiet sesswali ta' Alla japplikaw għal dawk barra minn Kristu.

<u>1 Timotju 1:9-11</u>,

> "[9]*Nafu li* ***l-liġi mhix magħmula għal dawk li huma tajbin, imma għal dawk li huma bla liġi u bla reliġjon*** *u sagrilegi, qattiela ta' missirijiethom u ommijiethom, qattiela,* [10]***Għall-fornikaturi****, għal dawk li jiżnu ma' l-irġiel u mas-subjien, negozjanti ta' l-ilsiera, giddieba, sperġuri; u għal dak kollu li jmur kontra t-tagħlim sħiħ.* [11]*Dan hu li jgħallem l-Evanġelju tal-glorja ta' Alla l-imbierek, afdat f'idejja.*"

Nies li jikkommettu d-dnubiet diversi msemmija fuq qegħdin jipprattikaw dak li huwa kuntrarju għal l-"Evanġelju." Inklużi fil-lista huma diversi punti morali, b'hekk juri li l-liġijiet "morali" huma nklużi fl-"Evanġelju."

Partikularment, nies li jikkommettu "żina" qegħdin jiksru l-Evanġelju. Imma l-Evanġelju għandu jkun ippridkat lill-"ħolqien kollu" fid-"dinja kollha" (**Mark 16: 15-16; 2 Tessalonikin 1:8-9**). Għalhekk, in-nies kollha għandhom jobdu l-Evanġelju, inkluż il-projbizzjonijiet tiegħu kontra ż-żina.

<u>1 Timotju 5:8</u>,

> "[8]*Jekk xi ħadd ma jaħsibx għal niesu, u l-aktar għan-nies ta' daru, ikun ċaħad il-fidi, u hu agħar minn wieħed li ma jemminx.*"

Wieħed li ma jipprovdix għall-familja tiegħu stess huwa agħar minn wieħed li ma jemminx. Madankollu jekk il-liġijiet ta' Alla taż-żwieġ ma japplikawx għal dawk li ma jemmnux, kif jistgħu huma jkunu miżmuma responsabbli għall-familji tagħhom?

Dawn il-passaġġi kollha juru ċar li ***nies barra mill-knisja huma suġġetti*** għal-liġijiet ta' Alla dwar iz-żina u l-adulterju. Imma divorzju u żwieġ mill-ġdid mhux Skritturali jikkostitwixxu "adulterju."

Barra dan, jekk nies huma suġġetti għal-liġijiet sesswali ta' Alla, dan jagħti prova li huma suġġetti għal-liġi Tiegħu taż-żwieġ. U jekk nies huma suġġetti għal-liġi taż-

żwieġ, allura huma għandhom ikunu suġġetti għal-liġi ta' Ġesù dwar id-divorzju u żwieġ mill-ġdid, billi din hija wkoll ibbażata fuq il-liġi taż-żwieġ.

## Parti III
## Jekk Persuna Għandha Żwieġ Mhux Skritturali, X'għandha Hija Tagħmel Biex Issir Kristjana?

Xi nies jemmnu li, jekk persuna kienet iddivorzjat (mhux għak fornikazzjoni) u reġgħet iżżewwġet, meta hi ssir Kristjana, hi tista' tibqa' mas-sieħeb (jekk hija mara) jew sieħba (jekk hija raġel) tagħha. X'tgħid il-Bibbja dwar dan?

**I. It-Tagħlim tal-Bibbja Jeħtieġ li Persuna Bħal Din Tħalli lis-Sieħeb Tagħha jew Tiegħu li Mhumiex Skritturali.**

Dan hu tassew kemm jekk ir-relazzjoni kienet magħmula qabel jew wara l-magħmudija.

**A. Alla Jkompli Biex Iżomm Nies Bħal Dawn Obligati li Jonoraw l-Impenn tal-Patt taż-Żwieġ Tagħhom Ta' Qabel. Jiġi Wara li Kull Għaqda Sesswali fiż-Żwieġ Preżenti Hija Adulterju.**

Jiġi wara li l-uniku mod li persuna bħal din tista' tkun Kristjana fidila huwa li twarrab ir-relazzjoni ta' raġel u martu, inkluż ir-relazzjoni sesswali, mas-sieħeb (jew sieħba) preżenti.

**Malakija 2:14-16,**

> "[14]*U madankollu tgħidu: Għaliex? Għax Jaħweh hu xiehed bejnek u bejn mart żgħożitek, li magħha ma kontx fidil, għalkemm hi seħbitek, martek bir-rabta tiegħek.* [15]*Iżda, tgħidu intom, mhemmx wieħed li għamel hekk, u madankollu l-ispirtu baqa' fih? Iżda għaliex dak il-wieħed għamel dan? Għax kien ifittex in-nisel imwiegħed lilu minn Alla. Ħudu ħsieb l-ispirtu tagħkom, u ħalli ħadd ma jimxi bil-qerq ma' mart żgħożitu.* [16]***Għax jien nobgħod id-divorzju, igħid Jaħweh, Alla ta' Iżrael****, u lil min bil-ħażen jiksi lbiesu, igħid Jaħweh ta' l-eżerċti. Għalhekk ħudu ħsieb l-ispirtu tagħkom, u la timxux bil-qerq.*"

Iż-żwieġ huwa relazzjoni ta' patt li Alla jixhed u jżomm nies responsabbli biex jonorawh. Naqraw f'**Ekkleżjażti 5:4-5**,

> "[4]*Meta tkun għamilt wegħda lil Alla, la ddumx ma troddha; għax Alla ma jogħġbuhx il-boloh: rodd il-wegħda li tkun għamilt.* [5]*Aħjar ikun għalik li ma tagħmilx wegħdi, milli tagħmilhom u ma troddhomx.*"

**Lhud 13:4,**

> "[4]*Ħa jkun imweġġah iż-żwieġ f'kollox, u s-sodda taż-żwieġ ħa tkun bla tebgħa; iżda Alla jagħmel ħaqq miż-żienja u mill-adulteri.*"

**1 Korintin 7:2-5,**

> "[2]*Madankollu, biex naħarbu ż-żina, ħalli kull raġel ikollu 'l martu, u kull mara jkollha 'l żewġha.* [3]*Ħa jagħti r-raġel lil martu dak li jistħoqqilha: u l-istess ukoll il-mara lil żewġha.* [4]*Il-mara m'għandhiex*

*awtorità fuq ġisimha, iżda r-raġel: u l-istess ukoll ir-raġel m'għandux awtorità fuq ġismu, iżda l-mara. [5]La tiċċaħdux minn xulxin, ħlief biss bi tfehim għal xi żmien, biex tagħtu ruħkom għas-sawm u t-talb; imbagħad terġgħu għal flimkien, biex Satana ma jittantakomx minħabba li ma tkunux tifilħu żżommu.*"

L-għaqda sesswali hija skond il-liġi biss mal-persuna waħda li magħha aħna għandna patt taż-żwieġ validu. F'kull każ ieħor hija *fornikazzjoni*.

**Rumani 7:2-3,**

"[2]*Għax il-mara li għandha żewġha hi marbuta bil-liġi ma' żewġha kemm idum ħaj; iżda jekk imut ir-raġel, hi maħlula mil-liġi ta' żewġha. [3]Għalhekk mela, jekk waqt li għadu ħaj żewġha, tiżżewweġ raġel ieħor, tissejjaħ* ***adultera****: iżda jekk imut żewġha, hi meħlusa minn dik il-liġi; u ma tkunx adultera, jekk tiżżewweġ raġel ieħor.*"

**1 Korintin 7:39,**

"[39]*Il-mara hi marbuta bil-liġi kemm idum ħaj żewġha: imma jekk żewġha jmut, hi maħlula, u tista' tiżżewweġ lil min trid hi; biss fil-Mulej.*"

Il-patt taż-żwieġ jikkommetti persuna għas-sieħeb tagħha jew sieħba tiegħu għal ħajjithom kollha. Kull darba lis-sieħba ta' raġel (martu) hija ħajja, jekk aħna jkollna relazzjoni taż-żwieġ (inkluż l-għaqda sesswali) ma' xi ħadd ieħor, aħna nkunu ħatja ta' adulterju (ukoll jekk aħna nkunu miżżewwġin skond il-liġi ċivili). Innota li l-ewwel impenn taż-żwieġ ikompli sakemm l-ewwel kumpann huwa (jew hija) ħaj, mhux biss sal-magħmudija.

**Mattew 19:3-9,**

"[3]*U l-Fariżej resqu lejh ukoll, iġarrbuh, u jgħidulu: Sewwa li raġel ikeċċi lil martu għal kull kawża? [4]U wieġeb u qalilhom: Ma qrajtux, li dak li mill-bidu ħalaqhom għamilhom raġel u mara? [5]U qalilhom: Minħabba f'hekk raġel iħalli lil missieru u lil ommu, u jingħaqad ma' martu: u t-tnejn isiru ġisem wieħed. [6]Għalhekk mhumiex iżjed tnejn, iżda ġisem wieħed. Dak mela li Alla għaqqad flimkien, ħa ma jifridx il-bniedem. [7]Qalulu: Għaliex mela Mosè ordna li tingħata l-kitba tad-divozju, u titkeċċa? [8]Qalilhom: Mosè minħabba l-ebusija ta' qalbkom ħalliekom tkeċċu n-nisa tagħkom: iżda mill-bidu ma kienx hekk. [9]U jien ngħidilkom: Kull min ikeċċi lil martu,* ***ħlief minħabba l-fornik-azzjoni****, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u dak li jiżżewweġ lil dik li tkeċċiet jikkommetti adulterju.*"

Alla jgħaqqad raġel u mara fil-patt (rabta) taż-żwieġ, u r-raġel m'għandu ebda dritt li jwarrbu fil-ġenb. Jekk raġel iwarrbu fil-ġenb, Alla xorta jżommu għalih, għalhekk iż-żwieġ sussegwenti (ta' wara) tiegħu huwa adulteru.

**1 Korintin 7:10-11, 2-5,**

"[10]*U lill-miżżewġin nordna, mhux jien, imma l-Mulej: Ħa ma titlaqx il-mara minn żewġha: [11]Iżda jekk titlaq, ħa tibqa' ma tiżżewwiġx, jew tarġa' tagħmel paċi ma' żewġha: u r-raġel ħa ma jkeċċix lil martu.... [2]Madankollu, biex naħarbu l-fornikazzjoni, ħalli kull raġel ikollu 'l*

*martu, u kull mara jkollha 'l żewġha.* [3]*Ħa jagħti r-raġel lil martu dak li jistħoqqilha: u l-istess ukoll il-mara lil żewġha.* [4]*Il-mara m'għandhiex awtorità fuq ġisimha, iżda r-raġel: u l-istess ukoll ir-raġel m'għandux awtorità fuq ġismu, iżda l-mara.* [5]*La tiċċaħdux minn xulxin, ħlief biss bi tfehim għal xi żmien, biex tagħtu ruħkom għas-sawm u t-talb; imbagħad terġgħu għal flimkien, biex Satana ma jittantakomx minħabba li ma tkunux tifilħu żżommu.*"

Persuna m'għandix tiddevorzja l-kumpann tagħha. Imma x'għandu wieħed jagħ-mel jekk huwa diġà jinsab iddivorzjat? Hemm biss żewġ għażliet disponibbli—jibqa' mhux miżżewweġ jew inkella jkun irrikonċiljat mal-kumpann veru tiegħu jew tagħha.

Xi ngħid jekk aħna diġà żżewwiġna – ibiddel dak it-tagħlim? Le, aħna xorta għandna biss żewġ għażliet jekk aħna ddivorzjati, ma nagħmlu ebda eċċezzjoni għall-każ li fih wieħed reġa' żżewweġ. Jekk aħna nistgħu nkunu rrikonċiljati mal-kumpann tagħna skond il-liġi, kollox sew. Jekk le, aħna għandna nibqgħu mhux miżżewwġin. Li wieħed jibqa' mal-kumpann mhux skond il-liġi tiegħu (jew tagħha) jkun *żina* kif muri f'**versi 2-5**.

**B. Biex Ikun Maħfur mid-Dnub, Wieħed Għandu Jindem. Imbagħad Huma Għandhom Iġibu 'l Quddiem Frott ta' Indiema.**

Alla huwa lest li jaħfer lil dawk li kienu ddivorzjaw mhux skritturalment u reġgħu żżewwġu. Iżda, huma għandhom joqgħodu għall-kondizzjonijiet tal-maħfra, l-istess kif jagħmlu oħrajn li qegħdin jikkommettu d-dnub.

***L-indiema hija prerekwiżit għall-maħfra tad-dnubiet kemm jekk wieħed qiegħed fil-knisja jew barra mill-knisja.***

**Atti 2:38**,

"[38]*U Pietru weġibhom: "Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta' dnubietkom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu.*"

**Luqa 24:47**,

"[47]*U li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu fost il-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalemm.*"

Min dawn il-passaġġi jidher ċar li mingħajr indiema u magħmudija għall-maħfra tad-dnubiet ma hemmx salvazzjoni.

**Mark 16:16**,

"[16]*Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat.*"

Fidi u magħmudija jsalvaw, nuqqas ta' twemmin iġib il-kundanna.

**2 Pietru 3:9**,

"[9]*Mhux għax jiddawwar il-Mulej li jtemm il-wegħdiet tiegħu, kif jaħsbu xi wħud, imma qiegħed jistabar bikom għax ma jridx li xi ħadd jintilef, imma li kulħadd jersaq għall-indiema.*"

__Luqa 13:3, 5__,

> "[3]*Le, ngħidilkom; imma jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu bħalhom. …*[5]*Le, ngħidilkom; imma jekk ma tindmux, ilkoll tintilfu bħalhom.*"

Alla ma jridx li xi ħadd jintilef imma li jindem.

__Atti 17:30__,

> "[30]*Alla għalaq għajnejh sakemm il-bnedmin kienu għadhom fl-injoranza; issa għarrafhom li kulħadd għandu jindem, hu fejn hu.*"

Alla jikkmanda lin-nies kollha biex jidmu, huma fejn huma.

__Atti 8:22__,

> "[22]*Indem mela minn dal-ħażen tiegħek, u itlob lil Alla, biex forsi l-ħsieb ta' qalbek jinħafirlek.*"

Iben (bint) t'Alla li jidneb għandu jindem mill-ħażen u jitlob għall-maħfra.

***L-Indiema teħtieġ li aħna nsegwu u nibdlu l-kondotta midinba tagħna.***

Aħna għandna nwaqqfu l-prattika tad-dnub u minflok nipprattikaw il-ġustizzja.

__Mattew 21:28-32__,

> "[28]*Iżda x'jidrilkom? Wieħed raġel kellu żewġ ulied; u resaq fejn l-ewwel wieħed, u qal: Ibni, mur aħdem illum fil-għalqa tad-dwieli tiegħi.* [29]*Dak wieġeb u qal: Ma rridx: iżda wara nidem, u mar.* [30]*U resaq fejn it-tieni wieħed, u qal l-istess. U wieġeb u qal: Immur, Sinjur: u ma marx.* [31]*Liema minnhom it-tnejn għamel ir-rieda ta' missieru? Qalulu: L-ewwel wieħed. Ġesù qalilhom: Tassew ngħidilkom: Il-publikani u n-nisa tad-dinja jmorru qabilkom fis-saltna ta' Alla.* [32]*Għax ġiekom Ġwanni fit-triq tal-ħaqq, u ma emmintuhx: iżda l-pubblikani u n-nisa tad-dinja emmnuh: u intom, meta rajtu dan, ma ndimtux wara, biex temmnuh.*"

L-indiema tinvolvi li nibdlu moħħna u li niddeċiedu li nagħmlu r-rieda ta' Alla.

Dan hu minnu jkun xi jkun id-dnub tagħna. Aħna għandna niddeċiedu biex nieqfu mis-serq, gideb, qtil, eċċ. Jekk aħna konna qegħdin nikkommettu l-adulterju fil-forma ta' relazzjoni ta' żwieġ mhux Skritturali, aħna għandna niddeċiedu li nwaqqfu r-relazzjoni, inkluż li nieqfu mill-għaqda sesswali.

Wara li wieħed jindem, biex ikun approvat l-iben għandu jagħmel ir-rieda tal-missier. (**Proverbji 6:31; 2 Pietru 2:20-22**).

__Mattew 3:2, 8__,

> "[2]*U jgħid: 'Indmu, għax is-saltna tas-smewwiet qorbot….* [8]*Agħmlu frott li jistħoqq lill-indiema.*"

__Luqa 3:8-14__,

> "[8]*Agħmlu mela frott li jixraq lill-indiema, u tibdewx tgħidu fikom infuskom: Għandna 'l Abraham b'missierna; għax ngħdilkom, li jista' Alla minn dal-ġebel iqajjem ulied lil Abraham.* [9]*U issa wkoll il-mannara qiegħda ma' għerq is-siġar: għalhekk kull siġra li ma tagħmilx frott tajjeb inqata, u tintafa' fin-nar.* [10]*U n-nies staqsewh, igħidu: Mela x'għandna nagħmlu?* [11]*Wieġeb u qalilhom: Dak li*

> *għandu żewġt ilbiesi, ħa jagħti lil min m'għandux; u min għandu l-ikel, ħa jagħmel hekk ukoll. [12]Imbagħad ġew ukoll xi pubblikani biex jitgħammdu, u qalulu: Mgħallem, x'għandna nagħmlu? [13]U qalilhom: La tiħdux ħlas aktar minn dak li għandkom tieħdu. [14]U staqsewh ukoll is-suldati, billi qalu: U x'nagħmlu aħna? U qalilhom: La tagħmlu vjolenza fuq ħadd, u lanqas tixlu falz lil ħadd; u kunu kuntenti bil-ħlas tagħkom."*

Ġwanni l-Battista ppriedka l-indiema u ħtieġ lin-nies biex jagħmlu frott li jistħoqq lill-indiema.

**<u>Atti 26:20</u>,**

> *"[20]Iżda bdejt inxandar l-ewwel lil dawk ta' Damasku, u f'Ġerusalemm, u fl-artijiet kollha tal-Lhudija, u mbagħad lill-Ġentili, li jaħtieġ jindmu, u jerġgħu lejn Alla, u jagħmlu għemejjel li jixirqu lill-indiema."*

L-appostlu Pawlu ppridka wkoll li nies għandhom jindmu u jagħmlu opri li jixirqu lill-indiema. X'jinvolvi dan?

**<u>Rumani 6:1-19, 23</u>,**

> *"[1]Xi ngħidu mela? Nibqgħu fid-dnub, biex toktor il-grazzja? [2]Allaħares! Kif nistgħu aħna, li mitna għad-dnub, nibqgħu ngħixu fih iżjed? [3]Ma tafux, li ħafna minna li konna mgħammdin f'Ġesù Kristu, konna mgħammdin fil-mewt tiegħu? [4]Għalhekk aħna midfunin miegħu bil-magħmudija fil-mewt; biex bħalma Kristu qam mill-imwiet bil-glorja tal-Missier, hekk ukoll aħna nimxu fit-tiġdid tal-ħajja. [5]Għax jekk sirna ħaġa waħda miegħu fix-xebħ tal-mewt tiegħu, hekk ukoll inkunu fix-xebħ tal-qawmien tiegħu. [6]Billi tafu dan: Li l-bniedem qadim tagħna kien mislub miegħu, biex il-ġisem tad-dnub jinqered, biex ma naqdux aktar lid-dnub; [7]Għax min miet hu meħlus mid-dnub. [8]Issa jekk aħna mejtin ma' Kristu, nemmnu li għad ngħixu wkoll miegħu. [9]Billi nafu li Kristu wkoll wara li qam mill-imwiet ma jmut qatt iżjed; il-mewt ma ssaltanx iżjed fuqu. [10]Għax li miet, miet darba għad-dnub: imma li ħaj, ħaj għal Alla. [11]Hekk ukoll intom qisu wkoll ruħ-kom mejtin tassew għad-dnub, imma ħajjin għal Alla f'Ġesù Kristu Sidna. [12]Tħallux mela d-dnub isaltan f'ġisimkom li jmut, biex tobduh fix-xewqat ħżiena tiegħu. [13]Lanqas tagħtu l-membri ta' ġisimkom biex ikunu għodda tal-ħażen għad-dnub; iżda agħtu lilkom infuskom lil Alla, bħala ħajjin mill-imwiet, u l-membri ta' ġisimkom bħala għodda ta' ħaqq għal Alla. [14]Għax id-dnub ma jsaltanx iżjed fuqkom: għax mintomx taħt il-liġi, iżda taħt il-grazzja. [15]X'inhu mela? Nidinbu, għax m'għadniex taħt il-liġi, imma taħt il-grazzja? Allaħares! [16]Ma tafux intom, li lil min tagħtu ruħkom bħala qaddejja biex tobduh, issiru qaddejja ta' dak li tobdu; sewwa tad-dnub għall-mewt, u sewwa ta' l-ubbidjenza għall-ġustizzja? [17]Iżda niżżuħajr 'l Alla, għax kontu l-qaddejja tad-dnub, imma minn qalbkom obdejtu lil dik il-għamla ta' dottrina li għaliha intom kontu mogħtijin. [18]Infdejtu minn taħt id-dnub, imma tjassartu għall-ġustizzja.*

*[19]Nitkellem ta' bniedem minħabba d-dgħufija ta' ġisimkom: għax bħal ma tajtu l-membri ta' ġisimkom biex ikunu l-qaddejja tal-faħx u tal-ħażen għall-ħażen; hekk issa agħtu l-membri ta' ġisimkom biex ikunu qad-dejja tal-ħaqq għall-qdusija tagħkom….[23]Għax il-ħlas id-dnub hi l-mewt; iżda l-għotja ta' Alla hi l-ħajja ta' dejjem f'Ġesù Kristu Sidna.*" [aqra **versi 1, 2, 11-15**].

Jekk bil-grazzja ta' Alla dnubietna huma maħfura fil-magħmudija, ifisser dan li aħna nistgħu nkomplu biex nipprattikaw id-dnub? Allaħares! L-iskop tal-konverżjoni huwa li aħna nistgħu nkunu meħlusa mid-dnub u nsiru ġusti. Imbagħad aħna għandna nipprattikaw il-ġustizzja, pjuttost milli nħallu d-dnub isaltan fil-ħajja tagħna. Jekk aħna nkomplu nipprattikaw id-dnub, il-ħlas tad-dnub hi l-mewt.

Partikularment, aħna m'għandiex inkomplu fid-dnub imfisser fil-ftit versi ta' wara f'**kapitlu 7:2, 3** – li tgħix fl-adulterju ma' xi ħadd li mhuwiex is-sieħeb jew sieħba li aħna marbuta miegħu (jew magħha).

__1 Korintin 6:9-11__,

"*[9]Ma tafux li l-inġusti ma jirtuhiex is-saltna ta' Alla? La titqarrqux! La żienja, la idolatri, la adulteri, la effeminati, la omosesswali, [10]La ħallelin, la rgħiba, la skaren la qassiesa fuq in-nies, la ħattafa, ma jirtu s-saltna ta' Alla! [11]U minn dawn kienu xi wħud minnkom. Imma issa tnaddaftu, tqaddistu u ġejtu ġġustifikati fl-isem ta' Sidna Ġesù Kristu u fl-Ispirtu ta' Alla tagħna.*"

Qabel il-konverżjoni, il-Korintin ipprattikaw dnubiet li kienu jinkludu ż-żina u l-adulterju. Imma huma waqfu din il-prattika meta huma saru maħsula u ġġustifikati minn Kristu.

__2 Korintin 6:17—7:1__,

"*[17]Għalhekk oħorġu minn ġo fosthom, u nfirdu minnhom, igħid il-Mulej; u tmissu xejn imniġġes; u jien nilqagħkom. [18]U nkun għalikom Missier, u intom tkunu għalija wlied, subjien u bniet, igħid il-Mulej li jista' kollox….[7:1]Mela billi għandna dawn il-wegħdiet, maħbubin, ħa nitnaddfu minn kull faħx tal-ġisem u ta' l-ispirtu, billi nipperfezzjonaw it-taqdis tagħna fil-biża' ta' Alla.*"

Aħna m'għandiex nissieħbu fid-dnub imma nisseparaw u nnaddfu lilna nfusna minnu, jekk aħna sejrin inkunu ulied Alla. (Din hija wkoll it-tifsira tassew tat-**2 Korintin 5:15, 17**.)

__Kolossin 3:5-11__,

"*[5]Mewtu mela l-membri tagħkom li huma fuq l-art: iż-żina, ħmieġ, passjoni, xewqat ħżiena, u r-regħba li hija idolatrija: [6]Li minħabba fihom jiġi l-għadab ta' Alla fuq ulied id-diżubbidjenza: [7]Li fihom intom ukoll imxejtu darba, meta kontu tgħixu fihom. [8]Imma issa wkoll neħħejtu dawn kollha: korla, rabja, il-ħażen, il-ħalf, u kliem mhux xieraq minn fommkom. [9]La tigdbux lil xulxin, wara li intom inżajtu l-bniedem il-qadim bl-għemejjel tiegħu; [10]U lbistu l-bniedem il-ġdid, li hu mġedded fil-għerf skond ix-xbieha ta' min ħalqu; [11]Fejn la hemm*

*Grieg la Lhudi, la ċirkonċiż, la bla ċirkonċiżjoni, la Barbaru, la Skita, la lsir u la ħieles, iżda Kristu hu kollox, u f'kollox.*"

Li tiġi fi Kristu jfisser li aħna għandna nwarrbu r-raġel il-qadim (nieqfu milli nkomplu nipprattikaw id-dnub) u nilbsu l-bniedem il-ġdid billi nipprattikaw il-ġustizzja. Prattika waħda midinba li aħna għandna nwaqqfu hija ż-żina.

Li wieħed ikomplu fi żwieġ mhux skritturali huwa li jkompli biex jipprattika l-adulterju kull darba li huwa jkollu għaqda sesswali. Indiema u fedeltà lejn Alla jeħtiġuna li nwaqqfu din il-prattika.

**Il-Bibbja tagħti ħafna eżempji ta' nies li illustraw it-tifsira ta' li tagħmel għemejjel li jixirqu lill-indiema.**

**Eżekjel 33:14-16,**

"[14]*U meta ngħid lill-ħażin: Inti żgur tmut: u jarġa' lura minn dnubietu, u jagħmel il-ħaqq u s-sewwa;* [15]*Jekk raġel ħażin irodd ir-rahan, u jarġa' jagħti lura dak li seraq, u jimxi fl-istatuti tal-ħajja, bla ma jagħmel id-deni; żgur jibqa' ħaj; ma jmutx.* [16]*L-ebda wieħed mid-dnubiet li jkun għamel ma jitfakkarlu: għamel il-ħaqq u s-sewwa: żgur igħix.*"

Biex igħix u ma jmutx, il-bniedem ħażin għandu jieqaf mill-ħażen, jagħti lura dak li hu ħa bis-serq, u jagħmel dak li hu tajjeb.

**Proverbji 9:17,**

"[17]*Ħelu l-ilma misruq: u l-ħobż mikul fil-moħbi bnin.*"

Dan il-vers ixebbaħ l-adulterju mas-serq. Jekk l-indiema teħtieġ li wieħed jagħti lura flus jew proprjetà li hu kien ħa imma li ma kinux tiegħu, għaliex huma mhuwiex l-istess meħtieġ li jagħti mara li hu kien seraq imma li ma tappartjeniex lilu? (Ara wkoll **Levitku 6:1-7; Numri 5:5-10; Eżodu 22:1-15**).

**Luqa 19:8,**

"[8]*Iżda Żakkew waqaf, u qal lill-Mulej: Ara, Mulej, sa nagħti nofs ġidi lill-foqra; u jekk ħadt xi ħaġa mingħand xi ħadd bil-qerq, inroddlu daqshekk erba' darbiet.*"

Żakkew radd lura erba' darbiet l-affarijiet li hu ħa b'mod ħażin. Għaliex raġel m'għandux l-istess jagħti mara li hu ħa b'mod ħażin?

**Atti 19:18-19,**

"[18]*U ħafna li emmnu ġew, u stqarrew, u qalu egħmilhom.* [19]*Ħafna wkoll minn dawk li kienu jagħmlu s-sħarijiet ġiebu l-kotba tagħhom, u ħarquhom quddiem kulħadd: u għaddew il-prezz tagħhom, u sabu li kien ħamsin elf biċċa fidda.*"

Meta nies nidmu milli jkompli bil-prattika tagħhom tal-maġija, huma ħarqu l-kotba tagħhom tal-maġija.

**Filemon 10-19,**

"[10]*Nitolbok għal ibni Onesimus, li jien ulidt fil-ktajjen tiegħi:* [11]*Li fl-imgħoddi ma kienx jiswielek, imma issa jiswa lilek u lili:* [12]*Li jien erġajt bgħattulek: għalhekk ilqgħuh, qisu qalbi stess.* [13]*Li xtaqt*

*inżommu miegħi, biex jaqdini minflokok fil-ktajjen fejn jien minħabba l-evanġelju. [14]Imma bla ma tkun taf int, ma ridt nagħmel xejn; biex dal-ġid tiegħek ma jkunx qisu ta' bil-fors, imma minn rajk. [15]Għax jista' jkun li għalhekk hu telaq għal xi żmien, biex int tilqgħu għal dejjem; [16]Mhux issa bħala qaddej, imma aktar minn qaddej, bħala ħuk il-għażiż, l-aktar għalija; imma kemm aktar għalik, sew fil-ġisem, u kemm fil-Mulej? [17]Jekk mela tgħoddni b'sieħbek, ilqgħuh qisu jien stess. [18]Jekk għamillek xi ħsara, jew għandu jagħti xi ħaġa, qiegħdha fuq ismi: [19]Jien Pawlu ktibt dan b'idejja stess: jien inħallas; ma ngħidlikx kif barra minn dan int għandek dejn miegħi lilek innifsek stess.*"

Il-qaddej Onesimus ħarab minn sidu Filemon. Meta nidem u kien ikkonverta, hu mar lura. Hu u Pawlu riedu li jibqgħu flimkien, imma l-indiema kienet teħtieġ li hu jwettaq l-obligazzjoni tiegħu lejn sidu. Hekk ukoll, kif wieħed jista' jżomm mara (bħala martu) jew raġel (bħala żewġha) li huwa (jew hija) marbuta għal ħaddieħor?

**<u>Eżdra 9 u 10</u>** – (Aqra) – L-Iżraeliti ma kinux imħollija biex jieħdu nisa bħala marthom mill-ġnus ta' madwarhom, imma ħafna minnhom kienu għamlu hekk. B'hekk huma daħlu f'relazzjonijiet taż-żwieġ li huma ma kellhomx dritt li jidħlu fihom (**9:1-2**). Biex jindmu huma kellhom jagħmlu patt ma' Alla biex jisseparaw min-nisa tagħhom (**10:1-3, 10-12**), ukoll għalkemm xi wħud minnhom kellhom it-tfal minn dawn in-nisa (**10:44**). Dawk li ma kinux lesti li jwarrbu n-nisa tagħhom kienu sseparati mill-poplu (**10:8**).

Dawn il-ħwejjeġ kienu miktuba bħala eżempju għalina (**1 Korintin 10:6, 11; Rumani 15:4**). Jekk persuna taħt it-Testment il-Ġdid tiżżewweġ lil xi ħadd li hu m'għandux dritt li jiżżewweġ, għaliex l-indiema hekk ukoll ma teħtieġx li tissepara mill-kumpann li mhuwiex Skritturali?

**<u>Mattew 14:3-4,</u>**

"*[3]Għax Erodi kien qabad lil Ġwanni, u rabtu, u tefgħu l-ħabs minħabba Erodija, mart ħuh Filippu. [4]Għax Ġwanni qallu: Mhux skond il-liġi li tkun tiegħek.*"

Erodi kellu l-mara ta' ħuh, għalhekk Ġwanni qal li ma kienx skond il-liġi għalih li jeħodha. Jekk ma kienx skond il-liġi li tkun tiegħu, x'kellu hu jagħmel biex jindem? Jieqaf milli jkompli magħha! Iwarrabha!

Innota li l-vers ma jgħidx li Erodi kien żbaljat li ***jeħodha***, imma li hu kien żbaljat (jew li għamel ħażin) li ***tkun tiegħu***—li jkompli r-relazzjoni kien ħażin. Illum jekk raġel (jew mara) ikollu kumpann li ma tkunx skond il-liġi għalih li tkun tiegħu minħabba divorzju u żwieġ mill-ġdid mhux Skritturali, xi jkollu hu jagħmel biex ikun maħfur?

(Ara wkoll **Ġenesi 20:1-14; 1 Samwel 12:3**).

***Ikkonsidra xi eżempji oħra li fihom għandu jkun ovvju x'teħtieġ l-indiema:***

* Suppost li raġel qiegħed igħix fil-***poligamija*** u jikkonverti, jista' huwa jżomm in-nisa kollha tiegħu? Huwa għandu patt taż-żwieġ validu biss ma' l-ewwel mara tiegħu. Ir-relazzjoni ma' oħrajn hija adultera. Ma teħtieġx l-indiema li hu jwarrab in-nisa kollha tiegħu ħlief l-ewwel waħda?

***** Suppost li raġel li qiegħed igħix fi ***żwieġ omosesswali*** jikkonverti, jista' huwa jkompli r-relazzjoni? Isma' x'tgħid il-Kelma ta' Alla:

> "[11]*U* ***minn dawn kienu xi wħud minnkom. Imma issa tnaddaftu,*** *tqaddistu u ġejtu ġġustifikati fl-isem ta' Sidna Ġesù Kristu u fl-Ispirtu ta' Alla tagħna.*" (**1 Korintin 6:11**).

Ikun xi jkun ir-raġunar li aħna nużaw biex nuru li hu għandu jħalli, bl-istess raġunar eżatt aħna nistgħu nuru li wieħed għandu jħalli kumpann li hu jkun ħa bħala riżultat ta' divorzju u żwieġ mill-ġdid mhux Skritturali.

***Innota li l-indiema teħtieġ l-istess ħaġa kemm jekk il-persuna li qed tfittex il-maħfra hija jew mhijiex iben jew bint ta' Alla.***

Il-biċċa l-kbira tal-Krisjtani jistgħu jaraw li, jekk Kristjan jiddivorzja mhux Skritturalment u jerġa' jiżżewweġ, sabiex jindem huwa għandu jħalli t-tieni sieħba. Imma l-indiema u t-talb jiksbu l-maħfra għall-Kristjan li jidneb, eżattament kif indiema u magħmudija jġibu maħfra lil midneb frustier. Iż-żewġ każi jeħtieġu indiema. Jekk dak li mhuwiex membru jista' jkun maħfur u jżomm il-kumpann tiegħu, għaliex membru ma jistax?

Il-fatt huwa li l-indiema teħtieġ membru li qiegħed igħix fi żwieġ mhux skritturali biex iħalli lil dak jew dik il-kumpann. Billi l-indiema tfisser l-istess għal dak li mhuwiex membru bħal ma tfisser għal membru, dak li mhuwiex membru wkoll ikollu jħalli.

**Ċ. Li Nirċievu l-Maħfra Ma Jilliberaniex mill-Obligi u Patti Li Aħna Skond il-Liġi Dħalna Fihom Qabel ma Konna Maħfura.**

Aħna rajna, ukoll għal nies barra mill-knisja, li Alla jagħraf il-patt oriġinali taż-żwieġ bħala validu, u Hu jżomm nies responsabbli jekk huma jiksruh. Dan hu għaliex Alla jikkonsidra d-divorzju (mhux għaż-żina) u żwieġ mill-ġdid li jkun adulterju.

Xi nies jemmnu li l-magħmudija taħfer divorzji u żwiġijiet mill-ġdid midinba ta' qabel għalhekk, wara li jsir Kristjan, wieħed jista' jibqa' mal-kumpann tiegħu (jew tagħha) kurrenti. Xi wħud joffru **2 Korintin 5:17** bħala prova. Dan jista' jkun validu biss jekk li tkun maħfur jinvalida jew iħoll nies mill-kuntratt oriġinali tagħhom taż-żwieġ u jqaddes iż-żwieġ kurrenti tagħhom. Jagħmlu dan?

***Aħna diġà tajna prova li l-magħmudija ma tħallix nies li jkomplu f'atti jew f'relazzjonijiet midinba.***

Ikkonsidra xi eżempji ta' nies li kienu qegħdin igħixu f'relazzjonijiet midinba. Tqaddess il-konverżjoni dawn ir-relazzjonijiet biex nies ikunu jistgħu jkomplu fihom?

(1) Jekk ***poligamist*** jikkonverti, ikunu ż-żwiġijiet kollha tiegħu imqaddsin biex hu jkun jista' jżomm in-nisa kollha tiegħu?

(2) Jekk żewġt irġiel qegħdin igħixu fi ***żwieġ omosesswali***, tqaddes il-konverżjoni dik ir-relazzjoni biex b'hekk huma jkunu jistgħu jkomplu fiha? Jew il-konverżjoni tgħallimhom li huma għandhom jieqfu minn dik ir-relazzjoni?

**Rumani 7:2-3**,

> "[2]*Għax il-mara li għandha żewġha hi marbuta bil-liġi ma' żewġha kemm idum ħaj; iżda jekk imut ir-raġel, hi maħlula mil-liġi ta' żewġha.* [3]*Għalhekk mela, jekk waqt li għadu ħaj żewġha, tiżżewweġ raġel ieħor, tissejjaħ adultera: iżda jekk imut żewġha, hi meħlusa minn dik il-liġi; u ma tkunx adultera, jekk tiżżewweġ raġel ieħor.*"

Dan il-passaġġ igħid li l-mara hija marbuta ma' żewġha sakemm hu jdum ħaj, u hija ħielsa biex terġa' tiżżewweġ biss meta żewġha jmut. Il-passaġġ ma jgħidx li l-mara hija marbuta ma' żewġha sakemm hija għadha ma kkonvertietx, u hija ħielsa li tkun fi żwieġ ieħor meta hija titgħammed.

*Mill-ġdid, dak li l-indiema u l-magħmudija jagħmlu għal persuna barra mill-knisja, l-indiema u t-talb jagħmlu l-istess għal iben (jew bint) ta' Alla li jidneb.* Jekk il-maħfra teħles lil dak li mhuwiex Kristjan mill-ewwel żwieġ tiegħu biex b'hekk huwa jkun jista' jkompli fi żwieġ sussegwenti, għaliex l-indiema u t-talb ma jagħmlux l-istess għal iben (jew bint) ta' Alla li jiddivorjza u jiżżewweġ mill-ġdid b'mod mhux skrit-turali?

*Ikkonsidra raġel li reġa' iżżewweġ mhux skritturalment. Jekk hu jitgħammed, xi wħud igħidu lit-tieni żwieġ jista' jitkompla. Imma xi ngħidu jekk hija tkun mgħammda, imma hu ma jkunx?* Ċertament li l-istess talin igħidu li hija tista' tkompli fiż-żwieġ. Imma fuq liema bażijiet? Id-dnubiet **tagħha** huma maħfura, imma **hu** kkom-metta d-divorzju u żwieġ mill-ġdid li mhumiex skritturali. Li tgħammed persuna waħda jaħfer id-dnubiet ta' persuna **oħra**? **Hu** għadu qiegħed igħix fl-adulterju magħha. Kif jista' jkun adulterju għalih, imma mhux għalilha?

***L-effett reali ta' l-argument tat-2 Korintin 5:17 huwa biex jiddefinixxi mill-ġdid id-dnub!***

Aħna ppruvajna li, sakemm wieħed jiddivozja minħabba *l-fornikazzjoni*, huwa jkompli marbut ma' l-ewwel patt taż-żwieġ tiegħu, għalhekk kull att ta' għaqda sesswali fi żwieġ sussegwenti huwa *adulterju*. L-effett ta' l-argument kurrenti huwa li tgħid li, wara l-magħmudija, l-istess nies jistgħu jkomplu fl-istess relazzjoni midinba jwettqu l-istess att li qabel kien midneb, imma issa sar kollox sew! Dan ma jistax ikun billi l-passaġġ li kien studjat qabel juri li, minflok li jħallina li nkomplu fid-dnub, il-magħmudija tgħallimna biex ***nieqfu*** minnu.

Il-konverżjoni ma teħlisniex minn obligi validi li aħna kellna qabel il-magħmudija, lanqas ma hija tqaddes jew tiġġustifika li tkompli f'relazzjonijiet li kienu midinba qabel il-magħmudija. (Ikkonsidra wkoll Erodi f'**Mattew 14:3-4**).

***Ikkonsidra xi eżempji ta' obligi li aħna għandna f'diversi relazzjonijiet qabel il-konverżjoni.***

Teħlisna l-konverżjoni minn dawn l-obligi? Ifisser it-2 **Korintin 5:17** li dawn "il-ħwejjeġ qodma" kollha "għaddew," għalhekk aħna m'għandna ebda obligu?

(1) Suppost li raġel jikkonverti meta għadu ***fl-ewwel żwieġ*** tiegħu, iġġib fix-xejn il-konverżjoni dak iż-żwieġ biex hekk huwa m'għandux aktar obligat lejn martu? Għaliex huwa li l-ewwel impenn taż-żwieġ ta' persuna huwa miġjub fix-xejn fil-magħmudija biss jekk huwa ddivorzjat u miżżewweġ mill-ġdid mhux skond l-Iskrittura?

(2) Jekk raġel għandu ***dejn finanzjarju*** qabel il-magħmudija, tfisser il-konverżjoni tiegħu li hu meħlus mid-dejn biex hekk hu m'għandux għalfejn aktar iħallsu?

(3) Jekk raġel hu ***skjav*** qabel il-magħmudija, ikun hu awtomatikament meħlus mis-sid tiegħu meta hu jikkonverti? Jekk hekk, għaliex Pawlu jgħid li Onesimus kellu jmur lura? Minflok li kien meħlus għaliex hu kkonverta, Onesimus għandu jmur lura għaliex hu kkonverta!

(4) Jekk ċerti nies huma ***l-qraba*** tiegħi (ġenituri, tfal, eċċ.) qabel il-magħmudija, teħlisni l-konverżjoni mill-obligi tiegħi li kelli qabel lejn dawn in-nies?

(5) Jekk jiena ***ċittadin ta' pajjiż*** qabel il-magħmudija, tibdilli l-konverżjoni ċ-ċittadinanza tiegħi u teħlisni mill-obligi tiegħi biex inħallas it-taxxi, nobdi l-liġijiet, eċċ.?

Biċ-ċar il-konverżjoni ma teħlisnix minn xi wieħed minn dawn l-obligi li jiena kelli qabel il-konverżjoni għaliex ***huma r-riżultat ta' relazzjonijiet u obligazzjonijiet leġittmi*** li jiena kelli qabel il-magħmudija. Il-kuntrarju biss, ***konverżjoni tassew twassalni biex nirrealizza li jiena għandi nwettaq dawn l-obligi.*** Għaliex, mela, għandha l-konverżjoni teħlisni mill-obligu ta' l-ewwel żwieġ tiegħi skond il-liġi fil-każ fejn jiena kont iddivorzjajt u erġajt iżżewwiġt mhux skritturalment?

***2 Korintin 5:17 attwalment igħallem, bħal Rumani 6, Kolossin 3, eċċ., li l-konverżjoni tbiddel id-dnub, il-ħtija, u l-konsegwenzi tad-dnub.***

> "[17]*Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir ħolqien ġdid; il-qadim għadda u daħal il-ġdid.*"

Innota t-tiġdid kontra l-qadim diskussi fil-kuntest:

**<u>Vers 15</u>** – Fejn aħna konna ngħixu għalina nfusna (fid-dnub), issa aħna għandna ngħixu għal Kristu (fil-ġustizzja).

**<u>Vers 18</u>** – Fejn aħna konna barranin għal Alla, issa aħna rrikonċiljati.

**<u>Vers 19</u>** – Fejn aħna konna ħatja, issa ħtijietna mhumiex magħduda għalina.

Il-"ħwejjeġ" li jinbidlu mill-qadim għall-ġdid mhumiex l-obligi li darba aħna konna mdorrijin li jkollna, u ċertament li aħna m'aħniex issa ħielsa biex nippartecipaw fi prattika li darba kienet meqjusa midinba. X'tibdil huwa li aħna m'aħniex aktar ħatja ta' dnub, aħna m'aħniex aktar barranin għal Alla, u li aħna ma nkomplux aktar li nipprattikaw id-dnub.

***1 Korintin 7:17-24, esspressament igħallem li relazzjonijiet u ċirkustanzi midinba tad-dinja għandhom jinbidlu fil-konverżjoni, imma dawk ġusti jkomplu.***

> "[7]*Għax nixtieq li l-irġiel kollha kienu wkoll bħali nnifsi. Imma kull wieħed għandu d-don proprju tiegħu minn Alla, wieħed mod, u l-ieħor ieħor.* [8]*Għalhekk jien ngħid lil dawk li mhumiex miżżewġin u lir-romol: Li aħjar għalihom li jibqgħu bħali wkoll.* [9]*Imma jekk ma jifilħux iżommu, ħa jiżżewwġu: għax aħjar tiżżewweġ milli tinħaraq.* [10]*U lill-miżżewġin nordna, mhux jien, imma l-Mulej: Ħa ma titlaqx il-mara minn żewġha:* [11]*Iżda jekk titlaq, ħa tibqa' ma tiżżewwiġx, jew tar-ġa' tagħmel paċi ma' żewġha: u r-raġel ħa ma jkeċċix lil martu.* [12]*Imma lill-oħrajn ngħidilhom jien, mhux il-Mulej: Jekk wieħed mill-aħwa għandu mara li ma temminx, u jogħġobha tgħammar miegħu, ħa ma jkeċċihiex.* [13]*U l-mara li għandha raġel li ma jemminx, u jogħġbu jgħammar magħha, ħa ma titilqux.* [14]*Għax ir-raġel li ma jemminx jitqaddes b'martu, u l-mara li ma temminx titqaddes b'żewġha: kieku ma kienx hekk, uliedkom kienu jkunu mniġġsin; iżda issa huma mqaddsin.* [15]*Iżda jekk dak li ma jemminx jinfired, ħa jinfired: F'każijiet bħal dawn, il-ħu jew l-oħt mhumiex taħt il-jasar: iżda Alla sejħilna għas-sliem.* [16]*Għax x'taf int, ja mara miżżewġa, jekk issalvax lil żewġek? Jew x'taf int, ja raġel, jekk issalvax lil martek?* [17]*Imma bħal ma qassam Alla lil kull bniedem; bħal ma sejjaħ il-Mulej lil*

*kulħadd, ħa jimxi hekk kulħadd. U hekk nordna fil-knejjes kollha. [18]Kien xi ħadd diġà ċirkonċiż, meta kien imsejjaħ? Ħa ma jkunx bla ċirkon-ċiżjoni. Kien xi ħadd bla ċirkonċiżjoni meta kien imsejjaħ? Ħa ma jkux ċirkonċiż. [19]Iċ-ċirkonċiżjoni mhi xejn, u n-nuqqas taċ-ċirkonċiżjoni mhu xejn; iżda l-ħarsien tal-kmandamenti hu kollox. [20]Ħa jibqa' kulħadd kif kien, meta kien imsejjaħ. [21]Kont ilsir meta kont imsejjaħ? Tħabbatx rasek minħabba f'hekk: iżda jekk tista' ssir ħieles, inqeda bil-jasar. [22]Għax dak li hu msejjaħ fil-Mulej, billi lsir, hu l-meħlus tal-Mulej: hekk ukoll dak li hu msejjaħ, billi meħlus, hu l-ilsir ta' Kristu. [23]Kontu mixtrijin bi prezz: la ssirux ilsiera tal-bnedmin. [24]Ħuti, ħa jibqa' kull bniedem quddiem Alla, fejn kien meta ssejjaħ."*

Dan il-passaġġ igħallem sewwasew l-oppost ta' dak li xi wħud qegħdin igħallmu. Dan igħallem li nies li kkonvertew biex jibqgħu f'ċirkustanzi dritti, mhux midinba, u r-relazzjoni primarja li hija kkonsidrata f'dan il-passaġġ hija ż-żwieġ! (**versi 20, 24**).

(1) Jekk wieħed huwa fiżikament ***ċirkonċiż*** (jew mhux ċirkonċiż), il-konverżjoni ma teħtieġx li jibdel din iċ-ċirkustanza fiżika. Għaliex le? Għaliex mhuwiex midneb la naħa waħda u lanqas l-oħra (**versi 17-19**). ***Ċirkustanzi moralment dritti fil-ħajja mhumiex mibdula bil-konverżjoni.***

(2) Jekk ***ilsier*** jikkonverti, ir-relazzjoni u l-obligu tiegħu fuq l-art ikomplu (għalkemm hu ħieles spiritwalment) (**versi 21-24**).

(3) L-applikazzjoni fil-kuntest hija għall-persuna ***miżżewwġha*** kkonvertiet. Dan ma jeħilsux biex hu jkun jista' jħalli l-obligu taż-żwieġ tiegħu jew ċirkustanza (**versi 12-16**).

*Imma dak li huwa importanti huwa ubbidjenza għal Alla. Ċirkustanza* ***midinba*** għandha tkun mibdula fil-konverżjoni kif rajna xi mkien ieħor. Għalhekk, jekk iż-żwieġ ta' wieħed mhuwiex midneb, allura dak iż-żwieġ ikompli fil-konverżjoni. Il-magħmudija ma tibdlux. Imma jekk iż-żwieġ hu midneb, dan għandu jieqaf fil-magħmudija, kif hu mgħallem ukoll f'**versi 10 u 11**. (**Versi 10-24** jiddiskutu l-istess suġġett f'kull parti. **Versi 10 u 11** jagħtu l-liġi ġenerali, u **versi 12-24** jagħtu applikazzjoni tiegħu għal sitwazzjoni speċifika.)

***Innota l-applikazzjoni għal wieħed li jiżżewweġ imbagħad jiddivorzja (ebda fornikazzjoni) imbagħad jerġa' jiżżewweġ imbagħad jitgħammed:***

X'tagħmel il-magħmudija għal l-obligi ta' **l-ewwel** żwieġ? Xejn, għaliex ma kienx midneb imma kien normali dritt. Il-magħudija ma teħlisx obligi xierqa u morali, u kien l-***ewwel*** żwieġ li kien xieraq u morali.

X'tagħmel il-magħmudija għat-***tieni*** żwieġ? Huwa midneb, għalhekk huwa mit-mum, imnaddaf, maħsul. Aħna m'għandniex inkompluh għaliex dan huwa parti tal-"ħwejjeġ l-antiki" li għaddew u għandhom isiru ġodda!

Eżami ta' dan is-suġġett jikkonferma dak li aħna tgħallimna qabel. Il-konverżjoni ma tiġġustifikax il-kontinwazzjoni ta' żwieġ mhux skritturali, imma tgħallem li dan għandu jieqaf!

## *II. Ikkonsidra x-Xhieda li Nies Jistgħu Jibqgħu fi Żwieġ Ġdid Mhux Skritturali wara l-Konverżjoni.*

Aħna diġà weġibna l-argumenti li ġejjin li xi kultant huma offruti biex jippruvaw ħalli jiġġustifikaw koppja jibqgħu fi żwieġ mhux skritturali meta huma jkunu mgħammdin:

* Dawk li mhumiex membri mhumiex suġġetti għal-liġi ta' Alla.

* Id-dnub huwa l-att li tiddivorzja u tiżżewweġ mill-ġdid, mhux ir-relazzjoni li tiġi wara.

* Il-konverżjoni taħfer id-divorzju u ż-żwieġ mill-ġdid, għalhekk huma jistgħu jkomplu fiż-żwieġ kurrenti tagħhom.

Ikkonsidra xi argumenti oħra wżati biex tilħaq l-istess konklużjoni:

**A. L-Iskrittura Qatt Ma Ssemmi Nies Jisseparaw Minħabba Divorzju u Żwieġ mill-Ġdid Mhux Skritturali.**

Jintqal lilna li każi bħal dawn kellhom li kienu jeżistu fl-ewwel seklu. Jekk is-separazzjoni hija meħtieġa, il-Bibbja kienet issemmiha. Billi l-Bibbja ma ssemix separazzjoni, din allura mhix meħtieġa. Imma nnota:

***Il-Bibbja tgħallem il-prinċipji li juru li separazzjoni hija meħtieġa.***

Alla jistenna minna li jkollna s-sensi tagħna imħarġin biex japplikaw sewwa l-prinċipji għall-każ speċifiku:

**<u>Lhud 5:14</u>,**

> "[14]*Imma l-ikel qawwi hu għal dawk li għandhom iż-żmien: għal dawk li bid-drawwa għandhom is-sensi tagħhom imħarġin biex jagħrfu sew it-tajjeb u kemm il-ħażin.*"

Dan hu msejjaħ "inferenza neċessarja."

***Ħafna dnubiet oħra mhumiex imsemmija speċifikament bħala ħwejjeġ li n-nies għandu iwaqqfu.***

Iżda billi napplikaw il-prinċipji tal-Kelma ta' Alla, aħna nifhmu li dawn in-nies ukoll għandhom iwaqqfu l-prattika: Dan jinkludi: magħmudija tat-trabi; tibxix/tferragħ ilma għall-magħmudija; mużika strumentali fil-qima; ras umana tal-knisja; organizzazzjonijiet ċentralizzati tal-knisja; żfin; abbużi tad-droga; logħob ta' flus/ta' l-ażżard; żwieġ omosesswali; eċċ.

Billi aħna m'għandniex passaġġ li espressament igħid lin-nies biex jieqfu mill-parattika ta' dawn il-ħwejjeġ, ifisser dan li huwa ħażin għalina biex ngħidu lin-nies li huma għandu jieqfu?

***Ebda Skrittura ma tgħid espressament li l-poligamisti għandhom iwarrbu n-nisa plurali tagħhom.***

Din il-problema wkoll kellha teżisti fiż-żminijiet tat-Testment il-Ġdid. (Din eżistiet fost il-Lhud fit-Testment il-Ġdid, u żgur li eżistiet fost il-Ġentili li kkonvertew fit-Testment il-Ġdid). Qegħdin aħna niżbaljaw li ngħidu lil nies bħal dawn għandhom iħallu lin-nisa plurali tagħhom? Suppost li int kont qiegħed tgħallem Musulman, Mormon, jew raġel Afrikan tat-tribù li kellhom bosta nisa, x'tgħidlu?

***Xi ngħidu dwar membru tal-knisja li jiddivorzjau jerġa' jiżżewweġ imbagħad jindem?***

Nistgħu aħna ngħidulu li hu għandu jħalli lis-sieħba mhux skritturali tiegħu? Jekk iva, x'passaġġ jittratta espressament ma' dan il-każ u jgħid li hu għandu jissepara? Jekk

aħna nistgħu ngħidulu biex jissepara għalkemm aħna m'għandniex Skrittura espressiva, għaliex aħna ma nistgħux nagħmlu l-istess għal wieħed li mhuwiex membru fi żwieġ mhux skritturali?

***Il-Bibbja tgħallem biċ-ċar li hemm każi li fihom Kristjan jista' jħalli lis-sieħeb/ sieħba tiegħu/tagħha.***

Aħna sejrin naraw xi eżempji taħt.

Il-Kelma ta' Alla ma telenkax (tiddettaljax) kull każ fejn dan jiġri. Hija tgħallem li jista' jkun neċessarju, imbagħad hija tgħallem il-prinċipji li juru meta huwa neċessarju. Alla jistenna minna li nagħmlu l-applikazzjoni xierqa minflok insibu skużi.

**B. <u>1 Korintin 7:15</u> – Xi Wħud Igħidu Li Dan Iħalli lil Dawk Li Mhumiex Kristjani li Jibqgħu Fi Żwiġijiet Mhux Skritturali Wara l-Konverżjoni.**

**<u>1 Korintin 7:12-17</u>,**

> "[12]*Imma lill-oħrajn ngħidilhom jien, mhux il-Mulej: Jekk wieħed mill-aħwa għandu mara li ma temminx, u jogħġobha tgħammar miegħu, ħa ma jkeċċihiex.* [13]*U l-mara li għandha raġel li ma jemminx, u jogħġbu jgħammar magħha, ħa ma titilqux.* [14]*Għax ir-raġel li ma jemminx jitqaddes b'martu, u l-mara li ma temminx titqaddes b'żewġha: kieku ma kienx hekk, uliedkom kienu jkunu mniġġsin; iżda issa huma mqaddsin.* [15]*Iżda jekk dak li ma jemminx jinfired, ħa jinfired: F'każijiet bħal dawn, il-ħu jew l-oħt mhumiex taħt il-jasar: iżda Alla sejħilna għas-sliem.* [16]*Għax x'taf int, ja mara miżżewġa, jekk issalvax lil żewġek? Jew x'taf int, ja raġel, jekk issalvax lil martek?* [17]*Imma bħal ma qassam Alla lil kull bniedem; bħal ma sejjaħ il-Mulej lil kulħadd, ħa jimxi hekk kulħadd. U hekk nordna fil-knejjes kollha.*"

Hu argumentat li **Mattew 19:9; 5:32**; u **1 Korintin 7:10-11** japplikaw biss għall-Kristjani. Imma **1 Korintin 7:12-15** jinvolvi lil dak li mhuwiex Kristjan u jgħid li, jekk dak li mhuwiex Kristjan jitlaq, il-kumpann abbandunat jista' jerġa' jiżżewweġ. Għalhekk, jekk żwieġ ta' dawk li mhumiex Kristjani jitfarrak, huma jistgħu jerġgħu jiżżewwġu u jibqgħu fiż-żwieġ ġdid meta huma jikkonvertu.

***Aħna aktar qabel tajna prova li l-liġijiet ta' Alla tad-divorzju u żwieġ mill-ġdid japplikaw għal dawk li mhumiex Kristjani, jipprova li divorzju u żwieġ mill-ġdid jista' jiġri biss għall-fornikazzjoni.***

Aħna diġà ppruvajna li **Mattew 19:9** japplika għan-nies kollha. It-tagħlim tiegħu huwa universali għaliex huwa bbażat fuq il-liġi oriġinali taż-żwieġ u għaliex din hija wkoll indirizzata lil dawk li mhumiex dixxipli. **1 Korintin 7:15** ma jikkontradixxix **Mattew 19**.

**1 Korintin 7:10-11** igħid li huwa indirizzat lil "miżżewwġin" f'kuntrast għal dawk "mhux miżżewwġin u romol" (**vers 8**). Dak jinkludi nies miżżewġin inġenerali, mhux biss Kristjani. Dan igħallem l-istess bħal **Mattew 19:9**, li aħna wrejna li japplika għal kulħadd.

**<u>Rumani 7:2-3</u>,**

> "[2]*Għax il-mara li għandha żewġha hi marbuta bil-liġi ma' żewġha kemm idum ħaj; iżda jekk imut ir-raġel, hi maħlula mil-liġi ta'*

*żewġha. [3]Għalhekk mela, jekk waqt li għadu ħaj żewġha, tiżżewweġ raġel ieħor, tissejjaħ adultera: iżda jekk imut żewġha, hi meħlusa minn dik il-liġi; u ma tkunx adultera, jekk tiżżewweġ raġel ieħor.*"

Xi ngħidu dwar dan il-passaġġ? Inwarrbuh aħna dan ukoll?
Innota: Suppost li hu tassew li **1 Korintin 7:12-16** huwa **l-uniku** passaġġ li japplika għaż-żwieġ ta' Kristjana għal xi ħadd li mhux Kristjan (**Mattew 19:9**; eċċ., ma japplikawx). Imbagħad suppost il-Kristjana tkun miżżewweġa lil mhux Kristjan, il-mhux Kristjan jikkommetti ż-żina imma ma jkunx irid iħalli lill-Kristjana (hu "kuntent li jgħammar magħha"). Billi **Mattew 19:9** u **5:32** ma japplikawx, fuq liema bażi tista' l-Kristjana tiddivorzjah? Jekk dak li mhux Kristjan jirrifjuta li jitlaq, il-Kristjana ikollha tkompli tgħix miegħu!

***<u>1 Korintin 7:12-14</u> jiddiskuti biss il-każ li fih dak li "ma jemminx" jiddivorzja Kristjan/a.***

L-appostlu Pawlu qiegħed iwieġeb mistoqsija magħmula mill-Korintin (**vers 1**) li fiha "ħu jew oħt" huwa miżżewweġ lil xi ħadd li "ma jemminx." **Versi 17-24** juru li l-każ jinvolvi koppja miżżewwġa li wieħed minnhom isir Kristjan imma l-ieħor ma jsirx. Għandu dak li jemmen jiddivorzja l-kumpann jew le?

Hu jgħid biex ma jiddivorzjax għaliex ir-relazzjoni mhix midinba u din tista' ssir li l-kumpann tiegħek aktar tard jikkonverti (**versi 12-14, 16**). Imma jekk dak li ma jemminx jagħżel li jitlaq, ħallih jitlaq (**vers 15**).

Innota li **vers 16** jgħid li "dak li ma jemminx" **mhuwiex salv**, f'kuntrast għal "ħu jew oħt" (iben jew bint ta' Alla, membru tal-familja ta' Alla, persuna salvata – **Galatin 3:26-27; 1 Pietru 1:22**; eċċ.).

Jabbuża l-passaġġ li tapplikah għal xi każ ieħor minn li wieħed li ma jemminx iħalli membru tal-knisja. Dan ma jistax ikun applikat għal dawk li ma jemmnux li jħallu lil dawk li ma jemmnux (minkejja ta' jekk aktar wara jikkonvertux jew le). Is-suġġett ta' żwieġ ta' tnejn li ma jemmnux mhuwiex ikkonsidrat hawn.

Barra dan, li tapplika dan għal każi ta' abbandun inġenerali (kif xi nies jagħmlu) jelimina **Mattew 19:9** milli qatt japplika f'xi każ. Dan igħid ċar li dawn huma każi fejn wieħed li huwa mwarrab **ma jistax** jiżżewweġ.

Innota l-argumenti li aħna qegħdin neżaminaw huma inkonsistenti internament. L-ewwel, jintqal li wieħed li ma jemminx jista' jiddivorzja u jerġa' jiżżewweġ, ikun ikkonvertit, u mbagħad jibqa' fiż-żwieġ ġdid tiegħu, għaliex Alla jaħfrilhom fil-magħmudija. Imbagħad huma jużaw **1 Korintin 7:15** biex jiġġusitika t-tieni żwieġ. Imma l-parti abbandunata fl-**1 Korintin 7:15** mhi ħatja xejn ta' xi dnub! Liema huwa? Huwa żwieġ mill-ġdid ma hu dnub xejn, jew huwa dnub li kien maħfur?

***"Mhumiex taħt il-jasar" ma jirreferix għaż-żwieġ.***

"***Taħt il-jasar***" fl-**1 Korinitn 7:15** ma tfissirx l-istess bħal "***marbuta***" fiż-żwieġ kif insibuha fl-**1 Korintin 7:39, 27; Rumani 7:2-3**; eċċ. Il-kliem huwa differenti minn dak li jġibu xi verżjonijiet Maltin, jiġifieri, il-kelma "marbuta." Il-kliem jinstema' qisu l-istess imma l-ideat huma differenti kemm fil-Malti u aktar u aktar fil-Grieg. Għaliex it-tradutturi (ukoll fl-Ingliż) ma jgħidux sempliċiment li persuna hija "(mhijiex) ***marbuta…***," kif huma jgħidu f'passaġġi oħra? Għaliex it-tifsira hija differenti.

"***Taħt il-jasar***" (Grieg DOULOO) tirreferi għal li tkun fl-iskjavitù [in-nota **Atti 7:6; 2 Pietru 2:19**]. Din qatt ma hija wżata f'xi Skrittura biex tirreferi għaż-żwieġ.

Iż-żwieġ mhuwiex skjavitù, u li tkun miżżewweġ ma jiġix egwali li tkun "taħt il-jasar" (imjassar). [Il-kelma hija wkoll użata għal jasar għad-dnub (**Galatin 4:3; Titu 2:3**) – u jasar għal Alla (**Rumani 6:18, 22**) – u obligazzjoni li tgħallem oħrajn (**1 Korintin 9:19**].

"***Marbut***" (Grieg DEO) hija wżata għaż-żwieġ (**1 Korinitn 7:39, 27; Rumani 7: 2, 3**) u tirreferi għal l-impenn jew obligu mutwali li jirriżulta minn patt jew kuntratt.

Aħna marbutin permezz ta' termini tal-patt li aħna ngħażlu li nidħlu fih. Dan mhuwiex "jasar." ("għaqqad" – SUNZEUGNUMI – **Mattew 19:6; Mark 10:9**).

Jekk Pawlu fisser li jirriferi għaż-zwieġ f'**vers 15**, għaliex hu ma wżax l-istess kelma li uża f'**versi 27** u **39** u f'**Rumani 7:2** u **3**? Għalfejn tuża kelma differenti li ebda kittieb tat-Testment il-Ġdid qatt ma użaha għaż-żwieġ? Għalfejn tuża kelma li tirreferi għal jasar (skjavitù) pjuttost milli relazzjoni ta' patt? L-unika tweġiba sensibbli hija li **1 Korintin 7:15** ma jfissirx li l-emmieni hu ħieles biex jerġa' jiżżewweġ. Il-Knisja Kattolika Rumana u xi knejjes Protestanti jippermettu żwieġ mill-ġdid fil-każ ta' abbandun intenzjonat. Il-Knisja Kattolika tgħid hekk dwar dan:

<u>1 Korintin 7:12-15</u> – Dawn il-vers jpoġġu 'l quddiem dak li l-Knisja ssejjaħ il-"Privileġġ Pawlin" – tnejn min-nies mhux mgħammdin jiżżewwġu, u wara wieħed min-nies jitgħammed. Jekk il-persuna mhux mgħammda tiddeċiedi li tħalli ż-żwieġ, il-Kristjan huwa ħieles li jerġa' jiżżewweġ (għaliex l-ewwel żwieġ ma kienx sagramentali, u għaqda bejn persuna mgħammda u persuna mhix mgħammda tista' tippe-rikola l-fidi tal-persuna mgħammda).

Dan hu żbaljat għalkollox u ħażin għaliex imur kontra t-tagħlim tal-Kelma ta' Alla, huwa dnub kontra Alla Nnifsu!

***Għalhekk, "taħt il-jasar" ma tfissirx li l-Kristjan jista' jerġa' jiżżewweġ, ukoll meta Kristjan ikun abbandunat minn dak li ma jemminx.***

* Biex tikkonkludi li Kristjan jista' jerġa' jiżżewweġ sempliċiment għaliex il-kumpann tiegħu/tagħha jitlaq, ***jikkontradixxi il-kuntest immedjat ta' 1 Korintin 7:10-11 u wkoll Mattew 19:9; 5:31-32; Rumani 7:2-3; eċċ.*** Dawn igħallmu li wieħed jista' jerġa' jiżżewweġ biss jew il-kumpann tiegħu ikun imkeċċi għaż-żina (fornikazzjoni). Ħaġa oħra, huma għandhom jirrikonċiljaw jew jibqgħu mhux miżżewwġin.

* Jekk **1 Korintin 7:15** ifisser li jiena nista' nerġa' niżżewweġ jekk il-kumpann tiegħi li ma jemminx jitlaq, imma jiena ma nistax jekk il-kumpann tiegħi li jemmen jitlaq, allura **jkun għall-vantaġġ tiegħi li miżżewweġ wieħed li ma jemminx!** Għaliex jiena nkun imħolli biex nerġa' niżżewweġ jekk il-kumpann tiegħi li ma jemminx jitlaq (jew titlaq), imma jekk hija temmen u titlaq imbagħad jiena ma nistax nerġa' niżżewweġ? Idea bħal din tippenalizza lil wieħed talli huwa (jew hija) jkun iżżew-weġ li persuna li temmen!

* Alla ma jħares lejn wiċċ ħadd (**Atti 10:34-35; Rumani 2:6-11**). Alla m'għandux sett faċli ta' liġijiet meta wieħed li ma jemminx ikun involut u sett iebes ta' liġijiet meta wieħed li jemmen hu nvolut.

* L-appostlu Pawlu fir-realtà qiegħed igħid li dan il-każ **mhuwiex** eċċezzjoni għar-regola ta' **1 Korinitn 7:10-11**. Il-Korintin apparentament staqsewh dwar każ ta' żwieġ imħallat, għalhekk hu beda billi poġġa r-regola ġenerali: la tiddivorzjax il-kumpann tiegħek (**versi 10 u 11**). Imbagħad hu applika r-regola għal żwiġijiet

imħallta, igħid li int m'għandekx titlaq lanqas f'dan il-każ, l-istess kif hu qal għall-każ ġenerali. Imma jekk il-kumpann tiegħek jitlaq, ħallihom jitilqu.

Pjuttost milli nassumu mingħajr prova li wieħed jista' jerġa' jiżżewweġ, aħna għandna napplikaw ir-regola li Pawlu diġà qal u nikkonkludu int għandek tibqa' mhux miżżewweġ jew inkella tkun irrikonċiljat.

"*Mhux taħt il-jasar*" fir-realtà sempliċiment tfisser "ħallih jitlaq" (**vers 15**) u hija l-oppost ta' "tgħammar" magħhom (**versi 12, 13**). Ibqa' mal-kumpann tiegħek u wettaq l-obligi taż-żwieġ jekk hu/hi huwa/hija sodisfatt/a. Imma jekk is-sieħeb tiegħek huwa tant kontra s-servizz tiegħek għal Kristu li hu ma jiflaħx li jkun mad-warek, Alla ma jeħtiġekx li tibqa' miegħu tirrifjuta li tħallih jitlaq. U speċjalment, la tikkompromessax is-servizz tiegħek lejn Alla għalilh biex jibqa' Dan ikun forma ta' ***jasar*** (***skjavitù***) li fih Alla ma jeħtieġx lin-nies Tiegħu li jkunu fih.

Xejn fil-kuntest ma jimplika li l-Kristjan jista' jerġa' jiżżewweġ. Is-suġġett ta' żwieġ mill-ġdid mhuwiex diskuss **f'versi 12 sa 24**. **Versi 10 u 11** diġà qiegħdu f'postha il-kustjoni ta' żwieġ mill-ġdid billi pprojbixxewh. Aħna nkunu neħtieġ prova ċara sabiex nilħqu konklużjoni li tikkostitwixxi eċċezzjoni għal **versi 10 u 11**. Imma fil-fatt il-konklużjoni tarmonizza ma' **versi 10 u 11** u ma' **Mattew 19:9**; din ma tikkontradixxix.

### Ċ. Li Teħtieġ Koppja Biex Tissepara Huwa Iebes Wisq.

Jintqal lilna li Alla ma jeħtieġx it-tkissir ta' żwieġ, speċjalment jekk hemm it-tfal. Mhux sewwa. Fl-ebda qasam ieħor ta' servizz lejn Alla ma huma sagrifiċċji iebsa bħal dawn meħtieġa. Alla jrid lin-nies Tiegħu biex ikunu kuntenti u ferħana, imma ħadd ma jista' jkun kuntent u ferħan taħt ċirkustanzi bħal dawn, eċċ.

*Innota: Dan l-argument huwa l-għoqda reali tal-kwistjoni, għalkemm il-biċċa l-kbira tan-nies ma jammettuhx dan.* Ir-raġuni li nies joġġezzjonaw għall-konklużjo-nijiet lil aħna għallimna mill-Kelma ta' Alla hija, mhux li huma sabu passaġġ li jiddiżapprovah, imma li huma jaħsbu li huwa iebes wisq fuqhom jew fuq il-maħbubin tagħhom li jagħmlu dak li Alla jgħid, għalhekk huma qegħdin iħarsu għal skużi. Ix-xewqa hija l-ġenitur tad-dottrina!

***Li sservi lil Alla huwa spiss iebes u jwassal għall-problemi fil-ġisem.***

Ukoll nies innoċenti spiss jiffaċċjaw problemi severi f'li jservu lil Alla.

* Ġesù, l-appostli Tiegħu, profeti tat-Testment il-Qadim, u Kristjan ta' l-ewwel seklu batew ħafna, ukoll għalkemm huma kienu ġusti (**2 Korinitn 11:23-29; Lhud 11; 1 Pietru 2:20-25**). Kellhom huma jirraġunaw li "Mhux sewwa;" li tieqaf għall-verità kien li jġib it-tbatija u Alla riedhom li jkunu kuntenti u ferħana, allura huma kellhom jieqfu milli jkomplu jagħmlu dak?

* Suppost ***predikatur jippriedka l-verità*** u jkun maqtul għaliha. Hu u l-familja tiegħu jsofru wisq bħala riżultat. Jipprova dan li aħna m'aħniex meħtieġa li nieqfu għall-verità jekk il-mewt tista' tkun ir-riżultat?

* Jekk raġel ikun ***mibgħut il-ħabs jew inkapaċitat għal għomru***, il-familja tiegħu tbati t-telfa tas-sħubija, għajnuna finanzjarja, twettiq sesswali, eċċ. Jiġġustifika dan lil martu f'li tieħu divorzju u terġa' tiżżewweġ għaliex li tibqa' miżżewwġa (speċjalment tieħu ħsieb raġel inkapaċitat) huwa iebes wisq u hija m'għandha ebda kuntentizza, eċċ.?

* Suppost ***membru tal-knisja jħalli lil martu***, jirrifjuta li jgħix magħha u li jieħu ħsieb il-bżonnijiet tagħha, imma hu qatt ma jikkommetti ż-żina (fornikazzjoni). Huwa "iebes wisq" li temmen li dik il-mara għandha tgħix mingħajr żewġha? Tista' hija tiddivorzja u terġa' tiżżewweġ?

Il-persuna li tiddivorzja u terġa' tiżżewweġ mhux skritturalment ***mhijiex*** l-unika persuna li tbati ħafna f'din il-ħajja. Din mhijiex l-unika persuna li għandha tgħaddi ħajjitha mingħajr sieħeb (jekk mara) jew sieħba (jekk raġel).

Jekk persuna għandha tħalli żwieġ mhux skritturali, f'liema mod hija din il-persuna wisq agħar minn dawn il-każi? U sa issa aħna spjegajna nies li jbatu għalkemm huma innoċenti mid-dnub; imma l-persuna li reġgħet iżżewwġet mhux skritturalment hija ħatja ta' adulterju! Jekk li tkun fidil jeħtieġ li dawn in-nies innoċenti li jsofru jew ibatu, mela żgur li separazzjoni minn żwieġ mhux skritturali ma tkunx ħtieġa aktar iebsa.

***Barra dan, nies spiss ibatu konsegwenzi serji f'din il-ħajja bħala riżultat ta' dnubiethom, ukoll jekk id-dnub kien maħfur.***

Nies jargumentaw illi li tħalli żwieġ mhux skritturali jkun "***biss*** dnub b'konsegwenzi terribbli bħal dawn." Huma jistaqsu jekk dan huwiex "id-dnub li ma jinħafirx."

* Madankollu aħna diġà wrejna li wkoll ***nies innoċenti*** xi kultant ibatu konsegwenzi simili. Għaliex persuna ħatja tbati inqas minn persuna innoċenti?

* **Ilsier maħrub** għandu jmur lura għand is-sid tiegħu (Ktieb ta' Filemon). Suppost is-sid forsi jikkastigaħ talli ħarab? Jiġġustifika dak f'li ma jmurx lura? (**1 Pietru 2:18**).

* Suppost ***persuna tikkommetti qtil*** u tindem, imma hija mogħtija sentenza ta' ħajjitha fil-ħabs. Hu u l-familja tiegħu jbatu ukoll għalkemm Alla ħafirlu. Jiġġustifikah dak f'li jipprova jaħrab jew inkella f'li ma jobdix il-liġi?

* Suppost ***koppja poligamista jew omosesswali*** tindem. F'xi każi ikun hemm saħansitra tfal involuti. Jistgħu huma jibqgħu flimkien għaliex li jisseparaw ikun iebes wisq, dan ineħħi l-ferħ minn ħajjithom, eċċ?

* Suppost li ***membru tal-knisja*** jiddivorzja mhux skritturalment, jerġa' jiżżewweġ, ikollu t-tfal, imbagħad ikun irid li jindem. Għandu hu jissepara mis-sieħba tiegħu? Mhuwiex aktar faċli għalih milli hu għal wieħed li mhuwiex membru? Jekk huwa għandu jissepara minkejja t-tbatija, għaliex m'għandux wieħed li mhuwiex membru li jikkonverti?

* Suppost ***persuna hija ħatja taż-żina (fornikazzjoni)*** u s-sieħba tiegħu tiddivorzjah għal dan. Aħna naraw li l-Bibbja tgħallem li hu għandu jibqa' mhux miżżewweġ. Sejrin aħna nargumentaw li huwa wkoll jista' jerġa' jiżżewweġ għaliex li tkun waħdek hu iebes wisq?

L-ebda wieħed mid-dnubiet ta' fuq ma huma li "ma jistgħux jinħafru," imma kollha kemm huma għandhom konsegwenzi serji u jeħtieġu sagrifiċċji kbar daqs dawk tal-persuna li kienet reġgħet iżżewwġet mhux skrituralment.

Tassew, "*l-imġieba tal-malizzjużi hi ħarxa*" (**Proverbji 13:15**).

***Barra dan, il-Bibbja biċ-ċar turi li hemm każi fejn Alla jeħtieġ persuna li tkun isseparata mill-mara u l-familja.***

**Eżdra 9 u 10** – ***L-Iżraeliti*** kellhom jisseparaw min-nisa tagħhom li ma kellhom dritt għalihom, u f'xi każi kien hemm it-tfal (Erodi f'**Mattew 14: 3-4**).

**1 Korintin 7:15** – Xi kultant ***kumpann li ma jemminx*** ma jkunx jiflaħ li jgħix ma' Kristjana, għalhekk hu jitlaq. Il-Kristjana għandha tħallih jitlaq imma m'għandix terġa' tiżżewweġ jew tikkompromessa l-verità biex iżżomm is-sieħeb tagħha. B'hekk, persuna titlef il-kumpann tagħha/tiegħu għaliex hija (jew hu) qed tieqaf għall-verità.

<u>Luqa 14:26</u>,

> "[26]*Jekk wieħed jiġi għandi, u ma jobgħodx lil missieru, u lil ommu, u lil martu, u lil uliedu, u lil ħutu, irġiel u nisa, iva, ħajtu wkoll, ma jistax ikun dixxiplu tiegħi.*"

Wieħed għandu jħobb lil martu, uliedu, ġenituri, eċċ., inqas milli hu jħobb lil Kristu, jew inkella hu ma jkunx denju ta' Kristu (**Mattew 10:37**). Aħna spiss ngħallmu li ***l-Kristjani għandhom ikunu lesti li nwarrbu r-relazzjonijiet tagħna*** lejn il-maħbubin tagħna, jekk neċessarju biex nogħġbu lil Alla.

Imma issa aħna niġu għall-każ speċifiku fejn il-Kelma ta' Alla teħtieġ dan li jkun magħmul, u f'daqqa waħda il-passaġġ sempliċiment ma jfissirx dan għaliex huwa iebes wisq! Nemmuh aħna l-passaġġ, jew qegħdin inħarsu għal skużi?

<u>Luqa 18:28-30</u>,

> "[28]*Imbagħad Pietru qal: Ara, aħna ħallejna kollox, u ġejna warajk.* [29]*U qalilhom: Tassew ngħidilkom: M'hemm ħadd li ħalla d-dar, jew lill-ġenituri, jew lill-aħwa, jew lill-mara, jew lill-ulied, minħabba s-saltna ta' Alla,* [30]*Li ma jieħux wisq iżjed f'dan iżmien, u fiż-żmien li ġej il-ħajja ta' dejjem.*"

***Dawk li jħallu lill-mara, uliedhom, ġenituri, eċċ., jekk meċessarju biex jogħġbu lil Alla, ikunu mbierka f'din il-ħajja u jkollhom il-ħajja ta' dejjem.*** Madankollu, jintqal lilna li Alla qatt mhu se jeħtieġ ħaġa bħal din għaliex din tik-kawża wisq skuntentizza!

L-idea li Alla qatt ma jeħtieġ li nies iħallu l-marthom u/jew uliedhom hija sempliċiment gidba. Jekk il-każ li aħna qegħdin nikkonsidraw **mhuwiex** każ bħal dan, allura x'ikun każ bħal dan? U jekk il-każ huwa "iebes wisq," allura f'liema każ dan ikun magħmul?

Il-ferħ u l-paċi li għandhom il-Kristjani huwa ***spiritwali***, ibbażat fuq il-maħfra u relazzjoni t-tajba ma' Alla, u tama ta' ħajja ta' dejjem. Aħna m'għandniex assigurazzjoni ta' paċi, relazzjonijiet ferħana ma' nies oħra f'din il-ħajja. Minflok ir-relazzjonijiet tagħna ta' fuq l-art spiss ikunu diffikultużi u iebsa.

Jekk aħna nistgħu nwarrbu fil-ġenb il-Kelma ta' Alla f'dan il-każ għaliex ubbidjenza tagħmilna "mhux kuntenti," imbagħad aħna nistgħu nwarrbu fil-ġenb il-liġi ta' Alla dwar kull ħaġa! Minflok mal-Kelma ta' Alla tkun il-qies biex niddeterminaw it-tajjeb u l-ħażin, aħna nkunu ggwidati bis-sentimenti suġġettivi tagħna ta' ferħ u skuntentizza.

**D. <u>1 Korintin 7:17-24</u> – Xi Wħud Igħidu "Tibqa' fis-Sejħa Tiegħek" Tfisser Wieħed li jkun Ikkonverta Għandu Dejjem Jibqa' Mal-Mara Kurrenti Tiegħu.**

***Kif kien studjat aktar qabel, dawn il-versi jgħidu biss li aħna għandna nibqgħu f'ċirkustanzi li mhumiex midinba.***

L-appostlu Pawlu qiegħed jiddiskuti ċirkustanzi li mhuma "***xejn***" fuq kull naħa (**vers 19**), bħal ċirkonċiżjoni (**versi 18-19**) u skjavitù) (**versi 21-23**).

Ir-relazzjonijiet taż-żwieġ li huma diskussi fil-kuntest mhumiex midinba, imma huma "mqaddsin" (**vers 14**). Dak jintqal b'mod ċar li hu għaliex huma għandhom jibqgħu fih.

Għaliex il-passaġġ igħallem li nies għandhom jibqgħu fi żwiġijiet li mhumiex imqaddsa? Alla jgħid li żwieġ mill-ġdid li mhuwiex skritturali huwa "adulterju." Jinstema' dan bħal li Hu "qaddsu"?

***Vers 19 espressivament igħid li dak lil jimporta huwa ż-żamma tal-kmandi ta' Alla.***

L-appostlu Pawlu mhuwiex qiegħed jiġġustifika li tibqa' f'relazzjoni li hija midinba, imma biss f'sitwazzjonijiet li huma f'armonija mal-kmandi ta' Alla.

Ikkonsidra ftit "sejħiet": prostituta, alkoħoliku, vizzju tad-droga, ħalliel, qattiel mikri, membru tal-Mafja, poligamista, koppja igħixu flimkien imma mhux miżżewwġin, żwieġ omosesswali. Ħafna nies jibqgħu f'dawn is-sejħiet u jkunu salvi? Taħseb int li hu hekk, jiġifieri li dawk in-nies se jkunu salvi?

***Issa ikkonsidra l-applikazzjoni għal wieħed li jiżżewweġ, jiddivorzja (mhux għaż-żina), jerġa' jiżżewweġ, imbagħad jitgħammed.***

F'liema stat huwa msejjaħ? Huwa dan l-istat f'li jżomm mal-kmandi ta' Alla, għalhekk hu jista' jibqa' fih, jew l-istat tiegħu huwa fi ksur tal-kmandi ta' Alla għal-hekk hu għandu jwaqqfu?

* Hu marbut b'patt validu għal l-ewwel kumpann (sieħba) tiegħu. Hija din is-sejħa midinba? Le, din kienet ġusta. Għalhekk, **1 Korinitn 7:17-24** igħid li hu għandu **jibqa'** fiha – konverżjoni ma tilliberaħx minn dik ir-rabta.

* Imma hu miżżewweġ lill-mara oħra u qiegħed igħix magħha. F'din ir-relazzjoni, qiegħed hu "jżomm il-kmandi ta' Alla"? Le, huwa adulterju għaliex hu xorta għadu marbut ma' l-ewwel mara tiegħu.

X'għandu jagħmel mela dan ir-raġel? Jibqa' fl-ewwel patt taż-żwieġ tiegħu u jħalli t-tieni żwieġ tiegħu. Bħat-testi kollha ta' prova li aħna eżaminajna, dan jeħtieġ sewwasew l-istess ħaġa li aħna konna qegħdin nid-defendu u jikkontradixxi dawk li jużawh biex igħallmu xi ħaġa oħra.

## Parti IV
## Diversi Mistoqsijiet

### A. Għandha d-Dritt il-Persuna li Tkun Imkeċċija u Li Kkommettiet il-Fornikazzjoni li Terġa' Tiżżewweġ?

***Mattew 19:9 jgħid ċar li ebda persuna ddivorzjata m'għandha d-dritt li terġa' tiżżewweġ sakemm Alla espressament igħid hekk.***

Liġi Divina topponi divorzju u żwieġ mill-ġdid. Wieħed (jew waħda) jista' jagħmlu biss *jekk huwa (hija) jkun eċċezzjoni għal-liġi ta' Alla*.

Il-parti innoċenti hija eċċezzjoni msemmija u tista' għalhekk tiddivorzja u terġa' tiżżewweġ. Liema passaġġ iħalli 'l wieħed li hu mkeċċi/ja *minħabba l-fornikazzjoni* biex jerġa' jiżżewweġ? Xi dritt aħna għandna li nagħmlu eċċezzjonijiet meta Alla m'għamilhomx?

Ir-raġuni li Alla jipprojbixxi divorzju u żwieġ mil-ġdid hija li Hu jżomm nies responsabbli biex iwettaq il-patt taż-żwieġ tagħhom (**Rumani 7:2-3; Malakija 2: 14-16; eċċ.**). Tista' int isemmi xi każ tal-Bibbja li fih persuna għandha obligazzjoni Divina biex twettaq ċerti responsabbiltajiet, imma hija meħlusa minn din l-obligazzjoni minħabba ***d-dnub tagħha stess?***

***Jekk dak li kkommetta l-fornikazzjoni jista' jerġa' jiżżewweġ, allura huwa jsofri konsegwenzi inqas severi minn persuna innoċenti.***

Il-passaġġ igħallem ċar li jekk persuna tkun imkeċċija meta hija ***mhix*** ħatja, hija ma tistax terġa' tiżżewweġ. Jekk iż-żieni (fornikatur) jista' jerġa' jiżżewweġ, hu jkun aħjar li jkun żieni milli innoċenti!

Il-ġustizzja hija waħda mill-akbar ħwejjeġ tal-liġi (**Mattew 23:23**). Xi kwalità ta' ġustizzja hi li tagħmel wieħed li hu ħati li jkun aħjar minn wieħed li hu innoċenti? Mhuwiex dan li qiegħed jiġi ppremjat id-dnub?

***Għaliex dan ma jkunx tassew għall-membri tal-knisja wkoll?***

Jekk il-parti ħatja hija ħielsa li terġa tiżżewweġ, ma jkunx dan sewwasew tassew għal dawk li mhumiex membri li mbagħad jitgħammdu? Għaliex mhux ukoll membri li jikkommettu l-fornikazzjoni, huma ddivorzjati, imbagħad jindmu?

Suppost li aħna għandna żewġ koppji fil-knisja: Leli u Marija; Toni u Rita. Marija tikkommetti adulterju ma' Toni. Leli jiddivorzja Skritturalment lil Marija, u Rita tiddivorjza Skritturalment lil Toni. Leli u Rita huma ħielsa biex jerġgħu jiżżewwġu għaliex huma kienu *innoċenti*, għalhekk huma jiżżewwġu lil xulxin. Jekk fornikaturi mkeċċija huma ħielsa li jerġgħu jiżżewwġu, kulma Marija u Toni għandhom jagħmlu huwa li jindmu mill-adulterju tagħhom, u mbagħad huma jkunu ħielsa li jiżżewwġu lil xulxin! U l-knisja għandha tibqa' fi sħubija ma' l-erbgħa li huma. Le, huma ma jistgħux jerġgħu jiżżewwġu lil xulxin.

***Xi wħud jargumentaw li, jekk iż-żieni (fornikatur) ma jistax jerġa' jiżżewweġ, allura l-parti innoċenti hija marbuta għal tnejn min-nies separati.***

Huma jgħidu li aħna qegħdin ngħallmu lit-tieni żwiġijiet huma adulterju għaliex il-persuna ddivorzjata (imkeċċija) għadha xorta marbuta ma' l-ewwel kumpann tagħha. Imma jekk persuna innoċenti tista' tkeċċi l-fornikatur terġa' tiżżewweġ, imbagħad l-ewwel rabta għandha tkun miksura. Jekk hekk il-fornikatur mhuwiex marbut lanqas, għalhekk huwa wkoll jista' jerġa' jiżżewweġ. Li tiċħad dan huwa li tgħid li l-parti innoċenti, li keċċiet lill-fornikatur u reġgħet iżżewwġet, hija marbuta ma' tnejn min-nies bl-approvazzjoni ta' Alla.

Imma Alla jiddetermina lil min Hu jżomm għall-wegħdi taż-żwieġ tagħhom u lil min Hu jeħles u mhux aħna. It-tnejn min-nies għamlu l-ewwel patt taż-żwieġ. Id-dnub tal-fornikatur huwa ta' tali natura li Alla jeħles lill-parti innoċenti mill-obligi li hija daħlet fihom. Imma Alla xorta jista' jżomm lill-parti ħatja kkommettuta li

żżomm il-wegħda tagħha li jkollha għaqda sesswali ma ħadd ħlief ma' l-ewwel kumpann tagħha.

F'dan il-każ, Alla jobliga lill-parti l-ħatja biex iżżomm il-wegħda tagħha/tiegħu imma jeħles lill-parti innoċenti mill-wegħda tagħha/tiegħu. Innota li huwa possibbli għall-persuna waħda li tkun marbuta bit-termini ta' patt, ukoll wara li partijiet oħra kienu meħlusa minnu.

Il-fornikatur tilef id-dritt li jkollu mara bħala martu skritturali. Hu m'għandux aktar talba fuqha bħal kieku hu kien ikollu li kieku baqa' safi. Imma jekk, minħabba d-dnub tiegħu, hu m'għandux talba għall-ewwel kumpann tiegħu, b'liema mezzi aħna nistgħu naslu għall-konklużjoni li hu għandu d-dritt għal talba bħal din fuq xi mara oħra? Apparentament hu tilef id-dritt li jkollu dak il-patt ma' xi mara.

## B. Xi Ngħidu Dwar il-Każ Ta' Abbuż Ta' Raġel Fuq Martu?

Il-mistoqsija ta' abbuż ta' raġel fuq martu hija waħda mill-aktar sitwazzjonijiet terribbli li nies jistgħu jistgħu jsibu lilhom infushom fiha meta huma jkollhom żwieġ ħażin. Oħrajn jiġu f'moħħi: raġel li hu sakranazz, lagħâb; jonfoq il-fondi tal-familja għalih innifsu, ħalliel jew kriminal ieħor, eċċ. Jew il-problemi jistgħu jiġu minn sitwazzjonijiet li mhumiex il-ħtija la tar-raġel u lanqas tal-mara. Dan jista' jinkludi raġel (jew mara) li jsir invalidu minn aċċident jew marda, raġel (jew mara) li jkun mibgħut il-ħabs għal snin twal jew li jkollu jaħrab mill-belt tiegħu minħabba persekuzzjoni reliġjuża jew talli jippriedka l-verità (kif nara fl-eżempji tal-Bibbja), eċċ.

Dawn kollha, bħal abbuż tar-raġel, huma sitwazzjonijiet terribbli. Imma jiena ma nsib l-ebda Skrittura li tiġġustifika d-divorzju f'xi wieħed minn dawn il-każi. Fil-każ ta' abbuż tar-raġel, hemm xi ħwejjeġ li Kristjan jista' jagħmel dwar is-sitwazzjoni, imma d-divorzju mhuwiex wieħed minnhom.

Possibbiltajiet jistgħu jinkludu:

(1) Appell għall-awtoritajiet legali għall-protezzjoni. Dan jista' wkoll jinkludi twissija jew ordni li dak li jabbuża għandu jħalli lil martu weħidha kompletament għall-perjodu ta' żmien. Jew dan ikun jista' jwassal għal terminu fil-ħabs għal min jabbuża.

(2) Sa fejn jiena nista' ngħid, Kristjan huwa dejjem ħieles li jaħrab mis-sitwazzjoni li tipperikola l-ħajja fiżika tiegħu/tagħha jew is-sikurezza. Kristjani spiss ħarbu biex jevitaw il-persekuzzjoni. L-aktar, jekk hemm it-tfal li jkunu fil-periklu, il-Kristjan għandu jaġixxi biex jipproteġi lit-tfal.

(3) Huwa possibbli li l-passi ta' fuq jistgħu wkoll iwasslu għal jew li jkunu jeħtieġu separazzjoni legali, sakemm ir-raġel ikompli li jkun abbussiv. Jiena nirrealizza li dawk li jabbużaw spiss iwiegħdu li jinbidlu, u jkun jidher li huma għandhom jinagħtaw l-opportunità biex jinbidlu. Dan ikun jinvolvi deċiżjonijiet diffiċli mill-parti li tkun abbużata, dwar jekk tmurx lura.

Imma l-punt prinċipali huwa li l-azzjoni meħuda għandha tagħraf lir-rabta taż-żwieġ tkompli u li l-ebda parti m'għandha d-dritt li ġġib fit-tmiem iż-żwieġ jew li terġa' tiżżewweġ. Divorzju hawn mhuwiex għażla Skritturali.

## Ċ. Xi Definizzjonijiet:

Xi wħud ma jafux sewwa t-tifsir tal-kliem "*pornea*" (żina), "adulterju," "fornikazzjoni," eċċ., għalhekk, tajjeb li nagħti xi definizzjonijiet ta' dan il-kliem.

Dehra tal-kelma Griega "*pornea*" fl-Iskrittura Mqaddsa:

"*Adulterju*" u "*Fornikazzjoni*."

Skond diversi dizzjunarji Griegi u kummentarji tal-Bibbja, hawn hu xi tfisser il-kelma Griega *porneia*:

- "prostituzzjoni" (inkluż adulterju u inċest); figurattivament idolatrija: – **fornikazzjoni**." (Strong's Greek Dictionary, enfasi miżjuda).
- "*porneia*:"
  1) relazzjoni illecità sesswali.
  1a) adulterju, ***fornikazzjoni***, omosesswalità, lesbjaniżmu, att sesswali ma' l-annimali, eċċ.
  1b) att sesswali ma' qraba fil-qrib; Levitku 18.
  1c) att sesswali ma raġel jew mara ddivorzjati; Mark 10:11, Mark 10:12.
  2) metaforikament il-qima lil l-idoli.
  2a) dwar it-tħammiġ ta' l-idolatrija, kif ikkastigat billi tiekol is-sagrifiċċji offruti lil l-idoli" (Thayer's Greek Dictionary, enfasi miżjuda)
- *porneia* – "***Fornikazzjoni***, vulgarità, jew dnub sesswali" (*The Complete Word Study Dictionary of the New Testament*, Spiros Zodhiates, p.1201, enfasi miżjuda)
- "***Fornikazzjoni***. Kastità kienet l-eċċezzjoni minflok ir-regola fost il-Ġentili f'dan il-perjodu." (People's New Testament commentary, Atti 15:20, enfasi miżjuda)
- "u minn ***fornikazzjoni***—Id-dnub karatterizzat tal-paganiżmu, ipprattikat mingħajr ebda mistħija u pprattikat minn kull grad u klassi…." (Jamieson, Fausset, Brown commentary, Acts 15:20, enfasi miżjuda)
- "***Fornikazzjoni***, il-ħmieġ ta' kull xorta kien ipprojbit; **għax** πορνεια [*porneia*] ***mhux biss tfisser fornikazzjoni***, imma adulterju, taħlit inċestuż, u speċjalment il-prostituzzjoni li kienet tant komuni fit-tempji ta' l-idoli, jiġifieri, f'Ċipru, fil-qima ta' Venus; u d-diżordnijiet li jixxukkjaw murija fil-Bacchanalia, Lupercalia, u bosta oħrajn." (Clarke's commentary, minn http://www.e-sword.net/commentaries. html, Acts 15:20, enfasi miżjuda).

***"Fornikazzjoni"*** – Ebrajk: *zanah* / Greek: ***porneia***

***Fornikazzjoni hija att sesswali volontarju bejn raġel u mara li mhumiex miżżewġin lil xulxin***.

Adulterju huwa tip wieħed ta' fornikazzjoni.

Hawn hu xi tfisser il-kelma "***fornikazzjoni***."

- "li jkollok sess ma' xi ħadd li int m'intix miżżewweġ lilha jew lilu" (Free-search Dictionary).
- "Fornikazzjoni: Att sesswali li huwa "illeċitu", barra miż-żwieġ" (Medical Dictionary).
- "fornikazzjoni" att sesswali bejn raġel u mara li mhumiex miżżewġin lil xulxin" (Law Dictionary).

- "att sesswali bil-kunsens bejn żewġ persuni mhux miżżewġa lil xulxin" (Merriam-Webster Online Dictionary).

F'kull forma, ***fornikazzjoni*** kienet ikkundannata bil-qawwa kollha mil-liġi Możajka fost il-poplu ta' Alla, l-Iżraeliti.

<u>Levitku 21:9</u> – "[9]*U jekk bint il-qassis, tiniġġes lilha nfisha billi* ***ssir prostituta****, hija tagħmel għajb lil missierha: hi għandha tinħaraq fin-nar..*"

<u>Levitku 19:29</u> – "*La tħassarx lil bintek, billi tagħmilha prostituta [fornikazzjoni]; biex l-art ma tiżnix, u l-art timtela bil-waħx.*"

<u>Dewteronomju 22:22-29</u> – "[22]*Jekk raġel jinstab mimdud ma' mara miżżewġa, it-tnejn jagħtuhom il-mewt, sew ir-raġel li kien mimdud mal-mara, u sew il-mara: hekk tneħħi l-ħażen minn Iżrael.* [23]*Meta tifla li tkun għadha xebba titgħarras raġel, u raġel ieħor isibha l-belt, u jimtedd magħha;* [24]*Oħorġuhom it-tnejn f'bieb dik il-belt, u ħaġġruhom bil-ġebel għall-mewt; it-tifla, għax ma għajtitx meta kienet il-belt; u r-raġel għax tellef ġieh mart għajru: hekk tneħħi l-ħażen minn fostkom.* [25]*Iżda jekk ir-raġel isib fir-raba' t-tifla l-imgħarrsa, u r-raġel jaqbadha u jimtedd magħha; ir-raġel biss li mtedd magħha jkun maqtul:* [26]*Iżda t-tifla ma tagħmlilha xejn; mhemmx dnub fit-tifla li jistħoqqlu l-mewt: għax dan qisu bħal meta raġel jagħmel għal għajru, u joqtlu.* [27]*Għax sabha fir-raba', u t-tifla l-imgħarrsa għajtet, u ma kien hemm ħadd min jeħlisha.* [28]*Jekk raġel isib tifla li hi xebba, u li mhix imgħarrsa, u jaqbadha, u jimtedd magħha, u jinqabdu;* [29]*Ir-raġel li mtedd magħha jagħti lil missier it-tifla ħamsin xekel tal-fidda, u ssir martu; għax telfilha ġiehha, u ma jistax ikeċċiha għomru kollu.*"

1. <u>Mattew 5:32</u> – "*Iżda jien ngħidilkom: Li kull min ikeċċi lil martu,* ***ħlief minħabba*** *fornikazzjoni jġagħalha tagħmel adulterju: u kull min jiżżewweġ lil dik li hi ddivorzjata jagħmel* ***adulterju****.*"
2. <u>Rumani 1:29-31</u> – "[29]*Mimlijin b'kull deni,* ***fornikazzjoni****, dnewwa, regħiba, malizzja; mimlijin għira, qtil, ġlied, qerq, ħżunija; iqassu,* [30]*Jagħtu l-malafami, jobogħdu lil Alla, igħajru, kburin, faħħarin, jivvintaw il-ħsara, ma jobdux il-ġenituri tagħhom,* [31]*Bla moħħ, ma jżommux kelmithom, bla ġibda naturali, bla ħniena:*"
3. <u>1 Korintin 5:1</u> – "*Jingħad minn kulħadd li hemm il-****fornikazzjoni*** *fostkom, u* ***żina*** *[fornikazzjoni] li bħalha lanqas tinstama' fost il-Ġentili, li wieħed jieħu l-mara ta' missieru.*"
4. <u>1 Korintin 7:1-2</u> – "*Issa fuq il-ħwejjeġ li kitbtuli: Tajjeb għal raġel li ma jmissx mara.* [2]*Madankollu,* ***biex naħarbu fornikazzjoni*** *ħalli kull raġel ikoll 'l martu, u kull mara jkollha 'l żewġha.*"
5. <u>Galatin 5:19-20</u> – "[19]*Issa l-għemejjel tal-ġisem, li huma magħrufin, huma dawn:* ***l-fornikazzjoni****, faħx, kondotta laxka,* [20]*L-idolatrija, is-seħer, il-mibegħda, il-ġlied, il-ġelosija, il-għadab, it-tbixkil, il-firda, l-ereżija,* [21]*L-għira, is-sokor, ix-xalar, u ħwejjeġ bħal dawn: u ngħidilkom minn qabel, bħal ma għidtilkom ukoll fl-imgħoddi,* ***li dawk li jagħmlu ħwejjeġ bħal dawn ma jirtux is-saltna ta' Alla****.*"
6. <u>Ġuda 1:7</u> – "*U hekk ukoll ġralhom Sodoma u Gomorra u l-bliet ta' madwarhom li bħalhom ingħataw għall-****fornikazzjoni*** *u ntelqu wara l-pjaċiri*

*kontra n-natura;* ***huma saru eżempju għal kulħadd billi ħadu l-kastig tan-nar ta' dejjem.***"

7. **Rivelazzjoni 18:1-5** – "[1]*Wara dawn il-ħwejjeġ rajt anġlu ieħor nieżel mis-sema, li kellu setgħa kbira, u l-art iddawlet bil-glorja tiegħu.* [2]*U għajjat b'leħen qawwi, u qal: Waqgħet, waqgħet Babel il-kbira, u saret l-agħmara tad-demonji, u l-ħabs għal kull spirtu mniġġes, u gaġġa għal kull tajra mniġġsa u mistkerrha.* [3]*Għax xorbu l-ġnus kollha mil-għadab ta' l-inbid* ***tal-forni-kazzjoni*** *tagħha, u s-slaten ta' l-art* ***żnew*** *magħha, u n-neguzjanti ta' l-art stagħnew bil-lussu bla rażan tagħha.* [4]*U smajt leħen ieħor mis-sema jgħid:* ***Oħroġ minnha, ja poplu tiegħi, biex ma tixxirkux fi dnubietha, u ma tiħdux mill-kastigi tagħha.*** [5]*Għax dnubietha saru ħemel għoli sas-sema, u Alla ftakar fil-ħażen tagħha.*"

## ŻINA

Il-kelma "*pornea*" normalment hija tradotta bħala "fornikazzjoni" jew "adulterju." Hemm 32 vers fit-Testment il-Ġdid li fihom din il-kelma. Xi wħud minnhom huma:

1. **Atti 15:18-20** – "[18]*Magħrufin 'l Alla huma l-għemejjel kollha tiegħu mill-bidu taż-żmien.* [19]*Għalhekk il-fehma tiegħi hi, li ma nħabbtux lil dawk, li minn fost il-ġnus iduru lejn Alla.* [20]*Iżda niktbulhom, biex jitbiegħedu mit-tinġis ta' l-idoli,* ***u mil-fornikazzjoni*** *u mid-demm.*"
2. **Mattew 15:18-20** – "[18]*Iżda dawk il-ħwejjeġ li joħorġu mill-fomm jiġu mill-qalb; u dawk iniġġsu lill-bniedem.* [19]*Għax mill-qalb jiġu l-ħsibijiet ħżiena, il-qtil,* ***l-adulterji, il-fornikaturi****,* (distinzjoni bejn adulterju u fornikazzjoni) *is-serq, ix-xhidiet foloz, id-dagħa:* [20]*Dawn huma l-ħwejjeġ li jniġġsu bniedem: iżda li tiekol b'idejn mhux maħsulin ma jniġġisx bniedem.*"
3. **Mattew 19:1-6** – "[1]*U ġara, wara li Ġesù spiċċa dawn it-taħditiet, illi telaq mill-Galilija, u ġie fl-inħawi tal-Lhudija 'l hemm mill-Ġurdan.* [2]*U marru warajh ħafna folol; u hemm fejjaqhom.* [3]*U l-Fariżej resqu lejh ukoll, iġarrbuh, u jgħidulu: Sewwa li raġel ikeċċi lil martu għal kull ħtija?* [4]*U wieġeb u qalilhom: Ma qrajtux, li dak li mill-bidu ħalaqhom għamilhom raġel u mara?* [5]*U qalulhom: Minħabba f'hekk raġel iħalli lil missieru u lil ommu , u jingħaqad ma' martu: u t-tnejn isiru ġisem wieħed.* [6]*Għalhekk mhumiex iżjed tnejn, iżda ġisem wieħed. Dak mela li Alla għaqqad flimkien, ħa ma jifridx il-bniedem.* [7]*Qalulu: Għaliex mela Mosè ordna li tingħata l-kitba tad-divozju, u titkeċċa?* [8]*Qalilhom: Mosè minħabba l-ebusija ta' qalbkom ħalliekom tkeċċu n-nisa tagħkom: iżda mill-bidu ma kienx hekk.* [9]*U jien ngħidilkom: Kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-****fornikazzjoni****, u jiżżewweġ oħra, jagħmel* ***adulterju****; u dak li jiżżewweġ lil dik li tkeċċiet jagħmel* ***adulterju****.*"
4. **Rumani 1:29-31** – "[28]*U bħalma wkoll ma għoġobhomx li jżommu lil Alla fil-għerf tagħhom, hekk telaqhom Alla għall-fehmiet imgħawġa, biex jagħmlu dawk il-ħwejjeġ li ma jixirqux:* [29]*Mimlijin b'kull* **xorta ta' inġustizzja***, ħażen, dnewwa, regħiba, malizzja; mimlijin għira, qtil, ġlied, qerq, ħżunija; iqassu,* [30]*Jagħtu l-malafami, jobogħdu lil Alla, igħajru, kburin, faħħarin, jivvintaw il-ħsara, ma jobdux il-ġenituri tagħhom,* [31]*Bla moħħ, ma jżommux kelmithom, bla ġibda naturali, bla ħniena:* [32]***Li għalkemm jafu l-ħaqq ta' Alla, li dawk***

***li jagħmlu dawn il-ħwejjeġ ħaqqhom il-mewt, mhux biss jagħmluhom, iżda jieħdu pjaċir b'dawk li jagħmluhom.***"

5. <u>1 Korintin 5:9-13</u> – "[9]*Ktibtilkom f'epistoli* ***biex*** ***<u>ma tagħmluhiex mal-fornikaturi</u>****.* [10]*Iżda mhux għal kollox mal-****fornikaturi*** *ta' did-dinja, jew mar-rgħiba, jew mal-ħallelin, jew ma' l-idolatri; għax imbagħad ikollkom toħorġu mid-dinja.* [11]*Imma bħalissa qiegħed niktbilkom biex ma tagħmluhiex ma' min jissejjaħ ħukom* ***u jkun fornikatur****, rgħib, idolatra, jew iħobb igħajjar jew sikran, jew ħalliel; ma' wieħed bħal dan m'għandkom lanqas biss tieklu.* [12]*Għax x'għandi x'naqsam jien biex nagħmel ħaqq ukoll minn dawk li huma barra? Mhux minn dawk li huma ġewwa tagħmlu ħaqq intom?* [13]***Imma dawk li huma barra jagħmel ħaqq Alla minnhom****. Għalhekk neħħu dak il-bniedem ħażin minn fostkom.*"
    a. Ċertu ammont ta' assoċjazzjoni maż-żienja tad-dinja hi meħtieġa.
    b. Iżda din m'għandix tkun assoċjazzjoni mill-qrib u intima.
6. <u>1 Korintin 6:9-20</u> – "[9]*Ma tafux li l-inġusti ma jirtuhiex is-saltna ta' Alla? La titqarrqux!* ***La l-fornikaturi****, la idolatri, la adulteri, la effeminati, la omosesswali,* [10]*La ħallelin, la rgħiba, la skaren la qassiesa fuq in-nies, la ħattafa, ma jirtu s-saltna ta' Alla!* [11]*U minn dawn kienu xi wħud minnkom. Imma issa tnaddaftu, tqaddistu u ġejtu ġġustifikati fl-isem ta' Sidna Ġesù Kristu u fl-Ispirtu ta' Alla tagħna.* [12]*Kollox jiswa għalija; iżda mhux kollox jaqbel: kollox jiswa għalija, iżda jien ma naqa' taħt is-setgħa ta' ħadd.* [13]*L-ikel għaż-żaqq, u ż-żaqq għall-ikel: iżda Alla jeqred sew 'il dan, u kemm 'il din.* ***Issa l-ġisem mhux għaż-żina*** *[*fornikazzjoni*], iżda għall-Mulej; u l-Mulej għall-ġisem.* [14]*U Alla qajjem il-Mulej, u jqajjem lilna wkoll bis-setgħa tiegħu stess.* [15]*Ma tafux* ***li l-iġsma tagħkom huma l-membri ta' Kristu****? Inneħħi mela l-membri ta' Kristu, u nagħmilhom membri ta' mara prostituta? Allaħares!* [16]*X'inhu? Ma tafux li min jingħaqad mal-mara prostitut****a*** *jsir ġisem wieħed magħha? Isiru, kif tgħid l-Iskrittura, it-tnejn ġisem wieħed.* [17]*Min jingħaqad mal-Mulej hu ruħ waħda miegħu.* ***<u>[18]Aħarbu l-fornikazzjoni</u>****. Kull dnub li jagħmel il-bniedem hu barra mill-ġisem;* ***imma min jikkommetti fornikazzjoni jidneb kontra ġismu stess****.* <u>[19]*X'inhu?*</u> ***<u>Ma tafux li ġisimkom hu tempju ta' l-Ispirtu s-Santu li qiegħed fikom, li għandkom mingħand Alla, u li intom mintomx tagħkom infuskom?</u>*** [20]***Għax intom mixtrijin bi prezz****: għalhekk igglorifikaw 'l Alla f'ġisimkom, u fl-ispirtu tagħkom, li huma ta' Alla.*"
7. <u>1 Korintin 7:1-6</u> – "[1]*Issa fuq il-ħwejjeġ li kitbtuli: Tajjeb għal raġel li ma jmissx mara.* [2]*Madankollu,* ***biex naħarbu l-fornikazzjoni*** *ħalli kull raġel ikollu* ***'l martu****, u kull mara jkollha* ***'l żewġha****.*
    a. Hawn Pawlu kellu raġuni speċifika ħafna għaliex in-nies għandhom jiżżewwġu: "***biex naħarbu l-fornikazzjoni***."
8. <u>1 Korintin 10:1-33</u> – "[1]*Barra minn dan, ħuti, ma rridkomx li ma tkunux tafu, kif missirijietna lkoll kienu taħt is-sħaba, u lkoll qasmu l-baħar;* [2]*U lkoll kienu mgħammda f'Mosè fis-sħaba, u fil-baħar.* [3]*U kielu kollha l-istess ikel spiritwali;* [4]*U xorbu kollha l-istess xorb spiritwali: għax kienu jixorbu minn dik il-Blata spiritwali li kienet timxi warajhom: u dik il-Blata kienet Kristu.*

[5]***Imma ħafna minnhom ma għoġbux lil Alla**, għax waqgħu mejtin fid-deżert.* [6]***Issa dawn il-ħwejjeġ kienu xbihat għalina, biex ma nixxenqux għall-ħwejjeġ ħżiena**, bħal ma xxenqu huma wkoll.* [7]*Lanqas tkunu idolatri, bħal ma kienu x'uħud minnhom; kif inhu miktub: Il-poplu qagħad bil-qiegħda biex jiekol u jixrob, u qam biex jilgħab.* [8]***Lanqas għandna nagħtuha għall-fornikazzjoni, bħal ma għamlu x'uħud minnhom**, u waqgħu mejtin f'jum wieħed tlieta u għoxrin elf.*"

9. Galatin 5:19-21 – "[19]*Issa l-għemejjel tal-ġisem, li huma magħrufin, huma dawn: **iż-żina**, [fornikazzjoni] faħx, kondotta laxka,* [20]*L-idolatrija, is-seħer, il-mibegħda, il-ġlied, il-ġelosija, il-għadab, it-tbixkil, il-firda, l-ereżija,* [21]*L-għira, is-sokor, ix-xalar, u ħwejjeġ bħal dawn: u ngħidilkom minn qabel, bħal ma għidtilkom ukoll fl-imgħoddi, li **dawk li jagħmlu ħwejjeġ bħal dawn ma jirtux is-saltna ta' Alla**.*"

10. Efesin 5:1-7 – "[1]***Ixbħu mela lil Alla bħal ulied maħbuba**;* [2]*U imxu fl-imħabba, bħalma Kristu wkoll ħabbna, u ta lilu nnifsu għalina bħala offerta u sagrifiċċju lil Alla b'rieħa ħelwa.* [3]***La ż-żina**, [fornikazzjoni] u lanqas ebda faħx, jew ir-regħba, ma għandhom jissemmew darba waħda biss fostkom, kif jixraq lill-qaddisin;* [4]*Lanqas kliem moqżież, u kliem iblaħ, u ċajt, li ma jixirqux: imma pjuttost radd il-ħajr.* [5]*Għax dan kunu afu; li **ebda fornikatur** jew faħxi jew rgħib – li hu idolatra – **ma jkollu wirt fis-Saltna ta' Kristu u ta' Alla**"* [6]*Tħallu lil ħadd iqarraq bikom bi kliem fieragħ, għaliex minħabba f'dawn il-ħwejjeġ tinżel il-korla ta' Alla fuq ulied id-diżubbidjenza.* [7]***Mela tissieħbu qatt magħhom!***"

11. 1 Tessalonikin 4:1-18 – "[1]*Barra minn dan imbagħad nitolbukom, ħuti, u nħeġġukom f'Sidna Ġesù, li bħal ma ħadtu mingħandna **kif għandkom timxu u togħġbu lil Alla**, hekk tkomplu toktru iżjed u iżjed.* [2]*Għax intom tafu xi kmandamenti tajniekom permezz ta' Sidna Ġesù.* [3]***Għax din hi r-rieda ta' Alla: it-taqdis tagħkom; li taħirbu mill-fornikaturi**:* [4]*Li kull wieħed minnkom ikun jaf kif jikkontrolla 'l ġismu bil-qdusija u l-ġieħ,* [5]*U ma jħallix il-passjoni tegħlbu, bħall-Ġentili li ma jagħrfux lil Alla.*"

12. Lhud 13:4 – "*Ħa jkun imweġġah iż-żwieġ f'kollox, u s-sodda taż-żwieġ ħa tkun bla tebgħa; iżda Alla jagħmel ħaqq **mill-fornikaturi** u mill-**adulteri**.*"

13. 1 Korintin 7:8-9 – "[8]*Għalhekk jien ngħid lil dawk **li mhumiex miżżewġin u lir-romol**: Li aħjar għalihom li jibqgħu bħali wkoll.* [9]***Imma jekk ma jifilħux iżommu, ħa jiżżewwġu**: għax aħjar tiżżewweġ milli tinħaraq.*"

14. Rivelazzjoni 2:19-22 – "[19]*Naf l-għemil tiegħek, u l-imħabba, u s-servizz, u l-fidi, u s-sabar tiegħek, u l-għemejjel tiegħek; u ta' l-aħħar huma aktar minn ta' l-ewwel.* [20]*Madankollu għandi ħaġa żgħira kontra tiegħek, **għax inti tħalli** lil dik il-mara Ġeżabel, li ssejjaħ lilha nfisha profetissa, tgħallem u tqarraq il-qaddejja tiegħi biex **jiżnu**, u jieklu ħwejjeġ issagrifikati lill-idoli.* [21]*U jien tajtha ż-żmien **biex tindem mil-fornikazzjoni tagħha**; u hija ma nidmitx.* [22]*Ara, jien nixħetha f'sodda, u lil **dawk li jikkommettu** magħha f'taħbit kbir, **jekk ma jindmux mill-għemil tagħhom**.*"

15. Rivelazzjoni 21:7-8 – "[7]*Min jirbaħ jiret kollox; u jien inkun Alla tiegħu, u hu jkun ibni.* [8]*Iżda l-beżżiegħa, u dawk li ma jemmnux, u l-moqżieża, u l-qattiela,*

*u **l-fornikaturi**, u s-saħħara, u l-idolatri, u l-giddieba kollha, ikollhom sehemhom fil-għadira li tħeġġeġ bin-nar u l-kubrit: din hi t-tieni mewt.*"

16. **Salm 145:17-21** – "[17]*Jaħweh tal-ħaqq fi triqatu kollha, u qaddis fl-għemejjel tiegħu kollha.* [18]*Jaħweh qrib dawk kollha li jisejħulu, lil dawk kollha li jsejħulu fis-sewwa.* [19]*Hu jaqta' x-xewqta ta' dawk li jibżgħu minnu; u jisma' wkoll il-għajta tagħhom, u jsalvahom.* [20]*Jaħweh iħares lil dawk kollha li jħobbuh; **iżda jeqred il-ħżiena kollha.*** [21]*Fommi jxandar tifħir Jaħweh: u ħa jbierek kull maħluq l-isem qaddis tiegħu għal dejjem ta' dejjem.*"

## ADULTERJU
### (Mill-International Standard Bible Encyclopedia)

**a-dul'-ter-i**: Fl-Iskrittura tfisser att sesswali ta' raġel, kemm jekk miżżewweġ jew mhux miżżewweġ, ma' mara miżżewwġa.

1. Il-Kastig Tiegħu:

L-adulterju huwa kategorikament ipprojbit minn Alla.

1. **Eżodu 20:14; Dewteronomju 5:18** – "*La tikkommettix adulterju.*"
2. **Levitku 18:20** – "*Ma' mart għajrek la timteddx biex titkasbar magħha.*"
3. **Levitku 20:20** – "*U jekk wieħed jimtedd ma' mart zijuh, ikun kixef il-għera ta' zijuh: it-tnejn iġibu fuqhom dnubhom; bla tfal imutu.*"
4. **Levitku 20:10** – "*U jekk wieħed jikkommetti **adulterju** ma' mart raġel ieħor, jekk jikkommetti adulterju ma' mart għajru, lill-**adulteru** u lill-**adultera** jagħtuhom il-mewt it-tnejn.*"
5. **Ġwanni 8:1-11** – "[1]*Mar Ġesù lejn il-għolja taż-Żebbuġ.* [2]*U filgħodu kmieni raġa' ġie fit-tempju, u l-poplu kollu ġie għandu; u qagħad bil-qiegħda, u għallimhom.* [3]*U l-iskribi u l-Fariżej ġiebu mara maqbuda fl-adulterju; u meta qegħduha fin-nofs,* [4]*Qalulu: Mgħallem, dil-mara nqabdet **fl-adulterju**, fl-għemil stess.* [5]***Issa Mosè fil-liġi ordnalna, li bħal dawn inħaġġruhom**: Iżda int xi tgħid?* [6]*Dan qaluh, huma u jġarrbuh, biex ikollhom fuqiex jixluh. Imma Ġesù tmejjel 'l isfel, u kiteb b'sebgħu fl-art, qisu ma semagħhomx.* [7]*Iżda meta baqgħu jistaqsuh, twaqqaf, u qalilhom: Min fostkom hu bla dnub, jixħtilha ġebla l-ewwel wieħed.* [8]*U raġa' tmejjel, u kiteb fl-art.* [9]*U huma li semgħu dan, bili kienu ikkundannati mill-kuxjenza tagħhom stess, ħarġu wieħed wieħed, ibda mix-xjuħ, sa l-aħħar wieħed: u ġesù baqa' waħdu, u l-mara wieqfa fin-nofs.* [10]*X'ħin Ġesù qam, u ma ra lil ħadd ħlief il-mara, qalilha: Mara, fejn huma dawk li kienu jixluk? Ħadd ma jikkundannak?* [11]*Hija qalet: Ħadd, Sinjur. U qalilha Ġesù: Lanqas jien ma nikkundannak: **mur, u tidnibx iżjed**.*"

Il-persuna ħatja ssir suġġetta għall-kastig tal-mewt biss meta tkun maqbuda "fil-att innifsu" (**Ġwanni 8:4**).

**Rivelazzjoni 22:15** – "*Għax barra huma l-klieb, u s-saħħara, u **l-fornikaturi**, u l-qattiela, u l-idolatri, u dawk kollha li jħobbu u jagħmlu l-qerq.*"

## ŻWIEĠ, DIVORZJU U ŻWIEĠ MILL-ĠDID

Meta Ġesù kien sfidat mill-Fariżej dwar il-fehma Tiegħu fuq id-divorzju (**Mattew 19:3-9; Mark 10:2-12**), Hu ma tax tweġiba li qablet ma' xi interpretazzjoni tar-Rabbi, imma ta l-fehma aktar profonda Tiegħu stess tal-kitba tat-Testment il-Qadim (**Dewteronomju 24:1-4**). Din kienet lid-divorzju kien ippermettut meta ż-żwieġ kien kuntrarju għall-kmand ta' Alla dwar fornikazzjoni fil-liġi. F'każ bħal dan, żwieġ mill-ġdid kien imħolli, imma mhux lis-sieħeb oriġinali.

## ŻWIEĠ, DIVORZJU U ŻWIEĠ MILL-ĠDID
## (L-ewwel Parti)

### *Il-Patt taż-Żwieġ*

Il-kuntratt taż-żwieġ huwa patt bejn tliet partijiet: ir-raġel, il-mara u Alla. Xi rġiel fil-jiem ta' Malakija ma kinux ġusti lejn marthom. Il-profeta fakkarhom li "[14]*U madankollu tgħidu: Għaliex? Għax Jaħweh hu xiehed bejnek u bejn mart żgħożitek, li magħha ma kontx fidil, għalkemm hi sieħbitek, martek bir-rabta tiegħek*" (**Malakija 2:14**). Il-mara immorali ta' **Proverbji 2:17** kienet "*telqet is-sieħeb ta' żgħożitha, u nsiet ir-rabta ta' Alla tagħha.*"

F'kull *ċerimonja taż-żwieġ* il-koppji għandhom jiftakru li *l-wegħdi taż-żwieġ* huma magħmula fil-preżenza ta' Alla; Hu x-Xhud tagħhom. Iż-żmien jista' jiġi meta x-xhieda tagħhom tad-dinja jinkoraġġixxu lil din il-koppja biex jiddivorzjaw, imma huma jeħtieġu li jiftakru li Alla mhuwiex se jinsa l-wegħda tagħhom li jibqgħu ma' xulxin "sakemm il-mewt tifridhom."

Hemm ħafna obligi fil-patt taż-żwieġ. Ir-raġel għandu jħobb lil martu "kif Kristu ħabb il-knisja" (**Efesin 5:25**). Hu għandu wkoll jipprovdi għall-familja tiegħu (**1 Timotju 5:8**). Il-mara hija meħtieġa li tkun f'sottomissjoni lejn żewġha "*bħalma l-knisja hi suġġetta għal Kristu*" (**Efesin 5:24**). Huma t-tnejn jeħtieġu li jagħtu lil xulxin "*dak li jistħoqqilhom*" (**1 Korintin 7:3**). Ukoll, huma "marbuta bil-liġi" ma' xulxin sakemm huma jdumu ħajjin (**Rumani 7:1-4**). Din hija ovvjament il-liġi ta' Alla, u mhux il-liġi tal-bniedem.

### *Divorzju Għal Kull Kawża?*

Meta l-Fariżej staqsew lil Kristu dwar id-divorzju "*għal kull raġuni,*" Hu fakkarhom li Alla kien intenzjona għal raġel wieħed u mara waħda biex igħixu flimkien fiż-żwieġ għal ħajjithom. Hu qal ukoll li fiż-żwieġ koppja hija "maqgħuda" flimkien minn Alla Nnifsu (**Mattew 19:3-6**). Huma staqsew għaliex Mosè ippermettihom li jagħtu "ċertifikat ta' divorzju" u jkeċċu n-nisa tagħhom (**Mattew 19:7**). Ġesù spjega li waqt li Alla kien ittollera l-immoralità tagħhom għal xi waqt, "*mill-bidu ma kien hekk*" (**Mattew 19:8**). Il-Fariżej kellhom ħafna raġunijiet biex "ikeċ-ċu" lin-nisa tagħhom, imma l-Mulej tagħna qal li kien hemm biss raġuni waħda għal raġel biex "ikeċċi" lil martu u jiżżewweġ oħra, jiġifieri, adulterju (**Mattew 19:9**).

Fl-ordni Divina, Alla qal it-"*tkeċċija*" kellha tkun minħabba "*adulterju*" (**Mattew 19:9**). Dan iġib fix-xejn il-Logħba ta' Stennija milugħba minn xi wħud illum. Il-logħba hija milugħba meta koppja tiddivorzja u parti waħda tistenna għal l-oħra biex tikkommetti adulterju. Huma jistqarru li dan jagħtihom id-dritt biex jiżżewwġu mill-ġdid Skritturalment. Imma wieħed għandu jkun imfakkar li Ġesù qal li l-adulterju għandu jiġi ***qabel*** "it-tkeċċija" (**Mattew 19:9**).

Billi Alla huwa l-Wieħed li jgħaqqad koppja flimkien fiż-żwieġ, Hu biss huwa Dak li jista' jħollhom mill-kuntratt. Huwa possibbli għall-koppja li tkun miżżewġa bil-liġijiet tal-pajjiż, imma mhux magħqudin flimkien minn Alla. Dan huwa l-każ f'**Mark 6:17-18**. F'dan il-passaġġ Ġwanni l-Battista qal lil Erodi, "*Mhuwiex skond il-liġi għalik illi jkollok mart ħuk.*" Erodi kien miżżewweġ skond il-liġi ċivili, imma Ġwanni qal liż-żwieġ ma kienx "skond il-liġi." Il-mara f'**Rumani 7:2-3** kienet għadha marbuta minn Alla ma' l-ewwel raġel tagħha sakemm hu kien għadu ħaj, ukoll għalkemm hija forsi kienet miżżewwġa raġel ieħor!

### *Sejjer Alla Jaħfer id-Divorzju?*

X'jiġri meta individwu kien iddivorzjat mhux Skritturalment u ried li jobdi l-Evanġelju? Kien Alla se jinsa ż-żwieġ(ijiet) tiegħu ta' qabel u jħallih biex ikompli fiż-żwieġ preżenti tiegħu? Xi aħwa fil-knisja jridu li jargumentaw dwar l-effikaċja tal-magħmudija u r-rwol tagħha fil-maħfra tad-dnubiet. Aħna neħtieġu li nfakkruhom li l-magħmudija hija "għall-maħfra tad-dnubiet" (**Atti 2:28**), mhux għall-maħfra taż-żwiġijiet.

Sakemm jiena nista' niddetermina, id-diskussjoni m'għandhiex tkun iċċentrata fuq ir-rwol tal-magħmudija imma pjuttost it-tifsira ta' ndiema vera billi din tiġi qabel il-magħmudija. Jekk raġel qiegħed igħix fi żwieġ mhux Skritturali (jiġifieri, adulterju) l-indiema titlob li hu jwaqqaf il-prattika tad-dnub u jħalli s-sieħba mhux skritturali tiegħu. (L-istess dan japplika għall-mara.)

*L-indiema* hija mfissra bħala "il-bidla tal-moħħ ta' dawk li bdew jistmellu l-iżbalji u l-għemejjel ħżiena tagħhom, u ddeterminaw li jidħlu f'korsa aħjar ta' ħajja, biex b'hekk din tħaddan kemm għarfien tad-dnub u niket għalih u korrezzjoni mill-qalb, is-sinjali u l-effetti li tagħhom huma opri tajba…" (Thayer, p. 406). L-indiema ġġorr magħha xhieda lid-dinja ma tistax turi xi dubju fiha. Fit-Testment il-Qadim Alla talab restituzzjoni li tkun magħmula meta xi ħadd jindem minn dnubietu (**Numri 5:6-8; Levitku 6:1-7**). L-indiema tagħna tkun fiergħa sakemm aħna nġibu 'l quddiem "*frott li jistħoqq lil indiema*" (**Mattew 3:8**). Iva, id-demm ta' Kristu jaħfer id-dnubiet kollha tagħna hekk kif aħna nkunu midfuna miegħu bil-magħmudija (**Atti 2:38; 16:22**; **Rumani 6:1-4; 1 Pietru 3:21**), imma qabel il-magħmudija jiena għandi *nindem* minn dnubieti (**Atti 2:38**). Jekk jiena qiegħed ngħix fl-adulterju, l-indiema titlob li jiena nkeċċi lis-sieħba mhux Skritturali tiegħi!

Fi **Ġwanni 8** aħna nsibu r-rakkont ta' mara lil kienet inqabdet fil-fatt innifsu ta' l-adulterju. Ma jista' jkun hemm l-ebda dubju li l-Mulej ħafrilha. Imma x'fisser Ġesù meta Hu qal "*mur, u tidnibx iżjed*"? (**v. 11b**.) Kienet hija tista' tmur lura għand ir-raġel li kienet qed torqod miegħu? Jiena nemmen li l-Mulej ħafrilha, imma wkoll wissiha biex ma tikkommettix aktar dan id-dnub.

### *Huma Dawk Li Mhumiex Kristjani Suġġetti Għal-Liġi Ta' Kristu?*

Xi wħud argumentaw li dawk li mhumiex Kristjani mhumiex suġġetti għal-liġi ta' Kristu taż-żwieġ. Meta Ġesù ta' l-kmand f'Mattew 19 Hu kien qiegħed ikellem lill-Fariżej, nies li Hu sejħilhom "ipokriti," mexxejja għomja" u wlied ix-xitan. Lil dawn in-nies Ġesù qal: "*…Kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba ż-żina, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u dak li jiżżewweġ lil dik li tkeċċiet jikkommetti adulterju.*" Il-kliem "*kull min*" jiġbor fih in-nies kollha, Kristjani u mhux Kristjani xorta waħda.

### *Inkissru d-Dar Ferħana Tagħna?*

Wara li tispjega l-liġi ta' Alla lill-koppji li jkunu qegħdin igħixu fid-dnub, int spiss tkun mistoqsi, "Ikun iridna Alla li nkissru d-dar ferħana tagħna?" Fil-jiem ta' Esdra ħafna rġiel kienu żżewwġu nisa pagani mill-ġnus ta' madwar. Alla pprojbixxihom milli jiżżewwġu nisa minn xi wieħed mis-seba' ġnus imsemmija f'**Dewteronomju 7:1-5**. Meta n-nies ta' Iżrael irrealizzaw id-dnub tagħhom u waslu għal l-indiema, Esdra qal, "[10]*U Esdra l-qassis qam, u qalilhom: Intom dnibtu, u żżewiġtu nisa barranin, biex iżżidu l-ħtija ta' Iżrael.* [11]*Għalhekk issa faħħru lil Jaħweh, Alla ta' missirijietkom, u agħmlu r-rieda tiegħu; u nfirdu mill-popli tal-pajjiż, u min-nisa barranin*" (**Esdra 10:10-11**).

## DIVORZJU U ŻWIEĠ MILL-ĠDID
### (It-Tieni Parti)

L-ewwel, eżamina sewwa l-kliem tal-Mulej f'**Mattew 5:32; 19:9; Mark 10:11-12; Luqa 16:18**.

- **Mattew 5:32** – "[32]*Iżda jien ngħidilkom: Li kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, iġagħalha tikkommetti adulterju: u kull min jiżżewweġ lil dik li hi mkeċċija jikkommetti adulterju.*"
- **Mattew 19:9** – "[9]*U jien ngħidilkom: Kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u dak li jiżżewweġ lil dik li tkeċċiet jikkommetti adulterju.*"
- **Mark 10:11-12** – "[11]*U qalilhom: Kull min ikeċċi lil martu, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju kontra tagħha.* [12]*U jekk mara tkeċċi lil żewġha, u tiżżewweġ ieħor, tikkommetti adulterju.*"
- **Luqa 16:18** – "[18]*Kull min ikeċċi lil martu, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u min jiżżewweġ l-imkeċċija minn żewġha jikkommetti adulterju.*"

Eżami mill-qrib tal-kliem tal-Mulej jirrivela dan li ġej:

(1) Hemm biss EĊĊEZZJONI waħda jew KAWŻA waħda għal divorzju u żwieġ mill-ġdid.

- **Mattew 5:32** – "*...Li kull min ikeċċi lil martu,* ***ħlief minħabba l-fornikazzjoni****, iġagħalha tikkommetti adulterju: u kull min jiżżewweġ lil dik li hi mkeċċija jikkommetti adulterju.*"
- **Mattew 19:9** – "*...Kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-****fornikazzjoni****, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u dak li jiżżewweġ lil dik li tkeċċiet jikkommetti adulterju.*"

Għalhekk, f'għajnejn Alla hemm biss kawża waħda għal divorzju u żwieġ mill-ġdid; hemm biss eċċezzjoni waħda li biha persuna tista' tiddivorzja u tiżżewweġ oħra (dejjem tas-sess oppost). Il-kawża jew raġuni għad-divorzju hija kollha importanti għaliex jekk koppja hija ddivorzjata għal xi raġuni oħra barra mill-fornikazzjoni, (żina) l-ebda parti ma hija ħielsa biex terġa' tiżżewweġ. Il-mistoqsija xi kultant hija magħmula, "Jekk koppja kienet iddivorzjata għal xi raġuni barra mill-fornikazzjoni, ikun wieħed ħieles biex jerġa' jiżżewweġ jekk l-oħra aktar tard issir ħatja ta' fornikazzjoni?" It-tweġiba hija "Le!" Ir-raġuni hija li skond il-Mulej, hemm biss waqt

wieħed li fih persuna hija ħielsa biex terġa' tiżżewweġ u dak huwa meta hija tiddivorzja s-sieħeb tagħha minħabba l-fornikazzjoni.

(2) L-istruzzjonijiet tal-Mulej dwar IR-RAĠEL – imsemmija fl-erba' rakkonti kollha.

- **Mattew 5:32** – "[32]*Iżda jien ngħidilkom: Li kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, iġagħalha tikkommetti adulterju: u kull min jiżżewweġ lil dik li hi mkeċċija jikkommetti adulterju.*"
- **Mattew 19:9** – "[9]*U jien ngħidilkom: Kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u dak li jiżżewweġ lil dik li tkeċċiet jikkommetti adulterju.*"
- **Mark 10:11-12** – "[11]*U qalilhom: Kull min ikeċċi lil martu, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju kontra tagħha.* [12]*U jekk mara tkeċċi lil żewġha, u tiż-żewweġ ieħor, tikkommetti adulterju.*"
- **Luqa 16:18** – "[18]*Kull min ikeċċi lil martu, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u min jiżżewweġ l-imkeċċija minn żewġha jikkommetti adulterju.*"

Konsegwentament, ir-raġel li jiddivorzja lil martu għal xi raġuni oħra barra minn fornikazzjoni, m'għandux id-dritt biex jerġa' jiżżewweġ. Jekk jagħmel dan, hu jikkommetti adulterju.

(3) L-istruzzjonijiet għall-MARA. Huwa l-istess kif għar-raġel imma huma msemmija biss fir-rakkont ta' Mark.

- **Mark 10:11-12** – "[11]*U qalilhom: Kull min ikeċċi lil* ***martu****, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju kontra tagħha.* [12]*U jekk* ***mara*** *tkeċċi lil żewġha, u tiżżewweġ ieħor, tikkommetti adulterju.*"

Għalhekk, il-mara li tiddivorzja lil żewġha għal xi kawża oħra barra minn fornikazzjoni m'għandix dritt biex terġa' tiżżewweġ. Jekk tiżżewweġ, hija tikkommetti

adulterju. L-appostlu Pawlu qal l-istess ħaġa dwar il-mara f'**Rumani 7:2-3**.

(4) L-istruzzjonijiet tal-Mulej dwar IL-PARTI MKEĊĊIJA – il-parti innoċenti li hija mkeċċija – msemmija f'żewġ rakkonti.

- **Mattew 5:32** – "[32]*Iżda jien ngħidilkom: Li kull min ikeċċi lil* ***martu****, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, iġagħalha tikkommetti adulterju: u kull min jiżżewweġ lil dik li hi mkeċċija jikkommetti adulterju.*"
- **Mark 10:11-12** – "[11]*U qalilhom: Kull min ikeċċi lil* ***martu****, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju kontra tagħha.*"

Għalhekk, aħna għandna żewġ raġunijiet għaliex raġel m'għandux jiddivorzja lil martu, *ħlief minħabba l-fornikazzjoni*, u jiżżewweġ oħra.

(A) "*Iġagħalha tikkommetti adulterju.*" Jekk huwa ddivorzja lil martu għal kawża oħra barra minn dik Skritturali, hu jpoġġi lil martu għall-tentazzjoni kbira biex tidneb. Ara **1 Korintin 7:8-9**. Aħseb dwar il-periklu ta' ħsara li fih raġel ipoġġi lil martu, meta hija ma tkunx tiflaħ trażżanha, u r-raġel jikser ir-rabta għal raġuni oħra barra mir-raġuni Skritturali fid-divorzju. Jekk hija tfittex biex tissodisfa x-xewqat tagħha barra miż-żwieġ, hija tidneb, jew jekk hija terġa' tiżżewweġ, hija tidneb. Ġesù

qiegħed juri li huwa ħażin għal raġel li jpoġġi lil martu għall-periklu ta' ħsara bħal dan.

(B) "*Jikkommetti adulterju kontra tagħha.*" Dan juri l-gravità tad-dnub ta' l-adulterju. Hu mhux biss jidneb kontra Alla, imma kontra martu, u biex jikseb il-maħfra, hu għandu jistqarr id-dnub tiegħu lit-tnejn, jiġifieri, lil Alla u lil martu. Xi wħud jaħsbu li sakemm huma jkunu jistgħu jaħbu n-nuqqas ta' fedeltà tagħhom, kollox ikun sew; għall-kuntrarju, huma dinbu kontra l-kumpann tagħhom, u jekk huma jridu li jkunu salvati eternament, huma għandhom jistolbu għall-maħfra.

(5) It-tagħlim tal-Mulej dwar IT-TIELET PARTI – imsemmi fi tliet passaġġi.

- **<u>Mattew 5:32</u>** – "*[32]Iżda jien ngħidilkom: Li kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, iġagħalha tikkommetti adulterju:* ***u kull min jiżżewweġ*** *lil dik li hi mkeċċija jikkommetti adulterju.*"
- **<u>Mattew 19:9</u>** – "*[9]U jien ngħidilkom: Kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni,* ***u jiżżewweġ oħra****, jikkommetti adulterju; u* ***dak li jiżżewweġ*** *lil dik li tkeċċiet jikkommetti adulterju.*"
- **<u>Luqa 16:18</u>** – "*[18]Kull min ikeċċi lil martu, u jiżżewweġ* ***oħra****, jikkommetti adulterju; u* ***min*** *jiżżewweġ l-imkeċċija minn żewġha jikkommetti adulterju.*"

Konsegwentament, it-tielet parti li jew tiżżewweġ wieħed li kien iddivorzjat mingħajr bażi Skritturali, jew tiżżewweġ wieħed li kien iddivorzjat minħabba ħtija ta' fornikazzjoni, tikkommetti adulterju.

Iż-żagħżagħ għandhom ikunu attenti ħafna, f'li jagħmlu appuntament ma' dawk li kienu ddivorzjati, jew miżżewġin. Xi żagħżagħ ma jistgħux jifhmu għaliex il-ġenituri tagħhom ikun inwetati meta huma jibdew jiltaqgħu ma persuna li kienet miżżewġa jew iddivorzjata. Forsi b'għarfien ta' dawn il-ħwejjeġ huma issa jkunu jistgħu jifhmu għaliex il-ġenituri tagħhom jirreaġixxu hekk. Iż-żagħżagħ għandhom jagħtu widen għat-twissijiet tal-ġenituri tagħhom dwar din il-ħaġa. U xi ngħidu dwar pesuna żagħżugħa tiżżewweġ persuna ddivorzjata fejn kienet taħseb li kollox kien sew biss wara ssib li ma kienx kollox sew? Ħaġa bħal din tista' biss tirriżulta f'ħajja mkissra.

(6) L-istruzzjonijiet tal-Mulej dwar il-PARTI ĦATJA – il-parti li hija ħajta li kkommettiet adulterju kontra l-kumpann miżżewweġ tagħha.

Il-parti l-ħatja m'għandix id-dritt li terġa' tiżżewweġ kif jidher mill-espressjoni "*…u dak li jiżżewweġ lil dik li tkeċċiet jikkommetti adulterju.*" Barra dan, aħna diġa' rajna li l-uniku waqt li fih wieħed huwa ħieles li jerġa' jiżżewweġ huwa meta hu jiddivorzja lill-kumpann tiegħu (jew tagħha) minħabba l-fornikazzjoni. Il-parti ħatja ma taqbilx ma' jew ma toqgħodx f'dan il-waqt wieħed.

Ukoll, dan juri s-serjetà kbira tad-dnub ta' l-adulterju. Persuni miżżewwġin għandhom b'kull mezz jevitaw li jniġġsu r-rabta taż-żwieġ. Meta wieħed jikkommetti fornikazzjoni, huwa jidneb kontra Alla u kontra l-kumpann tiegħu. Hu għandu jistqarr id-dnub tiegħu u jipprova li jkun irrikonċiljat għas-sieħeb/a tiegħu. Jekk il-kumpann ikun jidher tajjeb biex jiddivorzja lill-parti l-ħatja, il-ħatja għandha tgħix fiċ-ċelibat (l-istat li tkun mhux miżżewweġ) għal kumplament ta' ħajjitha, jekk hija trid li ssalva. Il-liġijiet ta' Alla jippromwovu l-purità fir-rabta taż-żwieġ. **Lhud 13:4** jgħid, "*[4]Ħa jkun imweġġaħ iż-żwieġ f'kollox, u s-sodda taż-żwieġ ħa tkun bla tebgħa; iżda Alla jagħmel ħaqq mil-fornikaturi u mill-adulteri.*"

Kull it-tieni żwieġ huwa midneb, sakemm l-ewwel żwieġ ma kienx maħlul bil-mewt, jew bir-raġel innoċenti jew mara innoċenti jiddivorzjaw lill-kumpann adulteru tagħhom. Il-parti innoċenti biss għandha d-dritt li terġa' tiżżewweġ. Il-ġenerazzjoni tagħna hija tabilħaqq "*ġenerazzjoni ħażina u adultera*" u wieħed jeħtieġ li jkun mgħallem il-liġi ta' Alla dwar id-divorzju, u ż-żwieġ mill-ġdid. Minkejja x'tista' tagħraf il-liġi tal-pajjiż, il-liġi ta' Alla hija dejjem l-istess. Id-dinja tista' tagħraf divorzju faċli għal kull kawża, imma dak ma jbiddilx jew ma jġibx il-liġi ta' Alla fix-xejn. Dawk li jiksru l-liġi ta' Alla u ma jagħmlux indiema ġenwina, ikunu miltlufa għal dejjem fl-infern (**Kolossin 3:5-7**).

Aħna nissimpatizzaw ma' dawk li fuq studju tal-liġi ta' Alla jsibu lilhom infushom fi żwieġ adulteru. Aħna nitolbuhomn bil-ħniena biex ma jħallux ir-relazzjoni fiżika tagħhom li ssir aktar importanti mix-xewqa tagħhom biex jogħġbu lil Alla u jmorru fis-smewwiet. Ir-relazzjonijiet kollha f'din il-ħajja dalwaqt igħaddu. Wieħed m'għandux ikun iblah u jbigħ il-wirt etern tiegħu għal prezz baxx.

- <u>Lhud 12:15-16</u> – "[15]*U ifthu għajnejkom li ħadd ma jibqa' lura mill-grazzja ta' Alla; u li l-ebda għerq ta' mrar ma jarmi u jħabbatkom, u b'hekk jitniġġsu ħafna;* [16]*Li ma jkun hemm ebda wieħed* ***fornikatur,*** *jew li jkasbar ħwejjeġ qaddisa, bħal Għesaw, li għal ikla waħda, biegħ id-dritt tiegħu bħala t-tifel il-kbir.*"

## DIVORZJU U ŻWIEĠ MILL-ĠDID
## (It-Tielet Parti)

- <u>Mattew 19:9</u> – "[9]*U jien ngħidilkom: Kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u dak li jiżżewweġ lil dik li tkeċċiet jikkommetti adulterju.*"

Dwar dak li għandu x'jaqsam mad-divorzju u l-implikazzjonijiet tiegħu dan huwa l-aktar passaġġ ta' importanza kbira fit-Testment il-Ġdid. Dan jokkupa din il-pożizzjoni partikulari għar-raġuni li huwa l-uniku passaġġ fit-Testment il-Ġdid li fih aħna għandna għaqda ta' żewġ klawsoli, jiġifieri, il-klawsola li tagħmel l-eċċezzjoni (*mh; epi; poreia* [minħabba l-fornikazzjoni]) u l-klawsola ta' żwieġ mill-ġdid (*kai; gamhsh/allhn* [u jiżżewweġ oħra]). Dawn iż-żewġ klawsoli jiġru xi mkien ieħor, l-ewwel waħda f'**Mattew 5:32**, fil-"*parekto logou porneia*" [ħlief minħabba l-fornikazzjoni] u ta' wara f'**Mark 10:11**, kif ukoll fil-forma *kai gamwn eteran*; [u jiżżew-weġ oħra] f'**Luqa 16:18**. Imma f'**Mattew 19:9** biss huma kkoordinati.

Forsi ma kienx ikun xieraq li żżomm li l-kustjoni tal-leġittimità ta' żwieġ mill-ġdid min-naħa tal-parti innoċenti wara divorzju minħabba adulterju ma kinetx tqum li kieku ma kellniex **Mattew 19:9**. Il-kustjoni tista' wkoll toħroġ f'konnessjoni ma' **Mattew 5:32**. Għax jekk raġel jista' sewwa jiddivorzja lil martu mhux fidila u jekk divorzju bħal dan iħoll ir-rabta taż-żwieġ il-mistoqsija ta' żwieġ mill-ġdid hija inevitabbilment magħmula. U, ukoll, għalkemm ma hemmx allużjoni għal adulterju bħala eċċezzjoni f'**Mark 10:11** u f'**Luqa 16:18**, madankollu il-liġi tat-Testment il-Qadim dwar l-adulterju u l-karattru pekulari tad-dnub ta' l-adulterju jista' jġagħlek biex issaqsi jekk huwiex jew le, wara kollox, l-adulterju forsi ma kienx maħsub bħala eċċezzjoni notevoli għall-prinċipju affermat f'dawn iż-żewġ passaġġi. Barra dan, **1 Korintin 7:15** ċertament li jiffaċċjana bil-mistoqsija ta' l-effett l-abbandun minn sieħeb li ma jemminx ikollu fuq l-istatus taż-żwieġ ta' l-emmieni abbandunat.

Madankollu, **Mattew 19:9** huwa distintiv f'dak li hawn il-mistoqsija tal-leġittimità jew l-illeġittimità ta' żwieġ mill-ġdid wara divorzju għal adulterju hija mqiegħ-da fuqna direttament u li ma nistgħux naħarbu minnha.

Fl-istadju preżenti tad-diskussjoni tagħna aħna għandna nassumu li t-test korrett ta' **Mattew 19:9** jaqra kif ġej: "*legw de; umin oti o anapolush/thn gunai kai; autou mh; epi; pornei;a/kai; gamhsh/allhn, moicatai.*" Il-kustjoni ta' varjazzjoni testwali tkun diskussa aktar tard. Fuq il-qari ta' fuq tat-test ikun tajjeb li ngħaddu biex ninnutaw xi karatteristiċi distinti tiegħu.

(a) Dan it-test ma jirriflettix fuq il-karattru tad-dnub tar-raġel jekk huwa jkeċċi lil martu (għal xi kawża oħra ħlief dik ta' l-adulterju) imma huwa nnifsu ma jerġax jiżżewweġ. If sibna diġà, **Mattew 5:32** jittratta direttament ħafna u deċissivament mal-kustjoni u jħares lejn id-dnub tar-raġel min-naħa tar-responsabbiltà tiegħu fl-involviment tal-konsegwenzi nvoluti għall-mara ddivozjata. F'**Mattew 19:9**, iżda, huwa d-dnub tar-raġel li jik-kuntratta żwieġ ieħor wara divorzju illeċitu li huwa s-suġġett muri tal-ħaqq ta-Mulej tagħna.

(b) Ir-raġel li jkeċċi lil martu (ħlief minħabba l-fornikazzjoni) u jiżżewweġ oħra huwa espressament ikkundannat bħala adulteru. Din hija inferenza miġjuba b'mod xieraq minn **Mattew 5:32** imma hawn din tintqal direttament.

(ċ) Id-drittijiet tal-mara f'li tiddivorzja lil żewġha għal adulterju u d-dnub tal-mara li tiżżewweġ mill-ġdid wara d-divorzju għal raġuni oħra mhumiex irriflettuti fuq dan il-passaġġ. F'**Mark 10:12** biss hemm allużjoni mfissra għal azzjoni tad-divorzju fuq il-parti tal-mara u hemm, kif sejrin naraw aktar tard, ebda riferenza ma hija ma-għmula għad-dritt intrinsiku tad-divorzju imma biss għall-karattru adulteru taż-zwieġ mill-ġdid.

Il-qalba reali tal-problema tal-kustjoni f'**Mattew 19:9** ["*lego de humin hoti hos an apolusa tan gunaika autou ei ma epi porneia kai* ***gamasa allan*** *moicatai kai ho apolelumenan gamasas moichatai ...*"] hija, iżda, il-qawwa tal-klawsola li tagħmel l-eċċezzjoni, "*ħlief minħabba l-fornikazzjoni*" (*mh; epi; porneia*). Fit-termini attwali tat-test il-mistoqsija hija: tapplika din il-klawsola li tagħmel l-eċċezzjoni għall-kliem *gamasa/ allan* u għalhekk għal *moicatai* [tikkommetti adulterju] kif ukoll għall-verb *apolush* [tkeċċi]? Ma jista' jkun hemm ebda mistoqsija imma l-klawsola li tagħmel l-eċċezzjoni tipprovdi eċċezzjoni għall-ħażin ta' li tkeċċi. Ix-xorta ta' ħażen li minnu hija teħles lir-raġel mhuwiex muri bħal kif f'**Mattew 5:32** imma, bħall-passaġġ ta' wara, din tippronunzja bi kliem ċar libertà mogħtija lir-raġel innoċenti. Din ma tgħarrafx, aktar minn **Mattew 5:32**, lir-raġel huwa obligat li jiddivorzja lil martu fl-avveniment ta' l-adulterju fuq il-parti tagħha. Din sempliċiment taqbel mad-dritt jew libertà. Il-mistoqsija mela hija: din l-eċċezzjoni, b'mod ta' dritt, testendi għal żwieġ mill-ġdid tar-raġel iddivorzjat kif ukoll għat-tkeċċija? Ovvjament, jekk id-dritt jestendi għaż-żwieġ mill-ġdid ir-raġel f'każ bħal dan mhuwiex implikat fid-dnub ta' l-adulterju fil-ġrajja taż-żwieġ tiegħu mill-ġdid.

Fuq din il-mistoqsija il-knisja hija maqsuma ħafna. Fuq naħa waħda, hemm dawk li jistqarru li waqt li **Mattew 19:9** (ukoll **Mattew 5:32**) jagħti lir-raġel innoċenti d-dritt li jkeċċi lil martu li kienet ikkommettiet adulterju, madankollu dan ma jagħtix xi mandat għat-tmiem tar-rabta taż-żwieġ u għaż-żwieġ mill-ġdid tal-parti mhux ħatja. Fi kliem ieħor, l-adulterju jagħti d-dritt tas-separazzjoni minn relazzjonijiet taż-żwieġ

(*a thoro et mensa*) imma ma jħollx ir-rabta taż-żwieġ lanqas ma dan jagħti d-dritt biex iġib fix-xejn dik ir-rabta.

Forsi l-aktar magħrufa f'li żżomm din il-pożizzjoni hija l-Knisja Kattolika Rumana. Il-pożizzjoni m'għandix, iżda, tkun meqjusa bħala li hija l-pożizzjoni biss Rumana. Il-magħruf missier Latin, Santu Wistin, jista' jkun muri bħala li jappoġġja din l-interpretazzjoni. Il-liġi kanonika tal-Knisja ta' l-Ingilterra, waqt li tħalli separazzjoni għal adulterju, ma tippermettix żwieġ mill-ġdid għall-partijiet hekk separati sakemm huma t-tnejn ikunu ħajjin.

Jekk it-test ta' **Mattew 19:9**, ikkwotat fuq, huwa aċċettat bħala t-test ġenwin u awtentiku, allura hemm diffikultà konsiderevoli f'li żżomm għal din il-pożizzjoni. Ir-raġuni hija apparenti. Hija d-diffikultà li tirrestrinġi l-klawsola li tagħmel l-eċċezzjoni għat-tkeċċija (*apolusa*) u mhux testendiha wkoll għaż-żwieġ mill-ġdid (*gamasa/allan*). Din hija, iżda, l-kostruzzjoni li għandha tkun miżmuma jekk **Mattew 19:9** mhuwiex interpretat bħala li jilleġittima żwieġ mill-ġdid wara divorzju għal adulterju. Il-Knisja Kattolika Rumana hija insistenti li l-klawsola li tagħmel l-eċċezzjoni timmodifika l-ewwel verb fl-istqarrija kkonċernata imma ma tapplikax għat-tieni. Din l-eseġesi tintqal ċar ħafna minn Aug. Lehmkuhl kif ġej:

"L-eskulżjoni kompluta ta' divorzju assolut (divortium perfectum) fi żwieġ Kristjan hija murija fil-kliem ikkwotat fuq Mark x; Luqa xvi; I Kor. vii). Il-kliem fl-Evanġelju ta' San Mattew (xix, 9), "*ħlief minħabba l-fornikazzjoni*," ta' qawmien, iżda, għall-kustjoni jekk lit-tkeċċija tal-mara u t-taħlil tar-rabta taż-żwieġ ma kinux imħollija minħabba l-adulterju. Il-Knisja Kattolika u t-teoloġija Kattolika dejjem żammew li bi spjega bħal din San Mattew ikun magħmul li jikkontradixxi lil San Mark, Luqa, u Pawlu, u dawk li kienu kkonvertew minn dawn ta' l-aħħar ikunu miġjuba fl-iżball f'rigward għad-dottrina reali ta' Kristu. Billi dan huwa inkonsistenti ma' l-infallibilità tat-tagħlim Appostoliku u l-inerranza ta' l-Iskrittura Sagra, il-klawsola f'Mattew għandha tkun spjegata bħala t-tkeċċija biss tal-mara mhux fidila mingħajr it-taħlil tar-rabta taż-żwieġ. Tħollija barra bħal din mhijiex eskluża mit-testi pralelli f'Mark u Luqa, waqt li Pawlu (1 Kor., vii, 11) tindika ċar il-possibilità ta' tkeċċija bħal din: 'Iżda jekk titlaq, ħa tibqa' ma tiżżewwiġx, jew tarġa' tagħmel paċi ma' żewġha'. Grammatikament, il-klawsola f'San Mattew tista' timmodifika membru wieħed tas-sentenza (dak li jirreferi għat-tkeċċija tal-mara) mingħajr ma tapplika għall-membru ta' wara (iż-żwieġ mill-ġdid ta' l-ieħor), għalkemm aħna għandna nammettu li l-kostruzzjoni hija ftit ħarxa. Jekk din tfisser, 'Kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju', allura, fil-każ ta' infedeltà maritali, il-mara tista' tkun imkeċċija, imma li, f'dan il-każ, adulterju mhux imwettaq minn żwieġ ġdid ma jistax ikun konkluż minn dan il-kliem. Il-kliem ta' wara, 'u dak li jiżżewweġ lil dik li tkeċċiet' – għalhekk ukoll il-mara li hija mkeċċija għal adulterju – 'jikkommetti adulterju', igħid il-kuntrarju, billi huma jissopponu il-permanenza ta' l-ewwel żwieġ."

Din il-kostruzzjoni ta' **Mattew 19:9** huwa ammettut li hija '*ftit ħarxa*' ukoll mill-apoloġista preċedenti għal l-interpretazzjoni Rumana. Aħna sejrin naraw li din hija wisq stqarrija li ma turix il-verità, li tagħtik x'tifhem li ħaġa hija anqas tajba, u anqas serja, eċċ. milli tabilħaqq hi.

Għandu tabilħaqq ikun imħolli li klawsola li tagħmel l-eċċezzjoni xi kultant hija wżata fil-Grieg biex tgħarraf "eċċezzjoni għal xi ħaġa li hija aktar ġenerali minn dik li attwalment kienet imsemmija." Aħna għandna eżempji ta' dan l-użu ta' *eij mhv*

f'**Mattew 12:4**; **Rumani 14:14** u probabbli f'**Galatin 1:19**. F'każi bħal dawn l-eċċezzjoni msemmija hawn (*mh*; *epi pronevia*) ma tkunx eċċezzjoni għall-prinċipju li kull min ikeċċi lil martu u jiżżewweġ oħra jikkommetti adulterju imma biss eċċezzjoni għall-prinċipju li raġel ma jistax ikeċċi lil martu.

Konsegwentament l-intenzjoni reali tas-sentenza kollha tkun, "Imma jien ngħidilkom li kull min ikeċċi lil martu u jiżżewweġ oħra jikkommetti adulterju – biss, raġel ikeċċi lil martu għall-kawża ta' fornikazzjoni." Tifsira bħal din fiha nfisha tagħmel sens tajjeb u għandha ssolvi ħafna diffikultajiet f'li tarmonizza r-rakkonti mogħtija f'dawn l-Evanġelji Sinottiċi (li jiġbru fil-qosor).

Il-mistoqsija tibqa', iżda: hija din il-kostruzzjoni difensibbli? Hemm raġunijiet preponderanti biex tirriġettaha.

(1) Jekk il-klawsola li tagħmel l-eċċezzjoni hija tax-xorta indikata fuq, jiġifieri, mhux eċċezzjoni għal dak li jintqal ċar imma eċċezzjoni għal konsiderazzjoni oħra relatata aktar mill-qrib u aktar ġenerali, allura dan huwa mod li tesprimih wisq mhux tas-soltu, jekk mhux li ma jaqbilx. F'waqtiet oħra fejn aħna għandna din ix-xorta ta' eċċezzjoni l-kostruzzjoni hija għalkollox differenti minn dik fit-test tagħna. F'dawn il-waqtiet oħra l-istqarrija ta' dak li għalih eċċezzjoni aktar ġenerali hija miżjuda l-ewwel hija mogħtija fil-kompletezza tagħha u mbagħad l-eċċezzjoni fil-kompletezza tagħha ssegwi. Imma dan mhuwiex il-każ hawn–l-eċċezzjoni hija mdaħħla qabel ma l-istqarrija hija kompluta. Analoġija, mela, ma tiffavorixxix din l-interpretazzjoni.

(2) Waqt li huwa tassew grammatikament li klawsola li tagħmel l-eċċezzjoni tista' timmodifika membru wieħed ta' sentenza mingħajr ma timmodifika ieħor, madankollu għandu jkun innutat li, f'dan il-każ partikulari, il-membru wieħed li l-klawsola li tagħmel l-eċċezzjoni, fil-kostruzzjoni tal-Knisja Kattolika Rumana, hija maħsuba biex timmodifika mhix u ma tistax tieqaf weħidha fis-sintassi [it-tqegħid tal-kliem b'mod grammatiku fi frażijiet u ta' frażijiet f'sentenzi] tas-sentenza kkonċernata. Ikoll jekk neliminaw il-klawsola *kai; gamasa/* minn kull modifikazzjoni permezz tal-klawsola li tagħmel l-eċċezzjoni aħna ma nkunu lħaqna ebda soluzzjoni sakemm l-istruttura grammatika hija kkonċernata. Sabiex nagħmlu s-sens komplut ta' dak li huwa introdott bil-klawsola *o" an apolusa/ tan gunai kai; autou* aħna għandna mmorru għall-verb prinċipali, jiġifieri, *moichatai*. Imma jekk aħna nagħmlu dan mingħajr riferenza għall-klawsola taż-żwieġ mill-ġdid (*kai; gamasa/allan*) aħna ma jkollna ebda sens u nuqqas ta' verità, jiġifieri, "*kull min ikeċċi lil martu ħlief minħabba l-fornikazzjoni jikkommetti adulterju*". Fi kliem ieħor, għandu jkun osservat li f'din is-sentenza kif tinsab ebda ħsieb ma huwa komplut mingħajr il-verb prinċipali, *moicav tai*. Huwa dan il-ħsieb li tikkommetti adulterju permezz ta' żwieġ mill-ġdid li huwa l-ħsieb dominanti f'dan il-passaġġ, u kompletament indifensibbli li tipprova taħbi l-verità tiegħu. Il-klawsola nfisha li tagħmel l-eċċezzjoni, għalhekk, għandha rabta, jew relazzjoni diretta fuq l-azzjoni murija mill-verb li jiggverna. Imma sabiex ikollu rabta diretta fuq il-verb li jiggverna (*moichatai*) dan għandu wkoll ikollu rabta diretta fuq dak li għandu jiġri qabel ma l-azzjoni murija mill-verb prinċi-pali tkun tista' tieħu effett, jiġifieri, li tiżżewweġ ieħor. Din ir-rabta diretta li l-klaw-sola li tagħmel l-eċċezzjoni għandu jkollha fuq iż-żwieġ mill-ġdid u fuq li tikkom-metti adulterju hija sempliċiment mod ieħor li tgħid li, sakemm is-sintassi tas-sentenza huwa kkonċernat, il-klawsola li tagħmel l-eċċezzjoni għandha tapplika għal li tikkommetti adulterju fil-ġrajja ta' li terġa' tiżżewweġ kif ukoll għal ħażin li tkeċċi.

Paragun ma' **Mattew 5:32** għandu jgħin biex jiċċara dan il-punt. Hemm jintqal, "*... kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, iġagħalha tikkommetti adulterju:...*" F'dan il-każ il-klawsola li tagħmel l-eċċezzjoni għandha tifsira sħiħa u relevanza apparti għalkollox miż-żwieġ mill-ġdid fuq il-parti tar-raġel li ddivorzja. Dan hu minnu għaliex id-dnub ikkontemplat fuq il-parti tar-raġel li ddivorzja mhuwiex l-ikkommettar ta' l-adulterju fuq il-parti tiegħu imma l-għamil ta' martu li tkun adultera. Imma f'**Mattew 19:9** il-każ huwa għalkollox differenti. It-tagħbija maħsuba hawn f'**Mattew 19:9** hija l-ikkommettar ta' l-adulterju fuq il-part tar-raġel innifsu li ddivorzja. Imma dan id-dnub fuq il-parti tiegħu jassumi minn qabel iż-żwieġ mill-ġdid tiegħu. Konsegwentament, fis-sintassi tas-sentenza kif attwalment hi, it-tifsira u r-relevanza tal-klawsola li tagħmel l-eċċezzjoni ma tistax iżżomm barra mill-applikazzjoni tagħha għaż-żwieġ mill-ġdid kif ukoll għat-tkeċċija.

(3) Dak li huwa kkontemplat f'din is-sentenza mhuwiex biss it-tkeċċija, kif inhu f'**Mattew 5:31, 32**, imma tikeċċija u ż-żwieġ mill-ġdid fuq il-parti tar-raġel. F'dan ir-rispett għandu jkun iddistingwit bil-għaqal mil-*logion* (diskors) ta' **Mattew 5:32** u għandu jkun imqiegħed fl-istess kategorija bħal **Mark 10:11** u **Luqa 16:18**. Is-suġġett ittrattat, mela, huwa tkeċċija u żwieġ mill-ġdid f'koordinazzjoni u m'għandu jkun imfixkel b'ebda mod. Hija din il-koordinazzjoni li tmexxi għal u tipprepara l-bażi għall-verb prinċipali, jiġifieri, li tikkommetti adulterju fuq il-parti tar-raġel li jiddivorzja. Ikun bla ebda ġustifikazzjoni, għalhekk, li tirrelata l-klawsola li tagħmel l-eċċezzjoni għal xi ħaġa oħra barra mill-koordinazzjoni. Barra dan, il-klawsola li tagħmel l-eċċezzjoni qiegħda fil-pożizzjoni naturali b'riferenza għall-koordinazzjoni u b'riferenza għad-dnub li jirriżulta li għalih din tipprovdi l-eċċezzjoni. Fejn aktar il-klawsola li tagħmel l-eċċezzjoni tista' tkun imqiegħda jekk din tapplika għat-tliet elementi kollha tas-sitwazzjoni espressa? U jekk hija fil-pożizzjoni naturali bħala li tapplika għall-koordinazzjoni l-kostruzzjoni naturali hija li din tikkontempla eċċezzjoni għal l-istqarrija fit-totalità tas-sentenza.

(4) Id-divorzju mħolli jew ittollerat taħt is-sistema Możajka kellu l-effett li jġib fix-xejn ir-rabta taż-żwieġ. Dan il-permess Możajk dwar id-divorzju huwa rriferut għalih fil-kuntest ta' dan il-passaġġ kif ukoll f'**Mattew 5:31** u fil-passaġġ parallel f'**Mark 10:2-12**. F'kull wieħed minn dawn il-każi l-istess verb (*apoluw*) huwa wżat b'riferenza għal dawn il-proviżjonijiet Możajki. Issa billi dan kien l-effett tad-divorjzu rriferut għalih f'dan il-passaġġ u billi ma hemm lanqas l-inqas indikazzjoni lit-tkeċċija attwali għal adulterju, illeġittimata f'**Mattew 19:9**; **5:32**, kellu jkollha effett differenti għalkollox, aħna ċertament inkunu ġġustifikati f'li nikkonkludu lit-tkeċċija approvata mill-Mulej tagħna kienet intenzjonata biex ikollha l-istess effett fil-kustjoni li ġġib fit-tmiem ir-rabta taż-żwieġ. Għandu jkun apprezzat li l-liġi ppronunzjata b'mod ċar mill-Mulej ma tissuġġerixxi bl-ebda mod bidla fin-natura u effett tad-divorzju. Il-bidla murija minn Ġesù kienet pjuttost it-tneħħija ta' kull raġuni oħra fil-proviżjonijiet Możajki u l-ispeċifikazzjoni distinta li l-adulterju kien issa l-uniku bażi li fuqha raġel kien jista' b'mod leġittmu jkeċċi lil martu. Dak li huwa abrogat issa mhuwiex id-divorzju bit-taħlil li hemm miegħu tar-rabta taż-żwieġ imma pjuttost *kull bażi* għad-divorzju barra mill-adulterju. Jekk id-divorzju jinvolvi t-taħlil tar-rabta taż-żwieġ, allura aħna m'għandniex naħsbu li żwieġ mill-ġdid huwa meqjus bħala adulterju.

(5) Ċertament huwa raġjunevoli li tassumi li jekk raġel ikeċċi lil martu minħabba l-adulterju r-rabta taż-żwieġ hija ġġudikata bħala li hija miġjuba fix-xejn. Fuq kull

suppożizzjoni oħra l-mara li kkommettiet adulterju u li kienet tkeċċiet fir-realtà għadha mart ir-raġel u hija ġisem wieħed miegħu. Jekk hu hekk, ikun jidher wisq irregolari lir-raġel għandu jkollu d-dritt li jkeċċi waħda li hija permanentament, sakemm il-ħajja ddum, martu u hija ġisem wieħed miegħu. Li tieħu azzjoni li tnaqqas l-obligazzjonijiet taż-żwieġ waqt lir-rabta taż-żwieġ hija vjolentata bilkemm jidher kompatibbli ma' l-etika taż-żwieġ kif mgħallma fl-Iskrittura nfisha. Huwa tassew li Pawlu distintivament jikkontempla l-possibbiltà ta' separazzjoni mingħajr taħlil u jipproponi x'inhi l-liġi f'kontinġenza bħal din (**1 Korintin 7:10-11**). Imma biex tipprovdi għal u tapprova separazzjoni permanenti waqt lir-rabta taż-żwieġ tibqa' mhux vjolentata hija xi ħaġa li hija barranija għall-ħsieb kollu tat-tagħlim ta' l-Iskrittura dwar l-obligazzjonijiet li jinsabu fi u li huma inseparabbli mir-rabta taż-żwieġ.

(6) Il-pożizzjoni li l-adulterju jagħti mandat għat-tkeċċija imma mhux għat-taħlil tar-rabta taż-żwieġ tidher li hija f'konflitt ma prinċipju ieħor ta' l-Iskrittura li japplika għall-każ gravi tal-prostituzzjoni. Jekk l-adulterju ma jagħtix bażi għal taħlil tar-rabta taż-żwieġ, allura raġel ma jistax jassigura taħlil ukoll meta martu tkun abban-dunat lilha nfisha għall-prostituzzjoni. Dan jidher għalkollox kuntrarju għall-prinċipju tas-safa muri mill-appostlu Pawlu (**1 Korintin 6:15-17**). Ikun jidher, għalhekk, li taħlil tar-rabta taż-żwieġ għandu jkun il-mezz xieraq u, f'xi każi, il-mezz mitlub li jassigura taħlil mir-rabta li torbot unikament għal xi ħadd li huwa hekk imniġġes.

Fuq dawn il-bażijiet diversi aħna nistgħu nikkonkludu li mhuwiex possibbli li tfisser il-klawsola li tagħmel l-eċċezzjoni ta' **Mattew 19:9** bħala li tapplika biss għat-tkeċċija u mhux għaż-żwieġ mill-ġdid fuq il-parti tar-raġel li jiddivorzja, jiġifieri, il-parti innoċenti. Il-konsiderazzjonijiet pjuttost jinfluwenzaw favur il-kon-klużjoni li meta raġel ikeċċi lil martu għall-kawża tal-fornikazzjoni din it-tkeċċija għandha l-effett li tħoll ir-rabta taż-żwieġ bir-riżultat li hu hieles biex jerġa' jiżżewweġ mingħajr ma meta jagħmel dan ikun ħati ta' adulterju. F'termini sempliċi dan ifisser lid-divorzju f'każ bħal dan iħoll iż-żwieġ u li l-partijiet mhumiex aktar raġel u martu.

## L-ADULTERJU SKOND IL-KELMA TA' ALLA
**(Mattew 19:9)**

### Introduzzjoni

Wieħed mill-aktar versi familjari fil-Bibbja Mqaddsa huwa **Mattew 19:6**. Dan il-passaġġ fih il-kliem ta' Ġesù dwar iż-żwieġ. Kull sena, f'eluf ta' żwiġijiet madwar id-dinja kollha, dan id-diskors jintqal lil l-għarajjes:

> "*Dak mela li Alla għaqqad flimkien, ħa ma jifridx il-bniedem.*"

Dan il-prinċipju divin għandu bżonn li jkun applikat għall-valuri li qegħdin jitfarrku fl-istat taż-żwieġ. Tnejn miżżewwġin għandhom iżommu f'qalbhom bħala ħaġa li tfakkarhom il-kliem sabiħ u li jesprimi ta' **Efesin 5:31-33**,

> "31*Minħabba f'hekk, raġel iħalli lil missieru u lil ommu, u jingħaqad ma' martu, u jkunu t-tnejn ġisem wieħed.* 32*Dan hu misteru kbir; iżda jien irrid ngħid għal Kristu u l-knisja.* 33*Għalhekk kull wieħed minnkom, hu min hu, ħa jħobb lil martu bħalu nnifsu; u l-mara tweġġaħ 'il żewġha.*"

Aħna għandna ngħallmu lil uliedna lil l-prinċipji Kristjani mhux biss jagħmlu kuntentizza f'din il-ħajja, imma wkoll fil-ħajja li għad trid tiġi. L-appostlu Pawlu jgħidilna, fl-**Ewwel Timotju 4:8**,

"[8]*Għax tħarriġ tal-ġisem ftit jiswa: iżda t-tjieba tiswa għal kollox, billi għandha l-wegħda tal-ħajja t'issa, u ta' dik li ġejja.*"

Dan hu veru għaliex il-ħajja u t-tagħlim ta' Ġesù Kristu huma mingħajr l-ebda dubju perfetti, fihom il-marka ta' perfezzjoni perfetta. Hija r-responsabbiltà tal-ġenituri Kristjani li jgħallmu lil uliedhom li l-imanità għandha ssib il-kuntentizza tagħha mhux f'affarijiet materjali imma fil-Mulej. Il-Mulej jgħidilna:

"[15]*U qalilhom: Araw tajjeb, u ħarsu ruħkom mir-regħba: għax il-ħajja tal-bniedem mhix qiegħda fil-kotra tal-ġid li għandu*" (**Luqa 12:15**).

"[3]*Imbierek ikun Alla u Missier Sidna Ġesù Kristu, li berikna fi Kristu b'kull barka spiritwali fis-smewwiet*" (**Efesin 1:3**).

Il-ġenituri Kristjani għandhom igħallmu lil uliedhom il-Kelma ta' Alla, li diżgrazzjatament ħafna li jiftaħru li huma reliġjużi ma jafu xejn dwar dak li jgħid il-Mulej fil-Kelma Tiegħu, il-Bibbja Mqaddsa. Uliedna għandhom jiġu mgħallma sabiex ma jiskużawx id-dnub.

"[9]*Il-boloh jiddieħku bid-dnub: iżda fost il-ġusti hemm ir-rieda tajba*" (**Proverbji 14:9**).

**Iż-Żwieġ Huwa Għaqda Għal Dejjem**

Aħna għandna ngħallmu lil uliedna liż-żwieġ huwa għaqda għal dejjem. L-appostlu Pawlu, ispirat mill-Ispirtu s-Santu, igħidilna,

"[1]*Ma tafux, ħuti, għax lil dawk li jafu l-liġi qiegħed inkellem, li l-liġi għandha ħakma fuq bniedem kemm idum ħaj? [2]Għax il-mara li għandha żewġha hi marbuta bil-liġi ma' żewġha kemm idum ħaj; iżda jekk imut ir-raġel, hi maħlula mil-liġi ta' żewġha. [3]Għalhekk mela, jekk waqt li għadu ħaj żewġha, tiżżewweġ raġel ieħor, tissejjaħ adultera: iżda jekk imut żewġha, hi meħlusa minn dik il-liġi; u ma tkunx adultera, jekk tiżżewweġ raġel ieħor. [4]Hekk intom, ħuti, mittu għal-liġi permezz tal-ġisem ta' Kristu, biex intom tkunu ta' ħaddieħor, jiġifieri, ta' dak li kien imqajjem mill-imwiet, sabiex nagħmlu l-frott għal Alla*" (**Rumani 7:1-4**).

Għalkemm il-Lhud ippruvaw li jużw il-liġi ta' Mosè biex juru li raġel jista' jitlaq lil martu għal kull kawża (**Mattew 19:3**), Ġesù rrifjuta dan ix-xorta ta' raġunar. Hawn jidħol is-suġġett tagħna dwar jekk raġel jew mara jinfirdu jistgħux jerġgħu jiżżewġu mill-ġdid jew le. Hawn għandna kliem il-Mulej Innifsu u Hu jagħtina t-tweġiba għall-mistoqsija tagħna. Jiena sejjer nikkwota l-kliem tal-Mulej kif inhu fl-oriġinal, jiġifieri , fil-Grieg.

"[9]λεγω δε υμιν οτι ος αν απολυση την γυναικα αυτου μη επι πορνεια και γαμηση αλλην μοιχαται"

"[9]*U jien ngħidilkom: Kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u dak li jiż-żewweġ lil dik li tkeċċiet jikkommetti adulterju*" (**Mattew 19:9**).

B'dan il-kliem, il-Mulej poġġha 'l quddiem l-unika ċirkonstanza (żina, fornikazzjoni) li taħtha wieħed li kien igħix jew miżżewweġ ma' mara jew mara miżżewġa lil raġel ikunu jistgħu jerġgħu jiżżewwġu mingħajr dnub.

Dan il-vers (**Mattew 19:9**), jikkonstitwixxi l-piż prinċipali ta' dan is-suġġett. Dan għandu jkun minnu għaliex jidher illi dan il-vers jagħti d-difiża principali kontra dak li jidher li huwa problema maġġura li tiffaċċja lill-knisja fil-kwistjoni tad-divorzju u żwieġ mill-ġdid. Id-divorzju u żwieġ mill-ġdid huma problemi li jinvolvu emozzjonijiet intimi l-aktar profondi, u l-aktar delikati li l-bniedem jista' jkollu sakemm relazzjonijiet umani huma ikkonċernati. Ħafna drabi t-tfal huma nvoluti. Dan kollu jħawwad il-qlub tagħna. Aħna għandna bil-għaqal "nagħrblu lilna nfusna" (**2 Korin-tin 13:5**) li ma nkunux iggwidati permezz tal-qalb tagħna—u mhux permezz tal-Kelma Divina ta' Alla.

Id-dikjarazzjoni ta' Ġesù f'**Mattew 19:9** hija akkumpanjata b'ċaħda sabiex isservi bħala spjega aktar ċara. Din id-dikjarazzjoni, mpoġġija f'termini sempliċi, hija stqarrija li turi 'l dawk li jistgħu jiżżewwġu mingħajr ma jidinbu meta huma jagħmlu dan. Jew, dan jista' jintqal kif inhu ġej: Dawk li jagħmlux dnub meta jiżżewwġu. Dan, b'neċessità, jitlob illi huma nfushom jiżżewwġu persuna li tappartieni għal waħda minn dawn il-klassijiet:

1. Dawk li qatt ma kienu miżżewwġa qabel jistgħu, mingħajr dnub, jiżżewwġu—sakemm huma nfushom jiżżewwġu sieħeb jew sieħba eliġibbli (quddiem Alla). Naqraw fl-**Ewwel Korintin 7:28**,

   "[28]*Imma u jekk tiżżewweġ, ma tidnibx; u jekk xebba tiżżewweġ, ma tidnibx*" (ara wkoll **1 Korintin 7:8-11**).

2. Dawk li kienu qabel miżżewwġa iżda s-sieħeb jew sieħba ta' qabel mietu. L-appostlu Pawlu jgħid dwar is-suġġett, dan il-kliem:

   " [2]*Għax il-mara li għandha żewġha hi marbuta bil-liġi ma' żewġha kemm idum ħaj; iżda jekk imut ir-raġel, hi maħlula mil-liġi ta' żewġha.* [3]*Għalhekk mela, jekk waqt li għadu ħaj żewġha, tiżżewweġ raġel ieħor, tissejjaħ adultera: iżda jekk imut żewġha, hi meħlusa minn dik il-liġi; u ma tkunx adultera, jekk tiżżewweġ raġel ieħor*" (**Rumani 7:2-3**).

3. Dawk li kienu qabel miżżewwġa iżda li s-sieħeb jew sieħba ta' qabel kienu ħatja ta' żina (nuqqas ta' fedeltà għall-wegħda taż-żwieġ). Hawn, it-test tagħna (**Mattew 19:9**), juri ċar u tond illi Ġesù ta lill-parti innoċenti d-dritt biex tfittex sieħeb jew sieħba oħra għaż-żwieġ. Kieku Ġesù ma ta l-ebda eċċezzjoni, il-lingwa Tiegħu kieku kienet tgħallem li kull persuna li tibgħat lis-sieħeb tagħha u tiżżewweġ ieħor tkun ħatja ta' adulterju. Iżda Ġesù m'għamilx dan—Hu *ta, għamel* eċċezzjoni, jagħmilha ċara li dawk lis-sieħeb jew sieħba tagħhom kienu ħatja ta' *nuqqas ta' fedeltà sesswali* jkunu jistgħu jibgħatuhom u jiżżewwġu ieħor, fil-każ tal-mara, jew oħra, fil-każ tar-ragel, u ma jkunux ħatja ta' adulterju billi jagħmlu hekk. Dan ifisser nuqqas ta' fedeltà *fiżika*—l-att reali sesswali ta' raġel u mara—mhux fil-qalb ta' dak li jkun (**Mattew 5:28**. Dwar dan is-suġġett ara minn paġna 97).

Iċ-ċaħda, mpoġġija f'termini sempliċi, hija wirja spjegata dwar dawk li ma *jistgħux* jiżżewwġu mingħajr ma jidinbu jekk jagħmlu hekk. Jew din tista' tiġi

spjegata b'dan il-mod: dawk li *jagħmlu* dnub meta huma jiżżewwġu. Issa min huma dawn?

1. Dawk li għandhom sieħeb jew sieħba għadha tgħix, jiġifieri, li kienu miżżewwġin qabel, u li ma kienx jew ma kinetx mibgħuta minħabba l-*fornikazzjoni*. F'**Mattew 19:9**, Ġesù qal,

   "*...u dak li jiżżewweġ lil dik li tkeċċiet jikkommetti adulterju.*"

   Qabbel **Mattew 5:32**,

   "[32]*Iżda jien ngħidilkom: Li kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, iġagħalha tikkommetti adulterju: u kull min jiżżewweġ lil dik li hi mkeċċija jikkommetti adulterju.*"

2. Dawk li jiżżewwġu lil xi ħadd li għandu s-sieħeb ta' qabel (għadu ħaj) li *ma kienx* mibgħut minħabba l-fornikazzjoni. F'**Mattew 19:9**, Ġesù qal,

   "[9]*U jien ngħidilkom: Kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u dak li jiżżewweġ lil dik li tkeċċiet jikkommetti adulterju.*" (Qabbel **Mattew 5:32**).

3. Dawk li kienu mibgħuta ħtija tan-nuqqas ta' fedeltà tagħhom stess (**Mattew 5:32**).

Dan jidher illi l-Iskrittura tgħallem tant ċar dwar il-pożizzjoni tas-suġġett li ma tħalli l-ebda dubju dwar dan.

### *MOICHAO*

Ladarba dawk li jmutu bid-dnub ta' l-adulterju fuqhom ma jistgħux "*jirtu s-saltna ta' Alla*" (**1 Korintin 6:9-10**), nies sinċiera ma jridux lii jkunu ngannati dwar x'inhu nvolut. Ħasra hija għal dawk li m'għandhomx imħabba għall-verità. L-appostlu Pawlu jgħidlna dwar nies bħal dawn:

> "[12]*Ħalli b'hekk dawk kollha li ma jemmnux il-verità, imma jogħġobhom il-ħażen, ikunu ikkundannati*" (**2 Tessalonikin 2:12**).

Satana jista' "*jilwi*" (*strebloo*, iċajpar, jilwi, jaqleb, iħassar) l-Iskrittura għat-telfien u l-qirda tagħhom (**2 Pietru 3:16**).

Il-kelma tat-Testment il-Qadim wara *moichao* (jew *moichaeuo*, **Mattew 19:18**) hija *ra'aph* (kif, **Eżodu 20:14; Ġenesi 3:8; 5:7**). It-Testment il-Ġdid jagħraf adulterju mentali (**Mattew 5:28**), fiżiku (**Mattew 5:32; 19:9; Mark 10:12**), u figurattiv (**Ġakbu 4:4**).

Kelma relatata hija *pronueo*, (1) li tbigħ il-ġisem għall-kiri; (2) tikkommeti żina, fornikazzjoni, (miżżewweġ jew mhux miżżewweġ, **1 Korintin 5:1; 6:18**); (3) tikkommetti idolatrija, (**Rivelazzjoni 17:2; 18:3, 9**). Il-kelma tat-Testment il-Qadim hija *zanah*, (1) tikkommetti żina, fornikazzjoni, (miżżewweġ jew mhux miż-żewweġ, **Ġenesi 38:24; Levitku 19:29**; tkun mara li tilqa' għandha nies barranin, **Imħallfin 2:1; Lhud 11:31; Ġakbu 2:25**); (2) tikkommetti idolatrija (**Għamos 1:2; Levitku 17:7**).

Eżempju ta' tgħawwiġ ta' l-Iskrittura f'riferenza għal *moichao* jinkludu dawn li ġejjin:

1. “Billi żina hija att (sesswali) bejn nies miżżewġin, iż-żina (fornikazzjoni) msemmija f’**Mattew 19:9** ġrat qabel iż-żwieġ.”

**Tweġiba:** Hija assunzjoni falza liż-żina (fornikazzjoni) hija att (sesswali) biss bejn nies mhux miżżewġin (Ara **1 Korintin 5:1-13**).

2. “M’hemmx eċċezzjoni ħlief il-mewt għal żwieġ mill-ġdid, għaliex la Mark lanqas Luqa u lanqas Pawlu ma jagħtu waħda.”

**Tweġiba:** La Mark lanqas Ġwanni u lanqas Pawlu ma jsemmu t-twelid minn Verġni, imma li dan huwa msemmi minn Mattew u Luqa għandu jkun biżżejjed. Jekk wieħed iwarrab dak li Mattew kiteb dwar xi ħaġa huwa jkun qiegħed jittratta ktieb ispirat bl-istess mod kif Luteru għamel lill-ktieb ta’ Ġakbu, “ittra tat-tiben.”

3. “Billi l-magħmudija taħsel id-dnubiet kollha, wieħed jista’ jżomm lill-mara li huwa għandu meta huwa tgħammed.”

**Tweġiba:** Nuqqas ta’ użu sewwa ta’ **1 Korintin 7:20**, fejn naqraw, “*[20]Ħa jibqa’ kulħadd kif kien, meta kien imsejjaħ*” iħalli lil wieħed biex iżomm, mhux biss sieħeb fl-adulterju, (“*Mhux skond il-liġi li żżommha*”, **Mattew 14:4**) iżda wkoll sieħeb jew sieħba li qiegħed igħix fil-poligamija jew omosesswalità. Ladarba Ġwanni rrifjuta biex igħammed lil min *ma jindimx* (**Mattew 3:8**), ma jkun ta’ l-ebda ġid għal l-Erodi Antipa u Erodja biex jitolbu għall-magħmudija. Jekk xi wieħed jaqbad kontra r-rieda tagħha lill-mara ta’ xi ħadd u jeħodlu wkoll il-karozza tiegħu, meta hu jitgħammed ma jagħmel l-ebda sens li tgħid li hu għandu jagħti lura l-karozza imma jista’ jżomm lill-mara!

4. “Billi ż-żwieġ mill-ġdid tal-parti innoċenti tkisser l-ewwel żwieġ mingħajr ma dan ikun jista’ jarġa’ jingħaqd, il-parti ħatja hija wkoll libera biex terġa’ tiżżewweġ.”

**Tweġiba:** Raġunar bħal dan jagħti żewġ raġunijiet għad-divorzju u żwieġ mill-ġdid, fejn Ġesù ħalla waħda biss. Aktar minn hekk, ma jagħmel l-ebda sens li tgħallem li Alla (li “*ma jħares lejn wiċċ ħadd*” **Atti 10:34**) iċaħħad vittma innoċenti (ebda żieni involut) id-dritt ta’ żwieġ mill-ġdid (**Mattew 5:32**), imma jħalli dan lill-parti ħatja żienja. Din il-falżità tfisser illi mara ddivorzjata talli kienet traskurata fid-dar ma tistax terġa’ tiżżewweġ, imma jekk hija kienet iddivorzjata minħabba ż-żina tagħha, hija tista’ terġa’ tiżżewweġ.

5. “Jekk il-parti l-ħatja ma tistax terġa’ tizżewweġ ikun hemm ċelibat permanenti, imur kontra Lhud 13:4, għaliex iż-żwieġ huwa onorabbli f’kulħadd.”

**Tweġiba:** Iż-żwieġ huwa onorabbli f’dawk kollha li jobdu l-liġijiet ta’ Alla, imma mhux meta wieħed “jikkommetti adulterju” fi żwieġ mill-ġdid (**Mattew 19:9**). Imbagħad iż-żwieġ mill-ġdid ikun ta’ diżunur, u t-tieni parti ta’ **Lhud 13:4** tapplika:

“*…iżda Alla jagħmel ħaqq miż-żienja u mill-adulteri*. (**Lhud 13:4b**).

6. “**Mattew 19:9** huwa pass ta’ patt, japplika biss għall-Kristjani.”

**Tweġiba:** Għalliem jieħu fuq r-responsabbiltà tal-biżà (jirċievi “ħaqq akbar”, **Ġakbu 3:1**) li jissogra li jillimita l-Kelma ta’ Ġesù “*kull min*.” Iżda jekk il-monogamija li Ġesù għallem li kienet “*mill-bidu tal-ħolqien*” (**Mark 10:6**) applikata biss għal nies tal-patt, imbagħad ikun impossibbli għan-nies mhux tal-patt li j kunu ħatja ta’ dnu-biet sesswali. L-appostlu Pawlu għallem lill-Korintin li nuqqas ta’ kondotta sesswali qabel il-magħmudija [magħmudija Skritturali u mhux tat-trabi, jiġifieri, magħmudija għall-maħfra tad-dnubiet (Atti 2:38)] kien dnub, li għalih huma kienu jaħtieġu ħasil

(**1 Korintin 6:9-11**). Jekk Alla għandu regola doppja, allura l-Korintin, jekk huma baqgħu ma tgħammdux, qatt ma jkollhom iwieġbu għan-nuqqas ta' kondotta sesswali.

7. "L-adulterju ta' **Mattew 19:9** għal l-ewwel lejl biss."

**Tweġiba:** Iva, kien adulterju l-ewwel lejl, imma wkoll f'kull waqt li jiġi wara dak, billi Alla jsejjaħ "ħajja" bħal din fid-dnub (**Kolossin 3:7**).

8. "Adulterju huwa l-ksur ta' kuntratt uman, patt bejn raġel u mara, u għalhekk kuntratti ġodda jistgħu jsiru."

**Tweġiba:** Meta persuna kienet maqbuda sewwasew fl'att ta' l-adulteru (**Ġwanni 8:4**), din it-tifsira ġdida ta' adulterju (ksur ta' kuntratt) ma kinetx magħrufa. Meta nies għandhom "*għajnejn mimlija adulterju*" li ma jistgħux jieqfu milli jidinbu (**2 Pietru 2:14**) wieħed jara li l-adulterju huwa mfisser ħażin bħala l-ksur ta' kuntratt.

9. "It-temp preżenti fil-Grieg jippermetti azzjoni fil-ħin, u biex tinterpreta *moichao* f'**Mattew 19:9** bħala azzjoni fil-ħin huwa li tagħmel l-adulterju biss iċ-ċerimonja legali tad-divorzju u żwieġ mill-ġdid, mhux adul-terju fiżiku."

**Tweġiba:** Mhuwiex ta' kumpliment għal Alla ta' mħabba jekk Hu għamel il-liġi taż-żwieġ tant ikkumplikata li wieħed għandu jkun jaf il-grammatika tal-Grieg tekniku biex jifhimha. Għalkemm azzjoni fil-ħin fit-tem preżenti hija possibbli, huwa wisq mhux normali jew tas-soltu, u l-kuntest biss jista' jagħmilha f'dak il-mod. Xejn f'**Mattew 19:9** ma juri għal tifsira bħal din. Dawk li jħaddnu dan l-iżball qatt ma pproduċew kummentatur wieħed li hekk jinterpreta **Mattew 19:9**.

Dwar kontra l-azzjoni fil-ħin, it-temp preżenti huwa normalment dewwiemi jew lineari. Il-grammatiċi jfissru l-azzjoni fil-ħin sempliċiment b'tikka (.), waqt li azzjoni dewwiema hija murija b'sinjal ( _________ ). Dwar l-azzjoni dewwiema jew lineari hemm żewġ kwalitajiet. Waħda hija kontinwa ( _________ ) u l-oħra kontinwa jew ripetuttiva jew magħmula għal darb'oħra ( ............ ). Biċ-ċar it-tifsira ta' *moichao* f'**Mattew 19:9** hija ripetuttiva, tibda mhux biċ-ċerimonja, imma bl-ewwel lejl, u wara dan tkun ripetuttiva u magħmula għal aktar drabi.

Li tassumi azzjoni fil-ħin f'**Mattew 19:9** huwa li tirriskja erwieħ fuq definizzjoni stramba u ġdida ta' l-adulterju (ċerimonja legali),

10. "Jekk mart ir-raġel tikkommetti żina u huwa jiddivorzjaha u tibqa' weħidha, jekk hija tindem hu mhuwiex imħolli biex jerġa' jeħodha lura."

**Tweġiba:** Kliem bħal dan, meħud mhux minn Ġesù jew l-appostli Tiegħu, huwa biex jagħmel **Dewteronomju 24:1-2** jorbot fuq il-Kristjani. Jekk mara miżżewwġa tassew tindem, u jekk ir-raġel tagħha ta' qabel ikun għadu jħobbha u jrid li jerġa' jeħodha lura, kull min iċaħdu milli jagħmel hekk ikun qiegħed jitkellem fejn l-appostli ma tkellmux. Raġel bħal dan ikun qiegħed juri tassew li hu qiegħed jaħfer u qiegħed juri ħniena fil-prattika, ħniena li tista' ssalvalha ruħha. Xi pożizzjoni oħra hija li tiġġudika mingħajr ħniena, u,

> "[13]*Għax ħaqq bla ħniena, ikollu ma' min ma wera ebda ħniena...*"
> (**Ġakbu 2:13**).

Aktar minn hekk, jekk l-*apolelumenen* tat-tieni klawsola f'**Mattew 19:9** qiegħda biex tinkludi lill-mara oriġinali (l-ewwel mara) u hekk it-twaqqif mill-ġdid tal-familja huwa ikkundannat, din ukoll tinkludi kull *apolelumenen* (mara mkeċċija), b'hekk

telimina kull żwieġ għat-tieni darba minn kulħadd. Barra dan, dawk li jippruvaw japplikaw **Dewteronomju 24** għall-Kristjani f'li jipprojbixxu t-twaqqif mill-ġdid ta' familja (dar) m'għandhomx jinsew li **Dewteronomju 24** iħalli jew jippermetti d-divorzju għal kull raġuni.

11. "Għalkemm **Mattew 19:9** għall-Kristjani jillimita d-divorzju u żwieġ mill-ġdid għall-fornikazzjoni biss, **1 Korintin 7:15** iħalli fi żwieġ imħallat it-tieni raġuni, abbandun."

**Tweġiba:** Hija assunzjoni perikoluża li **Mattew 19:9** huwa għall-Kristjani biss, għaliex il-kelma ta' Ġesù f'dak il-vers hija "*kull min.*" Barra minn dan, hija assunzjoni perikoluża li **1 Korintin 7:15** iħalli divorzju u żwieġ mill-ġdid għal l-abbandun. **1 Korintin 7:15** jagħti konfort lill-Kristjan abbandunat, li kien għamel dak kollu li hu sata' biex iżomm id-dar tiegħu flimkien, li huwa ma jkollux iwieġeb ("taħt l-ebda irbit f'każi bħal dawn") fil-jum tal-ħaqq għat-tkissir ta' dik id-dar (familja, żwieġ). Iżda **1 Korintin 7:15** ma jgħid totalment xejn dwar libertà biex isir żwieġ mill-ġdid. **1 Korintin 7:15** huwa b'mod żbaljat imsejjaħ "il-privileġġ Pawlin" meta fil-fatt dan huwa biss tħollija (li terħi) Pawlina. (dwar dan ara l-istudju li jmiss). **1 Korintin 7:11** juri li l-Kristjani li jinfirdu m'għandhomx jiżżewġu u ma tkunx qed ssir ġustizzja ma' l-appostlu Pawlu li tgħid li huwa jħalli Kristjan fi żwieġ imħallat il-privileġġ li mhux imħolli għall-Kristjan miżżewweġ lill-Kristjan. Skond it-test **1 Korintin 7: 15** ma jitkellimx dwar żwieġ mill-ġdid, u għalliema, nies li persuni jmorru għand-hom għall-pariri dwar ħwejjeġ li jiddeterminaw il-ġenna jew l-infern (**Lhud 13:14; Rivelazzjoni 21:8**), għandhom jibżgħu u jitriegħdu meta huma jżidu żwieġ mill-ġdid ma' dak il-vers.

Jekk wieħed iħalli "*l-kull min*" ta' Ġesù mingħajr limitu kif Hu għamel, u jekk wieħed iħalli **1 Korintin 7:15** bħala tħollija biss kif l-appostlu Pawlu jagħmel, imbagħad wieħed ikun imserraħ milli jagħmel lil Ġesù u lil Pawlu jikkontradixxu 'l xulxin, u hu jagħmel il-Bibbja taqbel flimkien. Persuna bħal din forsi ma tkunx taf għaliex Ġesù u Pawlu ittrattaw maż-żwieġ u d-divorzju kif huma għamlu, imma huwa ma jkunx ħati li jkun qiegħed jindaħal fl-Iskrittura.

## REVIŻJONI TA' L-HEKK IMSEJJAĦ PRIVILEĠĠ PAWLIN (1 Korintin 7:12-16)

It-terminu "Privileġġ Pawlin" qiegħed ikun użat minn xi wħud biex ifisser li l-appostlu Pawlu jgħallem fl-**1 Korintin 7:12-16** li l-emmieni abbandunat huwa liberu li jiżżewweġ matul il-ħajja tal-parti l-oħra li ma temminx mingħajr ma jkun ħati ta' adulterju. F'dan il-passaġġ naqraw hekk:

> "[12]*Imma lill-oħrajn ngħidilhom jien, mhux il-Mulej: Jekk wieħed mill-aħwa għandu mara li ma temminx, u jogħġobha tgħammar miegħu, ħa ma jkeċċihiex.* [13]*U l-mara li għandha raġel li ma jemminx, u jogħġbu jgħammar magħha, ħa ma titilqux.* [14]*Għax ir-raġel li ma jemminx jitqaddes b'martu, u l-mara li ma temminx titqaddes b'żewġha: kieku ma kienx hekk, uliedkom kienu jkunu mniġġsin; iżda issa huma mqaddsin.* [15]*Iżda jekk dak li ma jemminx jinfired, ħa jinfired: F'każijiet bħal dawn, il-ħu jew l-oħt mhumiex taħt il-jasar: iżda Alla*

*sejħilna għas-sliem.* [16]*Għax x'taf int, ja mara miżżewġa, jekk issalvax lil żewġek? Jew x'taf int, ja raġel, jekk issalvax lil martek?*" (**1 Korintin 7:12-16**).

1. L-appostlu Pawlu ispirat mill-Ispirtu s-Santu (**1 Korintin 7:40b**), ma jgħallimx li l-għaqda ta' emmieni fiż-żwieġ ma' wieħed (waħda) li ma jemminx hija dnub għaliex dak li ma jemminx jitqaddes f'dak li jemmen.

2. Pawlu jgħallem li jekk dik il-parti li ma temminx tordna lil l-emmieni biex jiċħad lil Kristu biex iżomm tajjeb iż-żwieġ, l-emmieni għandu jħalli lil dak li ma jemminx jitlaq fil-paċi.

3. L-emmieni ma jistax jitlaq lil dak li ma jemminx minħabba diffikultajiet li ma jidhrux, imma l-mara għandha tkun sottomessa għar-raġel tagħha li ma jemminx bit-tama li hu jista' jintrebaħ bil-qdusija u bl-imġieba tagħha. L-appostlu Pietru jgħid fl-**1 Pietru 3:1-2**,

> "[1]*Hekk ukoll, intom in-nisa, għandkom tissottomettu ruħkom għal żwieġkom; biex, jekk x'uħud ma jemmnux il-kelma, huma wkoll jistgħu bla l-kelma jintrebħu bl-imġieba tajba tan-nisa;* [2]*Meta jaraw l-imġieba qaddisa u l-biża' tagħkom.*"

4. It-test tagħna ma jittrattax ma' żewġ Kristjani li ma jgħaddux kif inhu xieraq. Dan jittratta ma' żewġ barranin; wieħed isir Kristjan u l-ieħor jirrifjuta li jgħix mal-Kristjan. Il-Kristjan għandu jitlaq lis-sieħeb/a fiż-żwieġ pjuttost milli jitlaq lil Kristu u t-tama tal-ħajja ta' dejjem.

5. Dan il-passaġġ jimplika li l-liġi tal-Mulej taż-żwieġ tapplika għall-barranin l-istess kif din tapplika għall-Kristjani. Pawlu qies lit-tnejn bħala li kienu miżżewwġin qabel ma wieħed jew l-ieħor saru Kristjani, u meta dak li ma jemminx jabbanduna lil dak li jemmen, l-appostlu ma jiksirx, lanqas ma jżid mat-tagħlim ta' Ġesù dwar id-divorzju u ż-żwieġ mill-ġdid f'dak li hu ma jagħtix lil l-emmieni abbandunat id-dritt li jiżżewweġ mill-ġdid matul il-ħajja ta' dak li ma jemminx.

Ladarba Pawlu jgħid l-emmieni, ħu jew oħt, "*mhumiex taħt il-jasar*" (**v. 15**) meta li ma jemminx jinfired, it-tifsira ta' dan iddur għal x'inhu mfisser b'*mhumiex taħt il-jasar*. Il-kelma Griega għal "jasar" hija *dedoulotai*, it-tielet persuna singulari, indikattiv perfett, passiv ta' *douloo*. Skond Henry Thayer, din il-kelma tfisser "li tagħmel skjav minn, tnaqqas għall-jasar." U huwa li t-tifsira tagħha fit-test tagħna hija, "li tkun taħt il-jasar, miżmum bil-forza tal-liġi jew neċessità." (W.E. Vine igħid din il-kelma tfisser, "oriġinarjament l-aktar terminu baxx tas-servitù, ġiet ukoll li tfisser wieħed li jagħti lilu nnifsu għalkollox għar-rieda ta' ieħor." Din hija l-kelma għal ilsir; kelma wżata biex turi "kondizzjoni servili." Għalhekk li tkun taħt il-jasar kif hija wżata fl-**1 Korintin 7:12-16** tfisser li tkun skjav; li tkun f'kondizzjoni servili; li tkun fl-aktar skala baxxa tas-servitù. In-nom u l-verb jinsabu 133 darba fit-Testment il-Ġdid, iżda lanqas darba waħda biss, sakemm it-test tagħna huwa eċċezzjoni, ma hija l-kelma wżata biex tirreferi għar-rabta taż-żwieġ.

F'dan l-istess kapitlu li fih l-appostlu Pawlu jittratta mal-problema taż-żwieġ, huwa jsemmi r-rabta taż-żwieġ, imma meta hu jagħmel dan huwa juża l-kelma *deo* li itnsab 44 darba fit-Testment il-Ġdid. Thayer igħid din il-kelma tfisser, "li torbot (tobliga), tissika jew taqfel…metafora, li torbot, li tpoġġi taħt obligazzjoni; li tkun marbut ma' wieħed" kif il-mara għal żewġha, u jsemmi l-uniċi tliet postijiet li din hija wżata hekk—**Rumani 7:2; 1 Korintin 7:27, 39**; bħala eżempji ta' din it-tifsira.

Issa, il-mistoqsija hija: "Għaliex l-appostlu Pawlu uża l-kelma *deo* darbtejn f'dan il-kapitlu meta mingħajr dubju riferenza hija magħmula għar-rabta taż-żwieġ, u mbagħad biddel għall-kelma *douloo* fil-vers ħmistax, sakemm huwa xtaq li jħalli l-impressjoni li hu ma kienx qiegħed jirreferi għar-rabta taż-żwieġ?" F'limitu hekk qasir l-użu ta' żewġ kelmiet differenti biex jirreferu għal l-istess ħaġa jkun ta' taħwid. Għalhekk hu jagħmel sforz konxju biex jimpressjoni lill-qarrejja tiegħu bil-fatt illi hu mhuwiex qiegħed jirreferi għar-rabta taż-żwieġ f'**vers 15**. Billi l-kelma *doutoo* lil hija wżata f'**vers 15**, mhix użata mkien aktar biex tirreferi għar-rabta taż-żwieġ, aħna nistgħu fiż-żgur nikkonkludu li f'dan il-vers Pawlu mhuwiex qiegħed jirreferi għar-rabta taż-żwieġ. U billli f'kull pass fejn huwa mingħajr dubju jitkellem dwar ir-rabta taż-żwieġ hu juża l-kelma *deo*, aħna nistgħu mingħajr periklu nikkon-kludu, illi li kieku hu kellu r-rabta taż-żwieġ fl-iskop f'and il-vers kieku huwa kien juża dik il-kelma hawn.

Ladarba l-appostlu Pawlu ma kellux ir-rabta taż-żwieġ f'moħħu meta huwa qal li l-emmieni mhuwiex taħt il-jasar, x'ried ifisser hu? Pawlu sempliċiment fisser li emmieni mhuwiex hekk marbut għal dak li ma jemminx li hu għandu jitlaq lil Kristu biex iżomm lil dak li ma jemminx. L-għaqda li torbotna ma' Kristu hija aktar b'saħħitha mill-għaqda li torbot lil l-emmieni ma' dak li ma jemminx. Il-kelma *douloo* hija wżata b'riferenza għal li aħna qaddejja (ilsiera) tal-ħaqq ta' Alla (**Rumani 6:18, 22**). U l-forma tan-nom *doulos* hija wżata ħafna drabi biex tirreferi għalina bħala qaddejja (ilsiera) ta' Kristu (**Efesin 6:6; Rivelazzjoni 7:3**). Din l-għaqda tiegħu preċedenza fuq l-għaqdiet jew rabtiet l-oħra kollha. Jekk wieħed jippreferi r-rabta tal-ġenituri għal dik li torbtu ma' Ġesù, dan mhuwiex tajjeb biex ikun dixxiplu tal-Mulej. Ukoll jekk l-emmieni jippreferi r-rabta li torbtu ma' dak li ma jemminx għal dik li torbtu ma' Ġesù Kristu, dan ma jistax ikun id-dixxiplu tal-Mulej; ma hemmx tama għas-salvazzjoni ta' dejjem. Mela l-appostlu qiegħed igħid lil l-emmieni biex iżomm ma' Ġesù jekk dan ifisser it-telfien tas-sieħeb/a li ma jemminx. Għalkemm dan jista' jfisser ħajja ta' ċelibat, il-Mulej ma jġarrabx lil dak li jkun aktar milli jkun jiflaħ, imma mat-tiġrib jipprovdi t-triq tal-ħelsien, biex hu jkun jista' jiflaħ għalih (**1 Korintin 10:13**).

Issa, il-mistoqsija tqum: "Huwa l-emmieni abbandunat liberu biex jiżżewweġ mill-ġdid?" It-tweġiba għal din il-mistoqsija hija, le! L-ewwel raġuni għal din it-tweġiba hija li l-idea jew il-ħsieb mhuwiex mgħallem fit-test tagħna. Ladarba l-frażi "taħt il-jasar" (mhux marbutin) ma tirreferix għar-rabta taż-żwieġ dan il-vers ma jistax ikun u biex jipprova li l-emmieni abbandunat huwa liberu jew ħieles mir-rabta taż-żwieġ li torbtu ma' dak li ma jemminx. U billi dan hu l-uniku test li xi ħadd dejjem uża biex jipprova li l-emmieni abbandunat huwa ħieles biex jiżżewweġ mill-ġdid, jekk dan mhuwiex mgħallem hawn, dan mhuwiex mgħallem fit-Testment il-Ġdid.

Issa, l-idea li l-emmieni abbandunat huwa ħieles biex jiżżewweġ oħra jew ieħor hija kuntrarja għall-istqarrija ġenerali ta' Pawlu dwar is-suġġett. Pawlu qal,

> "[2]*Għax il-mara li għandha żewġha hi marbuta bil-liġi ma' żewġha kemm idum ħaj; iżda jekk imut ir-raġel, hi maħlula mil-liġi ta' żewġha.* [3]*Għalhekk mela, jekk waqt li għadu ħaj żewġha, tiżżewweġ raġel ieħor, tissejjaħ adultera: iżda jekk imut żewġha, hi meħlusa minn dik il-liġi; u ma tkunx adultera, jekk tiżżewweġ raġel ieħor*" (**Rumani 7:2-3**).

U ma hemm ebda indikazzjoni fit-test tagħna li l-emmieni abbandunat huwa eċċezzjoni għal din ir-regola ġenerali li tiggverna ż-żwieġ.

Ukoll, din l-idea li l-emmieni abbandunat huwa ħieles li jarġa' jiżżewweġ qabel il-mewt tas-sieħeb/a li ma jemminx hija kuntrarja għal-liġi universali lil Ġesù ta dwar id-divorzju u żwieġ mill-ġdid f'**Matteww 5:32** u **19:9**. F'dawn il-passaġġi Ġesù jgħallem li nies li jiddivorzjaw għal xi raġuni oħra ħlief iż-żina (fornikazzjoni) u jiżżewwġu oħrajn qegħdin igħixu fl-adulterju. U li nies jistgħu "jgħixu" fl-adulterju huwa mgħallem minn Pawlu f'**Kolossin 3:5-7**,

> "[5]*Mewtu mela l-membri tagħkom li huma fuq l-art: iż-żina, ħmieġ, passjoni, xewqat ħżiena, u r-regħba li hija idolatrija:* [6]*Li minħabba fihom jiġi l-għadab ta' Alla fuq ulied id-diżubbidjenza:* [7]*Li fihom intom ukoll imxejtu darba, meta kontu tgħixu fihom.*"

Iżda meta Ġesù, li tkellem kif il-Missier tah il-kliem (**Ġwanni 12:49-50; 17:8**), saħħaħ il-liġi dwar id-divorzju u żwieġ mill-ġdid għal dik li kienet mill-bidu, Hu għallem li żina fuq il-parti ta' sieħeb jew sieħba hija l-unika raġuni għal żwieġ mill-ġdid waqt li l-parti l-oħra tkun għadha ħajja. Dan jaqbel mat-tagħlim ta' Pawlu f'**Rumani 7** u fl-**1 Korintin 7** fejn huwa qal li huma jistgħu jgħixu mifrudin, imma għandhom jibqgħu mhux miżżewwġin, jew inkella jkunu rrikonċiljati ma' xulxin.

L-aħħar raġuni għaliex it-test tagħna ma jgħallimx li l-emmieni abbandunat jista' jiżżewweġ oħra qabel il-mewt ta' dik il-parti li ma tkunx temmen hija li jekk dan hu veru l-Mulej jittratta mhux indaqs, u mhux bil-ġustizzja ma'nies fl-istess sitwazzjoni. Matul il-ħajja Tiegħu, Ġesù għallem illi jekk raġel ikeċċi lil martu għal xi raġuni ħlief minħabba ż-żina, fornikazzjoni, u jiżżewweġ oħra jikkommetti adulterju, u min jiżżewweġ lil dik li tkun imkeċċija jikkommetti adulterju. Mela jekk ir-raġel u martu ma jkunux jistgħu jgħaddu mingħajr ma jitilqgħu lil xulxin, u huma jisseparaw, l-ebda parti ma tista' tiżżewweġ waqt li l-parti l-oħra tkun għadha ħajja. Dan ipoġġi tbatija kbira fuq in-nies, speċjalment iż-żagħar u dawk ta' età medja, billi hemm ftit wisq li jgħixu mingħajr sħubija sesswali. Madankollu, din hija l-liġi tal-Mulej. Issa, jekk l-appostlu Pawlu jagħti lil l-emmieni abbandunat id-dritt ta' żwieġ ieħor matul il-ħajja ta' dik il-parti li ma tkunx temmen, huwa jevità lil l-emmieni t-tbatija li Ġesù poġġha fuq il-persuna ddivorzjata għal raġunijiet trivjali, komuni. Mara ddivorzjata għal raġunijiet trivjali hija esposta għal diffikultajiet finanzjarji biex tieħu ħsieb ta' uliedha, kif ukoll bħala xewqa għal sħubija sesswali, imma skond Ġesù hija mhix imħollija li teħles lilha nfisha minn dawn id-diffikultajiet permezz ta' żwieġ mill-ġdid. Madsankollu, jekk Pawlu jgħallem li l-emmieni abbandunat huwa mħolli li jarġa' jiżżewweġ, aħna għandna mara eżatt l-istess sitwazzjoni, bl-istess diffikultajiet, li hija mħollija biex tarġa' tiżżewweġ u taħrab l-istedss diffikultajiet. Jekk Pawlu jgħallem dan, wieħed jasal biex jiddikjara li l-liġi tal-Mulej hija aktar iebsa fuq il-parti ddivorzjata milli hija fuq il-parti abbandunata; dan mhuwiex indaqs u mhux ġust. Wieħed ma jistax jemmen li l-Mulej sejjer jittratta tant mhux indaqs ma' partijiet f'sitwazzjonijiet indentiċi. Dan jagħmel lill-Mulej iħares lejn l-uċuħ li ċertament li mhuwiex (**Dewteronomju 10:17; 2 Kronaki 19:7; Atti 10:34; Rumani 2:1; Galatin 2:6; Efesin 6:9; Kolossin 3:25; 1 Pietru 1:17**).

## Aktar Reviżjoni Dwar l-Hekk Imsejjaħ "Privileġġ Pawlin"

**1 Korintin 7:15** huwa parentesi mpoġġija f'nofs **versi 12 sa 16**. Il-mira ċentrali tas-sezzjoni hija biex iwiddeb lill-Kristjan miżżewweġ lill-pagan biex iżomm fiż-żwieġ. Innota **versi 12-14**,

"[12]*Imma lill-oħrajn ngħidilhom jien, mhux il-Mulej: Jekk wieħed mill-aħwa għandu mara li ma temminx, u jogħġobha tgħammar miegħu, ħa ma jkeċċihiex.* [13]*U l-mara li għandha raġel li ma jemminx, u jogħġbu jgħammar magħha, ħa ma titilqux.* [14]*Għax ir-raġel li ma jemminx jitqaddes b'martu, u l-mara li ma temminx titqaddes b'żewġha: kieku ma kienx hekk, uliedkom kienu jkunu mniġġsin; iżda issa huma mqaddsin.*"

**Vers 15** igħid jew isemmi eċċezzjoni għal l-obligazzjoni li l-Kristjan għandu biex iżomm iż-żwieġ,

"[15]*Iżda jekk dak li ma jemminx jinfired, ħa jinfired: F'każijiet bħal dawn, il-ħu jew l-oħt mhumiex taħt il-jasar: iżda Alla sejħilna għas-sliem.*"

*Chorizetai* (jinfired, jitlaq) ma tfissirx li dak li ma jemminx diġà nfired; il-verb huwa preżent kontinwu. Dan ifisser l-azzjoni hija ipprovata jew mixtieqa. Is-sentenza tista' tiġi tradotta "Jekk dak li ma jemminx qiegħed jippressa għal separazzjoni, allura jippermettiha lilu." *Chorizestho* hija imperattiv permissiv; din ma tagħtix kmand tabilħaqq. Il-Kristjan jista' ma jisseparax lilu nnifsu; taħt ċirkustanzi, hu biss jaqbel għas-separazzjoni. L-hekk imsejjaħ "Privileġġ Pawlin," li dan il-vers huwa suppost li jagħti, huwa, għalhekk, isem falz.

Għaliex dak li ma jemminx jixtieq li jitlaq? Huwa sempliċiment il-każ illi hu u martu għandhom tilwim familjari li dwaru huwa hu li ma jistax iżomm aktar u l-appostlu Pawlu jgħid: huwa preferibbli biex tgħix fil-paċi, u b'hekk int forsi tieħu d-divorzju?" Ma jindikax il-kliem ta' Pawlu problemi ħafna aktar fil-fond? "Jekk dak li ma **jemminx** jinfired," huwa jgħid, "ħa jinfired." Il-pagan jixtieq li jinfired għaliex hu wieħed li ma jemminx u s-sieħeb/a tiegħu huwa Kristjan. X'jista' l-Kristjan jagħmel biex jevità s-separazzjoni ikkontemplata f'**vers 15**? Hemm ħaġa waħda biss li jista' jagħmel. Hu jista' jiċħad il-Kristjaneżmu tiegħu u mbagħad l-okkażjoni waħda għas-separazzjoni indikata fit-test kienet tkun imneħħija. Hija din għażla għall-Kristjan? Din ma tistax ukoll għall-mument tkun ikkunsidrata alternattiva. Pawlu jgħid,

"*L-aħwa, irġiel u nisa, f'dan il-każ mhumiex imjassrin f'każijiet bħal dawn.*"

"Mhumiex imjassrin" (xi verżjonijiet iġibu "mhumiex marbuta") hija *ou dedoulotai*, perfett jindika azzjoni kompluta b'riżultat preżenti. Ma hemmx raġuni biex tgħid, "kien imma mhuwiex issa marbut." Il-qawwa hija pjuttost "ma kienx impoġġi taħt il-jasar." Il-Kristjan qatt ma kien fil-jasar hawn imsemmi. L-istqarrija f'**vers 23** hija parallel: "Kontu mixtrijin bi prezz: la ssirux ilsiera (*douloi*, "skjavi", l-istess għeruq bħal *dedoulotai*, "imjassra", f'**kapitlu 7:15**) tal-bnedmin." Il-Kristjan huwa lsier għall-ħaqq (sewwa) (**Rumani 6:18**) u għal Alla (**Rumani 6:22**), u jista' volontarjament jassar lilu nnifsu biex jirbaħ nies għal Kristu (**1 Korintin 9:19**), imma m'għandu qatt isir ilsier għall-bnedmin b'tali mod li jagħmel kompromess għall-Kristjaneżmu tiegħu (**1 Korintin 7:24**).

Il-kelma *dedoulotai*, ("imjassar", "taħt il-jasar") ta' **1 Korintin 7:15** għandha bl-attenzjoni tkun iddistingwita minn *dedetai* ("marbut" fis-sens ta' obligazzjoni morali). *Dedetai* hija wżata fl-**1 Korintin 7:39**,

> "[39]*Il-mara hi marbuta bil-liġi kemm idum ħaj żewġha:…*"

Dan bid-dieher ifisser obligazzjoni morali; dan ma jfissirx "imjassar." Din hija wkoll użata fl-**1 Korintin 7:27** ("marbut ma' mara?") u f'**Rumani 7:2**,

> "[2]*Għax il-mara li għandha żewġha hi marbuta bil-liġi ma' żewġha kemm idum ħaj.*"

L-interpretazzjoni ta' l-**1 Korintin 7:15** li tara lil Pawlu bħala li jħalli żwieġ mill-ġdid bil-qawwa tagħmel iż-żewġ kelmiet *dedoulotai* u *dedetai*, li jfissru l-istes. Id-differenza kbira bejniethom, iżda, għandha tkun maqbuda. Wieħed għandu jistaqsi, "Għaliex Pawlu juża l-kelma qawwija *dedoulotai* ("imjassar") fl-**1 Korintin 7:15**?" Li tqabbilha ma' *dedetai* huwa li ma tilħaqx il-ħsieb tal-passaġġ. Pawlu juża *dedoulotai* fl-**1 Korintin 7:15** għaliex hu jrid igħid illi għall-Kristjan li jċedi għall-pressjoni biex jitlaq il-Kristjaneżmu tiegħu biex iżomm iż-żwieġ tiegħu jkun ifisser skjavitù) ta' l-aktar mod bla ħila. Il-Kristjan m'għandu qatt jikkonsidra lilu nifsu f'rabta bħal din.

*Ou dedoulotai*, mela, ma ġġibx l-inqas implikazzjoni li tikkonferma żwieġ mill-ġdid. Timplika l-kelma *chorizestho* ("ħa jinfirdu") li ż-żwieġ huwa irrevokabbli (li ma jistax jittraġġa' lura) miksur u li ż-żwieġ mill-ġdid jista' jiġi wara? B'daqqa t'għajn ta' l-istqarrija ta' Pawlu f'**kapitlu 7:11** ma jistax li jkun miżmum li *chorizo* ġġib ġustifikazzjoni ta' żwieġ mill-ġdid. Huwa ċar li *chorizo* ma fissirx tmiem għalkollox irreparabbli taż-żwieġ. "La tfixkilx iż-żwieġ," l-appostlu Pawlu jgħid, "u wkoll jekk inti tfixklu, int m'għandek terġa' tiżżewweġ; li għandek tagħmel huwa li tkun irrikonċiljata għal żewġek." Għandu jkun innutat li *chorizo* kif użata fit-Testment il-Ġdid għandha t-tifsira ġenerali tagħha; din mhijiex terminu tekniku li tfisser li int tmur il-qorti u ttemm iż-żwieġ tiegħek u tkun ħieles u liberu biex terġa' tiżżewweġ mill-ġdid. Huwa ħażin li tittraduċi l-kelma "divorzju" għaliex din hija terminu tekniku fil-lingwa tagħna li jimplika d-dritt biex tiżżewweġ mill-ġdid. B'żieda għal li jħalltu *dedoulotai* u *dedetai* dawk li jinterpretaw **1 Korintin 7:15** biex timplika d-dritt li terġa' tiżżewweġ jagħmlu l-iżball li jnisslu l-ħsieb ta' *chorizo* bħala terminu tekniku.

Wara l-parentesi fil-**vers 15**, l-appostlu Pawlu jdur għall-ħsieb ewlieni ta' **versi 12-16**, iġiegħel raġuni oħra għall-kontinwità taż-żwieġ:

> "*…iżda Alla sejħilna għas-sliem.* [16]*Għax x'taf int, ja mara miżżewġa, jekk issalvax lil żewġek? Jew x'taf int, ja raġel, jekk issalvax lil martek?*" (**1 Korintin 7:15-16**)

L-interpretazzjoni li tifhem lil Pawlu bħala li qiegħed jagħti raġunijiet għad-divorzju mhix ta' min jemminha. Il-Korintin jaħtiġilhom tidwir mid-divorzju, mhux persważjoni għal dik il-linja, kif **versi 12 sa 16** jagħmlu ċar mingħajr l-ebda żball (huma saħansitra ħasbu li ż-żwieġ niġġishom, **vers 14**). Lanqas ma hu ta' min jemmnu li Pawlu qiegħed jagħti parir jew jagħmilha ta' avukat għad-disperazzjoni dwar li jsalva s-sieħeb/a ta' dak lil jkun. Il-paċi jew sliem li għaliha Alla sejħilna hija kuntrarju għat-tkeċċija tas-sieħeb, l-azzjoni vjolenti li teqred iż-żwieġ.

**1 Korintin 7:15** ma jagħti l-ebda bażi biex tassumi li Pawlu qiegħed iħalli raġuni oħra għad-divorzju u żwieġ mill-ġdid. Fil-kontenut ta' madwar (**12-14, 16**) Pawlu qiegħed iġiegħel lill-Kristjan biex jippriserva r-trabta tiegħu taż-żwieġ. Bi tweġiba għall-oġġezzjoni tal-Korintin, huwa jgħid li l-pagan huwa minħabba f'hekk (b'riħet hekk) fil-Kristjan (**v. 14**). Idur għal raġunijiet pożittivi biex iħares iż-żwieġ, Pawlu jistqarr il-possibbiltà li jsalva lil dak li ma jkunx jemmen (**v. 16**), u jibbaża l-appell tiegħu fuq l-intenzjoni ta' Alla fiż-żwieġ—illi din tkun imħarsa fl-armonija (*eirene*) u mhux mifruda bit-taqbida tad-divorzju (**v. 15b**). Is-separazzjoni hija ttolerata biss jekk dak li ma jemminx jisforza għażla bejn iż-żwieġ u l-fidi tal-Kristjan. Żwieġ mill-ġdid mhuwiex hawn ikkunsidrat fit-test.

Wieħed għandu jżomm f'moħħu li separazzjoni u divorzju huma żewġ affarijiet differenti għal kollox minn xulxin. Hemm differenza bejn il-kunċett tad-divorzju u dak tas-separazzjoni fil-Bibbja. Madankollu, il-liġi ta' separazzjoni legali spiss tħawwad l-affari biblika. Separazzjoni biblika hija kull separazzjoni iġġustifikata iżda li ma tagħtix dritt ta' żwieġ mill-ġdid. Hemm ħafna raġunijiet għaliex mara tista' tissepara minn ma' żewġha. Dan jista' jkun li jsawwatha, jista' jsir sakranazz. Hemm ħafna ċirkustanzi li spiss jagħmlu s-separazzjoni neċessarja. Ma hemm l-ebda skuża għal raġel li jsawwat lil martu taħt l-ebda kondizzjoni. Xejn ma hu qatt solvut bl-irfiegħ ta' l-idejn fuq mara. Waħda mill-aktar ħwejjeġ baxxi fuq wiċċ l-art hija raġel li jsawwat mara. U jien forsi nwissi lill-ġenituri, sewwasew hawn li jekk intom għandkom iben li jekk qatt isawwat tifla, intom għand-kom tagħtuh l-agħar kastig li jeżisti. Jekk intom ma tagħmlux dan, tkunu bla kont bħala ġenituri. Jiena nifhem li xi kultant ikun hemm il-provokazzjoni. Imma raġel li ma jistax jikkontrolla lilu nnifsu għal dak id-daqs u li m'għandux imħabba għal xi ħadd ieħor mhuwiex raġel għal kollox. Għalhekk meta mara tkun imsawta, huwa leġittmu għaliha li tissepara (jekk dan ikun il-każ). Meta ħajjitha tkun f'periklu tiżiku, meta wliedha huma fil-periklu, huwa leġittmu għas-separazzjoni li ssir. Madankollu, hija m'għandiex id-dritt li tiżżewweġ mill-ġdid, u dak hu li tfisser is-separazzjoni. Ir-raġuni li qiegħed ingħid dan għaliex aħna għandna (kif diġà rajna) kelma oħra wżata fil-Bibbja, il-kelma *divorzju*. Din il-kelma tfisser "libertà" li tiżżewweġ mill-ġdid." Divorzju jfisser lir-rabta taż-żwieġ hija għalkollox mitmuma.

## ANALIŻI TA' MATTEW 19:3-12
## U REVIŻJONI TA' "*ĦLIEF MINĦABBA L-FORNIKAZZJONI*"

Dan l-istudju huwa intenzjonat biex ikun daqqa t'għajn mill-ġdid tal-pożizzjoni bażika u argumenti mpoġġija minn xi wħud.

Dak li l-Bibbja tgħallem, din tgħallem f'wieħed minn żewġ modi:

1. Din tgħallem espliċitament (biċ-ċar).
2. Din tgħallem impliċitament (li għalkemm mhux imfisser iżda ċar).

U dak li l-Bibbja tgħallem impliċitament huwa l-istess jorbot, l-istess veru, u l-istess awtorevoli daqs kemm huwa dak li hija tgħallem espliċitament. Imma l-implikazzjoni m'għandiex tiġi mħawda ma' l-assunzjoni (dak li wieħed jippretendi). Hija verità irrispettata li "is-sħiħ (kollox) ta' xi ħaġa huwa l-ġabra flimkien tal-partijiet tagħha." Din l-assjoma (verità ċara) tgħallem b'implikazzjoni (1) illi s-sħiħ ta' xi ħaġa huwa ikbar minn xi parti tagħha, u (2) li l-parti ta' xi ħaġa hija iżgħar mis-sħiħ li għalih din għandha relazzjoni. Dawn l-affarijiet mgħallma bl-implikazzjoni huma l-istess veru

daqs kemm hija l-assjoma li minnha huma jiġu. Dawn mhumiex assunzjonijiet. Aħna ngħallmu bl-implikazzjoni li Lot mar fl-Eġittu, li Krispus sama' l-Evanġelju, u li Sawl ta' Tarsu nidem minn dnubietu. Il-fatt li Lidja kellha "dar tagħha" (familja) ma **jfissirx** li hija kienet miżżewġa jew li kellha t-tfal. Aħna għandna noqgħodu attenti dejjem biex ma nsejħux xi ħaġa bħala li hija implikazzjoni li mhijiex implikazzjoni.

Xi wħud igħidu dwar **Mattew 19:3-12**, "Imma, isemmi l-Mulej tagħna, ħlief permezz ta' implikazzjoni, l-istat ta' mara li tiġi mkeċċija minħabba l-fornikazzjoni u mbagħad tarġa' tiżżewweġ?" Il-fatt hu li l-Mulej qal **espliċitament** l-istat tal-mara li hija mkeċċija għall-fornikazzjoni. Il-Mulej qal:

> "*…u dak li jiżżewweġ lil dik li tkeċċiet jikkommetti adulterju*" (**Mattew 19:9b**).

Din mhijiex kwistjoni ta' implikazzjoni.

**Siltiet Li Għandhom X'Jaqsmu Ma':**

1. **F'Mattew 5:31-32**, il-Mulej igħid,

   "*31 Intqal: Kull min ikeċċi lil martu, ħa jagħtiha l-kitba tad-divorzju. 32 Iżda jien ngħidilkom: Li kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, iġagħalha tikkommetti adulterju: u kull min jiżżewweġ lil dik li hi mkeċċija jikkommetti adulterju.*"

2. **F'Mattew 19:9**, il-Mulej igħid,

   "*9 U jien ngħidilkom: Kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u dak li jiżżewweġ lil dik li tkeċċiet jikkommetti adulterju.*"

3. **F'Mark 10:11-12**, il-Mulej igħid,

   "*11 U qalilhom: Kull min ikeċċi lil martu, u jiżewweġ oħra, jikkommetti adulterju kontra tagħha. 12 U jekk mara tkeċċi lil żewġha, u tiżżewweġ ieħor, tikkommetti adulterju.*"

   Dan juri li l-prinċipji involuti "fit-tkeċċija" huma applikati bl-istess qawwa għal raġel (miżżewweġ) li jagħmel it-tkeċċija kif ukoll għall-mara (miżżewwġa) li tagħmel it-tkeċċija.

4. **F'Luqa 16:18**, il-Mulej igħid,

   "*18 Kull min ikeċċi lil martu, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u min jiżżewweġ l-imkeċċija minn żewġha jikkommetti adulterju.*"

Mistoqsijiet huma spiss magħmula dwar is-sinjifikat (tifsira) eżatt tal-partijiet varji ta' dawk l-istqarrijiet. Id-diskussjoni preżenti għandha x'taqsam ma' l-istat tal-parti ħatja—il-parti ħatja ta' fornikazzjoni—kienet imkeċċija mill-parti innoċenti, għandha dritt skritturali biex tifforma għaqda oħra taż-żwieġ?

**Xi Noti Ġenerali Fuq Mattew 19:9**

1. *Lego de humin* (λεγω δε υμιν) – "*Imma jien ngħidilkom.*" *De* hija ġeneralment tradotta "imma" (iżda), kif insibuha fil-passaġġ parallel, **Mattew 5:32**. Hawn aħna għandna kuntrast. It-tagħlim tal-Mulej huwa hawn impoġġi 'l quddiem f'kuntrast għat-tolleranza Możajka.

2. *hoti* (οτι) – ġeneralment tintroduċi klawsola, u f'dan il-każ partikulari tintroduċi żewġ kalwsoli. Dawn iż-żewġ klawsoli huma għanijiet diretti tal-verb "ngħid." Il-Mulej igħid, "Jien ngħidilkom" (1) Kull min ikeċċi lil martu u jiżżewweġ oħra—ħlief minħabba l-fornikazzjoni—jagħmel, jikkommetti adulterju; u (2) dak li jiżżewweġ lil dik li tkun tkeċċiet jikkommetti adulterju.

3. *hos an* (ος) – *hos* huwa pronom relattiv li, meta wżat ma' *an* jew *ean* u verb fil-mod tal-verb li jesprimi xewqa jfisser "kull min" jew "dawk kollha" (soġġuntiv).

4. *apolusas* (αν απολυση) – Dan it-temp passat indefinit mod tal-verb attiv, it-tielet persuna singulari ta' *apolou*. *Apolou* tfisser li teħles, li tiddivorzja, li tagħti l-libertà.

5. *tan gunaika autou* (την γυναικα αυτου) – Letteralment, il-mara tiegħu; għal-hekk, "martu."

6. *ei ma epi porneia* (μη επι πορνεια) - Ħlief minħabba (jew għal) fornikazzjoni.

7. *kai gamasa allan* (και γαμηση αλλην) – u jiżżewweġ oħra. *Gamasa* għandha tkun ikkunsidrata ma' *apolusa*. Dawn iż-żewġ kelmiet flimkien għandhom x'jaqsmu identikament għal *hos an—kull min ikeċċi…u jiżżewweġ oħra*. Il-frażi *ei ma*—"ħlief minħabba l-fornikazzjoni"—għandha x'taqsam identikament għal *apolusa* u *gamasa*. "*Kull min ikeċċi lil martu u jiżżewweġ oħra—ħlief minħabba l-fornikazzjoni…*"

8. *moichatai* (μοιχαται) – Dan il-verb hu fit-temp preżent, il-qawwa tiegħu hija azzjoni kontinwa. Dan ifisser, "*tkompli tikkommetti adulterju.*"

9. *kai ho apolelumenan gamasas moichatai*. (και γαμηση αλληνμοιχα ται). *Apolelumenan* huwa l-parteċipju sostantiv passiv perfett, akkużattiv singulari femminil, li l-qawwa tiegħu hija: l-imkeċċija (mara). *Gamasas* hija parteċipju attiv sostantiv aorist (temp passat indefinit) nominattiv singulari maskili, u jmur ma' l-artiklu definittiv li huwa maskili. Il-qawwa ta' dan hija: dak li jiżżewweġ lil…(raġel). Dawn iż-żewġ parteċipji sostantivi jagħtuna: Li kien miżżewweġ/a ġie/t imkeċċi/ja (raġel; mara); ir-raġel li kien iżżewweġ mara li kienet ġiet imkeċċija. *Moichatai*—l-istess kelma kif użata qabel. Dan hu fit-temp preżent u jfisser: tkompli tikkommetti adulterju. Ir-raġel li żżewweġ mara mkeċċija jkompli jikkommetti adulterju.

Għaldaqstant, il-Mulej qal:

> "[9]*U jien ngħidilkom: Kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u dak li jiżżewweġ lil dik li tkeċċiet jikkommetti adulterju*" (**Mattew 19:9**).

## XI OSSERVAZZJONJIET

**Traduzzjoni Letterali:**

> "*U (iżda) jien ngħidilkom, li kull min ikeċċi l-mara tiegħu, u jiżżewweġ oħra (mara)—ħlief fuq fornikazzjoni—jikkommetti (jkompli jikkommetti) adulterju; u r-raġel li żżewweġ mara li kienet tkeċċiet ikompli jikkommetti adulterju.*"

1. Il-passaġġ igħid li "kull min" "jikkommetti adulterju." *X'kull min jikkommetti adudlterju?* Hemm tnejn "kull min" li jikkommettu adulterju: (1) Il-kull min ikeċċi lil martu u jiżżewweġ mara oħra—ħlief fuq il-bażi ta' fornikazzjoni minn naħa tas-

sieħeb/a tiegħu/ha; u (2) il-kull min li kien iżżewweġ mara li kienet imkeċċija (kull mara li kienet imkeċċija).

2. Dan il-passaġġ igħid (fil-prinċipju): (1) il-persuni kollha li jkeċċu s-sieħeb/a tagħhom u jiżżewwġu sieħeb/a ieħor—ħlief fuq il-bażi (raġuni) tal-fornikazzjoni fuq il-parti tas-sieħeb/a imkeċċi—huma persuni kollha li żżewġu sieħeb/a imkeċċi/ja huma persuni li jkomplu jikkommettu adulterju.

3. Dan il-passaġġ igħid (b'implikazzjoni): Il-persuni kollha li—minħabba l-fornikazzjoni fuq il-parti tas-sħab tagħhom—ikeċċu s-sħab tagħhom u jiffurmaw żwieġ ieħor huma persuni li **ma** jikkommettux adulterju (jew, **mhumiex** persuni li jikkommettu adulterju).

4. Il-Mulej kien qiegħed jiddiskuti d-divorzju u żwieġ mill-ġdid. Il-Mulej uża l-kelma "ħlief." Din il-kelma hija restrittiva (illimitata) ħafna. "*Ħlief*" fi **Ġwanni 3:5** tfisser lit-twelid mill-ġdid (il-magħmudija) huwa **l-uniku** mezz għad-dħul fis-saltna ta' Alla, u "*ħlief*" f'**Mattew 19:9** tfisser li l-fornikazzjoni hija **l-unika** bażi (raġuni) li fuqha jista' jkun hemm divorzju u żwieġ mill-ġdid. Imma, jekk il-parti ħatja—il-persuna mkeċċija minħabba l-fornikazzjoni tagħha jew tiegħu—tista' wkoll tifforma żwieġ ieħor (kif hawn min isostni), allura l-kelma "*ħlief*" ma tibqax tfisser "*ħlief.*" Din ma jkollha l-ebda tifsira ta' xejn.

5. Il-veduta li l-parti "ħatja" tista' terġa' tiżżewweġ hija veduta li tikkontradixxi għal kollox it-tagħlim tal-Mulej f'**Mattew 19:9**. Il-Mulej igħallem li l-unika persuna li għandha dritt skritturali biex tkeċċi s-sieħeb/a tagħha u li terġa' tiżżewweġ sieħeb/a ieħor hija l-persuna li s-sieħeb/a tagħha kienet ħatja tal-fornikazzjoni, u li kienet imkeċċija minħabba l-fornikazzjoni. "Il-parti ħatja" **mhjiex** persuna li kienet keċċiet lis-sieħeb/a tagħha minħabba l-fornikazzjoni fuq in-naħa ta' dak is-sieħeb/a. "Il-parti l-ħatja" mela mhix persuna li għandha dritt li terġa' tiżżewweġ.

6. Għandu jkun aċċettat li l-frażi "*ħlief minħabba l-fornikazzjoni*" għandha xi sinjifikat. Fost il-ħwejjeġ l-oħra, din ovvjament kienet intenzjonata biex issaħħaħ u tipprotieġi d-drittijiet tal-parti innoċenti—il-persuna li sar dnubkontriha mis-sieħeb/a li wettqet id-dnub tal-fornikazzjoni (żina). Issa, jekk **il-parti innoċenti** hija mogħtija d-dritt li terġa' tiżżewweġ, u jekk **iż-żieni** huwa mogħti d-dritt li jerġa' jiżżewweġ, għaliex il-Mulej mela ddiskuta s-suġġett? X'kien l-iskop? Il-veduta li "l-parti ħatja" tista' wkoll terġa' tiżżewweġ teqred għalkollox is-sinjifikat tal-frażi "*ħlief.*"

## KONTRADIZZJONI ĊARA

Il-loġiku għandu jkun jista', ikun kapaċi li *jittraduċi* stqarrija magħmula fi "kliem ordinarju" għal forma proprja tiegħu li jikkorrispondi mal-propożizzjoni A, E, I jew O. Traduzzjoni bħal din hija assolutament neċessarja. (1) jekk l-istqarrija se tkun issuġġettata għal analiżi xierqa loġika, u (2) jekk l-istqarrija se tkun użata f'li tiġbor silloġiżmu. (raġunar ta' kollox flimkien.) F'**Mattew 19:9**, il-Mulej għamel żewġ stqarrijiet li għandhom ikunu tradotti jekk aħna sejrin nittrattaw magħhom sewwa. Dawn huma ż-żewġ klawsoli li huma għanijiet diretti tal-verb "ngħid/ ilkom." Kull waħda minn dawn l-istqarrijiet hija "affermattiv-universali," u—għalhekk—kull waħda għandha tkun tradotta fil-propożizzjoni tagħha tal-forma A proprja. Is-sinjifikat tal-*kull minn* huwa: Il-persuni kollha miżżewwġin. Għandu jkun miżmum fil-moħħ li l-*moichatai* ("tikkommetti adulterju") hija identika f'kull klawsola. Din hija verb **fit-temp preżent**, u l-qawwa ta' dan il-fatt hija li dan juri azzjoni kontinwa.

1. Il-persuni miżżewwġin kollha li jkeċċu lis-sieħeb/a tagħhom u jiżżewwġu sieħeb/a oħra—ħlief fuq il-bażi (raġuni) tal-fornikazzjoni min-naħa tas-sieħeb/a li jkun imkeċċi—huma persuni li jibqgħu jikkommettu adulterju; u,

2. Il-persuni kollha li jiżżewwġu sieħeb/a li kien imkeċċi huma persuni li jibqgħu jkomplu jikkommettu adulterju.

Din it-traduzzjoni minn "diskors ordinarju" għall-propożizzjonijiet tal-forma A proprja hija korretta. Il-liġijiet tal-loġika segwiti. Il-marka tal-kwantità, it-terminu tas-suġġett, l-għaqda jew rabta, u t-terminu ta' l-affermazzjoni f'kull propożizzjoni huma li jingħarfu sewwa. It-tifsira ma ġietx mibdula.

Huwa ovvju, mela, li **l-unika** persuna li għandha dritt skritturali biex tkeċċi lis-sieħeb/a tagħha u tiżżewweġ mill-ġdid sieħeb/a ieħor hija l-persuna li s-sieħeb/a tagħha kienet ħatja jew ħati tal-fornikazzjoni. Huwa sewwasew l-istess daqs kemm hu ovvju li kull persuna li tiżżewweġ lil sieħeb/a "imkeċċi/ja" tibqa' tkompli tikkommetti adulterju. Għalhekk il-parti ħatja m'għandiex dritt skritturali li tiżżewweġ mill-ġdid għaliex (1) il-parti ħatja **mhix** persuna li kienet keċċiet lis-sieħeb/a tagħha minħabba l-fornikazzjoni min-naħa tas-sieħeb/a tagħha; (2) il-parti ħatja hija persuna "imkeċċija."

## ŻBALL SERJU ĦAFNA

F'**Mattew 19:9** "is-sentenza sempliċi" hija: "Jiena ngħid." Dak li Hu jgħid huwa dirett "għalik." Il-kelma "ngħidilkom" (ngħid *lilkom*) hija każ dattiv u għandha tkun għan dirett. Il-kelma "ngħid" hija segwita minn *żewġ* klawsoli li tagħmel kostruzzjoni ta' għan dirett inħallta. Jiġifieri, kull klawsola hija għand dirett tal-verb "ngħid." "Li" hija konġjunzjoni, li dlonk tintroduċi klawsola. Hawn, din tintroduċi żewġ klawsoli. Iż-żewg verbi "ikeċċi" (jibgħat) u "jiżżewweġ" huma identiċi għandhom x'jaqsmu għas-suġġett "kull min." "Martu" hija l-għan dirett tal-verb "ikeċċi." L-għan dirett tal-verb "jiżżewweġ" huwa l-kelma "mara"—mhux imsemmija, imma mitluba mill-għamil, kostruzzjoni. Il-kelma "oħra" hija aġġettiv (li għandha biex tibdel in-nom), u hija ġens femminil. Għalhekk, il-kelma "mara" għandha tkun provduta. Affermazzjoni hija magħmula. L-affermazzjoni hija magħmula dwar "kull min." "Kull min…jikkommetti adulterju." Il-verb tradott "jikkommetti adulterju" huwa (fil-grieg) verb fit-temp preżent, u verb fit-temp preżent juri azzjoni **kontinwa** (jew stat li tkun). Għalhekk, "tkompli tikkommetti adulterju." Iż-żewġ verbi "ikeċċi" u "jiżżewweġ" huma mibdula bil-frażi "ħlief minħabba ż-żina." Ħalli jkun enfasizzat illi l-frażi "ħlief minħabba l-fornikazzjoni" issostni l-istess relazzjoni għall-verbi "ikeċċi" u "jiżżewweġ." Din il-frażi mela hija biċ-ċar avverbjali fil-funzjoni.

Is-suġġett tat-tieni klawsola huwa "raġel," li huwa immodifikat bl-artiklu definit li huwa fil-ġens maskil. Il-kelma "raġel," li ma tidhirx fit-test, imma hija magħmula neċessarja permezz tal-kostruzzjoni **sostantiva** u ta' l-artiklu definit maskil. Għal darb'oħra, affermazzjoni hija magħmula. Din hija magħmula dwar "ir-raġel." "Ir-raġel…ikompli jikkommetti adulterju." X'raġel hu li jkompli jikkommetti adulterju? Tweġiba: ir-raġel li żżewweġ mara li kienet ġiet imkeċċija. Minfolk "jiżżewweġ" it-test Grieg għandu "li żżewweġ." Minflok "meta hija (il-mara) tiġi mkeċċija" t-test Grieg għandu "li kienet ġiet imkeċċija. (mara.)" Ir-raġel li żżewweġ mara li kienet ġiet imkeċċija jibqa' jkompli jikkommetti adulterju.

Għandu jkun imsaħħaħ li skond **Mattew 5:32** u **19:9**, il-parti innoċenti, imkeċċija inġustament mhijiex imħollija li tiżżewweġ mill-ġdid. Aħna m'aħniex qegħdin niddiskutu l-parti innoċenti li *għamlet* it-tkeċċija—li keċċiet lis-sieħeb/a ħati tal-fornikazzjoni. Pjuttost, riferenza hija hawn magħmula għall-persuna innoċenti imkeċċija mis-sieħeb/a tagħha, u mingħajr kawża. Ukoll din il-persuna innoċenti mkeċċija mingħajr kawża mhijiex mogħtija d-dritt li tiżżewweġ mill-ġdid. Jekk Pietru jiżżewweġ lil Anna, u jekk aktar tard Pietru jiddivorzja lil Anna—iżda mhux għar-raġuni tal-fornikazzjoni, min-naħa ta' Anna—allura Anna m'għandiex dritt skritturali li tizżewweġ mill-ġdid u r-raġel li jiżżewwiġha "jkompli jikkommetti adulterju."

F'**Mattew 12:41-45**, il-Mulej qal,

> "[41]*L-irġiel ta' Ninwè għad iqumu f'jum il-ħaqq ma' din il-*
> *ġenerazzjoni, u jikkundannawha: għax nidmu bix-xandir ta' Ġona; u,*
> *ara, wieħed akbar minn Ġona qiegħed hawn.* [42]*Is-sultana tan-nofsinhar*
> *tqum f'jum il-ħaqq ma' din il-ġenerazzjoni, u tikkundannah; għax hi*
> *ġiet mill-aħħar tad-dinja biex tisma' għerf Salamun; u, ara, hawn*
> *wieħed akbar minn Salamun.* [43]*Meta l-ispirtu mniġġes joħroġ minn*
> *bniedem, jimxi f'naħiet niexfa, ifittex il-mistrieħ, u ma jsib xejn.*
> [44]*Imbagħad jgħid: Narġa' lejn dari mnejn ħriġt; u meta jiġi, isibha*
> *battala, miknusa, u mżejna.* [45]*Imbagħad imur, u jieħu miegħu seba'*
> *spirti oħra eħżen minnu nnifsu, u jidħlu u jgħammru hemm; u l-aħħar*
> *qagħda ta' dak il-bniedem tkun agħar mill-ewwel waħda. Hekk ikun*
> *ukoll lil din il-ġenerazzjoni ħażina.*"

F'dawn il-versi, il-Mulej wera bil-qawwa li l-irġiel ta' Ninwè u s-sultana tan-nofsinhar *imorru aħjar* fil-jum tal-ħaqq milli tmur il-ġenerazzjoni li lilha Hu kien qiegħed ikellem. Il-Mulej qal li Hu Nnifsu kien akbar minn Ġona u akbar minn Salamun. L-irġiel ta' Ninwè nidmu, u s-sultana tan-nofsinhar ġiet biex tisma'. Imma, dawn li lilhom Ġesù kien qiegħed ikellem ma ridux jindmu, u ma kinux anzjużi li jisimgħu. Għalhekk il-Mulej enfasizza: (1) akbar ma tkun l-opportunità akbar tkun l-obligazzjoni; u (2) aktar ma tkun kbira l-obligazzjoni rrifjutata jew irriġettata akbar ikun id-dnub u akbar il-kastig.

F'**Mattew 11:20-24**, f'**Luqa 12:47-48**, u fit-**Tieni Pietru 2:20-21** insibu l-istess ħsieb. Dawn il-versi jgħallmu biċ-ċar illi għandu jkun hemm gradi ta' kastig. Il-kastig ikun ġustament skond id-dnubiet ta' min ikun ikkastigat. Aħna nargumentaw illi fil-providenza ta' Alla l-kastig huwa u jkun mogħti ġustament skond id-dnub magħmul. Fl-ebda ħin ma Alla jqis jew jagħti kastig ikbar għall-dnub inqas, jew għal l-ebda dnub. Jiena mhux qiegħed nargumenta li l-parti innoċenti, inġustament imkeċċija, qiegħdha tiġi kkastigata. Persuna bħal din qiegħdha sempliċiment issofri l-konsegwenzi tad-dnub traġiku tal-fornikazzjoni min-naħa tas-sieħeb/a tiegħu jew tagħha. Dak li qiegħed ngħid hu: Il-fatt tal-ġustizzja ta' Alla.

Ikun diffiċli li timmaġina dnub aktar terribbli u aktar traġiku mid-dnub tal-fornikazzjoni (taż-żina), li jwassal (jew jista' jwassal) għall-firda tar-rabta taż-żwieġ. Iż-żieni jidneb kontra Alla, kontra ġismu stess (**1 Korintin 6:18**), u kontra martu, kontra wliedu (jekk ikollu), kontra l-knisja (jekk huwa jkun membru tal-knisja), u kontra s-soċjetà in-ġenerali. Aħseb bis-serjetà dwar dan iż-żieni—żieni ma jaħsibha xejn, traskurat, u sejjer għal l-infern—f'kuntrast għall-vittma innoċenti f'sitwazzjoni

taż-żwieġ, inġus-tament imkeċċija. Anna, ma hija ħatja ta' l-ebda nuqqas ta' fedeltà lejn żewġha, hija bi krudelta u inġustament "imkeċċija" (iddivorzjata) minn Pietru. It-tagħlim tal-Mulej huwa li Anna m'għandiex bażi Skritturali biex tifforma żwieġ ieħor. Jidher għalija li huwa fatt ta' xhieda fih innifsu li Alla mhuwiex (u ma għamilx) sejjer ipoġ-ġi fuq Anna—ħatja ta' l-ebda dnub li jkisser iż-żwieġ—piż akbar milli Hu poġġha fuq iż-żieni, imkeċċi ġustament. Jiena ma nistax pjuttost nifhem li l-liġi ta' Alla (kif xi wħud isostnu) tagħmilha impossibbli għal Anna li terġa' tiżżewweġ mill-ġdid, imma tħalli biex żieni (ġustament imkeċċi), jerġa' jiżżewweġ. U, il-liġi ta' Alla definittivament tgħid illi Anna, bil-kefrija u b'mod inġust imkeċċija, ma tistax (bil-favur ta' Alla) tifforma żwieġ ieħor.

L-argument mela, muri preċiżament , huwa kif ġej:

PREMESSA MAĠĠURA

Jekk huwa l-każ li l-Mulej tagħna f'**Mattew 5:32** u **19:9**—ma jħallix iż-żwieġ mill-ġdid tal-parti innoċenti, inġustament imkeċċija, allura huwa l-każ li l-Mulej tagħna ma jħallix iż-żwieġ mill-ġdid tal-parti ħatja, ġustament imkeċċija.

PREMESSA MINURA

*Huwa* l-każ li l-Mulej tagħna f'**Mattew 5:32** u **19:9**—ma jħallix iż-żwieġ mill-ġdid tal-parti innoċenti mkeċċija inġustament.

KONKLUŻJONI

Huwa l-każ li l-Mulej tagħna f'**Mattew 5:32** u **19:9**—ma jħallix iż-żwieġ tal-parti ħatja li jsir mill-ġdid li kienet ġustament imkeċċija.

Fiż-żwieġ ir-raġel u l-mara huma immanettjati flimkien. Meta l-manetti jiġu mneħħija, imbagħad iż-żewġ partijiet huma kompletament meħlusa minn xulxin. Jekk ir-raġel huwa maħlul minn mal-mara, allura l-mara hija maħlula minn mar-raġel. ***Jiena dan ma nemmnux***. Dan mhuwiex eżatt. Fis-sitwazzjoni taż-żwieġ hemm TLIET settijiet ta' manetti—mhux sett wieħed. Ir-raġel huwa mmanettjat ma' Alla (mal-liġi ta' Alla); il-mara hija mmanettjata ma' Alla (mal-liġi ta' Alla); u r-raġel u l-mara mmanettjati ma' xulxin. Il-liġi taż-żwieġ hija l-liġi ta' Alla, u l-bnedmin kollha huma sottomessi għal dik il-liġi. Meta l-mara (miżżewwġa) hija ħatja tal-fornikazzjoni, ir-raġel għandu d-dritt li jkeċċiha—li jneħħi l-manetti li bihom hu marbut ma' martu. Iżda hu xorta għadu mmanettjat mal-liġi ta' Alla, u l-mara (martu, il-parti ħatja, f'dan il-każ) għadha xorta mmanettjata mal-liġi ta' Alla. Il-liġi ta' Alla tħalli lir-raġel (il-parti innoċenti, f'dan il-każ) li jifforma żwieġ ieħor, għaqda taż-żwieġ oħra. Imma, il-liġi ta' Alla ma tħallix lill-mara—il-parti ħatja—li tifforma għaqda oħra taż-żwieġ. Il-parti ħatja għadha xorta mmanettjata mal-liġi ta' Alla—mhux mar-raġel li dinbet kontrih.

Hekk ukoll, meta r-raġel (miżżewwġ) huwa ħati tal-fornikazzjoni, il-mara għandha d-dritt li tkeċċih—li tneħħi l-manetti li bihom hi marbuta ma' żewġha. Iżda hi xorta għadha mmanettjata mal-liġi ta' Alla, u r-raġel (żewġha, il-parti ħatja) għadu xorta immanettjat mal-liġi ta' Alla. Il-liġi ta' Alla tħalli lill-mara (il-parti innoċenti) li tifforma żwieġ ieħor, għaqda taż-żwieġ oħra. Imma, il-liġi ta' Alla ma tħallix lir-raġel—il-parti ħatja—li jifforma għaqda oħra taż-żwieġ. Il-parti ħatja għadha xorta mmanettjata mal-liġi ta' Alla—mhux mal-mara li dinbet kontriha. Ir-raġel f'dan il-każ, bħala l-parti l-ħatja sar '*ġisem wieħed*' ma' mara oħra u għalhekk Alla jħoll lil martu (l-parti innoċenti) minn dik ir-rabta. Pawlu jgħid hekk dwar il-fornikazzjoni:

__1 Korintin 6:15-20__ – "[15]*Ma tafux li l-iġsma tagħkom huma l-membri ta' Kristu?* ***Inneħħi mela l-membri ta' Kristu, u nagħmilhom membri ta' mara prostituta?*** *Ma jkun qatt!* [16]*X'inhu? Ma tafux li* ***min jingħaqad mal-mara prostituta jsir ġisem wieħed magħha? Isiru, kif tgħid l-Iskrittura, it-tnejn ġisem wieħed.*** [17]*Min jingħaqad mal-Mulej hu ruħ waħda miegħu.* [18]***Aħarbu l-fornikazzjoni.*** *Kull dnub li jagħmel il-bniedem hu barra mill-ġisem;* ***imma min jikkommetti fornikazzjoni jidneb kontra ġismu stess.*** [19]*X'inhu? Ma tafux li ġisimkom hu tempju ta' l-Ispirtu s-Santu li qiegħed fikom, li għandkom mingħand Alla, u li intom mintomx tagħkom infuskom?* [20]*Għax intom mixtrijin bi prezz: għalhekk igglorifikaw lil Alla f'ġisimkom.*"

Kif tista' ssir "ġisem wieħed" ma' prostituta u tibqa' "ġisem wieħed" ma' martek? Il-ġisem mhux għall-fornikazzjoni, imma għall-Mulej. Dan huwa l-ewwel argument li Pawlu juża kontra d-dnub li l-abbitanti pagani f'Korintu kienu magħrufin sewwa għalih, u dawk li kkonvertew għall-Kristjaneżmu żammew opinjoni wisq favorevoli għal dan. Il-ġisem mhuwiex għall-fornikazzjoni; dan qatt ma kien iffurmat għal xi skop bħal dan, imma għall-Mulej, għas-servizz u unur ta' Alla. Il-ġisem għandu jkun strument ta' ġustizzja u qdusija (**Rumani 6:19**), u għalhekk qatt m'għandu jkun magħmul strument ta' ħażen. Dan għandu jkun membru ta' Kristu, u għalhekk u qatt m'għandu jkun membru ta' prostituta (**1 Korintin 6:15**). Kristu għandu jkun il-Mulej tal-ġisem, biex ikollu l-proprjetà fih u dominju fuqu, billi ħa ġisem u kien magħmul biex jieħu sehem min-natura tagħna, biex Hu jkun ir-Ras tal-knisja Tiegħu, u Ras fuq il-ħwejjeġ kollha (**Lhud 2:5, 18**). Aħna għandna nieħdu ħsieb sewwa li ma nużawx dak li hu ta' Kristu bħallikieku kien tagħna, wisq inqas biex niddiżonorawh.

Jalla l-barkiet ta' Alla jkunu fuqna hekk kif niddeċiedu li nżommu, nirrispettaw u ngħixu skond il-liġijiet li Alla ta għall-protezzjoni ta' djarna, tal-familji tagħna. Jalla Alla jgħinna biex naraw lid-djar tagħna huma dawk li Hu jridhom li jkunu—il-glorja ta' Alla u s-salvazzjoni tal-bniedem, permezz ta' Ġesù Kristu l-Mulej tagħna.

## ANALIŻI TA' MATTEW 5:31-32

> "[32]*Iżda jien ngħidilkom: Li kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, iġagħalha tikkommetti adulterju: u kull min jiżżewweġ lil dik li hi mkeċċija jikkommetti adulterju.*"

> "[31]*Intqal: Kull min ikeċċi lil martu, ħa jagħtiha l-kitba tad-divorzju.*"

Dawn il-versi mill-Iskrittura Mqaddsa huma parti mill-Priedka Kbira tal-Mulej tagħna fuq il-Muntanja. Din tinsab f'sezzjoni li turi (1) li Kristu ma ġiex:

> "*Biex jeqred il-liġi jew il-profeti….imma biex iwettaq.*"

U (2) li:

> "*Jekk il-gustizzja tagħkom ma tkunx akbar mill-ħaqq ta' l-iskribi u tal-Fariżej, ma tidħlu b'xejn fis-saltna tas-smewwiet*" (**Mattew 5:17-20**).

Kien l-iskop ta' Kristu:

> "[4]*Biex il-ħaqq tal-liġi jseħħ fina, li ma nimxux skond il-ġisem, imma skond l-Ispirtu*" (**Rumani 8:4**).

Il-liġi ta' Mosè ma kinetx biex tispiċċa bil-qerda imma bit-twettiq—bl-għemil tabilħaqq ta' l-iskop tagħha—bħall-blanzun il-frott joħroġ minnu. Mingħajr twettiq, jota waħda jew nitfa waħda tal-liġi ma titneħħiex sakemm igħaddu s-sema u l-art (**Mattew 5:18**). Kristu u l-Kristjaneżmu, iżda, kienu t-twettiq tagħha jew tgawdija, għalhekk it-tmiem tagħha (**Rumani 10:4**; **Kolossin 2:16-17**). L-iskop tagħha kien biex iġġib għal Kristu, biex inkunu ġġustifikati bil-fidi; u billi l-fidi ġiet, m'għandniex aktar taħtha, imma minflok aħna lkoll ulied Alla bil-fidi fi Kristu Ġesù (**Galatin 3:23-27**).

Billi għamel kuntrast b'dak li Hu kien qiegħed jitlob mis-suġġett Tiegħu ma' dak lin-nies kienu semgħu (mill-iskribi u l-Fariżej il-biċċa l-kbira), Kristu ma ddistingwix bejn il-liġi u xi taħsir tagħha tar-rabbi. Hu sempliċiment uża l-formula "Intqal …[jew intom smajtu…] Iżda jien ngħidilkom." L-eżempji tiegħu inkludew qtil, adulterju, divorzju, ħalf falz, Vendetta, u ħniena.

Dik tad-divorzju hija l-istudju speċifiku tagħna. Din taqra kif inhu ġej:

> "[31]*Intqal: Kull min ikeċċi lil martu, ħa jagħtiha l-kitba tad-divorzju.* [32]*Iżda jien ngħidilkom: Li kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, iġagħalha tikkommetti adulterju: u kull min jiżżewweġ lil dik li hi mkeċċija jikkommetti adulterju*" (**Mattew 5:31-32**).

It-tagħlim ta' dan il-passaġġ hu rripetut sostanzjalment f'kuntest ieħor f'**Mattew 19:9** imma b'enfasi differenti. **Mattew 19:9** huwa fuq id-dnub lir-raġel miżżewweġ jikkommetti jekk hu jkeċċi lil martu li tkun safja u jiżżewweġ oħra. Hawn, l-attenzjoni hija fuq id-dnub li huwa jġiegħel mara bħal din li tikkommetti billi tiġi mkeċċija. Żwieġ mill-ġdid fuq il-parti tiegħu mhuwiex inkonsiderazzjoni.

### *"Intqal"*

Ir-riferenza kienet għal **Dewteronomju 24:1-2**,

> "[1]*Meta raġel jieħu mara, u jiżżewweġiha, u jiġri, wara li jkun ħadha, li ma togħġbux, għax isib xi ħaġa kerha fiha, ħa jiktbilha l-karta tad-divozju, u jagħtihielha f'idha, u jibgħatha 'l barra minn daru* [2]*U wara li tkun telqet mid-dar, tista' tmur u tkun il-mara ta' raġel ieħor.*"

Ir-rabbi Lhud ma qablux dwar ir-raġunijiet li dan kien iħalli għad-divorzju. Veduti opposti għalkollox kienu miżmuma mill-iskejjel ta' Ħillel u Xammaj. Wieħed kien igħid illi l-veduta popolari kienet tfisser kull ħaġa li ma togħġobx lir-raġel, waqt li l-ieħor insista li din kienet tirreferi biss għal nuqqas ta' purità (safa) jew adulterju.

L-espressjoni iddisputat—letteralment, "affari ta' għera (li tkun għarwiena), tfisser għajb, diżunur—jidher serju ħafna biex tinkludi raġunijiet kappriċċjużi u fiergħa bħal dawn kif kienu miżmuma minn xi rabbi. Madankollu dan probabbli intenzjona inqas minn adulterju, għaliex dak kien ikkastigat permezz tal-mewt (**Dewteronomju 22:22**). Huwa ċar illi t-test kien nieqes milli jgħid raġunijiet speċifiċi jew ipoġġi limiti definittivi.

Iżda dan bl-ebda mod ma jindika indifferenza divina. Il-profeta Malakija wissa:

> "[15]*Iżda, tgħidu intom, mhemmx wieħed li għamel hekk, u madankollu l-ispirtu baqa' fih? Iżda għaliex dak il-wieħed għamel dan? Għax kien ifittex in-nisel imwiegħed lilu minn Alla. Ħudu ħsieb l-ispirtu tagħkom, u ħalli ħadd ma jimxi bil-qerq ma' mart żgħożitu.* [16]*Għax jien nobgħod id-divorzju, igħid Jaħweh, Alla ta' Iżrael, u lil min bil-*

*ħażen jiksi lbiesu, igħid Jaħweh ta' l-eżerċti. Għalhekk ħudu ħsieb l-ispirtu tagħkom, u la timxux bil-qerq*" (**Malakija 2:15-16**).

Skond Ġesù f'**Mattew 19:7-8**, id-divorzju qatt ma kien u għadu ma kienx divinament intenzjonat, u Mosè la kien bdieh u lanqas ikkmandah, kif xi wħud jidher li jaħsbu. Dan kien biss ittollerat minħabba l-ebusija tal-qalb tal-bniedem—għalhekk, biex jevità, ma jħalix li jsir ħażen akbar. Prevalenti ħafna u b'għeruq fondi ħafna biex ineħħi għalkollox kull xewqa, dan kien ġie mpoġġi taħt ordni bil-għaqal. Il-kmand *ma kienx* biex tkeċċi, imma biex tagħti karta tad-divorzju (strument legali) f'każ ta' tkeċċija.

F'kultura fejn id-differenza kienet dejjem imtalla kontra l-mara, dan kien mingħajr l-ebda dubju biex jiffavorixxi lilha kemm jista' jkun possibbli—biex jippro-teġiha kontra tkeċċija ta' mingħajr ebda raġuni mid-dar tagħha u minn ma' uliedha, u biex jipprovdi lilha bi provi legali ta' ħelsien biex tiżżewweġ mill-ġdid jekk hija tiġi mkeċċija.

### *"Iżda Jien Ngħidilkom"*

Imma Ġesù mar aktar 'il quddiem minn Mosè u poġġha jew qiegħed limit speċi-fiċi, Hu ħabbar restrizzjonijiet f'arrangament sostanzjali ma' l-interpretazzjoni tal-liġi ta' Xammaj. Peress li għad-divorzju minħabba ż-żina kien imfisser aktar ċar. L-essenza taż-żwieġ li hija "*ġisem wieħed*," u l-għaqda li hija għal dejjem, il-forni-kazzjoni (iż-żina) hija ksur fundamentali tal-wegħda jew kuntratt taż-żwieġ. Divorzju f'każi bħal dawn jista' jkun rikonoxximent *de jure* ta' sitwazzjoni *de facto* mingħajr ma jieħu l-kastig jew ħtija. Imma, jekk raġel ikollu jekeċċi lil martu għal xi kawża oħra u hija tikkommetti adulterju, huwa jkun *particeps criminis*—responsabb-li għad-dnub tagħha —din hija konsiderazzjoni serja ħafna għal min hu ta' l-affari tiegħu, għal min hu serju.

Nassumu li hija tiżżewweġ mill-ġdid, hija ssir ħatja ta' adulterju għaliex Alla ma rrikonoxxihiex bħala li hija ddivorzjata. Xorta waħda, dak li jiżżewwiġha jkun ħati ta' adulterju għaliex, fir-realtà, huwa jkun qiegħed jieħu mara ta' ħaddieħor. Barra minn hekk, waqt liż-żewġ partijiet għaż-żwieġ il-ġdid ikunu ħatja ta' adulterju, ir-raġel miżżewweġ li jkun keċċha lil mara jkun ukoll qiegħed jaqsam fil-ħtija tagħha —u wkoll jaqsam fil-ħtija jekk hi tikkommetti adulterju barra minn żwieġ ieħor. Dan kollu jidher ċert.

Imma xi ngħidu dwar l-iskop tal-bażi mogħtija għad-divorzju? X'inhu mfisser bil-kelma "fornikazzjoni" ("żina")? Kif din tagħmel differenza mill-*adulterju*? Fil-Bibbja, il-fornikazzjoni hija t-terminu aktar fil-wisa'. Din tirreferi għal att sesswali kontra l-liġi barra mill-istat taż-żwieġ, fejn adulterju huwa l-fornikazzjoni (żina) ta' persuna jew ta' wieħed jew tat-tnejn li huma miżżewwġin. Għalhekk l-adulterju kollu huwa fornikazzjoni imma mhux il-fornikazzjoni kollha hija adulterju. Dan jidher mela, li l-użu tal-Mulej tagħna tal-fornikazzjoni (żina) bħala r-raġuni għad-divorzju għandha tapplika kemm għal nuqqas ta' fedeltà fiż-żwieġ jew għal nuqqas ta' safa (purità) qabel iż-żwieġ. Taħt Mosè dawn kienu ttrattati l-istess (**Levitku 18:22; 20:13; Eżodu 22:19; Levitku 20:15-16; Rumani 1:26-27**).

Jekk raġel (miżżewweġ) wara l-ewwel att sesswali bagħad u xeħet barra lil l-għarusa tiegħu (martu), jakkużaha li ma kinetx verġni meta huma ġew flimkien, l-akkuża tiegħu kienet tista' tiġi sfidata fil-qorti. Jekk sostnuta, hija kienet tiġi mħaġġ-ra għall-mewt pubblikament talli għamlet il-bluha f'Iżrael u għamlitha ta' prostituta

f'dar missierha. Jekk dan ma jkunx minnu, ir-raġel jiġi msawwat u jeħel multa kbira, imġiegħel biex iżomm lil martu, għomru kollu u mhux imħolli li jkeċċiha (ara **Dewteronomju 22:13-22**).

Ukoll, ikun parteċipant fi żwieġ ipprojbit ripetut "igħix" fl-adulterju? Xi wħud jargumentaw li l-Iskrittura ma tgħidx hekk u li huwa impossibbli—li l-adulterju huwa att u wieħed ma jgħix f'att imma fi stat—li l-ewwel att taż-żwieġ (u dan waħdu), ta' żwieġ ipprojbit ripetut huwa adulterju imma l-istat huwa poligamija—illi waqt li l-adulterju huwa dnub, il-poligamija ma hija mkien fl-Iskrittura msejħa li hija dnub—illi, waqt li l-ewwel att ta' relazzjoni poligama huwa dnub u wieħed għandu jindem minnha għas-salvazzjoni, l-indiema ma taħtieġ it-tmiem ta' l-abitazzjoni mas-sieħeb/a poligama/u. Xi ngħidu dwar dan?

Numru ta' falsitajiet huwa evidenti. Id-dnub huwa wkoll att imma mhux maħfur u li tkun persistenti fih ukoll isir stat li fih jintqal li aħna qegħdin "ngħixu." L-appostlu Pawlu jgħid hekk,

> "[1]*Xi ngħidu mela? Nibqgħu fid-dnub, biex toktor il-grazzja?* [2]*Allaħares! Kif nistgħu aħna, li mitna għad-dnub, nibqgħu ngħixu fih iżjed?*" (**Rumani 6:1-2**).

Waqt li l-espressjoni speċifika, "tgħix fl-adulterju" ma tinsabx fl-(Iskrittura, **Kolossin 3:5-7** jsemmi numru ta' ħwejjeġ ta' diżubbidjenza li fihom il-qarrejja kienu darba "għexu" u wieħed minn dawn kien "fornikazzjoni" ("żina"), li tagħha l-adulterju huwa speċi. Naqraw hekk:

> "[5]*Mewtu mela l-membri tagħkom li huma fuq l-art:* ***fornikazzjoni****, ħmieġ, passjoni, xewqat ħżiena, u r-regħba li hija idolatrija:* [6]*Li minħabba fihom jiġi l-għadab ta' Alla fuq ulied id-diżubbidjenza:* [7]*Li fihom intom ukoll imxejtu darba, meta kontu tgħixu fihom.*"

Jekk wieħed jista' jgħix fiż-żina ċertament li huwa jista' jgħix fl-adulterju. Barra minn hekk, **Mattew 5:32** igħid illi:

> "*…kull min jiżżewweġ lil dik li hi mkeċċija* ***jikkommetti*** *adulterju.*"

**Mattew 19:9** jgħid, "*jikkommetti adulterju*" ("*ikun ħati ta' adulterju*"). Fl-oriġinal taż-żewġ passaġġi, l-idea hija dik li **tkompli** li tikkommetti. Mela l-qawwa tal-grammatika hija li sakemm l-għaqda ikkundannata teżisti, il-koppja "tgħix" fl-adulterju.

## ĦARSA ĠENERALI LEJN DIVORZJU U ŻWIEĠ MILL-ĠDID

> "[9]*U jien ngħidilkom: Kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, u jiżżewweġ oħra, jikkommeti adulterju; u dak li jiżżewweġ lil dik li tkeċċiet jikkommetti adulterju*" (**Mattew 19:9**).

B'din l-istqarrija Ġesù poġġha 'l quddiem iċ-ċirkustanza unika, kondizzjoni unika, (żina, fornikazzjoni) taħt liema wieħed li s-sieħeb/a tiegħu għandu ħa jista' jiżżewweġ mingħajr dnub. Din l-istqarrija kienet magħmula waqt diskursata ma' xi Farizej li, bl-iskop biex jaqbdu u jġiegħlu lil Ġesù jagħmel stqarrija li huma jkunu jistgħu jużawha kontrih, poġġew mistoqsija dwar iċ-ċirkustanzi li taħthom raġel jista' jkeċċi lil martu. Bi tweġiba, Ġesù l-ewwel irrefera lilhom għall-vers ta' l-Iskrittura li

kien juri l-mudell oriġinali taż-żwieġ. Il-Fariżej, meta raw li għadhom ma wettqux l-iskop tagħhom, imbagħad staqsew,

"*…Għaliex mela Mosè ordna li tingħata l-kitba tad-divozju, u titkeċċa?*" (**Mattew 19:7**).

L-istess huma fittxew biex ipoġġu lil Ġesù f'kontradizzjoni mal-liġi ta' Mosè. Imma Ġesù dan qatt ma għamlu. Pjuttost, Hu wera li Mosè ħalla dan minħabba l-ebusija tal-qalb tan-nies. Imma fil-Patt il-Ġdid, is-severità tal-liġi oriġinali terġa' tkun imħarsa mill-ġdid.

Dan il-vers (**Mattew 19:9**) għandu, minkejja l-fatt li punti jew pożizzjonijiet oħra għandhom b'neċessità jiġu kkunsidrati, jagħti t-toqol prinċipali ta' din il-kitba. Dan ikun tassew għaliex jiena nħoss illi dan il-vers fih id-difiża prinċiapli kontra dak li jiena nifhem li hija l-problema kbira li qed tħabbat wiċċha magħha l-knisja fil-kwistjoni ta' divorzju u żwieġ mill-ġdid.

L-importanza ta' dan l-istudju ftit li xejn tista' li tikkalkolaha żżejjed. Fuq is-soluzzjoni korretta, u applikazzjoni ta' dik is-soluzzjoni, jiddependi l-kuntentizza tal-bniedem għal din il-ħajja—u speċjalment għall-ħajja li għad trid tiġi. Kemm jekk wieħed igħaddi l-eternità fis-smewwiet jew fl-infern jista' ħafna jkun iddeterminat permezz ta' x'inhu veru dwar ir-relazzjoni tiegħu f'din il-ħaġa.

Jidher li f'dawn l-aħħar snin din il-problema saret aktar gravi. Nisimgħu ħafna opinjonijiet dwar id-divorzju, biss, għandna nkunu nafu li dawn huma biss opinjonijiet. Għandna nkunu nafu wkoll illi aħna nistgħu "naraw" dak li rridu "naraw"—jekk ma nkunux attenti ħafna! Divorzju u żwieġ mill-ġdid huma problemi li jinvolvu emozzjonijiet l-aktar fondi, ta' attenzjoni u intimi li l-bniedem jista' jkollu sakemm ir-relazzjonijiet umani huma ikkonċernati. Ħafna drabi tfal ikunu nvoluti. Dawn l-affarijiet kollha jqanqlu l-qlub tagħna. Aħna għandna bil-għaqal "neżaminaw lilna nfusha" (**2 Korintin 13:5**) li ma nkunux iggwidati mill-qalb tagħna, u mhux mill-Kelma ta' Alla!

Billi l-kwistjoni jista' jkollha ħafna aspetti differenti, il-problema ta' kif nersqu lejha tidher importanti. Dan l-istudju (u dawk ta' qabel) se jkun maqsum f'żewġ diviżjonijiet prinċipali: (1) l-affermazzjoni biċ-ċaħda li tikkumpanja biex isservi bħala tisfija aktar; u (2) konsiderazzjoni ta' oġġezzjonijiet prinċipali li kienu mqajma għal dik l-affermazzjoni.

**L-Affermazzjoni (biċ-Ċaħda Li Tikkumpanja)**

Din l-affermazzjoni (dikjarazzjoni), impoġġija f'termini sempliċi, hija stqarrija li tpoġġi 'l quddiem lil dawk li **jistgħu** jiżżewwġu mingħajr ma jidinbu permezz ta' dan iż-żwieġ. Jew, din tista' tintqal hekk: dawk li meta huma jiżżewwġu, ma jagħmlux dnub. Dan, b'neċessità jitlob illi huma nfushom jiżżewwġu persuna li tappartieni għal waħda minn dawn it-tliet klassijiet:

1. Dawk li qatt ma kienu miżżewwġa qabel jistgħu, mingħajr dnub, jiż-żewwġu —sakemm huma nfushom jiżżewwġu sieħeb/a eliġibbli (f'għajnejn Alla).

"*…Imma u jekk tiżżewweġ, ma tidnibx; u jekk xebba tiżżewweġ, ma tidnibx….*" (**1 Korintin 7:28; 7:9**).

2. Dawk li **kienu** qabel miżżewwġin imma lis-sieħeb/a tagħhom ta' l-ewwel huwa mejjet jew mejta. L-appostlu Pawlu semma s-suġġett b'dan il-mod:

“[2]*Għax il-mara li għandha żewġha hi marbuta bil-liġi ma’ żewġha kemm idum ħaj; iżda jekk imut ir-raġel, hi maħlula mil-liġi ta’ żewġha.* [3]*Għalhekk mela, jekk waqt li għadu ħaj żewġha, tiżżewweġ raġel ieħor, tissejjaħ adultera: iżda jekk imut żewġha, hi meħlusa minn dik il-liġi; u ma tkunx adultera, jekk tiżżewweġ raġel ieħor*” (**Rumani 7:2-3**).

3. Dawk li kienu qabel miżżewwġin imma lis-sieħeb/a tagħhom ta’ qabel kien ħati/ja taż-żina (nuqqas ta’ lealtà lejn il-wegħda taż-żwieġ). Hawn, it-test tagħna (**Mattew 19:9**), juri ċar illi Ġesù ta lill-parti innoċenti, id-dritt li tfittex sieħeb/a ieħor għaż-żwieġ. Kieku Ġesù ma tax din l-eċċezzjoni, il-lingwa Tiegħu kienet tgħallem illi **kull** persuna li tkeċċi lis-sieħeb/a tagħha u tiżżewweġ ieħor tkun ħatja ta’ adulterju. Imma Ġesù ma għamilx dan—Hu **ta** fil-fatt **eċċezzjoni**, u għamilha ċara li dawk lis-sieħeb/a tagħhom kien ħati ta’ **nuqqas ta’ fedeltà sesswali** jistgħu jkeċċuh/a u jiżżewwġu mill-ġdid, u ma jkunux ħatja ta’ adulterju meta huma jagħmlu dan. Dan ifisser nuqqas ta’ fedeltà **fiżika**—l-att attwali ta’ relazzjoni sesswali—mhux ix-xewqa fil-qalb tal-persuna (**Mattew 5:28**).

Iċ-ċaħda, impoġġija f’termini sempliċi, hija tqegħida ’l quddiem ta’ dawk li *ma jistgħux* jiżżewwġu mingħajr ma jidinbu meta jagħmlu dan. Jew, din tista’ tintqal kif inhu ġej: dawk li jagħmlu dnub meta huma jiżżewwġu. Sewwasew min huma dawn?

1. Dawk li għandhom sieħeb/a ta’ qabel li *ma* kienx imkeċċi minħabba l-*fornikazzjoni*. F’**Mattew19:9**, Ġesù qal,

   “*…u dak li jiżżewweġ lil dik li tkeċċiet jikkommetti adulterju.*” (Qabbel **Mattew 5:32.**)

2. Dawk li jiżżewwġu lil xi ħadd li kellu sieħeb/a qabel (għadu ħaj) li *ma kienx* imkeċċi minħabba ż-żina, fornikazzjoni. F’**Mattew 19:9**, Ġesù qal,

   “*Kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u dak li jiżżewweġ lil dik li tkeċċiet jikkommetti adulterju.*” (Qabbel **Mattew 5:32.**)

3. Dawk li kienu tkeċċew minħabba n-nuqqas ta’ fedeltà tagħhom stess (**Mattew 5:32**).

Jiena jidhirli li l-passaġġi li għalihom jiena aċċennajt igħallmu ċar ħafna l-pożizzjonijiet impoġġija quddiemna li ma jħallu l-ebda dubju fis-suġġett. Madankollu xorta xi wħud iqjmu oġġezzjonijiet—*xi wħud* igħidu li dawn il-veduti huma miftuħa wisq fejn iħallu nies biex jiddivorzjaw u jerġgħu jiżżewwġu f’ċirkustanzi fejn l-Iskrittura ma tħallix dan illum. Ħalli, mela, aħna, neżaminaw dawn l-oġġezzjonjiet. Huma dawn oġġezzjonijiet validi? Jew wieħed jista’ jurihom bħala li mhumiex validi? Ħalli naraw.

## Oġġezzjonijiet Għal l-Affermazzjoni Ta’ Fuq Ikkunsidrati u Mwieġba

### I. Duttrina Falza: Neċessità Ta’ Ċelibat

Hemm dawk li jħawdu *dritt* u *obligazzjoni*. Il-bniedem għandu *dritt* biex igħix ħajja ta’ mingħajr żwieġ (ċelibat), jekk huwa jagħżel li jagħmel hekk, imma huwa m’għandu l-ebda *obligazzjoni* biex jagħmel hekk. **1 Korintin 7:7-9, 28** juri ċar li dan huwa minnu. Innota **versi 8 u 9**:

"[8]*Għalhekk jien ngħid lil dawk li mhumiex miżżewġin u lir-romol: Li aħjar għalihom li jibqgħu bħali wkoll.* [9]*Imma jekk ma jifilħux iżommu, ħa jiżżewwġu: għax aħjar tiżżewweġ milli tinħaraq.*"

Innota wkoll **vers 28**:

"*…u jekk xebba tiżżewweġ, ma tidnibx…*"

Xi wħud ħawdu l-parir ispirat ta' l-appostlu Pawlu, (mogħti fid-dawl ta' ċirkustanza li kienet teżisti) bħala kmand li jorbot biex ikun segwit fiċ-ċirkustanzi kollha.

## II. Duttrina Falza Oħra: Ebda Dritt Taħt Kull Ċirkustanza—Jekk is-Sieħeb Ta' Qabel Għadu Ħaj

Minkejja mill-fatt li **Mattew 19:9** biċ-ċar jagħti lill-parti innoċenti (f'każ fejn il-wegħda taż-żwieġ kienet miksura b'nuqqas ta' lealtà sesswali) d-dritt li tizżewweġ mill-ġdid, hemm dawk li jiċħdu lin-nies illum għandhom dritt bħal dan. Il-fehma tagħhom hija bbażata fuq l-idea li **Mattew 19:9** mhuwiex parti mill-Patt il-Ġdid u li wieħed ma jistax ikun ħati "tal-fornikazzjoni" wara ż-żwieġ.

Ħalli aħna neżaminaw l-argumenti miġjuba bħala difiża għal din il-veduta.

1. L-ewwel, huwa argumentat illi **Mattew 19:9** mhuwiex parti mill-Patt il-Ġdid —illi Ġesù kien qiegħed biss *jispjega* (jew jiċċara) t-tagħlim *tal-liġi ta' Mosè* fuq dan is-suġġett. Huma jargumentaw li Ġesù *ma kienx* qiegħed ipoġġi termini jew kondizzjonijiet li għandhom ikunu fil-qawwa taħt il-Patt il-Ġdid. Fi sforz biex jippruvaw din il-veduta, regola purament arbitrarja (u żbaljata) ta' interpretazzjoni hija mpoġġija 'l quddiem: 'għal xi struzzjoni biex tkun parti mill-Patt il-Ġdid, din għandha tkun iddikjarata wara Atti tnejn.' Iżda din ir-regola hija falza għalkollox. Liġi (jew struzzjoni) tista' tkun iddikjarata qabel ma din tiġi fl-effett. Ukoll dawk li ġabu din ir-regola ta' fuq jaċċettaw dan (jew igħallmu duttrina falza) dwar punti oħra. Ġesù qal ħafna ħwejjeġ li ma kinux effettivi qabel il-jum ta' Pentekoste—madankollu, xi wħud minn dawn ma kinux iddikjarati wkol wara Atti, kapitlu tnejn. Dawk kollha li jżommu għal din ir-regola ta' fuq għandhom loġikament igħidu li l-istruzzjonijiet kollha bħal dawn jappartienu għal-liġi ta' Mosè. Imma min jissogra biex igħid li l-passaġġi li ġienu parti mil-liġi ta' Mosè (u fl-effett matul iż-żmien ta') l-liġi ta' Mosè:

**<u>Mattew 7:21</u>,**

"[21]*Mhux kull min igħidli: Mulej, Mulej, jidħol fis-saltna tas-smewwiet: imma dak li jagħmel ir-rieda ta' Missieri li hu fis-smewwiet.*"

**<u>Ġwanni 3:5</u>,**

"[5]*Wieġeb Ġesù: Tassew, tassew ngħidlek, li, jekk wieħed ma jitwilidx mill-ilma u l-Ispirtu, ma jistax jidħol fis-saltna ta' Alla.*"

**<u>Mattew 19:28</u>,**

"[28]*U qalilhom Ġesù: Tassew ngħidilkom: Intom li ġejtu warajja, fit-tiġdid tad-dinja, meta bin il-bniedem joqgħod fuq it-tron tal-glorja tiegħu, intom ukoll toqogħdu fuq tnax-il tron, u tagħmlu ħaqq mit-tnax-il tribù ta' Iżrael.*"

**<u>Mattew 28:18-20</u>,**

*"[18]Resaq Ġesù u kellimhom, billi qal: Lili ngħatat l-awtorità kollha fis-sema u fl-art. [19]Morru mela, u agħmlu dixxipli mill-ġnus kollha, u għammduhom fl-Isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu. [20]U għallmuhom iħarsu l-ħwejjeġ kollha li ordnajtilkom: u, ara, jien dejjem magħkom, sa tmiem iż-żmien. Amen."*

**Mark 16:15-16**,

*"[15]U qalilhom: Morru fid-dinja kollha, xandru l-bxara t-tajba lill-ħolqien kollu. [16]Min jemmen u jitgħammed, isalva; iżda min ma jemminx ikun ikkundannat."*

**Luqa 24:46**,

*"[47]U li l-indiema għall-maħfra tad-dnubiet tixxandar f'ismu fost il-ġnus kollha, ibda minn Ġerusalem."*

**Ġwanni 20:20-21**,

*"[21]Imbagħad Ġesù tenna jgħidilhom: "Is-sliem għalikom! Kif il-Missier bagħat lili, hekk jiena nibgħat lilkom." [22]Kif qal hekk, nefaħ fuqhom u qalilhom: "Ħudu l-Ispirtu s-Santu: [23]Dawk li taħfrulhom dnubiethom ikunu maħfura, u dawk li żżommuhomlhom ikunu miżmuma."*

**Lhud 1:1-2**,

*"[1]Alla, li bosta drabi u b'ħafna manjieri kellem fl-imgħoddi lil missirijietna bil-profeti, [2]F'dawn l-aħħar jiem kellimna b'Ibnu, li għamlu werriet tal-ħwejjeġ kollha, u li bih ukoll għamel id-dinjiet."*

Ġesù *ma kienx* biss qiegħed jispjega l-liġi ta' Mosè. F'**Mattew 5:32**, l-użu tal-partiċella avversarja "de" (imma, iżda) u l-enfasizzata "Jiena" ipoġġu dak li *Ġesù* biċ-ċar jippermetti f'oppożizzjoni għal dak li l-liġi ta' Mosè kienet tippermetti. Ukoll paragun ta' **Mattew 5:32** (u **Mattew 19:9**) ma' **Dewteronomju 24:1-4** huwa biżżejjed biex jipprova liż-żewġ settijiet ta' struzzjonijiet ma kinux jaqblu. F'Dewteronomju l-mara (miżżewwġa) li tkun imkeċċija tista' ssir mart raġel ieħor. F'**Mattew 5:32** u **19:9**, dawk li jiżżewwġu lil dawk imkeċċija jikkommettu adulterju.

2. It-tieni, xi wħud iġibu 'l quddiem l-idea li "l-fornikazzjoni (ż-żina) ma tistax issir minn persuni miżżewwġin. Iżda wkoll din hija fehma falza u żbaljata. Kemm permezz tad-definizzjoni tad-dizzjunarju Grieg kif ukoll permezz ta' l-użu attwali jista' jkuj ippruvat li ż-żina, fornikazzjojni (*porneia*), tista' tkun magħmula (ikkommettuta) minn persuni miżżewwġin. Dawn id-dizzjunarji tal-Grieg jagħtu "adulterju" bħala t-tifsira ta' "*porneia*" f'**Mattew 5:32** jew **Mattew 19:9** (jew it-tnejn): Bagster (T.S. Green) u Greenfield. Thayer u Strong igħidu li din hija wżata għal "l-adulterju." Robinson igħid li din hija wżata biex tirreferi għal l-att li jikser il-għaqda konjugali ta' Alla u l-poplu Tiegħu. Moulton u Milligan jagħmluha ċara li l-kelma hija wżata b'riferenza għal atti magħmula minn persuni miżżewġin. Kummentaturi Kristiċi jġibu din it-tifsira tal-kelma. Spence, fil-Pulpit Commentary (*fuq Mattew*), igħid: "Ir-riferenza hij ali tidneb wara ż-żwieġ….l-aktar kelma ġenerali (*porneia*) hija wżata, għaliex din tpoġġi enfasi fuq il-karattru fiżiku tad-dnub milli kienet tpoġġi *moixeia*." H. A. W. Meyer igħid (**Mattew 19:9**): "…jiġifieri,…jekk att ta' fornikazzjoni (żina) imwettaq mill-mara matul iż-żwieġ."

Dan l-użu tal-kelma *porneia* huwa enfasizzat bi studju tas-Settanta (l-ewwel verżjoni jew qlib tat-Testment il-Qadim ta' l-Iskrittura Ebrajka mill-Lhudi għall-Grieg li saret 270 Q. K.). F'**Għamos 7:17**, aħna naqraw,

> "*Għalhekk, hekk igħid Jaħweh: Martek issir mara żienja [tkun ħatja ta' porneia, G.E.] fil-belt, uliedek, subjien u bniet, jaqgħu bix-xabla ...*"

Qabbel dawn il-passaġġi li ġejjin li juru li persuni miżżewwġin jistgħu jkunu ħatja "taż-żina" (Gr. *porneia*): **Eżekjel 23:4, 5, 43; 16:8; Hosegħa 1:3, 8, 9; 2:4-5; 3:3.**

Mela dan jidher ċar illi dawn iż-żewġ sforzi jaqgħu—**Mattew 19:9** *huwa* mill-Patt il-Ġdid, u "l-fornikazzjoni" (ż-żina) *tagħmel* riferenza għal dak li jiġri *wara* li wieħed ikun iżżewweġ (kif il-kuntest ta' **Mattew 19:9** juri ċar). Meta l-fatt li "xi għajb" (nuqqas ta' safa) f'**Dewteronomju 24:1** ma jirreferix esklussivament "għaż-żina" (dan jista' f'xi okkażjoni jkun użat f'riferenza għal dak) ikun miżjud ma' dan, ikun aktar ta' xhieda li Ġesù ma kienx qiegħed jispjega l-liġi ta' Mosè—imma kien qiegħed igħid x'ikun fil-qawwa taħt il-Patt il-Ġdid.

## III. Duttrina Falza Oħra: Dawk lid-Divorzjaw u Reġgħu Iżżewwġu Qabel ma Daħlu fil-Knisja Ma Jidinbux Meta Jagħmlu Dan Ukoll Li Azzjoni Bħal Din Hija Ksur tal-Kondizzjonijiet Impoġġija 'l Quddiem f'Mattew 19:9 Jekk il-Liġi Ċivili Li Għaliha Huma Sottomessi Tkun Obduta

Ħalli aħna nifhmu ċar sewwasew x'inhi din id-duttrina falza u żaljata. Dawk li jappoġġjaw din il-veduta joġġezzjonaw għal l-affermazzjoni li jiena għamilt f'dan l-istudju bħala li hija dejqa wisq—huma jgħidu li din tpoġġi taħt dnub ħafna li l-Iskrittura ma tpoġġihomx. Huma jgħidu r-raba' klassi għandha tiġi miżjuda għal lista ta' dawk li jistgħu jiżżewwġu mingħajr ma jidinbu meta jagħmlu hekk: dawk li ddivozjaw u żżewwġu mill-ġdid qabel ma tgħammdu fi Kristu (fil-knisja) sakemm huma obdew il-liġi ċivili li taħtha huma qegħdin igħixu wkoll jekk żwieġ bħal dan kien fi ksur tal-kondizzjonijiet impoġġija 'l quddiem f'Mattew 19:9. Huma jsostnu li n-nies kollha barra mill-knisja huma sottomessi għal-liġi ċivili *biss*—illi huma *mhumiex* sottomessi għal l-liġi ta' Kristu (l-Evanġelju) hija ndirizzata lill-knisja biss. Dan iwassalhom għaż-żamma tal-fehma li—sakemm huma jobdu l-liġi ċivili li taħtha huma jgħixu (ma jimpurtax *x'tista'* tkun dik il-liġi ċivili dwar dak li għandu x'jaqsam għad-divorzju u ż-żwieġ mill-ġdid)—nies barra mill-knisja jistgħu jiddi-vorzjaw u jiżżewwġu mill-ġdid bi ksur ta' l-istruzzjonijiet mogħtija f'**Mattew 19:9** mingħajr ma jidinbu meta jagħmlu hekk. It-talba tagħhom hija, mela, illi r-raba' klassi għandha tiġi miżjuda għal dawk li jistgħu jiżżewwġu mingħajr ma jagħmlu dnub meta jagħmlu dan. Hija din il-fehma veru, ġenwina? Ħalli aħna neżaminaw l-argumenti li huma miġjuba b'appoġġ għal din il-fehma.

1. *Xi wħud li jżommu ma' din il-veduta jħossu li **Rumani 8:7** joffri appoġġ għaliha.* **Rumani 8:7** jgħid hekk:

> "[7]*Għaliex il-moħħ tal-ġisem hu għadu ta' Alla; għax mhux suġġett għal-liġi ta' Alla, u lanqas tassew ma jista' jkun.*"

Imma dawk li jżommu għal din il-veduta ġeneralment jgħamlu l-vers jaqra b'dan il-mod:

*"Għaliex id-dinja (dawk barra mill-knisja) mhumiex sottomessi għal l-Evanġelju."*

Studju tal-kliem speċifiku u tal-kuntest tal-passaġġ minn Rumani għandu juri kemm assurd huwa dan "il-qlib" ta' kliem. L-appostlu Pawlu mhuwiex qiegħed jiddiskuti l-kwistjoni tas-sottomissjoni—huwa *mhuwiex* igħid illi n-nies barra mill-knisja mhumiex *sottometti* għal l-Evanġelju. Hu qiegħed igħid illi sakemm wieħed għandu "moħħ tal-ġisem" dan *ma joqgħodx* (ikun ubbidjenti għal) għal-liġi ta' Alla. Imma dan ma jfissirx illi hu mhuwiex sottomess għal dik il-liġi. Innota li l-appostlu Pawlu qiegħed jikteb lill-membri tal-knisja f'Ruma. Huwa wriehom li jekk huma ma jgħixu issa sewwa (ukoll wara li kienu tgħammdu fi Kristu) huma jintilfu. Qabbel **Rumani 8:13**, fejn naqraw,

*"[13]Għax jekk tgħixu skond il-ġisem, tmutu: imma jekk bl-Ispirtu tmewtu għemil il-ġisem, tgħixu."*

Wieħed kriminal jista' jobgħod il-liġi ċivili li taħtha jkun qiegħed igħix u jista' jiksirha kull ċans li jkollu—imma dan ma jfissirx li huwa mhuwiex *sottomess* għal dik il-liġi. L-argument hawn magħmul għandu jitlob il-konsegwenza loġika li dawk li jobogħdu l-liġi ċivili ma jistgħux jiġu kkastigati talli jiksruha u dawk li jirrifjutaw li joqgħodu għal-liġi ta' Alla mhumiex sottomessi għaliha. Mod "sabiħ" kif teħles lid-dinja mill-awtorità tal-Mulej! Hawn hija mistoqsija għal dawk kollha lil jżommu din il-fehma: "Huwa possibbli għall-membru tal-knisja li jkollu 'moħħ tal-ġisem'?"

2. *Passaġġ ieħor użat bi sforz biex jikkonferma din il-veduta huwa* ***Rumani 2:14***. Kif inhu mniżżel mill-appostlu Pawlu, dan il-vers jaqra hekk:

*"[14]Għax meta l-Ġentili, li m'għandhomx il-liġi, jagħmlu min-natura l-ħwejjeġ li huma fil-liġi, dawn, li m'għandhomx il-liġi, huma liġi għalihom infushom:"*

Minn dawk li jżommu din il-veduta, dan il-vers isir li jinqara:

*"Għax meta d-dinja (kollha barra mill-knisja), li m'għandhomx il-liġi ta' Kristu (l-Evanġelju)…"*

Imma Pawlu mhuwiex qiegħed jagħmel kuntrast bejn id-dinja u l-knisja; Pawlu qiegħed jagħmel kuntrast bejn il-Lhud u dawk li mhumiex Lhud (Ġentili, pagani). L-espressjoni "m'għandhomx il-liġi" tirreferi għall-pagani li m'għandhomx il-*Liġi ta' Mosè*. Dan jirreferi għal żmien *qabel* it-tqassim ta' l-Evanġelju. Fiż-żmien li l-Lhud kienu sottomessi għal-liġi ta' Mosè; il-*Ġentili* ma kienux sottomessi għal-liġi ta' Mosè. Issa (wara li l-Evanġelju fl-effett) la l-Lhud lanqas il-Ġentili ma huma sottomessi għal-liġi ta' Mosè—din kienet imsammra mas-salib (**Kolossin 2:14**). Iżda n-nies kollha (kemm Lhud kif ukoll Ġentili) huma sottomessi għal-liġi waħda u l-istess—il-liġi ta' Kristu, l-Evanġelju! (Ara **Mark 16:15-16**.) Ukoll jekk din il-fehma hija minnha, allura (ladarba l-kmand biex titgħammed huwa parti mil-liġi ta' Kristu) dawk barra mill-knisja *mhumiex* ikkmandati biex jitgħammdu! Jemminha min jista'? Veduta bħal din hija kontradittorja kemm għall-kuntest preżenti kif ukoll għat-Testment il-Ġdid f'numru ta' punti oħra.

3. *Fit-tielet post, hemm miġjub bħala argument—imma li, fil-fatt, huwa biss analoġija (xebħ)—l-istqarrija: "L-Ingliżi mhumiex sottomessi għal-liġijiet ta' Malta."* Din l-analoġija hija miġjuba bi sforz biex tevita t-tifsira ta' **Rumani 8:1-2** li tgħallem li wieħed ikun magħmul ħieles mil-liġi tad-dnub u l-mewt permezz tal-liġi ta' l-

Ispirtu tal-ħajja (l-Evanġelju ta' Kristu). Qabbel **Rumani 6:17-18**. Din hija analoġija falza. Innota l-fatti li jagħmluha analoġija falza: (1) Malta m'għandiex liġi universali waħda indirizzata "lill-ħolqien kollu" fid-dinja. Il-liġi ta' Kristu hija liġi universali, waħda indirizzata *lill-ħolqien kollu* fid-dinja (**Mark 16:15-16**); (2) L-Ingliżi *jistgħu* jiksru l-liġi ta' Malta; eżempju, Ingliż jista' jiġi mitfugħ fil-ħabs jekk hu jkun qatel lil xi ħadd waqt li jkun f'Malta. Biex ikollu analoġija tassew wieħed irid li jsib sitwazzjoni fejn kien impossibbli għall-ħaġa bħal din li sseħħ—kif xi wħud jistaqrru li hu minnu dwar dawk barra mill-knisja u mil-liġi ta' Kristu; (3) Ingliż jobdi l-liġi Maltija sabiex isir ċittadin Malti. Dan ukoll jagħmilha analoġija falza billi l-fehma hija li dawk barra mill-knisja ma jistgħux jobdu xi liġi divina. It-tifsira hija mogħtija bi sforz biex tipprova li wieħed fid-dinja *ma jobdix* il-liġi ta' Kristu f'li jkun magħmula ħieles mid-dnub—allura l-istess persuna trid tammetti li l-Ingliż għandu jobdi l-liġi Maltija biex isir ċittadin Malti. Qabbel it-**2 Tessalonikin 1:7-9** u **1 Pietru 1:22-25** mas-siltiet ta' fuq u ara li l-bniedem għandu jobdi l-Evanġelju (il-liġi ta' Kristu) jew jintilef! Jekk il-bnedmin fid-dinja mhumiex sottomessi għal-liġi ta' l-Evanġelju, huma ma jistgħux jobduha (**Rumani 3:19**) u jekk ma jistgħux jiksruha, huma ma jistgħux jobduha (**Rumani 4:15**). U jekk huma ma jistgħux jiksru liġi divina, x'liġi huma kisru sabiex jidħlu fid-*dinja* fl-ewwel post? U x'liġi obdew biex isalvaw?

4. *Fir-raba' post, xi wħud iġibu dan il-ħsieb: "L-Evanġelju mhuwiex indirizzat lin-nies tal-klassi mhux imnissla mill-ġdid, mhux irriġenerati."* Dan l-argument imur xi ħaġa bħal din: Meta d-dnub daħal fid-dinja, iil-liġi oriġinali ta' Alla taż-żwieġ ma kinetx aktar imsaħħa (jew ma kinetx imsaħħa għal kollox) sakemm il-liġi ta' Kristu (l-Evanġelju) ġiet fl-effett. Imma dan l-Evanġelju kien indirizzat *biss* lill-knisja—mhux lill-klassi ta' nies mhux imnissla. Dan l-argument jidher li hu falz b'ħarsa ta' malajr lejn **Lhud 9:17** u **Mark 16:15-16**. Qabel il-mewt ta' Kristu, l-Evanġelju ma kien indirizzat lejn ħadd. F'**Lhud 9:17**, naqraw,

> "[17]*Għax testment igħodd wara li l-bnedmin imutu: inkella m'għandux saħħa kemm idum ħaj min għamel it-testment.*"

*Wara* l-mewt ta' Kristu (u jibda bil-jum ta' Pentekoste), l-Evanġelju kien indirizzat lill-bnedmin *kollha*. (Qabbel **Mark 16:15-16; Atti 17:30-31; 15:7-9; 1 Pietru 1:22-25.**) Jiena nisfida lil kull wieħed biex isib xi "klassi ta' nies mhux irriġenerati" li għalihom l-Evanġelju mhuwiex indirizzat!

4. *Fil-ħames post, ħalli ninnutaw argument li huwa bbażat fuq l-emozzjonijiet: "Ksur ta'* ***Mattew 19:9*** *u 5:32 għandu jiġi mħolli barra f'każi fejn it-tfal huma involuti."* Dan ifisser illi l-liġi ta' Kristu għandha tiġi mwarrba f'każi li jmissu l-qlub tagħna. Imma jekk dan hu minnu dwar id-divorzju u żwieġ mill-ġdid, imbagħad huwa minnu wkoll dwar il-pjan tas-salvazzjoni. Jekk hu hekk ma' dawn it-tnejn allura huwa hekk ma' kollox. Dan ikun, għal l-iskopijiet prattiċi kollha, li twarrab fil-ġenb il-liġi ta' Kristu bħala li m'għandha l-ebda skop jew awtorità hi x'inhi. ċerta-ment, dan mhux minnu. Kieku kien veru, imbagħad dan jikser il-fehma ta' dawk li jagħmluha: li l-knisja *hija* sottomessa għal-liġi ta' Kristu dwar id-divorzju u żwieġ mill-ġdid. Dan jiġi wara bħala konsegwenza għal dan l-argument għaliex membri tal-knisja xi drabi jdaħħlu lilhom infushom f'sitwazzjonijiet fi ksur ta' **Mattew 19:9** meta t-tfal ikunu involuti. Jekk din is-sitwazzjoni tant emozzjonali twarrab fil-ġenb il-liġi ta' Kristu għal dawk *barra* mill-knisja, din tagħmel l-istess għal dawk *fil-*

knisja. F'**Mattew 19:12**, Ġesù wera li xi wħud jagħmlu lilhom infushom "*ewnuki minħabba s-saltna tas-smewwiet.*" Jista' jkun li r-raġel u l-mara jistgħu jkomplu jgħixu taħt l-istess saqaf minħabba t-tfal imma huma ċertament ma jkunux intitolati għall-privileġġi ta' raġel (miżżewweġ) u martu—huma jkollhom isiru *ewnuki* (imċaħdin minn xulxin bir-rieda tagħhom) minħabba s-saltna tas-smewwiet.

6. *Fis-sitt post, aħna minn xi daqqiet nisimgħu dan l-argument: "Id-dinja u l-knisja huma kkmandati biex jagħmlu affarijiet differenti—id-dinja hija kkmandata biex tkun mgħammda imma mhix ikkmandata biex tieħu l-Ikla tal-Mulej; il-knisja hija kkmandata biex tieħu l-Ikla, imma mhux biex titgħammed—għalhekk, huma għandhom ikunu sottomessi għal-liġijiet differenti: id-dinja għal-liġi ċivili u l-knisja għal-liġi divina.*" Għal ħafna, dan għandu l-aktar daqq pawlsibbli fost kull wieħed mill-argumenti miġjuba għal din l-idea. Hija din waħda tajba? Ħalli naraw. Għall-konklużjoni biex tkun valida, din tkun teħtieġ dawn il-premessi maġġuri li ġejjin: "*L-istruzzjonijiet kollha li l-bnedmin mhumiex ordnati li jobdu f'xi ħin fil-ħajja tagħhom huma struzzjonijiet li għalihom dawk in-nies mhumiex sottomessi.*" Issa ħalli nippruvaw dan fuq il-fidi u l-magħmudija. "U le," xi ħadd igħid. "**Mark 16:15-16** ċar juri li wieħed irid ikun *emmen* sabiex jitgħammed. Mela, jekk il-ħsieb ta' fuq huwa tassew, dawk li ma jemmnux mhumiex sottomessi għal l-istruzzjonijiet ta' Kristu biex jit-għammdu. Dan ifisser illi ħadd barra mill-knisja (li mhuwiex membru tal-knisja) m'għandu jitgħammed billi f'xi ħin għallinqas, ma kinux emmiena. U ladarba huma diġà wrew li l-knisja m'għandiex titgħammed, forsi huma jgħidulna sewwasew min huwa dak li hu sottomess għal l-istruzzjonijiet ta' Kristu biex jitgħammed. Il-verità hi: din hija ħaġa ta' *kwalifikazzjoni*.

Wieħed ma jistax jemmen sakemm wara li huwa jkun sama' (**Rumani 10:17**); wieħed ma jistax jindem sakemm wara li hu jemmen (**Atti 2:37; Rumani 2:4**)—lanqas ma hu jista' jistqarr sakemm wara li hu jemmen (**Atti 8:37; Rumani 10:9-10**); u lanqas ma wieħed jista' jitgħammed sakemm wara li hu jkun sama', emmen, nidem u stqarr il-fidi tiegħu fi Kristu **Atti 8:38**; eċċ.). Wieħed huwa *sottomess* għal l-istruzzjonijiet ta' Kristu biex jitgħammed ukoll meta hu ma jemminx, imma huwa għad mhuwiex *ikkwalifikat* biex ikun mgħammed! Wara l-magħmudija, sintendi, hu jkun *ikkwalifikat* biex jipparteċipa fl-Ikla tal-Mulej.

7. *Fis-seba' post, il-bniedem iġib dan l-argument: "Din id-dinja għandha l-alla tagħha stess, il-prinċep tagħha stess, eċċ.*" Dan hu veru, imma ma jippruvax illi d-dinja mhix sottomessa għal-liġi ta' Kristu. Pjuttost dan huwa eżempju ta' l-evażjoni tal-liġi tar-razzjonalità (is-setgħa tar-raġunar) imsejħa "ħruġ barra mit-triq tas-suġġett," it-tpoġġija 'l quddiem ta' stqarrija li hija veru, imma li mhix rilevanti għall-konklużjoni miġjuba. Il-konklużjoni tinvolvi termini li ma jidhrux la fil-premessa maġġura u lanqas f'dik minura. Ebda terminu tan-nofs ma hu mogħti. L-argument huwa wieħed invalidu!

## IV. Xi Oġġezzjonijiet Oħra Għall-Veduta Li Nies Barra mill-Knisja Mhumiex Sottometti Għal Liġi Ta' Kristu

1. L-ewwel jiena rrid inġib 'il quddiem xi oġġezzjonijiet minn tiegħi għal din il-veduta mill-mod dwar kif wieħed iqis is-suġġett ta' x'*tippermetti* din—ħwejjeġ li biċ-ċar jiksru t-tagħlim ta' Ġesù Kristu li jinsab fl-Evanġelju.

(1) Din *tħalli l-poligamija*!Mhux kwistjoni ta' f'kemm konflitt vjolenti mal-Liġi ta' Kristu żwieġ partikulari jista' jkun, din il-veduta żżomm l-idea li dan jogħġob lil Alla—sakemm il-liġi ċivili li taħtha l-partijiet qegħdin igħixu hija obduta! Xi liġijiet ċivili jħallu jew jippermettu raġel wieħed li jkollu ħafna nisa. Imbagħad b'neċessità jiġi wara li, sakemm raġel f'pajjiżi bħal dawn obda d-dettalji tal-liġi ċivili, huwa jista' li jkollu numru ta' nisa miżżewwġa lilu kollha fl-istess ħin! U jekk l-indiema ma titlobx lir-relazzjonijiet kollha li jmorru kontra l-liġi ta' Kristu (u li wieħed ikun daħal fihom qabel ma jkun tgħammed fi Kristu) jkunu mwarrba sabiex jogħġob lil Alla *wara* l-magħmudija, allura dan ikun ifisser li hu jkun jista' jkompli jgħix ma' dawn in-nisa kollha wkoll wara li jkun tgħammed! Jemmnu dan min irid! Madankollu, hija l-konklużjoni irreżistibbli għall-premessa miġjuba 'l quddiem minn dawk li jżommu din il-veduta. Paragun ta' **Rumani 7:3** u **Mattew 19:9** juri li dan hu falz.

(2) *Din tħalli ħafna divorzji u żwiġijiet għal kull kawza ta' xejn sakemm il-liġi ċivili tirrikonoxxi dawk il-kondizzjonijiet bħala suffiċjenti!* Dan ikun ifisser li raġel li ma kellux motiv għola minn xewqa biex igawdi l-privileġġi taż-żwieġ ma' mara għal żmien qasir u mbagħad jeħles minnha (forsi minħabba "nuqqas ta' qbil ta' temperament" kif xi liġijiet ċivili jippermettu) li jagħmel l-istess ħaġa ma' mara oħra, ikun jista' jiżżewweġ ripetutament sakemm wieħed jibqa' mhux mgħammed, huwa jkun jista' jagħmel dan kull numru ta' drabi u xorta' jibqa' taħt it-tgawdija ta' Alla ladarba hu jkun obda l-liġi ċivili f'kull waqt. Jemmnu dan min jista'!

(3) *Dan iħalli "żwieġ fi gruppi"* sakemm il-liġi ċivili tħallih, tippermettih. Żwieġ ta' gruppi huwa sewwasew dak li l-isem jimplika: iż-żwieġ ta' grupp lil l-ieħor, kull wieħed jew l-irġiel kollha jkollhom il-privileġġi taż-żwieġ ma' kull mara jew ma' kollha tal-grupp. Mitt raġel u mitt mara jistgħu jiżżewwġu lil xulxin, bl-irġiel kollha jkollhom id-dritt għall-privileġġi taż-żwieġ ma' kull mara jew man-nisa kollha. Sakemm huma baqgħu mhux mgħammda, kull persuna li tgħix f'art li l-liġi ċivili tagħna tippermetti dan tista' tidħol f'relazzjoni bħal din u tibqa' taħt il-pjaċir ta' Alla billi tagħmel dan. U, jekk l-indiema ma teħtieġ li wieħed jaqta' r-relazzjonijiet li jiksru l-liġi ta' Kristu, allura wieħed ikun jista' li jibqa' fi grupp bħal dan ukoll *wara* li jitgħammed!

(4) Dan iħalli jew jippermetti l-konkubinaġġ—raġel jista' jkollu kull numru ta' nisa bħala "konkubini" b'żjieda għall-mara tiegħu. U jekk realzzjonijiet bħal dawn ma jkollhomx għalfejn ikunu mwaqqfa, (kif xi wħud isostnu) allura mbagħad dan jista' jżommhom *wara* li jitgħammed.

(5) Dan iħalli żwieġ sfurzat: il-mara maqbuda u l-mara mibjugħa. Raġel ikun jista' sempliċiment jaqbad mara u *bil-forza* jġiegħelha biex tkun martu—sakemm il-liġi ċivili tippermetti dan. Fil-fatt, huwa jista' jaq-bad jew mixtri kull numru ta' nisa u jisfurzahom biex ikunu n-nisa tiegħu —sakemm il-liġi ċivili tippermetti dan.

(6) Dan iħalli li sħab fiż-żwieġ li jkunu vulgari ħafna (mitlufin għal dejjem) liberi biex jiddivorzjaw u jiżżewwġu mill-ġdid għal kemm-il darba jridu ma' bniet innoċenti u puri—sakemm il-liġi ċivili tippermetti dan. U hekk jista' jibqa' ma l-individ-wu li miegħu kien fil-ħin tal-magħmudija, ukoll jekk huwa kien miżżewweġ għal għoxrin darba qabel u ma kienx fidil għal elf okkażjoni! Min jista' jiċħdu dan—sakemm hu jkun obda l-liġi ċivili—jekk dik hija *l-unika* liġi li għaliha n-nies barra mill-knisja huma sottometti.

2. It-tieni, jiena rrid inġib 'il quddiem xi oġġezzjonijiet għal din il-veduta mil-mod dwar kif wieħed iqis is-suġġett ta' x'tiċħad din dwar tagħlim ċar skritturali.

(1) *Din tiċħad li Kristu huwa Sultan tas-Slaten* (**Rivelazzjoni 19:16**). Kristu għandu d-dritt (l-awtorità) biex jitkellem dwar is-slaten, biex jikkmanda x'għandhom u xi jridu jagħmlu. Li tgħid li Kristu għandu l-awtorità biex ikellem biss lill-knisja jiċħad dan.

(2) *Din tiċħad li l-Evanġelju huwa ndirizzat "lill-ħolqien kollu"—fi ksur tat-tagħlim ċar ta'* ***Mark 16:15-16*** *u* ***Mattew 28:18-20***. Din tpoġġi lil Kristu f'pożizzjoni li għandu kummissjoni *limitata*, li għandu d-dritt li jitkellem biss lill-knisja. Iżda kif in-nies qatt jistgħu jidħlu fil-knisja, jekk Kristu jista' jkellem lill-persuna biss wara li din tidħol fil-knisja?

(3) *Din tiċħad il-fatt li n-nies tal-knisja jistgħu jidinbu bi ksur tal-liġi ta' Kristu*. Jekk nies barra mill-knisja mhumiex sottomessi għal-liġi ta' Kristu, allura mhuwiex dnub li tidħol f'denominazzjoni, tuża strumenti mekkaniċi mużikali fil-qima, eċċ., sakemm il-liġi *ċivili* ma tilleġislax kontra ħwejjeġ bħal dawn. Madankollu studju ta' **1 Korintin 6:9-11** juri li nies barra mill-knisja kienu ħatja (fost ħwejjeġ oħra) ta' "rgħiba." Il-liġi ċivili ta' l-Atenin ma lleġislatx kontra l-idolatrija—madankollu huma kienu kkmandati biex jindmu skond it-termini tal-liġi ta' Kristu (**Atti 17: 23-31**). Hekk hu li n-nies jiksru **Galatin 5:19-21** meta huma jidħlu f'denominazzjoni; huma jiksru **2 Ġwanni 9** meta huma jużaw strumenti mekkaniċi mużikali (jew affarijiet oħra mhux awtorizzati mill-Kelma ta' Alla).

(4) *Din tiċħad li Ġesù għandu awtorità fuq kull bniedem (****Ġwanni 17:2****)*. Huwa permezz ta' Ġesù li l-ħajja eterna tiġi għand il-bniedem. U l-ħajja eterna tiġi biss lil nies li jobduh (**Lhud 5:8-9**). Iżda n-nies jobduh billi jobdu l-liġi Tiegħu l-Evanġelju.

(5) *Din tiċħad li Ġesù għandu l-awtorità kollha fis-sema u fl-art (****Mattew 28:18-20****)*. Ġesù għandu d-dritt biex ikellem lill-bnedmin kollha. B'għarfien ta' dak id-dritt u awtorità, Ġesù bagħat l-appostli Tiegħu fid-dinja kollha b'messaġġ tas-salvazzjoni —salvazzjoni li kienet imwiegħda lil dawk li jobdu l-kondizzjonijiet impoġġija 'l quddiem fil-liġi Tiegħu, l-Evanġelju (**1 Pietru 1:22-25; Atti 2:38-39; Rumani 6:17-18**).

(6) *Loġikament, ladarba din tiċħad li nies barra mill-knisja huma sottomessi għal-liġi ta' Kristu u ladarba wieħed jista' jikser biss liġijiet li huwa jkun sottomess għalihom, din tiċħad illi riġettar ta' l-Evanġelju jista' jwassal għat-telfien ta' dejjem*. Iżda dan huwa biċ-ċar mgħallem fit-**Tieni Tessalonikin 1:7-9**. Loġikament, dawk li jżommu din il-fehma għandhom igħidu li nies barra mill-knisja huma mitlufa minħabba diżubbidjenza għal-liġi ċivili.

(7) *Din tiċħad li nuqqas ta' twemmin huwa dnub billi ebda liġi ċivili ma titlob fidi fi Kristu*. Imma ara **Mark 16:16** u **Ġwanni 8:24**.

(8) *Din tiċħad li l-Evanġelju se jkun il-bażi tal-ħaqq għal dawk li għexu matul iż-żmien ta' l-Evanġelju*. Iżda l-appostlu Pawlu jgħid li Alla:

> "[31]*Għax hu għażel jum li fih għandu jagħmel ħaqq ġust mid-dinja permezz ta' bniedem li ħatru hu; u ta' dan kollu ta prova quddiem kulħadd billi lilu qajjmu mill-imwiet*" (**Atti 17:31**).

U dan ifisser li Hu jiġġudika d-dinja permezz tal-Kelma (l-Evanġelju) ta' Ibnu. L-istess mod ta' espressjoni jinsab f'**Lhud 1:1-2**. Fl-imgħoddi Alla kellem lill-bniedem permezz tal-profeti. Dan kien ifisser bil-kelma tal-profeti. Hekk ukoll, meta jgħid li Hu jkellem lill-bniedem permezz ta' Ibnu, dan ifisser bil-Kelma ta' Ibnu, Sidna Ġesù Kristu.

(9) *Din tiċħad li l-bniedem jidħol fid-dinja fl-ewwel post permezz ta' ksur tal-liġi divina.* Imma ara **Rumani 3:23; Mark 16:15-16; Rumani 4:15; 3:19**.

(10) *Din tiċħad li "l-Evanġelju" huwa l-messaġġ kollu tat-Testment iil-Ġdid.* Imma Rumani 1:16-17 juri li l-Evanġelju fih dak kollu li huwa bżonjuż għal wieħed biex isir Kristjan. U l-**Ewwel Korintin 15:1-2** juri li l-Evanġelju fih dak kollu li hu bżonnjuż f'li juri lill-bniedem kif għandu jgħix wara li jsir Kristjan. U l-Evanġelju huwa ndirizzat għall-bnedmin kollha (**Mark 16:15**). Għalhekk, il-bnedmin kollha huma sottomessi għalih.

(1) *Din tiċħad li wieħed għandu jobdi l-liġi ta' Kristu biex ikun meħlus mid-dnub.* Wieħed ma jistax jobdi liġi li tagħha mhuwiex sottomess (**Rumani 3:19**). Dawk li jżommu din il-fehma jgħidu li dawk barra mill-knisja ma jistgħux jobdu xi liġi divina. Jekk dan hu minnu, jekk wieħed m'għandu jobdi l-ebda liġi sabiex ikun magħmul ħieles minnha, din tista' ma tkunx l-Evanġelju, billi dan huwa liġi divina! Madankollu **Rumani 6:17-18; 8:1-2; Atti 15:7-14, u 1 Pietru 1:22-25** juru ċar li wieħed *għandu* jobdi l-Evanġelju (il-fidi) biex ikun magħmul ħieles mid-dnub.

### V. Duttrina Falza Oħra:
### Il-Parti Ħatja (f'Każ Ta' Fornikazzjoni) Hija l-Istess Libera (Skond l-Iskrittura) Biex Terġa' Tiżżewweġ Daqs Kemm Hija l-Parti Innoċenti

## Divorzju u l-Parti l-Ħatja

Ta' spiss dan is-suġġett jitqajjem. Jiena qiegħed nitkellem dwar l-idea li meta żwieġ ikun ġie fit-tmiem tiegħu permezz ta' divorzju approvat biblikament, jiġifieri, fuq il-bażi ta' fornikazzjoni – **Mattew 19:9**, il-"parti ħatja" għandha l-istess dritt biex terġa' tiżżewweġ daqs il-vittma innoċenti. Wara kollox, hu allegat, jekk il-parti innoċenti hija meħlusa mill-parti ħatja, ikun raġjunevoli li l-parti ħatja wkoll hija meħlusa mill-parti innoċenti. Jinstama' raġjunevoli?

Superfiċjalment hekk jista' jidher; attwament, mhuwiex. Ħalli naraw xi raġunijiet għaliex din it-teorija hija bla ebda mertu.

**Ebda Awtorità**

L-idea li "l-parti ħatja" tista' terġa' tiżżewweġ tikkontempla għaqda li hija **mingħajr ebda awtorità skritturali.** It-Testment il-Ġdid jagħti d-dritt taż-żwieġ lil: (1) persuna li qatt ma kienet miżżewwġa qabel (1 Korintin 7:2); (2) romol (**Rumani 7:3; 1 Korintin 7:39**); (3) il-vittma **innoċenti** fi żwieġ miksur permezz ta' adulterju (**Mattew 5:32; 19:9**).

Fejn hija l-awtorizzazzjoni għall-parti ħatja ta' fornikazzjoni biex terġa' tiżżewweġ? Ma hemm imkien.

Xi wħud qegħdin jistaqsu: "Imma fejn it-Testment il-Ġdid **jipprojbixxi** espliċitament lill-parti l-ħatja biex terġa' tiżżewweġ?" Dan hu bħallikieku qiegħed tistaqsi: "Fejn it-Testment il-Ġdid jipprojbixxi espliċitament żewġ omosesswali li jiżżewwġu?" Imkien – f'dak il-kliem preċiż.

Il-kwistjoni hija: Fejn tinsab **l-awtorità divina** għal għaqda bħal din? Din ma teżistix. Dak li huwa awtorizzat jeskludi dak li mhuwiex! Li taġixxi barra mil-limiti ta' l-awtorità ta' Kristu (**Kolossin 3:17**), huwa li taġixxi presumibbilment.

**Konsegwenza Loġika**

Barra dan, l-idea li "l-parti l-ħatja" hija ħielsa li terġa' tiżżewweġ hija illoġika. Hemm prinċipju fil-loġika li jissuġġerixxi li kull propożizzjoni li timplika assurdità fiha nfisha hija falza. Il-veduta li l-parti l-ħatja tista' terġa' tiżewweġ taqa' f'din il-kategorija.

Bħala eżempju, **Mattew 19:9** jirrivela ċar li l-persuna, f'azzjoni ta' divorzju, li hija mogħtija d-dritt li terġa' tiżżewweġ, **hija l-istess individwu** li huwa mogħti d-dritt li jinizjala (beda) d-divorzju. Jekk huw al-każ li l-parti l-ħatja hija ħielsa biex terġa' tiżżewweġ, allura huwa l-istess ċar li din il-persuna mhux fidila hija l-istess mogħtija d-dritt biex **tiffalja (jitlob) għad-divorzju**.

Hawn hija l-konsegwenza għal dak ir-raġunar bħal dan. Raġel jista' jkun jixtieq li jeħles minn martu. Imma hija kienet leali lejh, għalhekk, hu m'għandu l-ebda "kawża" għal divorzju. Ma jimpurtax; skond it-teorija li qegħidn nitkellmu dwarha, hu jista' jikkommetti adulterju, imbagħad, fuq il-bażi tal-ksur **tiegħu stess**, jitlob għal divorzju. Sussegwentement, imbagħad, hu jista' – jekk hu jagħżel li jagħmel dan – isib kumpann ġdid. Qatt kien hemm pożizzjoni redikola aktar minn din? Din il-veduta attwalment tippremja l-fornikazzjoni!

Ukoll, ikkonsidra dan il-punt. Ġesù għamilha ċara li kull divorzju għall-kawża mhix biblika, jiġifieri, ebda fornikazzjoni ma hija involuta, jipprojbixxi liż-żewġ partijiet milli jiffurmaw għaqda ġdida. Raġel li jiddejjaq minn martu li baqgħet fidila lejh, u jiddivorzjaha, ma jistax jerġa' jiżżewweġ; jekk hu jagħmel dan, huwa jikkommetti adulterju. Min-naħa l-oħra, skond it-teorija tal-"parti l-ħatja," jekk ir-raġel li jixtieq il-ħelsien tiegħu jikkommetti fornikazzjoni, huwa jkollu l-ġustifikazzjoni meħtieġa biex jikseb divorzju u jidħol fi żwieġ ġdid. Jagħmel dan xi sens? żgur li le!

**Konklużjoni**

Divorzju u żwieġ mill-ġdid huma mogħtija permess biss fl-ambitu ta' awtorizzazzjoni divina. L-għaqdiet sesswali l-oħra kollha huma pprojbiti. Waqt li dan ġene-ralment huwa meqjus bħala "kliem iebes," hija restrizzjoni neċessarja għall-benefiċċju aħħari tas-soċjetà kollha kemm hi. Dan l-Iżball partikulari huwa kkonsidrat ukoll f'xi dettall minn paġna 75.

## KONKLUŻJONI

Sommarju. F'dan kollu aħna rajna: (1) Li l-Evanġelju huwa ndirizzat għall-bnedmin kollha: (2) Il-bnedmin kollha huma sottomessi għal l-Evanġelju; (3) L-Evanġelju fih struzzjonijiet kemm għal kif issir Kristjan kif ukoll għal kif tgħix wara li ssir Kristjan; (4) Dan jinkludi struzzjoni fuq id-divorzju u żwieġ mill-ġdid; (5) F'**Mattew 19:9**, Ġesù jagħti nuqqas ta' fedeltà sesswali fuq il-parti ta' wieħed mis-sħab taż-żwieġ bħala *l-unika* raġuni, l-*l-unika* bażi għal żwieġ mill-ġdid sakemm is-sieħeb/a ta' qabel ikun għadu ħaj; (6) Dan huwa parti mil-Liġi ta' Kristu u dawk kjollha li jippruvaw biex ikunu idjaq jew aktar miftuħa minn dan jiżbaljaw fit-tagħlim tagħhom.

## HIJA "XEWQA ŻIENJA"
## L-EKWIVALENTI TA' "FORNIKAZZJONI"?

Il-kelma "fornikazzjoni" ġejja mit-terminu Grieg *porneia*, waħda minn ħames kelmiet ta' grupp qarib li flimkien jiġru 55 darba fit-Testment il-Ġdid. Il-forma tan-nom tinsab 25 darba, il-biċċa l-kbira fl-ittra ta' Pawlu. Il-kelma hija ġenerika fl-

intenzjoni f'dak li din tirreferi għal verjetà ta' atti fiżiċi sesswali bejn persuni li mhumiex miżżewwġin leġittimament. Huwa l-għan ta' dan l-istudju biex jistabbilixxi li meta fornikazzjoni, u terminu relatat, "adulterju" (moicheia), huma wżati **letteralment**, dawn huma atti **fiżiċi** li jikkostitwixxu r-raġuni fundamentali bażika għal divorzju u possibbilment żwieġ mill-ġdid.

Fil-verżjoni Griega tat-Testment il-Qadim (LXX), forma ta' porneia hija wżata dwar Tamar, li magħha Ġuda kellu relazzjoni sesswali, billi ħaseb li hija kienet "prostituta" (**Ġenesi 38:15**; qabbel **v. 24**). F'Babel l-antik kien emmnut li kopulazzjoni sesswali kienet tassigura fertilità tal-wiċċ tar-raba'. Herodotus, l-istoriku Grieg, igħid dwar il-ħtieġ ta' kull sena tan-nisa kollha biex jissagrifikaw il-ġisem tagħhom għall-"fornikazzjoni" lil stranġier fit-tempju ta' l-alla mara Mulitta (Rawlinson 1952, 1.199).

Ġeneralment fit-Testment il-Qadim, iżda, it-termini "fornikazzjoni" u "adulterju" huma applikati simbolikamentdwar l-azzjonijiet tan-nies ta' Iżrael li kisru "l-patt taż-żwieġ" tagħhom ma' Jaħweh billi aduraw lil idoli (**Eżekjel 16:26, 29; Hosegħa 1:2**).

Għaqda sesswali ma persun amiżżewwġa (li magħha wieħed m'għandu ebda dritt għal intimità) hija kemm fornikazzjoni kif ukoll adulterju (qabbel **1 Korintin 5:1**). L-adulterju kollu huwa fornikazzjoni; mhux il-fornikazzjoni kollha hija adulterju (qabbel **1 Korintin 7:2**). Id-differenza teknika bejn fornikazzjoni u adulterju hija implikata f'listi tad-dnub, li fihom iż-żewġ termini huma inklużi (qabbel **1 Korintin 6:9**).

Speċifikament, mela, fornikazzjoni hija **kull** "relazzjoni sesswali illegali" (Danker and Bauer 2000, 854), kemm jekk hija komunikazzjoni ta' raġel u mara, azzjoni omosesswali (qabbel **Ġuda 7**), pedòfilu, jew sess-għall-kiri, (Brown 1975, 497). Il-forma plurali, "fornikazzjonijiet" (1 Korintin 7:2), tissuġġerixxi dwar id-diversi toroq li permezz tagħhom dan id-dnub orribbli jista' jsir.

Irrid inżid dan il-punt. Traduzzjonijiet tal-Bibbja li jinterpretaw *porneia* aktar ġenerikament (eżempju, "immoralità sesswali) huma li jiggwidaw ħażin. Hemm diversi ta' forom ta' immoralità sesswali (eżempju, turi l-ġisem ta' dak li jkun b'ilbies seduttiv) li ma jaqgħux taħt id-definizzjoni ta' fornikazzjoni, għalkemm biċ-ċar huma midinba.

## *Hija "Xewqa Żienja" Fornikazzjon?*

Pjuttost riċentament, xi wħud allegaw li "xewqa żienja" taqa' fil-kategorija ta' fornikazzjoni/adulterju. Jekk, mela, persuna miżżewġa tiskopri li l-parti l-oħra qrat ktieb jew rat stampi/films li fihom attività espliċità seswali, is-suppożizzjoni hija li dak li offenda xxennaq, għalhekk ikkommetta adulterju—ukoll jekk ma kienx hemm **kuntatt fiżiku** ma' persuna oħra. Għalhekk, it-trasgressur jista' jkun b'mod ġust iddivorzjat skond **Mattew 5:27-28**; il-vittma innoċenti jkollha mbagħad l-għażla biex terġa' tiżżewweġ. It-test jaqra kif ġej:

> "[27]*Smajtu dak li ntqal min-nies ta' dari: La tagħmilx adulterju:* [28]*Imma jien ngħidilkom: Li kull min iħares lejn mara biex jiżni magħha, ikun ġa f'qalbu għamel adulterju magħha.*"

Analiżi fuq fuq tal-passaġġ tkun fl-ordni.

Kristu kkwota mill-Għaxar Kmandamenti, "[14]*La tikkommettix adulterju.*" (**Eżodu 20:14**). Biċ-ċar dan jirreferi għal att sesswali fiżiku li bih tikser ir-relazzjoni tażżwieġ. Imma l-Mulej iwassa' n-nuqqas morali billi jindirizza d-dispożizzjoni mentali li tgħin lilha nifsha għall-att fiżiku fid-dieher.

Ġesù jitkellem dwar ir-raġel li jħares b'xenqa kbira jħares (il-verb huwa forma fittemp preżent) lejn mara oħra li mhix martu—b'xewqa kbira għall-att sesswali. Din mhijiex ħarsa ħafifa hekk kif hu kien għaddej. Il-persuna b'xewqa żienja qed tagħmel mentalment dak li hu (jew hi) kważi ċert li kien jagħmel fiżikament, jekk mogħti l-opportunità. Skular wieħed jinnota: Il-Kristjani għandhom jagħrfu dawk il-ħsibijiet u azzjonijiet li, **qabel ma xi dnub fid-dieher sesswali**, jagħmel il-possibiltà li jagħti għat-tentazzjoni aktar probabbli, u huma għandhom jieħdu azzjoni drammatika biex jevitawhom (Blomberg 1992, 109; enfasi miżjuda).

Dnub "tal-qalb" huwa serju, imma dan m'għandux il-**konsegwenzi termporali** ekwivalenti li għandu l-att fiżiku. Il-Professur Robert Mounce osserva li "l-att ta' l-adulterju" għandu "wisq aktar konsegwenzi serji soċjali" (eżempju, mewt taħt is-sistema Możajka – **Levitku 20:10**) minn xewqa żienja, għalkemm it-tnejn ix-xewqa u l-att huma midinba (1991, 46). Ix-xewqa żienja hija ta' "l-istess natura" bħal l-att, imma mhijiex l-att iniffsu (Nixon 1970, 823). F.F. Bruce esprima l-ovvju, meta hu nnota li "ħsieb mhux kast" huwa "sfurzat minn ebda kodiċi jew qorti tad-dinja" (1977, 25).

Nota oħra addizzjonali hija ta' min jikkonsidraha. Xi skulari jsostnu li huwa grammatikament possibbli li l-frażi normalment "*biex jiżni magħha,*" tista' ġġor is-sens ta' "li twassalha biex tiżni" (Carson 1984, 151; Blomberg 1992, 108-109). Dan iqiegħed responsabbiltà kbira fuq wieħed li jipprovoka x-xewqa żienja, kif ukoll fil-persuna li tissodifa f'ħaġa bħal din. Fejn dan iħalli lil mara li tfittex divorzju fuq il-bażi ta' xewqa żienja, madankollu hija nfisha tiddandan bil-ġisem tagħha aktar min-nofsu mneżża' fuq il-bajja? Ċertament mingħajr kredibilità, li ma tgħid xejn dwar nuqqas fl-eseġesi.

B'ħarsa lejn dawn il-fatturi, aħna nerġgħu nqajmu l-mistoqsija kruċjali. Hija "x-xewqa żienja" ta' **Mattew 5:28 konsegwenzjali** l-ekwivalenti ta' l-att fiżiku ta' l-adulterju, għalhekk kawża għal divorzju u żwieġ mill-ġdid fuq il-parti tal-vittma innoċenti? Aħna nemmnu lit-tweġiba hija "Le" bil-qawwa kollha. Il-falzità ta' din il-pożizzjoni tista' tkun murija puttost b'mod perswassiv.

***Il-Konsegwenza ta' l-Argument "Xewqa Żienja = Fornikazzjoni"***

1) Il-kuntest immedjat Kristu għamel paragun bejn rabja u qtil (**Mattew 5:21-22**), l-istess kif Hu għamel bix-xewqa żienja u l-adulterju. J.A. Alexander innota li l-prinċipji nvoluti fiż-żewġ sitwazzjonijiet huma "identiċi" (1861, 141). Jekk l-irraġunar muri fit-teorija mfassla fuq huwa validu, ma jkunx il-każ lit-tnejn, il-qattiel u dak li sempliċiment jirrabja ma' ħuh ikunu suġġetti għall-istess penalità tempoorali (eżempju, esekuzzjoni jew ħabs) mill-awtoritajiet legali? Ukoll, it-Testment il-Ġdid jiddik-jara li xi ħadd "jogħbod" lil ħuh, f'xi sens, huwa l-ekwivalenti ta' "qtil" (**1 Ġwanni 3:15**), imma ħadd ma jsostni li mibgħeda għandha l-istess konsegwenza.

2) Jekk it-terminu "adulterju" għandu jkun ippressat **letteralment** f'**Mattew 5:28**, għandu r-rimedju li huwa sussegwentement imponut (jiġifieri, li wieħed jaqla' għajnejh u li jaqta' barra idu) l-istess ikun ippressat letterlament? Biċ-ċar Kristu qiegħed jittratta ma' l-atti mentali li, ħżiena kemm huma, ma jilħqux għal livell ta'

qtil fiżiku jew adulterju, imma huma, fil-prinċipju, dnubiet serji. Ċertament hemm konnessjoni bejn dak li jsir fil-qalb, u dak li jsir manifestat f'azzjonijiet fiżiċi (qabbel Mark 7:21-23). Xewqa żienja, meta din "tnissel" twelled id-dnub (Ġakbu 1:15), jiġifieri, dnub ta' konsegwenza akbar fin-natura.

3) Jekk wieħed mill-persuni f'din ix-xena ta' xewqa żiena/adulterju iżomm ħsibijiet safja, u l-oġġett ta' dik ix-xewqa żiewnja aġixxa b'tali mod bħala li **kkawża** x-xewqa żienja, ma tissuġġerixix il-loġika lis-sħab taż-**żewġ** partijiet – il-parti tixxennaq, u l-parti komplementari biex taġixxi – ikollhom id-dritt għad-divorzju u żwieġ mill-ġdid? Ma jarax l-istudent serju tal-Bibbja li dan jixħet il-kontroversja tad-divorzju/żwieġ f'taħbila ta' konfużjoni hekk kif nies jippruvaw biex jaqraw l-istat mentali u l-livelli ta' ħtija tat-trasgressur allegat.

***Mattew 19:9***

L-użu ta' letteratura/films, eċċ. żienja, f'kull kuntest huma midinba. Imma din ix-xorta ta' perverżjoni l-aktar probabbli taqa' taħt il-kategorija ta' żina, "terminu komprensiv" li jista' jħaddan fih diversi aberrazzjonijiet (ara Thayer 1958, 79-80; Balz and Schneider 1990, 169). L-użu tal-pornografija ċertament li jista' jikkostitwixxi "adulterju" fil-qalb. Iżda, dak mhuwiex dak li Ġesù kellu quddiemu bħala bażi għad-divorzju f'Mattew 19:9. Fil-kuntest Kristu bla dubju kellu f'moħħu l-att fiżiku ta' relazzjoni sesswali bħala jixhed il-fatt: (a) li Hu kien għadu kif tkellem dwar ir-raġel u l-mara jsiru "ġisem wieħed" fiż-żwieġ; u (b) Hu sussegwentement tkellem dwar l-istatu ta' "l-ewnuku."

Prinċipju fundamentali ta' l-interpretazzjoni tal-Bibbja huwa li kliem għandu jkun interpretat **letteralment** sakemm ikun hemm raġuni li ma tista' ma taqbilx magħha biex tassenja lilhom tifsira **figurattiva**. It-terminu "adulterju" mhuwiex applikat f'sens metaforiku f'**Mattew 19:9**. F'**Mattew 5:8**, iżda, adulterju tal-"qalb" huwa metafora għal xewqa ħażina (Danker et al. 2000, 509; qabbel **Rumani 1:24**).

Hawn hu eżempju ieħor. "Ħbiberija" mad-dinja, f'sens wieħed, wieħed jista' jħares lejha bħala "adulterju" (qabbel **Ġakbu 4:4**), imma sempliċiment mondanità (frugħa jew vanità tad-dinja) mhijiex kawża għal divorzju u żwieġ mill-ġdid. Suppost li mara tistqarr: "Żewġi huwa raġel tad-dinja. Hu jisker u jilgħab flusu. ħbiberija mad-dinja hija 'adulterju.' Għalhekk, jiena għandi raġuni għal divorzju u ż-żwieġ mill-ġdid." Ma nistgħux aħna naraw li din il-mara daħħlet "l-adulterju" f'forma li qatt ma kienet intenzjonata mill-kittieb ispirat? Huwa żball li tieħu użu figurattiv tal-kelma "adulterju," u ddaħħlu f'test li jiddiskuti relazzjoni **letterali**.

Jekk wieħed kellu ifassal **xorta** ta' argument bħal dak li rajna b'riferenza għal **Mattew 5:28**, u jippressa lingwa metaforika fil-letteraliżmu, hu jkun sfuzat biex isostni li l-persuna li jkollha x'taqsam sesswalment ma' prostituta, u b'hekk isir "wieħed" magħha f'dak l-att (**1 Korintin 6:16**), huwa "miżewweġ lil" persuna immorali, u għandu jibqa' f'dik l-unjoni. Inkredibbli, ftit nies inkapaċi ppruvaw biex isostnu din il-pożizzjoni assurda! Imma ħaġa bħal din hija assolutament insostenibbli.

Huwa żball sereju f'li tinterpreta li tisforza tifsira letterali fuq espressjoni li ovvjament hija wżata figurattivament.

**Sorsi/Noti**


- Alexander, J.A. 1861. *The Gospel According to Matthew*. London, England: James Nisbet.

- Balz, Horst and Schneider, Gerhard. 1990. *Exegetical Dictionary of the New Testament*. Vol. 1. Grand Rapids, MI: Eerdmans.
- Blomberg, Craig L. 1992. *Matthew – The New American Commentary*. Nashville, TN: Broadman.
- Brown, Colin, ed. 1975. *The New International Dictionary of New Testament Theology*. Vol. 1. Grand Rapids, MI: Zondervan.
- Bruce, F.F. 1977. *Matthew – Daily Devotional Bible Commentary*. Vol. 3. Arthur Cundall, ed. Nashville, TN: Holman.
- Carson, D.A. 1984. *Matthew – The Expositor's Bible Commentary*. Frank Gaebelein, ed. Grand Rapids, MI: Zondervan.
- Danker, F.W. et al. 2000. *A Greek-English Lexicon of the New Testament*. Chicago, IL: University of Chicago.
- Mounce, Robert H. 1991. *Matthew – New International Biblical Commentary*. Peabody, MA: Hendrickson.
- Nixon, R.E. 1970. *Matthew – The New Bible Commentary*. D. Guthrie & J.A. Moryer, eds. Grand Rapids, MI: Eerdmans.
- Rawlinson, George, translator. 1952. *The History of Herodotus*. Chicago, IL: University of Chicago.
- Thayer, J.H. 1958. *A Greek-English Lexicon of the New Testament*. Edinburgh, Scotland: T.&T. Clark.


# XI MISTOQSIJIET DWAR DIVORJZU U ŻWIEĠ MILL-ĠDID

1. *"Huwa żwieġ mill-ġdid wara d-divorzju dejjem adulterju?"*

   **Tweġiba:** Qabel ma nibda biex inwieġeb għal din il-mistoqsija, ħalli nagħmilha ċara li "*Alla jobgħod id-divorzju*" (**Malakija 2:16**). Il-weġgħat, konfużjoni, u frustrazzjoni li l-biċċa l-kbira tan-nies jesperjenzaw wara divorjzu żgur li huma parti mir-raġuni għaliex Alla jogħbod id-divorzju. Saħansitra aktar diffiċli, biblikament, mill-mistoqsija għad-divorzju, hija l-mistoqsija għal żwieġ mill-ġdid. Il-maġġoranza l-kbira tan-nies li jiddivorzjaw jew jerġgħu jiżżewwġu jew jikkonsidraw li jerġgħu jiżżewwġu. Imma x'tgħid il-Bibbja dwar dan?

   **Mattew 19:9** jgħid, "*⁹U jien ngħidilkom: Kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, u jiżżewweġ oħra,* ***jikkommetti adulterju;*** *u dak li jiżżewweġ lil dik imkeċċija jikkommetti adulterju*" (Ara wkoll **Mattew 5:32**).

   Dawn l-Iskritturi jgħidu biċ-ċar li żwieġ mill-ġdid wara d-divorzju huwa adulterju, ħlief fil-waqt ta' "fornikazzjoni." Dwar din il-klawsola ta' eċċezzjoni tkellimt fid-dettal aktar qabel.

2. *Jiena ddivorzjat/a. Nista' nerġa' niżżewweġ?*

   **Tweġiba:** Il-Bibbja tagħtina l-unika raġuni fejn persuna ddivorzjata tista' terġa' tiżżewweġ, "*ħlief minħabba l-fonikazzjoni*" (**Mattew 19:9; 5:32**). Il-Bibbja definittivament tħeġġeġ biex tibqa' mhux miżżewweġ/a jew li ssir rikonċiljazzjoni fuq iż-żwieġ (**1 Korintin 7:11**). Fl-istess ħin, Alla joffri l-ħniena u l-grazzja Tiegħu lill-parti innoċenti f'divorzju (**Mattew 19:9; 5:32**) u jħalli lil dik il-persuna biex terġa' tiżżewweġ mingħajr ma tkun ikkonsidrata

adultera. Ma hemm l-ebda raġuni oħra għal żwieġ mill-ġdid meta ż-żewġ partijiet għadhom ħajjin.

3. *Jiena Kristjana imma żewġi mhuwiex (jew il-kontra). Għandi jiena niddivorzja lil żewġi u nipprova nsib wieħed li jemmen biex niżżewġu?*

**Tweġiba:** Le. Jekk żewġek li ma jemminx irid li jkun miżżewweġ lilek, ibqa' fidila għaż-żwieġ tiegħek. Ir-raġel tiegħek li mhuwiex salv jeħtieġ ix-xhieda Kristjani kontinwa tiegħek biex ikun mirbuħ għal Kristu permezz ta' l-eżempju tajjeb tiegħek.

<u>**1 Korintin 7:12-13**</u> – "[12]*Imma lill-oħrajn ngħidilhom jien, mhux il-Mulej:* ***Jekk wieħed mill-aħwa għandu mara li ma temminx, u jogħġobha tgħammar miegħu, ħa ma jkeċċihiex.*** [13]***U l-mara li għandha raġel li ma jemminx, u jogħġbu jgħammar magħha, ħa ma titilqux.***"

<u>**1 Pietru 3:1-2**</u> – "[1]*Hekk ukoll, intom in-nisa, għandkom tissottomettu ruħkom għal żwieġkom; biex, jekk x'uħud ma jobdux il-kelma, huma wkoll jistgħu bla l-kelma* ***jintrebħu bl-imġieba tan-nisa;*** [2]*Meta jaraw l-imġieba qaddisa u l-biża' tagħkom.*"

4. *Jiena Kristjana, u żewġi, li ma jemminx, telaqni u qiegħed ifittex għal divorzju. X'għandi nagħmel?*

**Tweġiba:** Jekk huwa possibbli, l-ewwel ipprova fittex għal rikonċiljazzjoni. Jekk ir-rikonċiljazzjoni tkun impossibbli, inti m'm'intix obligata (jew obligat, fil-każ tar-raġel) li tibqa' f'dak iż-żwieġ.

<u>**1 Korintin 7:15-16**</u> – "[15]*Iżda jekk dak li ma jemminx jinfired,* ***ħa jinfired****: F'każijiet bħal dawn, il-ħu jew l-oħt mhumiex taħt il-jasar: iżda Alla sejħilna għas-sliem.* [16]*Għax x'taf int, ja mara miżżewġa, jekk issalvax lil żewġek? Jew x'taf int, ja raġel, jekk issalvax lil martek?*"

Dwar it-tifsira tal-frażi "taħt il-jasar" ara minn paġni 37-39.

5. *X'inhuma raġunijiet bibliċi jew bażi għal divorzju?*

**Tweġiba:** Il-Bibbja tissuġġerixxi "fornikazzjoni" minn waħda mill-partijiet fi żwieġ hija l-unika raġuni skritturali li għandha l-permess minn Alla għal divorzju u żwieġ mill-ġdid. Ħafna interpretazzjonijiet differenti jeżistu fost tagħlim Kristjan dwar id-dcefinizzjoni eżatta ta' **Mattew 19:9** u **5:32**. Il-kelma Griega għal 'fornikazzjoni' (*porneia*) turi li ladarba l-għaqda sesswali f'parti kruċjali bħal din tal-patt taż-żwieġ tinkiser, li tikser dik ir-rabta huwa l-każ bibliku li l-parti innoċenti hija mogħtija d-dritt li jekk trid tista' tergà tiżżewwġ mill-ġdid mingħajr ma tkun qed tikkommetti adulterju.

<u>**Mattew 5:32**</u> – "[32]*Iżda jien ngħidilkom: Li kull min ikeċċi lil martu,* ***ħlief minħabba l-fornikazzjoni****, iġagħalha tikkommetti adulterju: u kull min jiżżewweġ lil dik li hi mkeċċija jikkommetti adulterju.*"

<u>**Mattew 19:9**</u> – "[9]*U jien ngħidilkom: Kull min ikeċċi lil martu,* ***ħlief minħabba l-fornikazzjoni****, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u dak li jiżżewweġ lil dik imkeċċija jikkommetti adulterju.*"

6. *Jiena ddivorzjajt għal raġunijiet li m'għandhom ebda bażi biblika. L'ebda wieħed minna ma raġa' żżewweġ. X'għandi nagħmel biex nuri ndiema u ubbidjenza għall-Kelma ta' Alla?*

   **Tweġiba:** Jekk huwa possibbli fittex ir-rikonċiljazzjoni u erġa' ingħaqad ma' martek (jew fil-każ tal-mara, ma' żewġha).

   <u>**1 Korintin 7:10-11**</u> – "[10]*U lill-miżżewġin nordna, mhux jien, imma l-Mulej: Ħa ma titlaqx il-mara minn żewġha:* [11]*Iżda jekk titlaq, ħa tibqa' ma tiżżewwiġx,* ***jew targa' tagħmel paċi ma' żewġha: u r-raġel ħa ma jkeċċix lil martu****.*"

7. *Jiena ddivorzjajt lil marti għal raġunijiet li m'għandhom ebda bażi biblika. Rikonċiljazzjoni mhix aktar possibbli għaliex wieħed minna raġa' żżewweġ. X'għandi jiena nagħmel biex nuri ndieba u ubbidjenza għall-Kelma ta' Alla?*

   **Tweġiba:** Jekk id-divorzju tiegħek ma kellu l-ebda bażi biblika, allura żwieġ mill-ġdid mhuwiex permess. Dik il-parti li reġgħet iżżewġet qed tikkommetti adulterju għaliex iż-żwieġ tagħha mhuwiex Skritturali. Alla dejjem lest li jaħfer jekk ikun hemm indiema (**1 Ġwanni 1:9**), imma jekk le, allura id-destin ta' min ikun qiegħed igħix fl-adulterju huwa kundanna ta' dejjem. Jekk id-divorzju tiegħek ma kellu l-ebda bażi biblika, allura int għandek tibqa' mhux miżżewweġ.

8. *Jiena ddivorzjajt lil mara tiegħi għal raġunijiet mhux bibliċi u/ jew iżżewwiġt qabel ma sirt Kristjan. Xi jfisser dan għalija?*

   **Tweġiba:** Meta int sirt Kristjan (u dan japplika għall-mara jekk il-każ ikun kontra), id-dnubiet tiegħek tal-passat kienu ġew maħsula (sakemm int kellek indiema tagħhom) u b'hekk irċevejt bidu ġdid. Jekk it-tieni żwieġ tiegħek *ma kienx bibliku*, dak ifisser li int teħtieġ li taħseb bis-serjetà ħafna dwaru għaliex sakemm int ikellek indiema dwaru ma tistax issir Kristjan (**Atti 2:28**). Biex jirċievi l-maħfra ta' Alla u t-tindif wieħed għandu jindem mid-dnubiet kollha tiegħu (tagħha) tal-passat. Minn dan il-punt 'il quddiem int għandek tiddeċiedi li tonora l-Kelma ta' Alla  għal dak li tgħid dwar iż-żwieġ.

   <u>**2 Korintin 5:17-18**</u> – "[17]*Għalhekk jekk xi ħadd hu fi Kristu, hu ħolqien ġdid; il-qadim mar; ara, issa kollox sar ġdid.* [18]*U kollox hu minn Alla, li rrikonċiljana miegħu nnifsu b'Ġesù Kristu, u tana l-ministeru tar-rikonċiljazzjoni.*"

9. *Żewġi kkommetta adulterju (jew forma oħra ta' immoralità sesswali). Skond għal Mattew 5:32 jiena għandi bażi għad-divorzju. Għandi jien niddivorzja għaliex nista'?*

   **Tweġiba:** L-ewwel ħaġa li int għandek tkun taf li kull verżjoni tat-Testment il-Ġdid li f'Mattew 5:32 u f'Mattew 19:9 iġġib il-frażi "immoralità sesswali" u mhux "fornikazzjoni" hija verżjoni żbaljata u ta' min iwarrabha. Mod wieħed biex tikkonsidra din il-mistoqsija huwa li taħseb dwar il-modi kollha li aħna, bħala Kristjani, nikkommettu adulterju spiritwali kontra Alla, permezz tad-dnub, traskuraġni, idolatrija, u apatija. Imma Alla ma jwarrabniex. Qalbu dejjem lesta biex taħfer u tirrikonċiljana lura Għandu meta aħna nduru lura u nindmu mid-dnub tagħna.

Aħna nistgħu nestendu dan l-istess qies ta' grazzja lejn is-sieħeb (fil-każ tiegħek, żewġek) meta huwa ma kienx fidil, madankollu wasal għall-indiema. Infedeltà fiż-żwieġ hija ta' qerda kbira u ta' wġigħ kbir. Fiduċja teħtieġ żmien biex tibni mill-ġdid. Agħti lil Alla ħafna ħin biex jaħdem fi żwieġ imkisser, u biex jaħser fil-qalb ta' dak li jkun, qabel tfittex għal divorzju. Maħfra, rikonċiljazzjoni u restawrazzjoni taż-żwieġ jonoraw lil Alla u jixhdu dwar il-grazzja kbira Tiegħu.

**<u>Kolossin 3:12-14</u>** – *"[12]Ilbsu mela, bħala l-magħżulin ta' Alla, qaddisin u maħbubin, qalb ta' ħniena, it-tjieba, l-umiltà tal-moħħ, il-ħlewwa, is-sabar: [13]Issaportu 'l xulxin, u aħfru 'l xulxin, jekk wieħed għandu xi jgħid ma' l-ieħor: bħal ma ħafrilkom ukoll il-Mulej, hekk ukoll għamlu intom. [14]U fuq dawn kollha ilbsu l-imħabba, li hi r-rabta tal-perfezzjoni."*

10. *Riċentament il-veduta kienet avvanzata li meta żewġ persuni singli jikkommettu fornikazzjoni, b'dak l-att huma jsiru "miżżewwġin," u għandhom jibqgħu flimkien għall-ħajjithom. X'inhi t-tweġiba għal dan?*

**Tweġiba:** Din l-idea hija tant assurda li wieħed jiskanta kif rat id-dawl. Kemm pervers jista' jkun wieħed li jħallat "iż-żwieġ" ma' "fornikazzjoni"?

L-aktar tweġiba, u l-aktar fil-qosor għal din il-mistoqsija għandha tkun appell għal l-**Ewwel Korintin 7:1-5**. Dan il-passaġġ kien miktub għal relattivament Kristjani ġodda fi knisja Griega antika f'Korintu. Din il-belt kienet "laxka" ħafna nitkellmu moralment. Promiskwità sesswali kienet komuni.

Bla dubju dawn il-Kristjani, xi wħud minnhom kellhom storja immorali ħafna (qabbel 6:9-11), kienu mgħallmin li issa huma għandhom jibqgħu sesswal-ment safja. Imma x'kienu huma jistgħu jagħmel biex irażżnu ċ-ċeda għax-xewqat tagħhom, u jikkommettu fornikazzjoni? It-tweġiba ta' Pawlu hija din: "Ħalli persuna tiżżewweġ."

Jekk fornikazzjoni hija ekwivalenti għal żwieġ, loġikament l-istqarrija ta' l-appostlu Pawlu kienet tinqara, "biex jimpedixxi ż-żwieġ, ħalli raġel jiżżewweġ," li, naturalment, ma jagħmel l-ebda sens.

Jew xi ngħidu dwar dan? Jekk tnejn omosesswali mpenjati fil-fornikazzjoni, ikunu huma miżżewwġin? Jekk raġel ma jibqax fidil lejn martu billi jikkommetti fornikazzjoni, ikollu hu mbagħad **żewġ** nisa? Din it-teorija hija vojta għal kollox mill-mertu!

Din l-idea perversa bla dubju kella l-oriġini tagħha bl-istqarrija ta' Pawlu li raġel li jingħaqad hu nnifsu ma' prostituta isir "ġisem wieħed" magħha (**1 Korintin 6:16**). Imma dak li jonqsu li jirrealizzaw dawk li jsostnu dik il-pożizzjoni, huwa li l-kliem jista' jfisser ħwejjeġ **differenti f'kuntesti li jvarjaw**.

Bħala eżempju, Alla u Kristu jintqal li huma "wieħed" (**Ġwanni 10:30**); ukoll, raġel u martu huma "wieħed" (**Efesin 5:31**). Imma dawn iż-żewġ "wieħed/ijiet" fiż-żgur li mhumiex użati fl-istess sens. Raġel u martu jsiru "ġisem wieħed" permezz ta' unjoni sesswali, minħabba **r-relazzjoni tal-patt** li fih huma jkunu daħlu (**Ġenesi 2:24; Mattew 19:6; Eżekjel 16:8**). Ma hemm ebda relazzjoni tal-patt f'fornikazzjoni bierda.

It-terminu "wieħed" huwa applikat fl-**Ewwel Korintin 6:16** f'sens **limitu** ħafna. Fl-att tas-sess tal-fornikazzjoni, żewġ iġsma huma magħqudin flimkien u b'hekk isiru "wieħed" fid-**dnub**—mhux jidħlu fi żwieġ. Il-fornikatur huwa "wieħed" fil-**karattru** mal-prostituta li hu jkollu x'jaqsam magħha. Ma hemm ebda distinzjoni **morali** bejn iż-żewġ midinba.

11. *Żewġi telaqni. Jiena sibt fil-kompjuter tiegħu aktar minn 800 stampa pornografika, u talbiet ħerqana (sollecitazzjonijiet) lil nisa (u rġiel ukoll) għas-sess, b'dati u ħinijiet ta' appuntament. Hu aġixxa b'mod indiċenti ħafna quddiem uliedna l-bniet f'diversi okkażjonijiet. Jiena għandi raġuni qawwija biex nemmen li hu ma kienx fidil, imma ma nistax nippruvah dan. Xi wħud igħidu li jiena m'għandix dritt għal divorzju sakemm jiena naqbdu fil-att innifsu. Tista' int tgħini b'dan?*

**Tweġiba:** Il-Bibbja tgħallem li hemm biss kawża waħda għal divorzju u żwieġ mill-ġdid – dik ta' **fornikazzjoni** minn parti fiż-żwieġ kontra vittma innoċenti (**Mattew 5:32; 19:9**). Ebda persuna raġjunevoli ma ssostni li mara għandha tara "l-att" attwali qabel ma hija jkollha xhieda biżżejjed għal divorzju skritturali. Fil-fatt, probabbilment ikun rari li raġel miżżewweġ jew mara miżżewġa jkunu jistgħu jaqbdu l-adulteru "fl-att innifsu."

Il-parti offenduta għandu jkollha każ b'saħħtu biżżejjed, iżda, biex tkun sodis-fatta f'moħħha stess, biex b'hekk każ bħal dan ma jibqax idur f'dubju għal kumplament ta' ħajjitha—jekk hu/hi jiddeċiedi li jarġa' jiżżewweġ.

Minn dan il-każ jisher li hemm xhieda konsiderevoli "ċirkostanzjali" (iddettaljata) ta' attività sesswali fuq il-parti ta' dan ir-raġel ma' nies oħra. Jidher li huwa wisq mhux probabbli li din l-attività illeċita kienet miżmuma biss fi xbihat tal-kompjuter. Imma dan hu ġudizzju li l-parti vjolentata għandha tagħmel. Il-qlub tagħna jissimpatizzaw ma' dawk kollha li kienu vittma ta' abbuż bħal dan.

12. *Jiena dejjem kont mgħallem li hemm biss kawża waħda għad-divorzju, bil-privileġġ ta' żwieġ mill-ġdid, u dak huwa meta waħda mill-partijiet fiż-żwieġ tikkommetti fornikazzjoni. Imma xi predikaturi qegħdin igħidu li "fornikazzjoni" hija* ***kull xorta*** *ta' "nuqqas ta' fedeltà." Mela, jekk żewġek mhuwiex fidil (bħal ma jkomplix fil-knisja), inti ħielsa biex tiddivorzja u terġa' tiżżewweg.*

**Tweġiba:** Sfortunatament dawn il-predikaturi qegħdin isiru esperti f'li jgħawġu l-Iskrittura (**2 Pietru 3:16**), sabiex jiġġustifikaw veduta ġdida u ta' kompromess ta' divorzju u żwieġ mill-ġdid.

"Fornikazzjoni" u "nuqqas ta' fedeltà" mhumiex termini sinonimi. Il-fornikazzjoni kollha hija nuqqas ta' fedeltà, imma mhux in-nuqqas ta' fedeltà kollu huwa fornikazzjoni. Fl-aħħarnett, kull dnub huwa att ta' "nuqqas ta' fedeltà." Kull dnub huwa serju.

Madankollu, jekk il-"fornikazzjoni" msemmija f'**Mattew 5:32** u **19:9** hija riferenza għan-nuqqas ta' fedeltà inġenerali, allura kull raġel miżżewweġ jew mara miżżewġa jistgħu jiddivorzjaw lil xulxin kull ħin għal kull dnub, eżempju, gideb, jitlef it-tempra ta' dak li jkun, jew jonqos milli jattendi għal laqgħat tal-knisja, eċċ. Imma billi n-nies kollha huma midinbin (**1 Ġwanni 1:8**), dak jissuġġerixxi li "dawk mhux fidili) għandhom id-dritt biex

jiddivorzjaw lil dawk "mhux fidili," u mbagħad jiżżewwġu sieħeb "mhux fidil."

Huwa tassew li xi kultant it-terminu "adulterju" huwa wżat figurattiv fil-Bibbja biex juri mondanità (il-kwalità ta' dak li hu tad-dinja) (**Ġakbu 4:4**), jew xewqa ħażina (**2 Pietru 2:14**). Hija kif hija, il-mistoqsija reali hija din: **Kif it-terminu "fornikazzjoni"huwa wżat f'Mattew 19:9?**

Ovvju għalkollox dan it-terminu huwa wżat fis-sens **letterali** tiegħu; dan huwa evidenti mill-fatt lid-dixxipli (li kienu modorrija għal imġieba rrilassjata tad-divorzju fir-reġim Możajk – **Mattew 19:8**) esprimew il-veduta li l-liġi ta' Kristu kienet rigoruża wisq. Ġesù informahom li xi wħud **jistgħu** jsibuha "iebsa"—f'liema każ huma jistgħu jgħixu bħala "ewnuki." Dan ovvjament jiddefinixxi n-natura ta' "fornikazzjoni" f'dan il-kuntest.

13. *Billi t-Testment il-Ġdid igħallem li l-unika kawża ġustifikata għal divorzju hija fornikazzjoni fuq il-parti ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, x'għandha tagħmel mara li żewġha jixrob, isawwatha f'xi okkażjonijiet, u jabbużaha verbalment kontinwament?*

**Tweġiba:** Ħadd ma hu obligat biex isofri abbuż f'idejn ta' wieħed bùli bla ħniena ta' xejn. Mara għandha d-dritt għas-sigurtà—kemm fiżikament kif ukoll emozzjonalment. Jekk l-istat ta' kuntentizza tagħha ikun qiegħed fil-periklu ta' ħsara (permezz ta' abbuż fiżiku), jew l-istabbiltà emozzjonali tagħha hija mħarbta permezz ta' assalt kontinwu verbali, hija għandha dritt perfett biex issib post tal-kenn u tal-paċi. L-appostlu Pawlu jittratta b'ċirkustanza li tixbaħ lil din fl-Ewwel Korintin.

Ħalli nissopponu dan il-każ. Mara pagana ssir Kristjana, imma żewġha m'għandu l-ebda interess fil-Kristjaneżmu. X'għandha hija tagħmel?

L-appostlu jgħid li jekk ir-raġel tagħha huwa "kuntent biex igħammar magħha," hi m'għandix titilqu, imma hija għandha tgħammar f'dik ir-relazzjoni b'ħarsa li tikkonvertih għal Kristu (**1 Korintin 7:13-14**).

Imma xi ngħidu jekk il-pagan (li ma jemminx) mhuwiex kuntent fir-relazzjoni (kif ċertament ikun muri bil-kondotta abbussiva tiegħu)? L-appostlu Pawlu jissuġġerixxi li taħt ċirkustanza terribbli hija jkun jeħtiġilha li titilqu, tinfired minnu u ma tibqax taħt l-istess saqaf miegħu. Imma f'każ bħal dan (ebda fornikazzjoni ma kienet involuta), "[11]*...jekk titlaq, ħa tibqa' ma tiżżewwiġx, jew tarġa' tagħmel paċi ma' żewġha:...*" Kelma oħra ta' attenzjoni, iżda, għan-dha tkun miżmuma f'moħħna. Mara (miżżewwġa) għandha tkun kunfidenti ħafna li hija ma kinetx ikkontribwixxiet bid-dieher għan-nuqqas ta' kuntentizza ta' żewġha. Jekk dak ikun il-każ, it-tluq tagħha jkun kompletament mhux iġġustifikat.

L-appostlu jara l-possibbiltà ta' **separazzjoni** (fi żwieġ mhux imċappas bil-fornikazzjoni), u rikonċiljazzjoni potenzjali, imma ma joffri l-ebda liċenzja għal divorzju u żwieġ mill-ġdid taħt dawn il-kondizzjonijiet weħidhom.

Jekk raġel jabbanduna lil martu (jew il-kontra), hija ma teħtieġx li tkun "fil-jasar" [ara "jasar" **v. 15**] għal din il-persuna bla ħsieb li abbandunat ir-responsabbiltajiet tagħha taż-żwieġ (dwar it-tifsira ta' "taħt il-jasar," ara minn paġna 39). Iż-żwieġ mhuwiex imfassal biex ikun istituzzjoni mqabbla ma l-iskjavitù! Jekk parti li titlaq issir **infidila sesswalment**, il-parti ttraduta tista'

tieħu vantaġġ tal-proviżjon ta' **Mattew 19:9**. Ħaġ'oħra, ir-rabta tibqa' mhux mimsusa.

Abbuż fih innifsu ma jiksirx ir-rabta taż-żwieġ (qabbel **Eżekjel 16:38**). Infedeltà sesswali biss tista' tagħmel dan. Il-Kristjan kuxjenzjuż jinnaviga bil-għaqal mill-ilmijiet imqallba ta' nuqqas ta; qbil domestiku, u jfittex ir-ruħ tiegħu stess għal kolpabilità (ħtija) possibbli.

**14.** "*Koppja Kristjana riċentament issepoaraw. Ir-raġel jistqarr (biex nuża l-espressjoni tiegħu) li hu "tilef l-imħabba" ma' martu. Hu jgħid li m'għandu ebda interess f'kumpann ieħor, hu sempliċiment irid igħix ħalla solitarja li hu kien igawdi qabel iż-żwieġ tiegħu. Għalhekk, hu ddeċieda biex jikseb divorzju. Billi hu m'għandu ebda intenzjoni li jerġa' jiżżewweġ, x'inhu l-istatus tiegħu quddiem Alla?*"

**Tweġiba:** Biċ-ċar, dan ir-raġel qabad it-triq ta' kondotta midinba. Għaliex dan huwa l-każ? Għar-raġunijiet li ġejjin:

**Iż-Żwieġ Huwa Arranġament Permanenti**

La darba ż-żwieġ kien attwat, sakemm dan ma jkunx maħlul għal raġunijiet bibliċi (jiġifieri, mewt jew fornikazzjoni – **Rumani 7:21 Mattew 5:32; 19:9**), huwa olbigu għal *ħajja kollha*. "*[2]Għax il-mara li għandha żewġha hi marbuta bil-liġi ma' żewġha kemm idum ħaj; (jiġifieri, sakemm hu jibqa' ħaj)*" (**Rumani 7:2**; qabbel **1 Korintin 7:39**). Il-Bibbja hija ċara ħafna fuq in-natura dejjiema taż-żwieġ.

**Alla Huwa l-Awtur taż-Żwieġ**

Alla huwa l-Awtur ta' l-istituzzjoni taż-żwieġ. Huwa Hu li jgħaqqad lir-raġel u l-mara flimkien fiż-żwieġ (**Mattew 19:6**). Huwa, mela, il-Ħallieq, u Hu waħdu, li jiddetermina meta proċedura tad-divorzju tista' tkun magħmula. Il-fatt sempliċi tal-ħaġa huwa, Alla *awtorizza* d-divorzju biss fuq il-bażi ta' fornikazzjoni (**Mattew 5:32; 19:9**). Li tiba proċedura għad-divorzju fuq *xi bażi oħra*, mela, huwa li tmur 'il quddiem minn dak li hu awtorizzat mil-liġi divina (ara **1 Korintin 4:6**). Azzjoni bħal din hija trasgressjoni prużuntuża u arroganti tal-liġi tas-sema taż-żwieġ u huwa dnub (**1 Ġwanni 3:4**). Ebda persuna ma hija eliġibbli biex tiżżewweġ mingħajr ma taqbel għal liġi ta' Alla taż-żwieġ. Hekk ukoll, ebda persuna ma hija eliġibbli għal divorzju mingħajr is-sanzjoni ta' l-awtorità tat-Testment il-Ġdid.

**Iż-Żwieġ Huwa Patt li Jorbot**

Meta wieħed jidħol fir-relazzjoni taż-żwieġ, hu jew hi jidħol fi ftehim ta' patt ma kumpann li x-xhud tiegħu jkun Alla  u ssiġillat Minnu (ara **Eżekjel 16:8; Malakija 2:14**). Li tiddivorzja lil martek (jew żewġek), mingħajr awtorità divina, huwa li ssir "wieħed li tikser il-patt," dnub ikkundannat bil-qawwa fl-Iskrittura (**Rumani 1:31**).

**Iż-Żwieġ Iġorr Responsabbiltajiet Inerenti**

Meta persuna tassumi r-respopnsabbiltà ta' li tidħol f'patt aż-żwieġ, hu jew hi jaċċetta ċerti obligi ta' dik ir-relazzjoni (ara **1 Korintin 7:3-5; Efesin 5:22-33; 1 Timotju 5:8**). Li ġġib fix-xejn żwieġ b'raġuni ta' divorzju mhux awtorizzat huwa li ddandan dawn ir-responsabbiltajiet sagri.

**Divorzju Mhux Skritturali Jġib it-Tentazzjoni**

Meta raġel (jew mara) tibda divorzju mhux awtorizzat, huwa jissuġġetta l-mara tiegħu għat-tentazzjoni biex iċċedi għal twettiq sesswali kontra l-liġi. Dan huwa probabbilment l-enfasi tat-twissija ta' Ġesù **f'Mattew 5:32**, meta s-Salvatur iddikjara li raġel li jiddivorzja lil martu, għal raġuni oħra barra minn dik ta' fornikazzjoni, "jagħmilha adultera." Veduta waħda possibbli ta' din il-lingwa hija dak li jibda d-divorzju jissuġġetta lil martu (jekk ikun ir-raġel) għat-tentazzjoni li ssib sieħeb ieħor, għalhekk, tidħol f'relazzjoni adultera. Ninsabu aħna tant sempliċi biex naħsbu li Alla ma jżommx individwu bħal dan responsabbli talli kkontribwixxa għal dan id-dnub?

Iva, huwa midneb għal irġiel u nisa biex jiddivorzjaw lil xulxin mingħajr awtorizzazzjoni biblika. Din saret prattika komuni, iżda, u, traġikament, ħafna mill-mexxejja reliġjużi qegħdin jonqsu milli jittrattaw ma' din il-problema f'termini ta' tagħlim u twissija.

Nittama li dan l-istudju jkun ta' għajnuna għal dawk kollha li tassew qegħdin ifittxu l-verità dwar dan is-suġġett hekk delikat.

## IL-KLAWSOLA "*ĦLIEF*" F'MATTEW

### *Il-Klawsola Ħlief f'Mattew*

__Mattew 19:3-10__ – "*3U l-Fariżej resqu lejh ukoll, iġarrbuh, u jgħidulu: Sewwa li raġel ikeċċi lil martu għal kull kawża? 4U wieġeb u qalilhom: Ma qrajtux, li dak li mill-bidu ħalaqhom għamilhom raġel u mara? 5U qalilhom: Minħabba f'hekk raġel iħalli lil missieru u lil ommu, u jingħaqad ma' martu: u t-tnejn isiru ġisem wieħed. 6Għalhekk mhumiex iżjed tnejn, iżda ġisem wieħed. Dak mela li Alla għaqqad flimkien, ħa ma jifridx il-bniedem. 7Qalulu: Għaliex mela Mosè ikkmanda li tingħata l-kitba tad-divorzju u jkeċċiha? 8Qalilhom: Mosè minħabba l-ebusija ta' qalbkom ħalliekom tkeċċu in-nisa tagħkom: iżda mill-bidu ma kienx hekk. 9U jien ngħidilkom: Kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u dak li jiżżewweġ lil dik imkeċċija jikkommetti adulterju. 10Iżda d-dixxipli tiegħu qalulu: Jekk inhu dan il-każ tar-raġel ma' martu, ma jaqbilx tiżżewweġ. 11Iżda hu qalilhom: Mhux kull bniedem jista' jifhem dil-kelma, ħlief dawk li jingħatalhom. 12Hemm ewnuki li jitwieldu hekk minn ġuf ommohom, oħrajn jagħmluhom hekk in-nies, u hemm oħrajn li jsiru hekk minn rajhom minħabba s-saltna tas-smewwiet. Min jista' jifhem, jifhem!*"

Aħna rajna aktar qabel, lid-divorzju mhuwiex mixtieq f'għajnejn Alla. Imma hekk xi ċirkustanzi li taħthom id-divorzju huwa aċċettabbli, jew għall-inqas imħolli? F'**Mattew 19** (u **Mattew 5**) aħna naqraw dwar il-famuża "klawżola ta' l-eċċezzjoni". Il-Mulej Ġesù ddikjara li "*Kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazz-joni, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u dak li jiżżewweġ lil dik imkeċċija jikkommetti adulterju*" (**Matew 19:9**).

Mela, kif għedt fil-bidu ta' dan l-istudju, huwa aċċettabbli biss li tagħmel dak li Alla jogħbod meta Hu Nnifsu jagħti peremess. Aħna hawn naraw li permess bħal dan huwa mogħti. Raġel jiddivorzja lil martu li kkommettiet "fornikazzjoni" u jerġa' jiż-żewweġ mhuwiex ikkonsidrat adulteru. Imma naturalment, issa aħna għandna nistaq-su l-mistoqsija, "x'fisser il-Mulej b'fornikazzjoni?" Xi wħud forsi jaqbżu għall-

konklużjoni immedjata li "fornikazzjoni" hija adulterju. Imma ladarba aħna qegħdin nittrattaw b'suġġett hekk importanti, aħna għandna nistudjaw u naħsbu dwar dan bil-għaqal ħafna. Il-kelma tradotta "fornikazzjoni" hija l-kelma Griega "porneia." Din ***mhijiex*** l-istess kelma li tfisser adulterju (moicheuo, moichao jew moichalis). Huwa ċar ukoll li Ġesù ma intenzjonax li jagħti lill-kelma "porneia" (li xi wħud iqisuha bħala li kienet kelma ġenerali għal immoralità sesswali), it-tifsira speċifika għal adulterju. Kif aħna nafu dan? Ikkonsidra t-tweġiba tad-dixxipli! "*Jekk inhu dan il-każ tar-raġel ma' martu, ma jaqbilx tiżżewweġ*" (**v. 10**). Fisser x'fisser il-Mulej bil-kliem "*ħlief għal porneia*", dan ħasad lid-dixxipli b'kemm dan kien restrittiv. Issa f'dan il-waqt, ir-rabbi kienu maqsuma bis-suġġett tad-divorzju. Segwaċi ta' Shammai kienu jemmnu lid-divorzju kien aċċettabbli biss fil-każ ta' adulterju, waqt lis-segwaċi ta' Hillel emmnu lid-divorzju kien iġġustifikat kważi għal kull raġuni. Li kieku Ġesù fisser lid-divorzju kien aċċettabbli fil-każ ta' adulterju, it-tagħlim Tiegħu ma kienx jaħsad lid-dixipli, billi Hu kien ikun sempliċiment qiegħed jaqbel ma wieħed miż-żewġ kampijiet tar-rabbi. Minflok, it-tagħlim Tiegħu ħasadhom b'kemm wisq aktar kien restrittiv minn dak li kienu qegħdin igħallmu r-rabbi l-oħrajn. Biċ-ċar, il-Mulej Ġesù ma intenzjonax li l-adulterju jkun kawża aċċettabbli għal divorjzu.

Mela x'fisser Ġesù "b'*porneia*"? Li tgħid li billi *porneia* tista' żżomm it-tifsira ta' kull xorta ta' immoralità sesswali, allura kull xorta ta' sesswalità immorali hija l-bażi għal divorzju huwa illoġiku. Li tistqarr lit-tagħlim ta' Ġesù kien aktar restrittiv minn dak ta' Shammai, u madankollu li taħseb lid-divorzju jkun aċċettabbli għal tipi ta' immoralità anqas serji minn adulterju huwa fih innifsu kontradittorju u illoġiku.

Mela aħna nerġgħu nistaqsu l-mistoqsija, x'fisser Ġesù "b'*porneia*"?" Issa aħna għandna nistqasu lilna nfusna, "x'fehmu l-Lhud ta' żmien Ġesù li din kienet tfisser?" Il-lingwa Lhudija (Ebrajka) kellha wkoll kliem għal "adulterju" u "moralità sesswali." Id-dnub speċifiku ta' l-adulterju kien kostitwit bil-kelma Ebrajka "*na'ap*" fejn immoralità sesswali kienet kostitwita bil-kelma "erwa", li ġġorr l-idea ġenerali ta' nudità u għajb. Huwa wisq probabbli li l-Mulej Ġesù kien qiegħed jirreferi għal "*erwa*" bħala l-eċċezzjoni, jew kieku Mattew kien jittraduċi l-kliem ta' Ġesù bil-kelma "moichao" (il-kelma Griega għal adulterju) minflok "*porneia*". Id-dixxipli, li kienu jafu tajjeb l-Iskrittura Ebrajka żgur li ħasbu immedjatament dwar **Levitku 18 u 20**. Waqt li l-adulterju kien dnub, il-Mulej kien qiegħed igħid lid-divorzju u żwieġ mill-ġdid kien imħolli biss mill-parti innoċenti jekk il-parti l-ħatja kienet ikkommettiet "*erwa*". Id-dnubiet murija huma aktar maħmuġa minn sempliċiment adulter-ju, u jinkludu inċest, bestjalità u omosesswalità. Għaliex id-dixxipli kienu daqshekk maħsudin? Qabel it-tagħlim ta' Ġesù huma kienu jaħsbu li huma kellhom id-dritt biex jiddirovzjaw mara adultera. Wara li semgħu t-tagħlim ta' Ġesù li huma ma kinux jistgħu jiddivorzjaw mara adultera, it-tweġiba tagħhom kienet, "*Jekk inhu dan il-każ tar-raġel ma' martu, ma jaqbilx tiżżewweġ*" (**Mattew 19:10**). Il-fatt li l-klawsola ta' l-eċċezzjoni tinsab biss fl-Evanġelju ta' Mattew huwa appoġġ għal din il-pożizzjoni. Mattew huwa l-Evanġelju li kien miktub lil-Lhud. L-imħuħ tal-qarrejja Lhud mill-ewwel ħasbu dwar it-tagħlim ta' Levitku. Iżda Luqa, li kiteb l-Evanġelju tiegħu lill-ġentili (dawk li ma kinux Lhud) iħalli barra l-klawsola ta' l-eċċezzjoni, għaliex il-ġentili, billi ma kinux jafu t-Testment il-Qadim, ma kinux jaħsbu immed-jatament dwar il-kuntest xieraq għall-kliem ta' Ġesù.

Mela, bħala sommarju ta' dak li jiena pprezentajt dwar il-klawsola ta' l-eċċezzjoni, jiena ngħid li l-eċċezzjoni fil-każ ta' "*porneia*" tirreferi għal dnubiet

sesswali ta' natura aktar profonda minn sempliċiment adulterju. Dawn id-dnubiet sesswali jinkludu inċest, bestjalità u omosesswalità. Din il-veduta tispjega l-ħasda tad-dixxipli dar in-natura restrittiva tat-tagħlim ta' Ġesù, l-użu tal-Grieg u l-Ebrajk, il-kuntest ta' l-isfond u l-għarfien tad-dixxipli, u l-fatt li l-klawsola ta' l-eċċezzjoni hija biss ippreżentata fil-Vanġelju li hu ndirizzat lil-Lhud.

### *L-Eċċezzjoni Pawlina fl-Ewwel Korintin 7*

1 Korintin 7:10-17 – "[10]*U lill-miżżewġin nordna, mhux jien, imma l-Mulej: Ħa ma titlaqx il-mara minn żewġha:* [11]*Iżda jekk titlaq, ħa tibqa' ma tiżżewwiġx, jew terġa' tagħmel paċi ma' żewġha: u r-raġel ħa ma jkeċċix lil martu.* [12]*Imma lill-oħrajn ngħidilhom jien, mhux il-Mulej: Jekk wieħed mill-aħwa għandu mara li ma temminx, u jogħġobha tgħammar miegħu, ħa ma jkeċċihiex.* [13]*U l-mara li għandha raġel li ma jemminx, u jogħġbu jgħammar magħha, ħa ma titilqux.* [14]*Għax ir-raġel li ma jemminx jitqaddes b'martu, u l-mara li ma temminx titqaddes b'żewġha: kieku ma kienx hekk, uliedkom kienu jkunu mniġġsin; iżda issa huma mqaddsin.* [15]*Iżda jekk dak li ma jemminx jinfired, ħa jinfired: F'każijiet bħal dawn, il-ħu jew l-oħt mhumiex taħt il-jasar: iżda Alla sejħilna għas-sliem.* [16]*Għax x'taf int, ja mara miżżewġa, jekk issalvax lil żewġek? Jew x'taf int, ja raġel, jekk issalvax lil martek?* [17]*Imma bħal ma qassam Alla lil kull bniedem; bħal ma sejjaħ il-Mulej lil kulħadd, ħa jimxi hekk kulħadd. U hekk nordna fil-knejjes kollha.*"

Din spiss hijua rriferuta bħala l-eċċezzjoni "tas-sieħeb/a innoċenti." Din tiċċentra fuq l-Iskrittura li tgħid, "[15]*Iżda jekk dak li ma jemminx jinfired, ħa jinfired: F'każijiet bħal dawn, il-ħu jew l-oħt mhumiex taħt il-jasar:*". X'inhi t-tifsira ta' dan il-vers? Xi għalliema tal-Bibbja kienu qalu li l-vers ifisser lis-sieħeb (jew sieħba) innoċenti mhwiex marbut bil-wegħda taż-żwieġ u huwa ħieles biex jerġa' jiżżewweġ. Huma jgħallmu li l-kelma "marbut" ("taħt il-jasar") tirreferi għal li tkun marbut permezz tal-wegħda taż-żwieġ. Iżda, jiena wrejt x'inhi l-interpretazzjoni xierqa tal-"klawsola porneia" f'**Mattew 19**, u ma nemminx li **1 Korintin 7** jista' jkun li huma f'nuqqas ta' qbil ma' xulxin.

Mela x'inhi t-tifsira ta' "marbut?" Il-kelma Griega għal "marbut" hija "douloo". Din hija l-kelma li ta' spiss hija tradotta "skjav" jew "qaddej". Hemm Skrittura oħra li titkellem dwar li tkun "marbut" fiż-żwieġ. Din hija **Rumani 7:2**, li tgħid, "[2]*Għax il-mara li għandha żewġha hi* ***marbuta*** *bil-liġi ma' żewġha kemm idum ħaj; iżda jekk imut ir-raġel, hi maħlula mil-liġi ta' żewġha.*" Iżda, **Rumani 7:2** juża kompletament kelma differenti talli tkun marbut (*deo*). Din il-kelma "*deo*" iżomm it-tifsira ta' li tkunu marbutin flimkien, u hija spiss użata f'Atti għall-irbit ta' l-appostlu Pawlu. Mela, waqt liż-żwieġ jihder li huwa rabta bejn tnejn min-nies, l-emmieni fl-**Ewwel Korintin 7** mhuwiex taħt l-iskjavitù (jasar) fis-sitwazzjoni fejn dak li ma jemminx jitlaq. Għalhekk waqt li **Rumani 7** u **1 Korintin 7** t-tnejn jużaw il-kelma "marbut", aħna ma nistgħux ngħidu li **1 Korintin 7** qiegħed jipprovdi l-istess ħelsien mill-jasar kif jinsab **f'Rumani 7**. (Għal aktar dettall, ara minn paġna 39 u minn paġna 70).

Jiena nemmen lis-sitwazzjoni mfissra fl-**1 Korintin 7** tirreferi għall-emmieni li jkun meħlus minn sitwazzjoni ħażina, wisq tixbaħ l-iskjavitù. Jekk is-sieħeb (jew sieħba) li ma jemminx jitlaq, l-emmieni mhuwiex meħtieġ biex jipprova u jisfurzahom biex jibqgħu. Jekk emmieni jsibu lilu (jew liha) nnifsu f'din is-sitwazzjoni, hu (jew hi) mhuwiex meħtieġ li jiġġieled biex iżomm milli jkun separat,

lanqas ma hu (jew hi) m'għandu jkun meqjus bħala li dineb. L-emmieni (dan dejjem japplika jew għar-raġel jew għall-mara) li l-parti l-oħra telqgħet għadu xorta fi sħubija tal-knisja lokali. L-emmieni għandu jkompli bil-ħajja tiegħu (jew tagħha) u jipprova jgħid fil-paċi.

Fl-aħħarnett, aħna għandna nuru li din l-Iskrittura ma tgħid xejn dwar żwieġ mill-
ġdid tal-parti innoċenti. **1 Korintin 7:16** jgħid, "*[16]Għax x'taf int, ja mara miżżewġa,
jekk issalvax lil żewġek? Jew x'taf int, ja raġel, jekk issalvax lil martek?*" Żwieġ mill-ġdid tal-parti innoċenti jmur kompletament kuntrarju għal passaġġ kollu kemm hu billi żwieġ mill-ġdid jeqred il-possibbiltà li l-emmieni jarġa' għal darb'oħra jkun f'pożizzjoni ta' rikonċiljazzjoni mas-sieħeb jew sieħba bl-Evanġelju ta' Ġesù Kristu.

***Ta' Liema Stampa Huwa ż-Żwieġ u d-Divorzju?***

Iż-żwieġ huwa stampa ta' Kristu u l-Knisja. L-appostlu Pawlu jgħid hekk dwar dan:

"*[22]Nisa, issottomettu ruħkom għal żwieġkom, qiskom għall-Mulej. [23]Għax ir-raġel hu
ras martu,* ***bħalma Kristu hu ras il-knisja****: u hu s-salvatur tal-ġisem. [24]Mela* ***bħalma
l-knisja hi suġġetta għal Kristu****, ħa jkunu hekk in-nisa għal żwieġhom f'kollox.
[25]Intom irġiel, ħobbu n-nisa tagħkom,* ***bħalma Kristu ħabb ukoll lill-knisja, u ta
lilu nnifsu għaliha****; [26]Biex iqaddisha u jnaddafha bil-ħasil ta' l-ilma bil-kelma.
[27]Biex jagħmilha tidher quddiemu knisja glorjuża, bla tebgħa, bla tikmixa, u bla xejn
minn dan; iżda biex tkun qaddisa, u bla tebgħa. [28]Hekk għandhom l-irġiel iħobbu n-
nisa tagħhom bħallikieku ġisimhom infushom. Min iħobb lil martu, iħobb lilu nnifsu.
[29]Għax ħadd għadu qatt ma bagħad lil ġismu' imma jmantnih u jieħu ħsiebu;* ***hekk
ukoll il-Mulej il-knisja****: [30]Għax aħna membri ta' ġismu, ta' laħmu, u ta' għadmu.
[31]Minħabba f'hekk, raġel iħalli lil missieru u lil ommu, u jingħaqad ma' martu, u
jkunu t-tnejn ġisem wieħed. [32]Dan hu misterju kbir;* ***iżda jien irrid ngħid għal
Kristu u l-knisja****. [33]Għalhekk kull wieħed minnkom, hu min hu, ħa jħobb lil martu
bħalu nnifsu; u l-mara tweġġaħ lil żewġha.*" (**Efesin 5:22-33**).

Imma dan immedjata-ment jikkawżana biex nistaqsu l-mistoqsija, "Ta' Liema Stampa Huwa d-Divorzju?" Jekk mara tiddivorzja lil żewġha, huwa stampa tal-knisja tabbanduna lil Kristu. Agħar minn hekk, jekk raġel jiddivorzja lil martu, hija stampa ta' Kristu jabbanduna l-knisja! Jiena nemmen li din hija r-raġuni li Alla b'mod enfatiku jiddikjara l-mibgħeda Tiegħu għad-divorzju.

***Separazzjoni?***

<u>**1 Korintin 7:10-17**</u> – "*[10]U lill-miżżewġin nordna, mhux jien, imma l-Mulej: Ħa ma
titlaqx il-mara minn żewġha: [11]Iżda jekk titlaq, ħa tibqa' ma tiżżewwiġx, jew tarġa'
tagħmel paċi ma' żewġha: u r-raġel ħa ma jkeċċix lil martu. [12]Imma lill-oħrajn
ngħidilhom jien, mhux il-Mulej: Jekk wieħed mill-aħwa għandu mara li ma temminx,
u jogħġobha tgħammar miegħu, ħa ma jkeċċihiex. [13]U l-mara li għandha raġel li ma
jemminx, u jogħġbu jgħammar magħha, ħa ma titilqux. [14]Għax ir-raġel li ma
jemminx jitqaddes b'martu, u l-mara li ma temminx titqaddes b'żewġha: kieku ma
kienx hekk, uliedkom kienu jkunu mniġġsin; iżda issa huma mqaddsin. [15]Iżda jekk
dak li ma jemminx jinfired, ħa jinfired: F'każijiet bħal dawn, il-ħu jew l-oħt mhumiex
taħt il-jasar: iżda Alla sejħilna għas-sliem. [16]Għax x'taf int, ja mara miżżewġa, jekk
issalvax lil żewġek? Jew x'taf int, ja raġel, jekk issalvax lil martek? [17]Imma bħal ma*

*qassam Alla lil kull bniedem; bħal ma sejjaħ il-Mulej lil kulħadd, ħa jimxi hekk kulħadd. U hekk nordna fil-knejjes kollha.*"

Hawn aħna naraw għarfien prattiku li xi drabi separazzjoni hija neċessarja. Ikkonsidra l-każ ta' mara li tgħażel li titlaq lil żewġha. L-ideali huwa għaliha li tibqa' fir-relazzjoni, imma aħna nifhmu li xi kultant ikun impossibbli. Forsi mara jkollha żewġha li huwa abużiv, u hija tibża' għaliha nfisha u għal uliedha. Jew forsi l-imġieba tiegħu hija b'tali mod ta' karattru morali baxx li hija ma tistax tkompli tgħix aktar miegħu. F'dan il-każ, hija tista' tgħażel li tissepara minn żewwġha, imma biċ-ċar il-permezz biex terġa' tiżżewweġ huwa miżmum. Għal darb'oħra, ħalli aħna nenfasizzaw dan il-punt – il-mara li tgħażel biex titlaq lil żewġha mhix ħielsa biex terġa' tiżżewweġ. Għar-raġel, jintqal speċifikament li hu m'għandux jiddivorzja lil martu. Huwa possibbli li dan huwa biss mod ieħor li tgħid li hu m'għandux jissepara minn martu.Huwa possibbli wkoll li dan qiegħed igħid li waqt li huwa jista' jissepara, hu m'għandux jiddivorzja (u billi ma hemmx divorzju legali, hu għandu jikkonsidra lilu nnifsu bħala li għadu responsabbli finanzjarjament għal martu). Fl-aħħarnett, din ir-restrizzjoni setet kienet parti tal-liġijiet taż-żmien (jiġifieri, bl-irġiel li jkunu huma biss li jistgħu jinizjaw divorzju). Liema minn dawn it-tliet għażliet hija l-interpretazzjoni l-korretta jiena ma nistax ngħid f'dawk il-waqt, imma huwa possibbli li l-aktar tagħlim ristrett huwa mogħti lir-raġel għaliex huwa rari li raġel għandu jħalli relazzjoni għall-biża' ta' abbuż. Fl-assenza ta' għarfien aktar sħiħ, jien nadotta s-sens ċar tal-passaġġ u ngħid li waqt li separazzjoni hija possibbli għal raġel, hu m'għandux jiddivorzja lilu nnifsu minn martu u b'hekk jiddivorzja lilu nnifsu mir-responsabbiltajiet finanzjarji tiegħu biex jipprovdi għaliha. Mela t-tagħlim huwa ċar li mara m'għandix tissepara minn żewġha, imma jekk hija tagħmel dan, hija għandha tibqa' mhux miżżewwġa jew inkella rrikonċiljata għal żewġha.

Xi wħud jistaqsu, "Imma ma taħsibx li persuna tista' tkun imċaħħda l-barkiet ta' ħajja miżżewwġa, lit-tfal jistgħu ma jkollhomx rwol ta' mudel xieraq, li persuna tista' tkun ikkundannata għall-ħajja ta' solitudni? It-tweġiba hija "Iva." Li tkun waħdek mhix xi ħaġa sabiħa, imma jiena nifhem ukoll li persuna weħidha tgħaddi minn ħajja mhux faċli. Imma din ħajjitha tista' timtela b'servizz produttiv Kristjan u l-ferħ tas-salvazzjoni. Imma wkoll jekk jiena naħseb dwarha bħala li din il-hajja tkun ħajja moħlija, jiena nista' biss inkun immotivat b'dak li jiena nemmen li l-Bibbja qed tgħallem. Jiena ma nistax nimmodifika l-għarfien tiegħi tal-Bibbja bil-konklużjonijiet li jiena rrid li nasal għalihom. Jekk il-Bibbja tgħallem ħaġa waħda, u jiena rrid li nemmen l-oppost, jiena ma nistax ngħawweġ l-għarfien tiegħi ta' l-Iskrittura.

Fis-snin tiegħi bħala Kristjan, jiena ltqajt ma' ftit Kristjani li kienu qegħdin fis-sitwazzjonijiet diffiċli li rajna f'dan l-istudju. Is-sentimenti tiegħi kienu biss dawk ta' kumpassjoni u rieda tajba Kristjana. Iżda meta jiena nara lil ħija jew oħti, li għalihom Kristu miet, jidinbu, jiena nista' biss nuri għal l-Iskrittura u ngħid, "Għalkemm huwa tagħlim diffiċli, hekk igħid il-Mulej."

## X'TGĦID IL-BIBBJA DWAR IL-PRATTIKA KATTOLIKA RUMANA TA' L-ANNULLAMENT TAŻ-ŻWIEĠ?

Fil-Knisja Kattolika Rumana, is-seba' sagramenti tal-Magħmudija, Ewkaristija, Griżma ta' l-Isqof, Griżma tal-Morda, Penitenza, Żwieġ, u Ordni Sagri huma kkunsidrati il-wirja esterna ta' grazzja interna, imwaqqfa minn Kristu. Dawn huma sewwasew il-komponenti tas-salvazzjoni kif tgħallimha l-Knisja Kattolika Rumana.

Il-Knisja Kattolika tgħallem lis-sagramenti fihom infushomn—skond il-fehma tagħhom il-pedament tas-salvazzjoni—ma jistgħux ikunu mwarrba fil-ġenb faċilment. Huwa biss jekk is-sagrament ma kienx legali mill-mument li dak kien ikkonfermat jista' dan ikun irrinunzjat. Fl-għarfien tal-fatt li dak jista' jiġri minn żmien għal żmien, il-Knisja Kattolika ħolqot il-proċess ta' l-annullament, li jiddikjara sagrament invalidu sa mill-bidu tiegħu stess.

Annullament huwa rriferut b'mod xieraq bħala Dikjarazzjoni ta' Nullità. Għalkemm din tista' tkun applikata għal kull wieħed mis-seba' sagramenti, din spiss hija mfittxija għaż-Żwieġ. Billi l-Knisja Kattolika Rumana żżomm li koppja miżżewwġa ma tistax tiddivorzja għal l-ebda raġuni tkun xi tkun, divorzju mhuwiex irrikonoxxut mill-Knisja Kattolika bħala tmiem validu għal żwieġ. Allura jiġi wara li qassis Kattoliku ma jżewwiġx lil dawk li kienu ddivozjati, ukoll jekk id-divorzju ġara qabel ma xi ħadd jissieħeb fil-Knisja Kattolika, ukoll jekk dak li ddivorzja fehem tassew il-konsegwenzi spiritwali u temporali.

Meta mogħti, annullament ma jġibx fit-tmiem l-effetti kkonfermati mis-sagrament. L-annullament jiddikjara lis-sagrament li nkunu qegħdin nitkellmu fuqu ma kienx validu sa mill-bidu, u r-reċipjent huwa ttrattat bħallikieku hu jew hi qatt attwalment ma kienu rċevew is-sagrament. Dan ma jfissirx li tfal miż-żwieġ issa huma kkunsidrati mwielda barra mir-rabta taż-żwieġ jew li raġel (jew mara) ta' qabel ikkommettew xi xorta ta' fornikazzjoni. Dan ifisser lir-riċevuta tas-sagrament kienet b'xi mod difettuża.

Annullamenti huma mogħtija għal varjetà ta' raġunijiet mill-Knisja Kattolika Rumana. L-aktar raġunijiet komuni ppreżentati lit-tribunali huma nuqqas ta' diskrezzjoni, kunsens difettuż, u inkapaċità psikoloġika. Xi annullamenti huma għal teknikalitajiet minuri u rari jinvolvu aktar minn li timla il-forom korretti; per eżempju, jekk wieħed mill-partijiet kellu rabta qabel (kien miżżewweġ fis-sens Kattoliku tal-kelma) fil-ħin taż-żwieġ. Hemm ukoll difett tal-forma, li jinkludi żwiġijiet imwettqa minn ministru mhux Kattoliku barra mill-Knisja Kattolika. Aktar min-nofs ta' l-annullamenti mogħtija huma għal difett tal-forma. Imma huwa l-konċett Kattoliku ta' annullament konċett bibliku? Il-konċett taż-żwieġ Kattoliku Ruman bħala sagrament huwa fih innifsu mhux bibliku. Dan iqiegħed il-kopnċett ta' l-annullament fuq art mhux soda biex nibdew bih. Id-dottrina Kattolika hija bbażata fuq il-kliem kemm fuq l-Iskrittura u t-tradizzjoni tal-Knisja. Ibbażat fuq il-kliem ta' Ġesù, "*Dak mela li Alla għaqqad flimkien, ħa ma jifridx il-bniedem*" (**Mattew 19:6; Mark 10:9**) u fuq it-tradizzjoni tal-Knisja illi li tirċievi s-sagrament joħloq marka insostenibbli fuq ir-ruħ tar-reċipjent, il-Knisja tgħallem li żwieġ MA JISTAX jiġi fit-tmiem. Il-Knisja Kattolika ma tinjorax **Mattew 5:32** u **19:9** li jippermettu divorzju biss fil-każ tal-adulterju tal-parti l-oħra. Le, il-mod kif dan hu ttrattat huwa wisq aktar disturbanti. Skond il-verżjoni tal-Bibbja Kattolika, **Mattew 5:32** u **19:9** jaqraw hekk: "kull min jibgħat lil martu (BARRA L-KAŻ TA' ŻWIEĠ ĦAŻIN), iwaqqagħha fl-adulterju, u min jiżżewweġ waħda mibgħuta minn ħaddieħor jagħmel adulterju." Il-konċett ta' "żwieġ ħażin" fit-traduzzjoni Kattolika Rumana huwa abbuż serju ħafna mill-Kelma ta' Alla. Ebda traduzzjoni oħra tal-Bibbja ma ġġib din il-verżjoni. Il-kelma Griega hija "porneia" li hija għal "fornikazzjoni." Ma hemm ebda bażi testwali għal l-għażla tal-kliem tat-traduzzjoni Kattolika Rumana ħlief biex tappoġġja d-dottrina falza tal-Knisja Kattolika Rumana.

Għalkemm Ġesù għallem lid-divorzju kien biss miktub fil-Liġi minħabba l-ebusija tar-ras tal-bnedmin (**Mattew 19:8**) u li l-iskop oriġinali ta' Alla kien għall-miżżewwġin biex qatt ma jinfirdu (**Ġenesi 2:24**), Hu jagħmel l-eċċezzjoni fil-każi ta' fornikazzjoni, nuqqas ta' fedeltà fiż-żwieġ. It-tagħlim tal-Knisja Kattolika Rum-ana taż-żwieġ ma jinorax dan il-fatt; pjuttost, dan jittraduċi ħażin l-Iskrittura biex tappoġġja t-tagħlim mhux bibliku tagħha taż-żwieġ bħala li hu bla tmiem, u mbagħad toħloq il-proċess ta' l-annullament biex tħalli mod ta' approvazzjoni biex iġġib fit-tmiem żwieġ billi tiddikjarah invalidu. Il-proċess ta' l-annullament mhuwiex bibliku fis-sens li Ġesù ppermetta biss għal fornikazzjoni bħala bażi biex iġġib fit-tmiem żwieġ, u l-proċess ta' l-annullament jippermetti għal ħafna u ħafna raġunijiet, imma mhux għar-raġuni l-waħda li Ġesù semma. Il-Knisja Kattolika Rumana ma taċċettax l-unika raġuni biblika għal divorzju bħala validu u, fil-fatt, toħloq lista ġdida ta' raġunijiet mhux bibliċi għal żwieġ biex jintemm.

Il-prattika tal-Knisja Kattolika Rumana għal annullament mhijiex biblika. Din hija bbażata fuq konċett mhux bibliku, dak tas-sagrament li jagħti l-grazzja. Huwa essenzjalment "ħarba" minn dak li l-Bibbja tiddefinixxi bħala żwieġ. Dan jinjora dak li l-Bibbja tgħid dwar żwieġ, divorzju, u nuqqas ta' fedeltà. Essenzjalment, il-prattika Kattolika ta' l-annullament taż-żwieġ huwa mod mhux bibliku biex taħarb minn dottrina li hija nfisha hija mhix biblika.

Ġesù qal lid-dixxipli tiegħu, "[32]*Iżda jien ngħidilkom: Li kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, iġagħalha tikkommetti adulterju: u kull min jiżżewweġ lil dik li hi mkeċċija jikkommetti adulterju*" (**Mattew 5:32**). Mattew igħidilna wkoll li Ġesù wissa lill-Fariżej billi qal. "[4]*U wieġeb u qalilhom: Ma qrajtux, li dak li mill-bidu ħalaqhom għamilhom raġel u mara?* [5]*U qalilhom: Minħabba f'hekk raġel iħalli lil missieru u lil ommu, u jingħaqad ma' martu: u t-tnejn isiru ġisem wieħed.* [6]*Għalhekk mhumiex iżjed tnejn, iżda ġisem wieħed. Dak mela li Alla għaqqad flimkien, ħa ma jifridx il-bniedem….* [9]*U jien ngħidilkom: Kull min ikeċċi lil martu, ħlief minħabba l-fornikazzjoni, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u dak li jiżżewweġ lil dik imkeċċija jikkommetti adulterju*" (**Mattew 19:4-6, 9**). Mark jaqbel, fejn jikteb, "[6]*Iżda mill-bidu tal-ħolqien Alla għamilhom raġel u mara.* [7]*Minħabba f'hekk raġel jitlaq lil missieru u lil ommu, u jingħaqad ma' martu;* [8]*U t-tnejn isiru ġisem wieħed: għalhekk ma jibqgħux iżjed tnejn, iżda ġisem wieħed.* [9]*Għalhekk dak li Alla għaqqad flimkien, ħa ma jifirdux il-bniedem*" (**Mark 10:5-9**). Fl-aħħar, fl-Evanġelju ta' Luqa naqraw: "[18]*Kull min ikeċċi lil martu, u jiżżewweġ oħra, jikkommetti adulterju; u min jiżżewweġ l-imkeċċija minn żewġha jikkommetti adulterju*" (**Luqa 16:18**).

Id-dottrina Kattolika Rumana hija bbażata fuq kemm l-Iskrittura kif ukoll it-tradizzjoni tal-Knisja. Ibbażata fuq il-kliem ta' Ġesù, "*Dak mela li Alla għaqqad flimkien, ħa ma jifridx il-bniedem*" (**Mattew 19:6; Mark 10:9**) u fuq it-tradizzjoni tal-Knisja illi li tirċievi sagrament joħloq marka li ma titħassarx fuq ir-ruħ tar-reċipjent, il-Knisja tgħallem liż-żwieġ ma jistax jiġi fit-tmiem.

Il-Knisja Kattolika Rumana ma tinjorax Mattew 5:32 u 19:9 li jippermettu divorzju fil-każ ta' adulterju tal-parti l-oħra. Fil-fatt, li kieku kienet tinjorah kien ikun aħjar. Le, il-mod li bih dan huwa ttrattat huwa aktar disturbanti. Skond it-traduzzjoni tal-Bibbja Kattolika, New American Bible, Mattew 5:32 u 19:6 jaqraw hekk: "*…whoever divorces his wife (unless the marriage is unlawful) causes her to commit adultery, and whoever marries a divorced woman commits adultery.*" Fil-verżjoni

Maltija ta' l-Għaqda Biblika Maltija, naqraw hekk: "*...li min jibgħat lil martu – **barra l-każ ta' żwieġ ħażin** – u jiżżewweġ oħra jkun ħati ta' adulterju*" [enfasi miżjuda].

Il-konċett ta' "żwieġ mhux skond il-liġi" ("unlawful marriage")fin-New American Bible huwa tradott bħala jew "nuqqas ta' fedeltà (maritali)," "adulterju," jew "fornikazzjoni" fil-Basic English, il-Contemporary English Version, id-Douray-Rheims Bible, l-English Standard Version, God's Word, il-Good News Bible, l-International Standard Version, il-King James Version, il-Literal Translation of the Holy Bible, The Message paraphrase, l-New International Version, u n-New King James Version. Ma jidher li hemm l-ebda bażi testwali għal l-għażla tal-kliem tan-New American Bible, ħlief biex jappoġġja d-dottrina nfisha tal-Knisja Kattolika Rumana. It-tradutturi Maltin fit-traduzzjonijiet Kattoliċi Maltin tagħhom waqgħu ukoll f'dak l-iżball billi wżaw il-kliem żbaljat għalkollox, "***barra l-każ ta' żwieġ ħażin.***"

Għalkemm Ġesù għallem divozju kien biss miktub fil-Liġi minħabba l-ebusija tal-bniedem (Mattew 19:8) u li l-iskop oriġinali ta' Alla kien għall-koppji biex qatt ma jinfirdu (Ġenesi 2:24), Hu għamel eċċezzjoni fil-każi ta' fornikazzjoni (*porneia*). Ity-tagħlim tal-Knisja Kattolika Rumana dwar iż-żwieġ jinjora dan il-fatt; dan jittrtaduċi ħażin l-Iskrittura biex jappoġġja t-tagħlim mhux bibliku tagħhom stess dwar iż-żwieġ bħala mingħajr tmiem, u mbagħad joħloq il-proċess ta' l-annullament biex iħalli mod Kattoliku approvat biex iġib fix-xejn dak iż-żwieġ billi jiddikjarah bħala li qatt ma kien validu. Il-proċess ta' l-annullament mhuwiex bibliku fis-sens li Ġesù ppermetta biss għal adulterju (fornikazzjoni) bħala l-bażi għat-tmiem taż-żwieġ, u l-proċess ta' l-annullament jippermetti għal ħafna, u ħafna raġunijiet, imma mhux għall-fornikazzjoni nfisha. Il-Knisja Kattolika Rumana ma taċċettax l-unika raġuni biblika għad-divorzju bħala valida, u fil-fatt toħloq lista ġdida ta' raġunijiet mhux bibliċi għal żwieġ biex jintemm.

Il-Knisja Kattolika Rumana tajjeb li tagħti sewwa widen tal-kliem tal-Mulej, li jgħid:

> "48*Min iwarrabni, u ma jilqax kliemi, għandu wieħed li jagħmel ġudizz-ju minnu: **il-kliem li jiena għidt, dan jagħmel ġudizzju minnu fl-aħħar jum***" (**Ġwanni 12:48**).

**Mattew 5:32 u 19:9** huma kliem il-Mulej u min ta l-awtorità lill-mexxejja Kattoliċi Rumani biex jibdluh? Il-Kelma ta' Alla twissi lil dawk li jgħallmu:

> "1*Ħuti, la ssirux ħafna minnkom **għalliema, għax tafu li aħna li ngħallmu nkunu ġġudikati b'reqqa akbar***" (Ġakbu 3:1).

Nistaqsi jien, ma jafux it-teologi Kattoliċi Rumani kemm hi ħaġa serja li tbabas mal-Kelma ta' Kristu u tibdel il-kliem li Hu qal biex tgħallem xi ħaġa li hija kontra l-messaġġ Tiegħu? Jekk ma jafux, dan li tgħidilhom il-Kelma ta' Alla:

> "*...**għax tafu li aħna li ngħallmu nkunu ġġudikati b'reqqa akbar***"
>
> "27*Jibqalna biss li nistennew bil-biża' l-ġudizzju u l-ħuġġieġa nar li teqred l-għedewwa ta' Alla....*31***Hi ħaġa tal-biża' li wieħed jaqa' f'idejn Alla l-ħaj.***" (**Lhud 10:27, 31**).
>
> "29***Għax Alla tagħna hu nar li jeqred***" (**Lhud 13:29**).

"[14]*Il-grazzja tal-Mulej Ġesù Kristu, u l-imħabba t'Alla, u x-xirka ta' l-Ispirtu s-Santu, ikunu magħkom ilkoll. Amen*" (**2 Korintin 13:14**).